# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



## Ta' Barra Minn Hawn:
## Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija

*Editur* Marco Galea

ħarġa LXXXIII 2011

# Il-Malti

## Rivista tal-Akkademja tal-Malti

Ta' Barra Minn Hawn:

Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija

*Editur* Marco Galea

ĦARĠA SPEĊJALI
LXXXIII
2011

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti

**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

| | |
|---|---|
| *Editur ta' din il-ħarġa:* | Dr Marco Galea |
| *Editur ġenerali*: | Carmel Azzopardi |
| *Membri*: | David Agius Muscat |
| | Joseph P. Borg |
| | Dr George Farrugia |
| | Inġ. Maurice Mifsud Bonnici |
| | Olvin Vella |


Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2011 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-354-7

# Werrej

Kelmtejn qabel ........................................ 1

Fil-bidu kien il-verb… u l-verb kien Malti: il-ġenesi tal-letteratura bil-Malti
u l-identità nazzjonali
*Marco Galea* ........................................ 3

L-għeruq kulturali ta' identità Maltija: miti Nsara u memorja soċjali
f'soċjetà Mediterranja limitata
Carmel Cassar
*traduzzjoni ta' Colette Seychell* ........................................ 15

X'ħasibna? Għarab slavaġ tal-Mokololo? L-identità u l-Ewroċentriżmu fil-kitba
ta' Manwel Dimech
*Michael Grech* ........................................ 46

Lhud Fariżej u Nsara tajbin fir-rumanz Malti tas-snin tletin
*Adrian Grima* ........................................ 86

Arkeoloġija tal-plastik: l-identità Maltija kontemporanja u l-istorja
*Raphael Vella* .................................................................................. 143

Il-kelma tal-kittieb bejn "il-barka u s-saħta"
*Paul Pace s.j.* .................................................................................. 148

Ta' barra minn hawn: kummentarju
*Anna Zammit* .................................................................................. 153

Nota dwar il-kontributuri .................................................................................. 175

Biblijografija .................................................................................. 177

# Kelmtejn qabel

Marco Galea

Din il-ġabra ta' kitbiet taf il-bidu tagħha lil seminar li organizzat l-Akkademja tal-Malti dwar ir-rabta bejn ir-razza u l-kultura. Meta sar is-seminar, fl-2007, pajjiżna kien qed jipprova jifhem kif għandu jġib ruħu man-nies li kienu qed jaslu fuq xtutna mill-Afrika ta' Fuq wara li jkunu għamlu vjaġġ diffiċli u twil, il-biċċa l-kbira tagħhom miċ-Ċentru tal-Afrika. Il-midja ttrattat din il-problema b'superfiċjalità, il-klassi politika bil-kawtela u ċ-ċiniżmu ta' min irid jara x'jaqbillu qabel jiftaħ ħalqu. L-ispazju kien qed jimtela bid-diskors mimli passjoni ta' min ra l-miġjiet ta' dawn il-bnedmin li kellhom, għal ħafna raġunijiet, jitilqu minn pajjiżhom u jersqu lejn l-Ewropa, bħala theddida għall-istabilità ekonomika, militari u reliġjuża ta' Malta. L-aktar diskors komuni kien, u għadu, bħalma hu f'ħafna nħawi tal-Ewropa, li dawn il-"barranin" kienu se jheddu l-identità "tagħna" bħala Ewropej, jew bħala Maltin.

F'dan id-dawl, il-kontribut tagħna jrid jinftiehem bħala sforz biex ninvolvu l-komunità tal-kittieba fid-diskors tal-identità tagħna bħala Maltin, mhux aktar bħala nies li writna biss sett ta' valuri mill-passat imma bħala poplu li qiegħed dejjem jinbidel u b'ħafna modi. Il-kontribuzzjonijiet f'dan il-volum huma tentattiv biex tinftiehem din l-identità f'relazzjoni mal-ieħor, il-barrani, kemm jekk ikun għadu, immigrant jew inkella turist. L-eżempji li ħadna huma l-aktar mil-letteratura, imma hawn ukoll eżempji minn oqsma oħra tal-kultura. Id-diskors dwar xogħlijiet kanoniċi bħal *Il-Ġifen Tork* ta' Ġananton Vassallo, *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina u l-ġurnaliżmu ta' Manwel Dimech bl-

ebda mod m'għandu jiftiehem bħala sforz biex dawn il-kittieba jitneħħew minn fuq il-pedestall tagħhom iżda biex jintwerew bħala bennejja tal-mudelli tal-ħsieb dwar l-identità tal-Maltin li kienu fundamentali tul l-aħħar mitt sena. L-għan aħħari hu li dan il-volum jinforma l-mod kif naħsbuha dwarna nfusna u dwar "l-oħrajn", żewġ kategoriji li għandhom mnejn huma aktar fluwidi milli rridu nammettu.

Nixtieq nagħti ħajr lil kull min ta sehmu biex is-seminar u dan il-volum ikunu jistgħu jseħħu, għas-seminar l-aktar lil Adrian Grima u lil Immanuel Mifsud li organizzawh miegħi, u lil Olvin Vella u lil George Farrugia tal-għajnuna li taw waqt is-seminar. Nirringrazzja wkoll lil Monica Wiedersum, lil Joseph Mizzi, lil Joseph P. Borg u lil John Busuttil Leaver għall-ħidma tagħhom fil-produzzjoni ta' dan il-volum. Fl-aħħar nett, nirringrazzja lil Reno Fenech li dar it-test għall-konsistenza u sab mijiet ta' żbalji li kienu qabżu lill-għajnejn anqas imħarrġa tiegħi.

Nittama li min jaqra dawn l-istudji jsibhom utli.

Ġunju 2011

# Fil-bidu kien il-verb... u l-verb kien Malti: il-ġenesi tal-letteratura bil-Malti u l-identità nazzjonali

Marco Galea

Il-bidu tal-letteratura bil-Malti bħala fenomenu konsistenti jikkoinċidi ftit jew wisq mal-bidu tal-perjodu kolonjali Ingliż.[1] Madankollu, ir-rabta tal-kolonjaliżmu Ingliż ma' dan il-fatt dejjem ġiet spjegata fl-istorja tal-letteratura tagħna bħala aspett li kkontribwixxa marġinalment għall-iżvilupp tal-letteratura Maltija f'dan il-perjodu, u ġeneralment b'mod pożittiv: it-tolleranza għar-refuġjati Taljani tar-Risorġiment, il-libertà tal-istampa u l-bidu tal-edukazzjoni pubblika. Naturalment dawn kollha kienu fatturi li ħallew effett dirett fuq il-kultura f'Malta u għalhekk anki fuq il-letteratura.

Meta nagħmlu dan it-tip ta' raġunament iżda, inkunu qed inħallu barra n-naħa l-oħra tal-munita: l-effetti ripressivi tal-kolonjaliżmu u r-reazzjonijiet tal-Maltin għalihom. Id-diskors li nixtieq niżviluppa huwa marbut mal-ideat tal-kolonizzaturi Ingliżi dwar il-popli kkolonizzati minnhom, għaliex naħseb li minn hemm irridu nibdew nifhmu r-reazzjonijiet ta' dawk fost il-Maltin li setgħu jirreaġixxu għall-istat kolonjali tagħhom.

Desmond Gregory, fil-ktieb tiegħu *Malta, Britain, and the European Powers*, jirrakkonta episodju oskur li seħħ lejn il-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta. F'Lulju tal-1806 sploda maħżen tal-munizzjon fil-Birgu. Fl-inċident mietu mitejn ruħ, fosthom tmien suldati Brittaniċi u erbgħin suldat Malti. Għandi nifhem li l-bqija tal-vittmi kienu nies pajżana, li nqabdu fid-diżastru bla tort. Il-kobor tad-diżgrazzja jidher aħjar minn dan l-artiklu, milli jidher miktub

minn xi Ingliż stazzjonat f'Malta li kien preżenti meta seħħet l-isplużjoni, li deher f'*The Gentleman's Magazine* ta' Lulju 1806:

*Malta, July 18. "I now come to relate to you an event of the most melancholy description, and almost unparelleled in regard to the dreadful and miserable consequences. It happened this morning. A magazine took fire, and blew up with an explosion scarcely ever known to be equalled; by it 370 barrels of gunpowder, and above 1600 shells and grenades, were blown up. Such an immense quantity as 40,000 lbs of gunpowder must occasion the most dreadful havock and destruction. The houses adjacent in every direction were thrown immediately into ruins;—and how shocking it was to the inhabitants you may easily conceive, as there was no chance of escaping. The buildings are all of stone, of immense thickness. It is calculated that one thousand persons have either perished, or are dreadfully maimed. The principal sufferers are the Maltese, who chiefly lived near the place. One man has lost his wife and six children; others nearly the same; and whole families are buried together. Those who escaped momentary death, perhaps, are shockingly disfigured and maimed, and crawling about in a miserable condition. Fourteen artillery-men, who were in the magazine, were of course blown to atoms. The band of a regiment (the 39th) were just playing "God save the King," near the place; two were killed on the spot; the whole remainder were much wounded. The guards on duty were killed. The magazine was situated on the side of the water opposite to the city of Valetta; it is called Barmola. Stones were thrown over to us, some to the distance of two miles. It was situated close to the water-side, and the bed of the sea was so shook by it, that it rose up and overflowed the banks. Two vessels (small ones) were sunk. Immense stones were thrown up, which fell into the water; others on the ships and rigging: one I saw, which fell on a vessel just arrived, weighed an hundred weight. The guardship, the Madras man-of-war, is moored some distance from the disastrous place; but a stone fell upon the quarter-deck, and broke the thigh of the gunner, who had lately arrived. A Mr. Woodhouse here, who, with his brother, has a great wine-making concern in Sicily, has lost 250 pipes of it, worth nearly 7000l. They were at some little distance from the place; but the shock was so great that the casks burst. The churches are filled with the dead. A friend of mine, just come from the ruins, says, that he was walking over them, when he lighted on the head of a woman. Her whole body was crushed flat; and, although it is only a few hours since the general calamity took place, her body, owing to the intense heat, was entirely putrified. It is supposed that the men were employed in cutting away the fuses*

*from the shells, or doing something like that, when a spark arose. The merchants have begun a subscription of 20 l. a-piece for the relief of the poor sufferers. A whole town, I may say, is destroyed. The accident happened this morning about a quarter past 6. They say there are now buried in the ruins 1000 barrels of gunpowder that are in danger; but I trust in God it is untrue, for, were that to blow up, it would bring all Malta in ruins."*[2]

Mill-inkjesta li saret ħareġ li l-isplużjoni seħħet waqt li s-suldati kienu qed iġorru l-isplużivi u kienet ikkawżata mit-traskuraġni. Imma fuq kollox, il-porvlista qatt ma kellha titqiegħed fil-qalba tan-nies bħalma kienet. Minbarra li ndarbu xi mitt ruħ oħra, ħafna minnhom nisa u tfal, bl-isplużjoni ġġarrfu wkoll xi djar kbar fil-belt. Il-biċċa l-kbira tal-vittmi kienu diġà foqra qabel it-traġedja, u wħud kienu investew kulma kellhom biex jibnu jew jixtru djarhom.[3] It-tiġrif li kien seħħ fis-swar issewwa malajr, imma meta Alexander Ball, il-Gvernatur Ingliż, talab lit-Teżor Ingliż £30,000 biex jingħata kumpens lil min kien tilef lil niesu jew il-propjetà, it-tweġiba kienet li min joqgħod f'fortizza jgawdi mill-vantaġġi tagħha imma għandu wkoll ir-riskji li jiġu magħha. Biex ikompli jgħaxxaqha, is-Segretarju tal-Kolonji, Lord Castlereagh wieġbu wkoll li min kien qiegħed f'perikli bħal dawn messu xtara polza tal-assikurazzjoni. Dan meta f'Malta lanqas il-banek ma kienu jeżistu u ħadd ma kien joħlom li jassigura d-djar, mibnijin mill-ġebel, kontra n-nirien. Inċident bħal dak qatt ma kien seħħ, lanqas tul il-ħakma tal-Kavallieri.[4] It-trattament tal-Gvern Ingliż kien biżżejjed biex ikompli jirrabja l-popolazzjoni lokali. Meta l-flus tal-kumpens waslu (għall-inqas ftit aktar minn nofshom), kienu għaddew ħames snin u Ball kien diġà mejjet.

Għandu jkun ċar li kieku din id-diżgrazzja seħħet fir-Renju Unit, ir-reazzjoni tal-Gvern kienet tkun żgur differenti, u din id-differenza hija marbuta mal-fatt li l-Ingliżi kienu jqisu lill-Maltin bħala razza inferjuri. Anki xi kummentaturi Brittaniċi kienu jirrimarkaw li t-tmexxija Ingliża kienet tittratta lill-Maltin bħal skjavi:

*How are we to retain Malta and by what principles are we to rule it? Certainly not like some new island in the Caribbean Sea, or Western Ocean, to be colonised by Englishmen and worked by slaves. We have discovered no new island, neither have we extended the limits of our colonial system. In annexing Malta to the British dominions, we adopt a portion of the ancient world; we receive among our numbers, and incorporate into our empire, an ancient race; a people who reverence religion and law, and who value legitimate freedom*

*and civil employment; a people who possess a strong national character, many excellent natural capacities, traditional partialities and disgusts, ancient and acknowledged privileges, activity and courage, loyalty and honour.*[5]

Waqt li dan id-diskors iħares lejn il-Maltin b'mod pożittiv, xorta waħda huwa mibni fuq prinċipji razzisti li l-epoka kolonjali kienet tgħum fihom. Dak li qed jgħid Granville Penn, fil-qofol tiegħu, huwa li l-Ingliżi m'għandhomx jittrattaw lill-Maltin ħażin, għaliex bħala razza jixbhuhom, għandhom ftit jew wisq l-istess valuri tagħhom. Lill-oħrajn li ma kellhomx l-istess valuri, naturalment, kellhom id-dritt jittrattawhom kif jidhrilhom xieraq. M'għandniex xi ngħidu, mhux l-Ingliżi kollha kienu jaħsbuha bħalu dwar kemm il-Maltin u l-Ingliżi kienu jixxiebhu.

Il-fatt li l-kolonjaliżmu modern kien iġġustifikat f'termini razzjali llum hemm qbil dwaru bejn l-istoriċi u t-teoriċi postkolonjali. Il-kolonjalisti, Ingliżi, Franċiżi u l-bqija, bnew l-imperi tagħhom fuq id-distinzjoni bejn min hu ċivilizzat (il-kolonizzaturi) u min mhux (l-ikkolonizzati). Id-diskors dwar ir-razza, għalkemm mhux maħluq mill-kolonizzaturi, kien utli ħafna biex jagħmel din id-distinzjoni aktar f'saħħitha għaliex ir-razza kienet tinftiehem bħala kategorija li ma tinbidilx u għalhekk tiġġustifika t-trattament differenti ta' nies li jitqiesu razzjalment differenti. Naturalment f'din il-filosofija kien hemm il-kontradizzjoni li fuq naħa l-kolonjaliżmu kien ippreżentat bħala missjoni li trid tieħu ċ-ċiviltà fejn skont l-Ewropej ma kienx hemm, u fuq in-naħa l-oħra l-konvinzjoni li minħabba d-differenzi bijoloġiċi bejn l-Ewropej u l-bqija dan il-proġett qatt ma seta' jitwettaq.

Fis-seklu dsatax, l-istudju tal-bijoloġija qiegħed id-diskors dwar ir-razez fuq livell li kien jidher xjentifiku, u għalhekk kien jagħti prova tal-ħtieġa tad-dominazzjoni imperjali li twettqet f'dan il-perjodu. Il-letteratura "xjentifika" ta' dan il-perjodu tinsisti fuq ġerarkija ta' razez, bil-bniedem abjad fuq nett u l-iswed taħt nett, xi drabi saħansitra 'l barra mit-territorju tal-bnedmin. Ħafna drabi kienu t-teoriji ta' Darwin dwar l-evoluzzjoni li ntużaw biex jagħtu din l-istampa. Il-ħtieġa ta' dan l-argument għall-kolonjaliżmu u l-imperjaliżmu tidher minn kif il-klassifikazzjoni tar-razez skont il-forma tal-kranju u d-daqs jew il-forma tal-fattizzi tal-wiċċ intużat b'suċċess biex tipprova li l-Irlandiżi kienu ta' razza inferjuri li l-akbar qrubija tagħha kienet mar-razza Afrikana,[6] fuq l-indiċi ċefalika li kien ħoloq Andres Retzius fl-1844 biex jiddistingwi bejn ir-razez Ewropej.[7] Minn hemm kien pass żgħir ħafna biex iż-żewġ gruppi jitpinġew bħala xadini fl-istampa popolari.

Il-Maltin fis-seklu dsatax kienu parti minn dan il-kuntest: poplu b'ħakkiem barrani li kien qed jaħkem ukoll ħafna artijiet oħra fl-inħawi kollha tad-dinja. Il-loġika razzjali kienet tapplika f'Malta bħalma kienet tapplika fil-bqija tal-imperu. Ktieb tal-arkeologu u psikologu R. N. Bradley tal-1912 juża l-indiċi ċefaliku biex jikkategorizza r-razza tal-Maltin fil-kuntest ta' razez oħra Ewropej u mhumiex.[8] Il-qafas "xjentifiku" tiegħu jieħdu mit-teorija ta' Giuseppe Sergi, antropologu u studjuż tal-evoluzzjoni li tard f'ħajtu sar wieħed mill-grupp li żviluppa x-xjenza tal-ewġenika, li mbagħad ġiet inkorporata fil-proġett razzjali tal-Faxxisti u n-Nazisti. Għal ħafna żmien, l-Ingliżi ġġustifikaw il-fatt li ċaħdu lill-Maltin id-dritt li jmexxu lilhom infushom fuq il-prinċipju li kienu poplu li ma kienx idoneu għal ħaġa bħal din. Kien hemm żmien meta saħansitra proġettaw li jikkontrollaw it-twelid b'mod artifiċjali, billi ma jħallux lill-Maltin jiżżewġu f'età żgħira.[9]

Għandi nifhem li għall-biċċa l-kbira tal-Maltin dawn l-ideat ma kienu interessanti xejn. Wara kollox il-Maltin dejjem kienu maħkumin minn xi ħadd, u dejjem tqiesu inferjuri mill-ħakkiema tagħhom. Madankollu, dawk fosthom li kellhom edukazzjoni, professjoni, u għalhekk kienu jaraw lilhom infushom bħala mexxejja tal-poplu, bdew jiffurmaw ir-reazzjonijiet tagħhom għal din il-qagħda. Il-memorji tal-imblokk kontra l-Franċiżi meta l-*elites* Maltin kienu dehru bħala mexxejja denji tal-poplu nimmaġina li għenu biex jinħoloq dan il-kurrent ta' reżistenza.

Fid-dawl tat-teoriji razzjali tal-perjodu kien fundamentali li l-Maltin iqiegħdu lilhom infushom f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jinnegozjaw mill-aħjar li jistgħu. Hawnhekk jidħol id-diskors dwar il-ħolqien ta' identità jew kuxjenza nazzjonali. Wara Anderson ikollna lkoll naqblu li l-identitajiet nazzjonali mhumiex kunċetti naturali imma jinbnew mill-bnedmin jew jiġu immaġinati.[10] It-teorija tiegħi hi li l-viżjoni li l-Maltin bnew tagħhom infushom hija primarjament prodott tas-seklu dsatax u speċifikament reazzjoni għall-qagħda kolonjali tagħhom.

Mela, nerġa' nibda l-argument mill-bidu. L-identità nazzjonali ma tinbeniex f'iżolament imma f'relazzjoni ma' identitajiet oħrajn. Għall-Maltin, u mill-ġdid qed nirreferi għall-klassijiet ipprivileġġjati, kien ovvju li huma kienu kkolonizzati minn rappreżentanti ta' qawwa Ewropea li kienet tqis lilha nfisha superjuri għall-Maltin f'kull qasam: militari, razzjali, kulturali, storiku, lingwistiku u l-bqija. Bl-istess mod kien ċar għal dawn il-Maltin li huma ma kenux l-uniċi nies ikkolonizzati, la fir-reġjun, u lanqas fid-dinja, u l-biċċa l-kbira tan-nies ikkolonizzati la kienu Ewropej u lanqas, għall-bidu, Insara. F'dan is-sens jinftiehem malajr għaliex ħafna intellettwali Maltin, sa nofs

is-seklu għoxrin, kienu jsibuha diffiċli li jħallu warajhom is-sens ta' sigurtà li kien jagħtihom il-fatt li jiktbu bit-Taljan. It-Taljan, biex nisraq espressjoni mil-lingwaġġ politiku ta' xi snin ilu, kien prova tal-kredenzjali Ewropej tagħhom; kredenzjali li ħafna kienu jemmnu li kellhom juru b'mod speċjali lill-mexxejja barranin li mhux dejjem kienu konvinti li l-Maltin kellhom dritt jissejħu Ewropej.

Għalhekk, l-intellettwali Maltin tas-seklu dsatax kellhom għażliet li ma kenux faċli. L-ewwel waħda kienet propju lingwistika. Sas-seklu dsatax, il-kittieba Maltin diġà kellhom lingwa, u din kienet it-Taljan, lingwa bi tradizzjoni letterarja li kienet tmur lura għall-inqas sitt sekli. Kienet ukoll waħda mil-lingwi kulturali importanti tat-tradizzjoni Ewropea, u l-lingwa li kienu jużaw l-intellettwali Taljani li kienu sabu kenn fil-gżira waqt ir-Risorġiment. Iżda l-kredu Romantiku li ħafna minn dawn ir-refuġjati Taljani kienu jxandru kien jinkludi l-bżonn li kull poplu jkollu letteratura bil-lingwa tiegħu. Għalhekk bil-mod il-mod, għadd ta' kittieba kkonvertew għal-letteratura bil-Malti. Dawn il-konverżjonijiet kienu mill-aktar iebsa, għax il-kittieba kellhom jissagrifikaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'letteratura meqjuma u jagħżlu li jibdew jiktbu b'lingwa li kienet tidher għall-biċċa l-kbira bħala barbara u inkolta. Biex tgħaxxaqha, din il-lingwa kellha relazzjoni intima mal-Għarbi, ilsien non-Ewropew li kienu jitkellmuh l-aktar l-Iżlamiċi. Eżempju tipiku ta' din it-tip ta' konverżjoni kien Ġananton Vassallo, professur magħruf tat-Taljan li ppubblika xogħlijiet akkademiċi bit-Taljan imma li kiteb il-biċċa l-kbira tax-xogħol kreattiv tiegħu bil-Malti.

Huwa ċar għalhekk li l-kittieba Maltin kellhom (i) juru li kienu kittieba kompetenti; (ii) jiġġustifikaw l-għażla tagħhom li jiktbu bil-Malti billi juru lill-qarrejja jew udjenzi tagħhom li b'dik il-lingwa setgħu jinkitbu xogħlijiet validi; u (iii) jinkorporaw diskors dwar is-sitwazzjoni politika ta' pajjiżhom sabiex il-kitba bil-Malti jkollha valur fil-komunità. Dawn l-aspetti kollha ddiskutiehom fit-tul Oliver Friggieri fix-xogħlijiet tiegħu[11] u għalhekk jien se niffoka fuq in-narrattiva li dawn il-kittieba bnew dwar pajjiżhom, li sa dak iż-żmien ma kienx jeżisti bħala nazzjon.

Wieħed mill-istrumenti li fittxew li jieħdu f'idejhom il-kittieba tas-seklu dsatax biex jibnu identità nazzjonali kienet l-Istorja. Dan kien importanti għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, il-letteratura storika popolari tas-seklu dsatax ikkontribwiet mhux ftit biex teduka l-klassijiet il-baxxi. Fin-nuqqas ta' testi storiċi li setgħu jinqraw minn kulħadd, ħafna drabi kienet tkun il-poeżija

popolari, id-drama u n-narrattiva li kienet tgħarraf lill-Maltin dwar l-episodji glorjużi tal-passat tagħhom u toħloq miti li setgħu jkunu kburin bihom. Dan l-għarfien, imbagħad, sar aspett importanti fil-ħolqien ta' identità li l-kittieba Romantiċi, flimkien mal-politiċi kienu qed jaħdmu fuqu.

Imma hemm aspett ieħor ta' din l-attività letterarja u politika li ħafna drabi ma nagħtux kasu. Billi jenfasizzaw episodji mill-istorja meta l-Maltin setgħu jintwerew mhux biss bħala poplu ċċivilizzat, imma wkoll bħala difensur kuraġġuż tal-fidi Nisranija, il-kittieba kienu qed jagħmlu argument biex pajjiżhom jitqies bħala wieħed Ewropew. Biex nikkwotaw l-argument ta' Fanon, din hija r-reazzjoni tipika tan-nies ikkolonizzati. Sabiex jiksbu l-leġittimità u xi ftit rispett, il-popli kkolonizzati kienu joħolqu ġerarkija ta' popli, bil-kolonizzatur Ewropew fuq nett u d-diversi popli kkolonizzati aktar 'l isfel. L-għan ta' din il-ġerarkija kien li l-poplu li jagħmilha jqiegħed lilu nnifsu kemm jista' jkun qrib il-kolonizzatur, f'termini ta' razza, kultura, u l-bqija.[12]

Ħafna jqisu l-Istorja bħala suġġett li huwa Ewropew, li nbena bħala dixxiplina xjentifika fl-istess żmien meta seħħ il-kolonjaliżmu modern, u li ntuża mill-kolonizzaturi bħala "wieħed mill-istrumenti ewlenija, jekk mhux l-ewlieni, sabiex jiġu kkontrollati l-popli sottomessi." L-Istorja mhix biss xjenza Ewropea, hija wkoll waħda Ewroċentrika. Tul is-seklu dsatax u ħafna mis-seklu għoxrin, l-aġenda ewlenija tagħha kienet li tiġġustifika s-superjorità tal-Ewropa fuq il-bqija tad-dinja. Għalkemm din l-attitudni ma bdietx fis-seklu dsatax, kien fis-seklu dsatax li bil-ħolqien ta' mod ġdid kif jidher ir-rwol tal-bniedem fl-Istorja, sar importanti li *jkollok* Storja, u b'konsegwenza loġika ta' dan, min ma kienx Ewropew ġie eskluż mill-Istorja. Hegel iddikjara li "L-Afrika kienet baqgħet [...] maqtugħa mill-Istorja," u Marx innifsu aċċetta li l-kolonjaliżmu kien mod kif id-dinja li mhix tal-Punent issir parti mill-Istorja tal-Punent, premessa neċessarja biex jiżviluppaw il-ġlidiet tal-klassijiet f'dawk in-naħat tad-dinja. Li jkollok Storja kien ifisser li jkollok eżistenza leġittima, u l-Istorja nnifisha kienet inbniet b'tali mod li tilleġittimizza lill-Ewropej u teskludi l-bqija.

F'termini prattiċi, dan kien ifisser li l-prattika li tinkiteb l-Istorja fil-Punent kienet, u sa ċertu punt għadha, immexxija mill-bżonn ewlieni li tinħoloq narrattiva li ssaħħaħ l-interessi imperjali. Edward Said wera kif fi nħawi differenti tad-dinja kolonjali nħolqu narrattivi differenti biex ibaxxu lill-popli kkolonizzati. Dawn ma kellhomx Storja, ma kienu tgħallmu xejn mill-Istorja, jew inkella jekk kellhom Storja glorjuża kienu waqgħu f'dekadenza.[13]

Għalhekk, meta l-kittieba Maltin kienu jiddikjaraw li għandhom Storja, kienu qed iqiegħdu lilhom infushom fil-mappa. Meta jenfasizzaw il-qrubija u x-xebh bejn il-poplu tagħhom u l-ġirien Ewropej kienu qed jittamaw li jqiegħdu lilhom infushom kemm jista' jkun 'il fuq fil-ġerarkija li semmejna. Madankollu, din l-istrateġija kienet tiddependi fuq l-enfasi li kellha ssir fuq id-differenzi bejn il-Maltin u l-ġirien tal-Afrika ta' fuq u popli oħra "li ma kenux Ewropej."

M'għandux jgħaġġibna għalhekk li l-perjodu li jitfaċċa l-aktar ta' sikwit fix-xogħlijiet ta' kittieba tas-seklu dsatax kien iż-żmien meta Malta kienet immexxija mill-Ordni ta' San Ġwann. Għalkemm bosta testi letterarji tas-seklu dsatax juru lill-Kavallieri bħala kolonizzaturi barranin li ta' spiss kienu jittrattaw lill-Maltin ħażin, il-Kavallieri kważi qatt ma huma l-antagonisti fil-letteratura Romantika Maltija u dan minħabba li l-Maltin u l-Kavallieri jintwerew li għandhom għadu komuni: it-Tork. Mhix kumbinazzjoni li t-tliet xogħlijiet fundamentali tal-letteratura Maltija tas-seklu dsatax għandhom it-Torok bħala l-kattivi. Qed nirreferi għal *Katerina*, l-ewwel dramm bil-Malti li nafu li ttella' (1839), il-poema ta' Ġananton Vassallo *Il-Ġifen Tork*, li kien l-ewwel tentattiv li tinkiteb il-poeżija serja bil-Malti (1853), u l-ewwel rumanz qasir ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Toni Bajjada* (1878). *Katerina* u *Toni Bajjada* t-tnejn huma ambjentati fis-seklu sittax, bl-Assedju l-Kbir tal-1565 bħala element ċentrali tan-narrattiva.[14] *Il-Ġifen Tork* jaqbad episodju li sa fejn naf jien ma jiġix diskuss f'xogħlijiet letterarji oħra. Dan huwa l-irvell li l-ilsiera Maltin wettqu fuq il-*Corona Ottomana* fl-1760. Minkejja d-differenza fil-perjodu magħżul, in-narrattiva storika u l-protagonisti jiġu ttrattati b'mod li jixbah ħafna lil dawk ta' Rosato u Muscat Azzopardi.

## Il-Ġifen Tork

Il-poema tinqasam fi tliet kanti. Fl-ewwel kant niltaqgħu mal-kobor u l-ġid tal-Ottomani, u speċjalment tal-ġifen tagħhom. Bħala kuntrast għandna t-tbatija tal-ilsiera Maltin. Mill-ewwel versi nsiru nafu li dan ir-rakkont se jkun eżempju ta' kemm il-Maltin dejjem kienu qalbiena. Bil-kontra, l-Ottomani mill-bidu jiġu definiti bħala ħżiena u kattivi. Imbagħad insegwu l-pjan li ħejja lsir xiħ biex jeħduha kontra t-Torok, jieħdu l-ġifen f'idejhom u jbaħħru lejn Malta. It-tieni kant jiddeskrivi l-ġlieda u r-ritorn feliċi lejn Malta, waqt li t-tielet kant jiddeskrivi l-pellegrinaġġ li għamlu l-ilsiera meħlusa l-għada li waslu Malta.

Il-valuri li fil-poema tiegħu Vassallo jistabbilixxi bħala tipikament Maltin huma l-qlubija, il-perseveranza, l-għaqda, ir-rabta qawwija mal-familja, u r-reliġjożità – jew aħjar id-devozzjoni għar-reliġjon. Dawn huma l-istess valuri li niltaqgħu magħhom f'Rosato u f'Muscat Azzopardi, u huma wkoll il-qofol tal-poeżija Romantika ta' Dun Karm fis-seklu għoxrin.

Bħas-soltu, ir-rappreżentazzjoni tat-Torok hija sterjotipata. Hija karatteristika tal-letteratura Maltija li t-Torok huma intrinsikament ħżiena. Il-biċċa l-kbira tar-rakkonti juruhom joqtlu bla ħniena, jattakkaw in-nies, iħarbtu kulma jsibu u ġeneralment iġibu ruħhom b'mod immorali. Il-biċċa l-kbira tagħhom m'għandhomx sens ta' reliġjon. F'*Il-Ġifen Tork*, ir-rajjes jew kaptan tal-ġifen jiġi deskritt b'dan il-kliem:

Dana kien raġel xiħ u bosta għani,
Ikreh wiċċ ix-xitan, aħrax f'għamilu;
Għadu maħluf ta' kull min hu Nisrani,
Għalhekk wisq is-Sultan kien iħobb lilu:
Meta da kien irid ihenni 'l qalbu,
Jaqbad Nisrani u fuq salib isallbu.

Il-letteratura Maltija tas-seklu dsatax hija miżgħuda b'dawn ix-xbihat. Hija wkoll idea mifruxa ħafna li t-Torok huma suwed. F'din il-poeżija hemm referenza espliċita waħda biss għal dan il-fatt (kant 1: vers 141). Fir-rumanzi ta' Muscat Azzopardi ssir karatteristika li fuqha tiddependi l-identità tat-Torok. Fil-fatt, meta Toni Bajjada jkun irid jidħol fil-kamp Tork mingħajr ma jinqabad, kulma jrid jagħmel hu li jiżbogħ wiċċu iswed. Muscat Azzopardi jsemmi diversi modi kif dan jista' jsir: ġmied, sufra maħruqa, qatran. Ix-xbieha li jipprova joħloq hi li t-Torok huma suwed għax maħmuġin, u għalhekk huma b'xi mod inferjuri għall-Ewropej bojod bħall-Maltin. Bħar-reliġjon, ir-razza hija fattur li jifred il-Maltin mill-għedewwa tagħhom u mir-razez inferjuri. L-enfasi fuq is-swidija tal-għadu, u għalhekk fuq il-bjuda tal-Maltin setgħet kienet reazzjoni għall-attitudnijiet Brittaniċi lejn ir-razza f'Malta, imma ma damitx ma saret argument f'idejn il-politiċi Maltin biex jitolbu trattament aħjar minn dak li s-soltu l-Ingliżi kienu jagħtu lill-kolonji tagħhom b'popolazzjonijiet li ma kenux bojod.[15]

Ir-reliġjon hija argument qawwi ieħor. Lejn il-bidu tal-poema Vassallo jsostni li l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu jidhru f'dawl tajjeb quddiem Alla, sakemm daru kontrih. Il-Maltin, naturalment, m'għandhomx din il-problema imma t-Torok, għax Misilmin, huma assoċjati ma' kulma hu ħażin. Waqt li

lill-Maltin narawhom jitolbu diversi drabi, u fil-fatt it-tielet kant huma ddedikat lil pellegrinaġġ Kattoliku, it-Torok narawhom il-ħin kollu jidgħu, anki ftit qabel mewthom.

Fit-tielet kant it-Torok ma jidhrux għax dan huwa l-mument tal-glorja għall-ilsiera Maltin. Madankollu, fi triqithom lejn il-Mellieħa, il-pellegrini jiltaqgħu ma' serp, li mbagħad jinqatel mill-qassis li jkun magħhom. Is-serp jiġi assoċjat mill-ewwel max-xitan, "dak li jixtieq id-deni tal-erwieħ," imma jiġi deskritt ukoll bħala "għadu." Il-qarrejja ta' Vassallo jaħsbu bilfors fix-xitan, imma jassoċjawh ukoll mat-Torok. Wara kollox, ma kienx Vassallo nnifsu li ddeskriva Tork prominenti "wiċċ ix-xitan?"

**L-Ieħor fil-Letteratura**

It-Tork fil-letteratura Maltija sikwit jidher bħala l-ieħor, dak li fl-aspetti kollha tiegħu huwa bil-kontra ta' dak li jfisser li tkun Malti: Musulman kontra Kattoliku, ħażin kontra tajjeb, iswed kontra abjad. *Toni Bajjada* jintemm bl-eroj jiżżewweġ lill-maħbuba tiegħu fl-istess waqt li l-antagonist tiegħu, Tork partikularment aħrax, qed jieħu l-forka. Dak il-lejl ġismu jagħtuh lill-klieb. L-istess dikotomija tidher f'*Katerina*, fejn il-Maltin u t-Torok, u dak kollu li jirrappreżentaw, jinsabu f'taqbida sal-mewt.

Għaliex il-letteratura Maltija fis-seklu dsatax toħloq din ix-xbieha qawwija ta' mibegħda kontra t-Torok? It-teorija tiegħi hi li billi jiddisprezzaw nazzjonijiet oħrajn li setgħu jintwerew bħala differenti minnhom, il-Maltin setgħu jibnu l-identità fraġli tagħhom, u jużawha biex jikkonfrontaw l-identità li kienu fformaw għalihom il-kolonizzaturi – dik li huma razza inferjuri. Ir-raġuni ewlenija għaliex il-kittieba Maltin jintroduċu t-tema tar-razza fil-kitba tagħhom hi li kienu qed jippruvaw isiru parti mid-diskors razzjali u razzista li kien wieħed mill-pilastri tal-kolonjaliżmu. B'hekk dehrilhom li setgħu jikkumbattuh.

L-argument kollu tiegħi jistieħ fuq it-twemmin li l-letteratura għandha l-ħila tintervjeni fuq l-istorja. Doris Sommer, meta tiddiskuti r-rwol tan-narrattiva tal-Amerka Latina fil-proċess tad-dekolonizzazzjoni, titkellem dwar it-twemmin li għandhom kemm il-kittieba kif ukoll il-qarrejja, li ċerti rumanzi "bnew in-nazzjon." Madankollu, dan il-proġett wassal għal reviżjoni minn kittieba li ġew wara d-dekolonizzazzjoni.[16] Din ir-reviżjoni seħħet fil-letteratura tagħna wkoll, bil-kittieba ta' wara l-Indipendenza jkunu ġeneralment ħafna iktar kritiċi tan-narrattivi li nħolqu dwar pajjiżhom. Madankollu, ħafna mill-kunċetti li ħolqot il-letteratura fis-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin sabu post f'oqsma tal-kultura popolari bħall-isports, il-mużika, u agħar minn hekk, fil-politika.

**Noti**

1 Għalkemm insibu eżempji ta' kitba li tista' tissejjaħ letterarja qabel ukoll, qabel is-seklu dsatax ma kienx hemm ħjiel li min qed jikteb bil-Malti kien qed jipparteċipa ma' kittieba oħrajn, f'xi fenomenu li seta' jissejjaħ "letteratura Maltija" jew "kitba bil-Malti". Ironikament, il-kundizzjonijiet għal dan il-fenomenu bdew iseħħu meta s-sistemi amministrattivi u edukattivi kolonjali bdew jagħtu l-frott tagħhom. Diskors ieħor importanti li jrid isir huwa dak li jesplora bis-serjetà l-politika lingwistika Ingliża f'Malta, li b'mod relattivament konsistenti kienet favur l-iżvilupp tal-vernakular f'diversi oqsma tas-soċjetà.

2 *The Gentleman's Magazine,* Lulju 1806, 866. Fil-ħarġa t'Ottubru, f'paġna 970, artiklu ieħor, ibbażat fuq sorsi uffiċjali, minbarra li jagħti dettalji tal-Ingliżi mejta, jikkoreġi xi dettalji. Il-post fejn seħħet l-isplużjoni kien il-Birgu, u l-mejta fost il-Maltin ma kinux iktar minn mitejn ruħ. "Għandna l-pjaċir inżidu li ebda uffiċjal tal-armata jew tan-Navy ma miet jew weġġa'." (It-traduzzjoni tiegħi).

3 Desmond Gregory, *Malta, Britain, and the European Powers, 1793-1815* (Cranbury: Associated University Presses, 1996) 165-167.

4 Gregory 166-167.

5 Granville Penn, *The Policy and Interest of Great Britain in Regard to Malta* (Londra: J. Hatchard, 1805) 126. Ikkwotat minn Gregory 171.

6 L-argument li l-Irlandiżi kienu eqreb lejn l-Afrikanojdi milli lejn ir-razez Ewropej kien komuni fil-kitba akkademika tas-seklu dsatax fl-Ingilterra, pereżempju f'Matthew Arnold u Robert Knox. Ara Robert J. C. Young, *Colonial Desire: Hybridity in Theory, Culture and Race* (Londra: Routledge, 1995) u *The Idea of English Ethnicity* (Malden: Blackwell, 2008). Iżda l-aktar espressjoni "xjentifika" tiegħu tinstab fil-ktieb *The Races of Britain* tal-1862.

7 John P. Jackson Jr., Nadine M. Weidman, *Race, Racism, and Science: Social Impact and Interaction* (Piscataway: Rutgers University Press, 2006) 74-75.

8 R. N. Bradley, *Malta and the Mediterranean Race* (Londra: T. Fisher Unwin, 1912) 281-296.

9 Charles A. Price, *Malta and the Maltese: A Study in Nineteenth Century Migration* (Melbourne: Georgian House, 1954) 31-34.

10 Benedict Anderson, *Imagined Communities* (Londra: Verso, 2006).

11 Ara pereżempju *L-Istorja tal-Letteratura Maltija*, I (Malta: K.K.M., 1979), u *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija* (Malta: P.E.G., 1995).

12 Frantz Fanon, *Black Skin, White Masks* (Londra: Pluto Press, 1986) 25-26 u *Towards an African Revolution* (New York: Grove Press, 1988) 17-27.

13 Edward Said, *Orientalism* (Londra: Penguin, 1991) 228-230.

14 Skont Arnold Cassola, *The Literature of Malta* (Malta: Minima Publishers, 2000) 56, dawn iż-żewġ xogħlijiet huma ispirati mill-istess ġrajja storika li hija rrakkuntata mis-suldat Taljan, Francisco Balbi de Correggio, ġellied fl-Assedju.

15 "... il popolo maltese è ridotto alla più dura delle schiavitù, dipendenti all'arbitrio illuminato ed omnipotente del Governatore, peggio della razza più selvaggia che abita l'Africa centrale." Carlo Mallia, *L'ultima fase della questione linguistica in Malta* (Malta: Cretien, 1932) 19-21, ikkwotat minn Geoffrey Hull, *The Malta Language Question: A Case Study in Imperialism* (Malta: Said International, 1993) 182.

16 Doris Sommer, "Irresistible Romance," f'Homi Bhabha (ed.), *Nation and Narration* (Londra: Routledge, 1990) 73-85.

# L-għeruq kulturali ta' identità Maltija: miti Nsara u memorja soċjali f'soċjetà Mediterranja limitata[1]

Carmel Cassar

## Malta u l-Ordni Ospitaliera ta' San Ġwann

L-għeruq tal-Kristjaneżmu kienu ilhom ifanndu qalb il-Maltin minn ħafna qabel il-miġja tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1530. Sal-aħħar tal-Medjuevu, Malta kienet saret djoċesi, immexxija minn isqof li ma kienx ikun preżenti fiha u minn tribunal tal-Inkwiżizzjoni li kien ippresedut minn Vigarju Ġenerali li kien jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tal-gżira.[2] Minkejja l-miġja tal-Ordni elitista, aristokratika u setgħana tal-Kavallieri, id-djoċesi ta' Malta kien għad kellha rwol importanti f'Malta u kienet taġixxi bħala entità separata, jekk mhux indipendenti. Kien rwol li l-Knisja Kattolika setgħet taqdi l-iktar bis-saħħa tar-rabta qawwija li l-komunità Maltija kellha mar-reliġjon. Il-pożizzjoni tad-djoċesi ta' Malta timxi fil-qrib mat-teorija proposta mis-soċjologu A. D. Smith li osserva li tul il-millennji, ir-reliġjonijiet organizzati servew ta' kodiċi simbolika ta' komunikazzjoni u bħala ċentru għall-organizzazzjoni soċjali.[3] L-għaqda tal-livelli differenti tal-popolazzjoni ta' Malta kienet possibbli permezz tar-rabtiet profondi bejn dawk li jgħammru fil-gżira – minbarra l-ilsiera Musulmani – u l-Knisja Kattolika Rumana. Malta kienet qisha teokrazija minħabba li t-tliet ġurisdizzjonijiet separati – dik tal-Gran Mastru, tal-Isqof, u tal-Inkwiżitur – kollha kienu jqisu lill-Papa bħala l-aqwa mexxej tagħhom f'din id-dinja. Ir-riżultat nett ta' dan kien il-penetrazzjoni fil-fond tar-reliġjon fis-setturi kollha tas-soċjetà bis-saċerdozju jservi bħala ċentru tal-organizzazzjoni soċjali.

Meta wara ħafna eżitazzjoni, l-Ordni Ospitaliera ta' San Ġwann qablet li tiddefendi lil Tripli u lil Malta, il-Kavallieri malajr intebħu li finanzjarjament

kienu nnegozjaw ħażin. Iżda kunsiderazzjonijiet politiċi għamlu tajjeb għal dan l-aspett negattiv. It-termini tant kienu ġenerużi li l-Gran Mastri malajr kienu se jaġixxu ta' sovrani *de facto* iktar milli tributarji fewdali, bħalma kien meħtieġ oriġinarjament bit-termini tad-digriet ta' Karlu V. Iżda biex tinftiehem is-sitwazzjoni interna ta' Malta fis-seklu sittax hemm bżonn ta' sfond ġenerali fil-qosor tal-effetti tal-bidla li ġabet magħha l-wasla tal-Ordni. Ftit wara li waslet Malta, l-Ordni bdiet toffri garanzija għall-istabbiltà politika f'Malta u saret difensur tal-Insara fil-periferija tal-Ewropa. It-trasferiment tal-Ordni f'Malta fil-verità fisser li Malta u l-Kavallieri ta' San Ġwann saru l-mira ta' ġlied kontinwu min-naħa tal-Imperu Ottoman biex jikkontrolla ċ-ċentru tal-Mediterran.

Hawn hi essenzjali ħarsa ħafifa lejn id-deskrizzjoni bikrija ta' Malta, ippubblikata f'Lyons fl-1536 minn Kappillan Franċiż tal-Ordni ta' San Ġwann, Jean Quintin d'Autun, li jagħti rendikont interessanti, anki jekk mhux wisq kumplimentuż, tal-Maltin f'dak iż-żmien.[4]

> In-nies għandhom karattru Sqalli b'taħlita ta' Afrikan, mhumiex b'saħħithom biżżejjed u lanqas adattati għat-taqbid tal-gwerra... In-nisa mhumiex koroh, iżda jgħixu qishom mhumiex ċivilizzati *(sed persimilis feris)*; ma jitħalltux ma' nies oħra u joħorġu barra mgħottija b'velu bħallikieku li tara mara jfisser li tistupraha.

L-awtur ikompli billi jiddeskrivi li minbarra l-Imdina "...u xi djar fis-subborg, ...in-nies kienu jgħixu fi djar improvviżati, imsaqqfa bil-madum jew bil-qasab..., li wieħed jaħsibhom... għerejjex tal-Afrika."

Fl-agrikultura kienet titħaddem is-sistema tan-newba tal-uċuħ tar-raba' bil-qoton li jidher li kien il-prodott li l-iktar kien irendilhom flus, jitħawwel wara x-xgħir. Fil-fatt, isemmi l-qoton u l-kemmun biss bħala prodotti li kienu jesportaw, minkejja li n-nisa tal-gżira kienu jinsġu ložor u ħwejjeġ (*mappalia et vestes*) u qlugħ għall-vapuri wkoll. Kienu interessati fl-ortikultura wkoll u kienu jkabbru b'attenzjoni kbira siġar taż-żebbuġ, dwieli u tamal – li jirriflettu d-dieta prinċipali tagħhom. Il-Maltin kienu jiddependu minn Sqallija għall-qamħ u kienu jużaw pjanti tax-xewk u demel tal-baqar bħala mezz ta' enerġija, u bħalma għadu jiġri llum, l-injam għall-bini kellhom jimpurtawh.

D'Autun iżid li l-Forti Sant'Anġlu waqqfuh il-Kavallieri "...li kellu jiġġarraf, u li barra minnu, fuq għolja żgħira, kien hemm raħal żgħir żgangat..." Fuq dan tal-aħħar ikompli jgħid li "...sal-lum, jekk wieħed iqis il-popolazzjoni u s-swar tiegħu, dan jista' jissejjaħ belt."

Fil-fatt, il-Gran Mastru L'Isle Adam waqqaf il-kwartieri ġenerali tiegħu fil-Forti Sant'Anġlu, li jagħti għal fuq il-Port il-Kbir, u mbagħad għadda biex jibnih mill-ġdid u qata' kanal fond li jifred il-Forti mill-Birgu, bħalma sar jissejjaħ dan ir-raħal żgħir hekk kif sar imwennes mill-ħitan il-ġodda. Fil-fatt, dawn kienu l-ewwel miżuri li ħadet l-Ordni biex issaħħaħ id-difiża tal-gżira.

Il-wasla tal-Ordni kavallereska, u l-assedju katastrofiku Ottoman tal-1565 fuq Malta ħalla l-effetti tiegħu fuq il-mod t'għajxien tal-Maltin. Il-programm estensiv ta' bini daħħal lil Malta f'ċivilizzazzjoni urbana, bil-bidliet kollha li timplika din il-bidla. Madwar il-Port il-Kbir, l-Ordni żviluppat ambjent urban li fih tefgħet il-biċċa l-kbira tal-attenzjoni u l-attività tagħha. Il-firda bejn iċ-ċentri urbani miġbura madwar il-port, u l-'*campagna*', bħalma saru magħrufin il-bqija tal-inħawi tal-kampanja ta' Malta, baqgħet hemm kollha kemm hi fi żmien il-Kavallieri. Dan l-ostaklu soċjali u kulturali kellu jitkisser bil-mod ħafna, fis-seklu dsatax. Fis-snin ta' wara l-assedju tat-Torok fl-1565, beda proġett sħiħ ta' żvilupp urban, ispirat mill-ħtiġiet ta' difiża li l-Ordni kontinwament kienet tipprova tirrimedja. L-urbaniżmu fil-fatt kien ir-riżultat ta' ħtieġa li tingħata sigurtà aħjar, minħabba li n-nies kienu jinġemgħu fi nħawi fejn il-livelli ta' sigurtà tjiebu bil-bini ta' ħitan u swar li kellhom jipproteġu. Billi daħħlet elementi ġodda fil-klassi tan-nofs u f'dik ta' taħt, l-Ordni rnexxielha twessa' l-bażi tagħha u ttawwal il-ħajja soċjali tagħha b'miti, simboli, valuri u tifkiriet imrawma minn ġenerazzjoni għal oħra li sas-seklu sbatax saru wirt u maħżen kulturali ta' nazzjon Malti oriġinali.[5]

Iżda l-Maltin baqgħu marbutin ħafna mal-kult Pawlin. Quintin D'Autun jiddedika ftit paġni mir-rapport qasir tiegħu għalih:

> In-nies huma devoti ħafna tar-reliġjon tagħhom. Malta hija kkonsagrata lil San Pawl, u n-nies ta' dan il-post darba kienu jemmnu li kien Alla. Ir-reliġjon imħaddna hi pprattikata fil-gżira kollha, kemm fil-privat kif ukoll fil-pubbliku... Hemm niċeċ mal-gżira kollha. In-nies (kif jistqarru li huma ggwidati mill-annali ta' Luqa) jemmnu bis-sħiħ li Pawlu kien Malta daqskemm jemmnu li Pietru kien Ruma.[6]

Quintin D'Autun jirrakkonta l-istorja tan-Nawfraġju ta' San Pawl, kaġun tal-Grigal qawwi, billi jibbaża fuq l-Atti tal-Appostli. Iżda hu jitfa' dubji fuq in-nawfraġju tal-qaddis fuq Malta:

> Oħrajn ma jeħdux bis-serjetà lil dan ir-riħ li jonfoħ mill-Grigal u li ħadd ma jaf x'inhu, u li (jgħidu) li ma tantx jinħass fuq il-baħar u fuq l-artijiet tagħha; jitħassbu dwar liema art fid-dinja kollha għandha tkun dik li, skont l-interpreti tar-rakkont mogħti fl-Atti, nefaħ fuqha dan ir-riħ.[7]

Id-deskrizzjoni mogħtija minn Quintin D'Autun tissuġġerixxi li l-Kavallieri ta' San Ġwann sabu popolazzjoni ta' gżira, li uffiċjalment kienet tħaddan l-istess twemmin Kattoliku bħal tal-mexxejja tagħha, iżda li kienet tipprattika l-valuri reliġjużi tagħha. Id-deskrizzjoni ta' Quintin D'Autun tikkonferma li fis-snin tletin tas-seklu sittax, it-terminu 'Malti' kien jevoka konnotazzjonijiet ma' San Pawl u l-Kristjanità kemm minn perspettiva kulturali kif ukoll storika. Essenzjalment, dawn l-elementi kienu jiffurmaw is-solidarjetà kbira tal-komunità Maltija bħala nies magħżula minn oħrajn, forza moħbija tadatta ruħha għal potenzjal li ma ntlaħaqx. Iżda l-proċess diffiċli u li jgħaddi bil-mod li kellu jikxifha kien fil-fatt inbeda, forsi mingħajr ma kien jidher, lejn l-aħħar tas-seklu sittax, u ħa spinta fl-aħħar nofs tas-seklu tmintax. Dawn il-karatteristiċi distintivi saru assoċjati mal-'Maltin' kemm f'moħħ l-abitanti etniċi, kif ukoll mill-barranin li kienu jgħixu magħhom. Hawn xieraq nesploraw u nikkunsidraw kif ir-reliġjon, il-kult ta' San Pawl, u l-kruċjata, bdew jintrabtu ma' kunċetti Maltin u xbihat ta' identità kulturali u kif dawn it-temi sar għandhom sehem importanti fl-iżvilupp tal-kuxjenza etnika Maltija bbażata fuq il-memorja kollettiva.

In-nawfraġju ta' San Pawl u l-wasla tal-Kristjaneżmu, ir-rebħa tan-Normanni fuq l-Għarab meta rebħu lil Malta, u r-rebħa Nisranija fl-assedju Ottoman tal-1565, saru jitqiesu bħala ġrajjiet ta' importanza vitali, li ħallew warajhom wirt ta' tifkiriet u kisbiet kulturali li għenu biex tinħoloq komunità Maltija li tingħażel minn kull komunità oħra. Sas-seklu dsatax, il-kunċetti ta' storja u kuxjenza nazzjonali saru magħrufin, u ħadu forma definita mal-ideali mlaħħma minn 'eroj nazzjonali' bħal San Pawl, il-Konti Ruġġieru Normann, u l-Gran Mastru La Valette. Fis-sekli wara t-tkeċċija tal-Ordni minn Malta l-lista ta' 'eroj' żdiedet biex tkompli tissaħħaħ il-qasma f'din l-ideoloġija. Iżda l-kult ta' San Pawl, flimkien ma' dak tal-Verġni Marija, iffurmaw parti mill-ideoloġija aċċettata tal-Knisja f'Malta, li riedet taħdem biex tagħmel l-istat wieħed omoġenju fejn tidħol ir-reliġjon.

## L-Impatt tal-Kristjaneżmu

Il-Kristjaneżmu jista' jingħażel bħala dak li saħħaħ sens ta' komunità fost il-Maltin. Iżda minħabba li m'hemm xejn awtomatiku f'li komunità etnika tibqa' tgħix, l-istess jista' jingħad għal tradizzjonijiet oħra li huma marbuta sewwa mat-twemmin reliġjuż. It-tnissil u t-trasmissjoni tar-reliġjon jeħtieġu attività

kontinwa, u s-simboliżmu għandu sehem importanti fihom. L-idea impliċita tal-għażla divina kienet importanti ferm għall-iżvilupp tal-identità kulturali:

> ...l-idea li 'aħna' l-benefiċjarji speċjali tal-attività divina, u li aħna kkmandati ngħixu ħajja speċjali fil-providenza tal-liġi divina... dan jagħti sens ta' firda u superjorità fuq il-popli l-oħra lill-kuxjenza etnika.[8]

F'Malta, il-figura ta' San Pawl ingħatat dan ir-rwol matul is-sekli. Xi wħud argumentaw li l-wasla ta' San Pawl ħalliet effett permanenti fuq l-istil ta' ħajja tal-Maltin, minħabba li f'ħajtu, kull Malti jisma' kemm-il darba bl-istorja tan-nawfraġju ta' dan il-qaddis. L-influwenza ta' dan l-avveniment ingħatat importanza kbira għas-sens ta' identità tal-Maltin bħala komunità separata.[9] L-istoriku Malti Henry Frendo mhux biss jaqbel ma' din il-fehma iżda jżid billi jargumenta li 'memorja kollettiva' saret tħaddan fiha ż-żmien li San Pawl għamel f'Malta, wara n-nawfraġju tiegħu, irrispettivament mill-ġenwinità storika ta' din il-ġrajja. B'dan il-mod, il-leġġendi jieħdu l-ħajja,[10] anki jekk il-Kristjanità Maltija, li jista' jkun li ma baqgħetx ħajja waqt il-perjodu tal-ħakma Musulmana, tidher li ġiet introdotta mill-ġdid, forsi fis-seklu tnax, meta l-gżejjer Maltin kienu "Latinizzati u Kristjanizzati... u minn dakinhar il-fervur reliġjuż sar iktar b'saħħtu."[11]

Il-Maltin Insara tas-seklu ħmistax, sittax u l-iktar, tas-seklu sbatax, kienu qegħdin ifittxu ġustifikazzjoni ċara għall-mod li bih issawret u żviluppat il-komunità tagħhom. L-elementi prinċipali li ddaħħlu kienu: arċipielgu żgħir, imqiegħed apposta fi sfera kulturali ta' influwenza Ewropea; lingwa indiġena komuni ta' oriġini Semitika, li riċerka moderna turi li kienet ilha mħaddma letterarjament mis-seklu ħmistax;[12] rabta soda mal-Kattoliċiżmu Ruman, iċ-ċentru tal-għaqda etnika tagħhom li l-kulti, il-katakombi, in-niċeċ, il-kleru u l-qniepen tal-knejjes tagħhom ħallew marka li ma titħassarx fuq il-moħħ indiġenu; istituzzjonijiet komuni li f'moħħ il-poplu komuni kienu assoċjati ma' ftit ħelsien politiku u libertajiet ċivili; użanzi antiki, tradizzjonijiet, u tifkiriet ta' eroj.[13] Fi ftit kliem, il-Maltin kellhom passat komuni li kien ifakkar il-ġbir ta' esperjenzi storiċi, li kienu jinvolvu sagrifiċċji kbar u mumenti epiċi ta' patrijottiżmu. Tul is-sekli, f'Malta l-figura ta' San Pawl assumiet dan ir-rwol.

Permezz tal-istudju tal-ismijiet Insara f'Malta fil-bidu tas-seklu ħmistax, toħroġ b'mod indirett osservazzjoni dwar il-qima li kienet tingħata lil San Pawl. Analiżi tal-lista tad-Dejma tal-1419-1420 tindika li b'kollox kien hemm 1,667 raġel f'Malta, minbarra fil-Birgu, u tinkludi xi tmenin isem Nisrani li minnhom Antoni (104 eżempji); Johanni fil-forom varji tiegħu (94); Nicolau

jew Cola (94); Gullielmu (76); Thumeu (58) u Paulu (58) huma l-iktar komuni.[14] Qabel kollox, il-mit tan-nawfraġju tal-Appostlu serva bħala xhieda simbolika li l-Maltin ma kinux jafu s-sentimenti reliġjużi tagħhom lill-preżenza tal-Ordni tal-Kavallieri kburin. L-aħjar mod kif tifhem dan kollu huwa fl-isfond tal-pożizzjoni ġeografika ta' Malta, fuq quddiem nett tal-Kristjanità Latina, fi qrubija perikoluża mal-Afrika ta' Fuq Iżlamika, u forsi inkonxjament, bħala forma ta' kumpens għall-persistenza tal-lingwa Semitika tagħha fost l-abitanti nattivi. L-aħħar konsiderazzjoni tista' tagħti kont tax-xetticiżmu ta' Jean Quintin D'Autun fl-identifikazzjoni ta' Malta mas-sit li fih seħħ in-nawfraġju ta' San Pawl.[15]

Iżda hu bis-saħħa ta' Gerolamo Manduca, qassis Ġiżwita Malti tas-seklu sittax, li ħafna mill-miti li għandhom x'jaqsmu mat-tradizzjoni Pawlina u l-Kristjanità ta' Malta li ma qatgħet xejn, stabbilew ruħhom. Manduca kiteb u ħadem qatigħ biex irawwem qima fost il-poplu għall-Appostlu Pawlu u għal qaddisin oħra, billi pproduċa xibka ta' leġġendi reliġjużi li mbagħad bena fuqhom Gian Francesco Abela, imħarreġ mal-Ġiżwiti u Viċi Kanċillier tal-Ordni u awtur ta' *Della Descrittione di Malta*, ippubblikata fl-1647. Manduca seta' jikkwota entużjażmu li wrew oħrajn qabel, bħal dak ta' Matteo Surdo, Arċipriet tal-Katidral, li fl-1549 ipprova jagħti lura l-kult Pawlin liċ-ċimiterju ta' San Pawl fir-Rabat.[16] Iktar tard jingħadilna li "...l-ewwel Insara Maltin użaw il-grotta ta' San Pawl bħala knisja, eżerċizzju li baqa' jitħaddem minn ħafna ġenerazzjonijiet."[17]

Din l-ipotesi ssaħħaħ it-twemmin ġenerali li l-kult Pawlin, bil-konverġenzi tiegħu fuq il-grotta tar-Rabat, huwa l-iktar tradizzjoni antika stabbilita ta' Malta, irrakkontata ripetutament minn ħafna kittieba. Meta fl-1608 erba' membri anzjani tal-kleru xehdu fuq dak li għandu x'jaqsam mad-devozzjoni lejn l-għar, wieħed minnhom iddikjara li "*...ho sempre inteso per tradizioni dei nostri antichi Maltesi.*"[18]

Id-devozzjoni lejn il-grotta u t-tradizzjoni Pawlina baqgħu jassumu rwol ċentrali fir-rapporti tal-vjaġġaturi. Fl-1582, ngħidu aħna, Giovanni Battista Leoni rrefera għad-devozzjoni kbira ta' dawk li jżuru l-post, b'mod speċjali l-grotta, fejn skont tradizzjonijiet devoti, San Pawl stkenn meta kien Malta. Leoni jirreferi wkoll għall-franka mirakuluża użata biex tfejjaq il-gdim tas-sriep.[19] Il-karatteristika tal-ġebla mill-grotta ta' San Pawl kienet diġà ġiet innotata fi ktieb ippubblikat Venezja fl-1554.[20] Il-paleontologu Malti George Zammit-Maempel jirreferi għal ċertifikati miktuba, maħruġa sa mill-1571, biex jingħataw flimkien ma' biċċiet tal-ġebel li kienu mqassma, u forsi mibjugħa, lil

dawk li kienu jemmnu.[21] It-twemmin li din il-ġebla tista' tfejjaq jidher li kien mifrux sew. Bħalma nnota l-istoriku kulturali Peter Burke, fl-Italja moderna tal-bidu, dawk li jingidmu mis-sriep setgħu jirrikorru għall-għajnuna għand il-*pauliani* li kienu jimxu minn post għal ieħor, u li kienu jippretendu li kienu dixxendenti ta' San Pawl, b'referenza għall-esperjenzi tal-Appostlu f'Malta fejn "...lifgħa ħarġet mis-sħana, u qabdet ma' jdejh... u hu farfar il-bestja finnar, u ma ġralu xejn."[22]

Jingħad li dawn il-*pauliani* kienu jbigħu dik li kienu jsejħulha 'art Maltija', flimkien ma' ħwawar u riċetta ta' fejqan.[23] Essenzjalment, il-*pietra* jew *terra di San Paolo* (art Maltija) kienet magħmula minn żrar tal-ġebel tal-għar, jew trab tal-franka mill-kripta ta' San Pawl. In-nies kienu jemmnu li, b'miraklu speċjali, "...il-ġebla ta' dan l-għar tiġġenera ruħha kontinwament, biex minkejja l-ammont ta' materjal maqtugħ mill-ħitan tiegħu, il-qies tal-għar jibqa' dejjem l-istess."[24]

Minħabba dan it-twemmin, hu rrappurtat li n-nies li kienu jżuru l-grotta, anki fis-seklu tmintax, kienu jieħdu magħhom tagħbijiet kbar ta' ġebel minn ġo fiha.[25] Kien bis-saħħa ta' Juan Beneguas, nobbli Spanjol minn Cordoba li sar Ġiżwita, li l-qima lejn il-kripta għaddiet minn tiġdid sistematiku fil-bidu tas-seklu sbatax. Tabilħaqq li l-importanza dejjem tikber tal-grotta, dak iż-żmien kienet tidher li qed issir simbolika għall-kuxjenza etnika Maltija, kif ukoll għeliem importanti tad-devozzjoni Kristjana tal-gżira.[26] Tant kienet qawwija d-devozzjoni lejn il-grotta li fit-13 ta' Mejju 1617, il-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina ħass li bi dmir kellu jiddikjara l-grotta ta' San Pawl bħala "...l-ewwel ġebla tal-Knisja f'Malta."

Id-dikjarazzjoni tikseb iktar importanza jekk wieħed iqis li ftit wara l-istqarrija, il-Kapitlu tal-Katidral ħass il-ħtieġa li jaħtar lin-Nutar Andrea Allegritto bħala l-emissarju tiegħu f'Ruma biex ikabbar ir-rwol ċentrali li kellha l-grotta għall-Kristjanità ta' Malta.[27] Fil-kitbiet tas-seklu sbatax, il-grotta ta' San Pawl saret iċ-ċentru ta' din id-devozzjoni ġdida. L-istess tema titfaċċa wkoll fi trattat ieħor, milli jidher miktub mill-kirurgu ta' fuq ix-xwieni Malti, Marc'Antonio Axac, influwenzat minn Beneguas. Dan it-trattat jirreferi għall-mirakli, l-indulġenzi, il-festi u l-istejjer ta' pellegrini li waslu Malta biex jieħdu l-franka mirakuluża. Skont Anthony Luttrell, il-ktejjeb ta' Axac wera tip dirett u deskrittiv ta' reliġjożità.[28]

Il-wasla tal-pellegrini f'Malta bejn l-1613 u l-1616, preżumibbilment minħabba li ħajjarhom Beneguas, uriet b'mod ċar il-firxa tal-kult Pawlin f'ħafna mill-Ewropa Kattolika.[29] Insibu dikjarazzjonijiet minn individwi differenti

li waslu Malta bħala viżitaturi, li wħud minnhom iddikjaraw minn qabel id-devozzjoni tagħhom lejn il-konnessjoni tal-gżira ma' San Pawl.[30] Fil-kitbiet tas-seklu sbatax, il-grotta ta' San Pawl saret iċ-ċentru ta' din id-devozzjoni ġdida, u saħħet dak li Quintin D'Autun kien diġà speċifika fl-1536:

> Ħdejn il-belt hemm għar imħaffer fil-blat b'żewġ artali ġo fih; jgħidu li Pawlu kien miżmum fih ma' priġunieri oħra għal tliet xhur, u fl-istess ħin ifejjaq lin-nies tal-gżira... Barra minn hekk ebda kwalità ta' sriep perikolużi ma jitwieldu Malta, u dawk li jinġiebu minn postijiet oħra ma jibqgħux kapaċi jagħmlu l-ħsara... Minn dak l-għar, ...jinqatgħu biċċiet ta' ġebel kuljum minn viżitaturi li jikkonfermaw bil-miftuħ fl-Afrika, l-Italja u Ruma li permezz tagħhom huma mfejqa mill-gdim tas-sriep u l-iskorpjuni. In-nies iqisu dan bħala grazzja mingħand San Pawl.[31]

F'poeżija bil-Latin attribwita lil Girolamo Manduca, l-awtur jgħaqqad l-iktar mumenti importanti ta' ħajjet il-qaddis. Il-lista ta' referenzi għat-tradizzjonijiet differenti marbuta maż-żmien li San Pawl għamel Malta hija ferm importanti, bl-episodji bħal ta' meta l-Appostlu farfar il-lifgħa lura għal ġon-nar; tal-Għawdxin li kienu jistgħu jisimgħu l-prietki tiegħu hu u jipprietka min-Naxxar; tal-Maltin li ġew mgħammda u saru Nsara ferventi; tal-konsagrazzjoni tal-ewwel ċittadin Malti, Publius, bħala ragħaj spiritwali; u taż-żmien li l-qaddis għadda fil-grotta.[32] Il-mod kif Manduca rnexxielu jirrappreżenta s-sens ta' parteċipazzjoni u l-merħba li taw il-Maltin lil San Pawl huwa partikularment rilevanti. Fuq kollox, San Pawl hu meqjus bħala l-protettur divin tal-Maltin u Manduca jtemm il-poeżija tiegħu f'dan l-ispirtu billi jitlob lill-qaddis jiskansa lil Malta mid-diżgrazzji.[33]

Id-devozzjoni lejn San Pawl, li issa ilha stabbilita ħafna, kienet qiegħda tinfirex b'mod attiv lejn l-aħħar tas-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax bis-saħħa tal-attivitajiet bla heda ta' xi Ġiżwiti u tal-istudenti tagħhom. Jista' jingħad li l-qofol ta' din il-kampanja ntlaħaq bil-pubblikazzjoni ta' *Della Descrittione di Malta* ta' Gian Francesco Abela. Abela kien ġej minn familja nobbli tal-Imdina, studja fil-*Collegium Melitense* tal-Ġiżwiti, kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Bologna, ingħaqad mal-Ordni ta' San Ġwann bħala kappillan u temm il-karriera tiegħu bħala Viċi Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann fiż-żmien meta kien imexxi l-Gran Mastru Jean Paul Lascaris Castellar (1636-1657), li kien ammiratur kbir tal-Ġiżwiti. Ix-xogħol ta' Abela influwenza l-iżvilupp jew il-ħolqien ta' tradizzjonijiet li ġew wara u li wħud minnhom għadhom jimlew il-kultura Maltija bil-ħajja minn dak iż-żmien. Jisħaq li

Malta saret Nisranija permezz tal-Appostlu fl-ewwel seklu u baqgħet fidila lejn ir-reliġjon minn dakinhar sal-lum. B'dan il-mod, is-sisien mitiċi meħtieġa għall-istorja tal-Kristjanità Maltija huma stabbiliti sew.[34] Ix-xbieha magħżula għall-paġna introduttorja tax-xogħol ta' Abela tikkonferma dan it-twemmin ġenerali. L-ikonografija ta' San Pawl bl-Evanġelu f'idu x-xellugija, b'lifgħa mdendla ma' idu l-leminija li hi mgħollija u bin-nar jaqbad ħdejh, baqgħet maħżuża fl-imħuħ tal-Maltin minn dakinhar. Ix-xbieha ta' San Pawl f'Abela setgħet saħansitra ispirat lill-iskultur Barokk Melchiorre Gafà (1636-1667), waqt li kien qiegħed joħloq l-istatwa tal-Appostlu għall-familja Testaferrata, madwar l-1660.[35] Jidher li inkonxjament kien hemm tentattiv biex tkun spjegata l-kontradizzjoni bejn l-aspirazzjoni tal-Maltin li jitqiesu Ewropej u r-realtà lingwistika li tipponta subgħajha lejn l-imgħoddi Semitiku tagħhom.[36]

Tabib magħruf u letterat Malti, Gian Francesco Bonamico (1639-1680) kiteb poeżija li jingħad li dan l-aħħar ġiet meqjusa bħala l-iktar xogħol letterarju importanti li jittratta l-grotta. Il-kitba tiegħu tmur lura għal madwar l-1670-1680, u hi l-aħħar waħda minn sensiela ta' dsatax-il poeżija, *Gaudia Melitense* (Il-Ferħ tal-Maltin), li kollha jittrattaw xi aspett miż-żmien li dan il-qaddis għadda f'Malta.[37] Ħafna minn dawn il-poeżiji huma ispirati minn vrus ispirati mill-Atti tal-Appostli mħallta ma' twemmin popolari lokali, li jagħmel parti mill-kult Pawlin. L-aħħar poeżija tfisser ħafna minħabba li tirreferi għall-kripta bħala post ta' venerazzjoni. Is-sens ta' parteċipazzjoni mħeġġa min-naħa tal-poeta jistagħna bix-xewqa tiegħu li jesprimi lilu nnifsu bil-Malti dwar il-ħiliet meraviljużi tal-qaddis. Għalhekk, permezz ta' din ir-referenza lingwistika, Bonamico jagħmel lill-Maltin kollha jieħdu sehem f'dan l-avveniment.[38]

Il-kult Pawlin sar jissimbolizza l-iktar ir-relazzjonijiet soċjali importanti fil-ħajja Maltija, huma u jħaddnu l-emozzjonijiet li qanqal. Fuq kollox, il-kult ipprovda espressjoni kulturali, 'rappreżentazzjoni kollettiva' tas-soċjetà Maltija.[39] Fi ftit kliem, il-kult Pawlin għen biex jgħaqqad il-Maltin f'komunità ritwali waħda. Ir-reliġjon Maltija kienet

> ...imsaħħa bil-kampanja propagandistika mmexxija minn membri ta' ordnijiet reliġjużi li ħeġġew apposta serje ta' invenzjonijiet storiċi... biex irawmu fost in-nies simpatija għal San Pawl u għal qaddisin oħra.[40]

Għan-nies tal-gżira, San Pawl b'mod partikulari, ma kienx biss l-iktar medjatur effikaċi bejnhom u bejn Alla iżda sar jirrappreżenta l-karattru Malti. Il-figura tal-Appostlu allura ħarġet bħala simbolu importanti ta' Malta fis-seklu sbatax, li jiġbor fih it-tamiet u l-aspirazzjonijiet tal-Maltin kollha. Din it-tema

tista' titqabbel mar-rwol li għandha l-Verġni ta' Guadalupe fl-istudju ta' Eric Wolf. Wolf iqis lill-qaddisa patruna tal-Messiku, il-Verġni ta' Guadalupe, bħala 'simbolu prinċipali' billi jargumenta li:

> ...soċjetajiet kumplessi għandhom ikollhom forom kulturali (li) jiżviluppaw storikament, id f'id, ma' proċessi oħra li jwasslu għall-formazzjoni ta' nazzjonijiet, u l-gruppi soċjali li huma maqbuda f'dawn il-proċessi għandhom 'jadattaw' għall-użu tagħhom.[41]

Skont Wolf, huwa biss meta jkunu jeżistu dawn il-forom li l-komunikazzjoni u l-imġiba koordinata jkunu jistgħu jiġu stabbiliti fi ħdan is-soċjetà nnifisha. Dawn jipprovdu

> ...l-espressjoni kulturali tal-imġiba u rappreżentazzjonijiet ideali li permezz tagħhom gruppi differenti mill-istess soċjetà jkunu jistgħu jsegwu u jimmanipulaw id-destini differenti tagħhom fi ħdan qafas ikkoordinat.[42]

Dawn il-kunsiderazzjonijiet teoretiċi jissuġġerixxu li l-liturġija sagra u l-mitoloġija jipprovdu *raison d'être* għall-komunità. Fost il-komunitajiet etniċi ispirati mir-reliġjon u fil-kulturi tagħhom, nistgħu nsibu fattur komuni tat-tentattivi ripetuti għat-tiġdid kulturali, l-iktar quddiem theddid estern (i.e. biża' minn invażjoni mill-Musulmani Torok) jew firdiet interni (i.e. l-eġemonija li dejjem tikber tal-Gran Mastri spejjeż tal-Maltin u tan-nobbli). Billi tqis il-komunità ideali bħala ċ-ċentru tat-tħassib tagħha, il-komunità etnika Maltija, bħal gruppi oħra bħalha bbażati fuq ir-reliġjon, "...tinjetta element popolari dinamiku fil-kuxjenza komunali, li hija nieqsa mit-tip ta' 'kumpless mitiku-simboliku' ta' xeħta dinastika u politika."[43]

F'Malta tas-seklu sbatax, il-kult ta' San Pawl sar simbolu tal-identità Maltija li jħaddan fih it-tamiet tagħha għas-salvazzjoni. Dan kien ir-riżultat ta' ħafna fatturi li tħalltu flimkien u li stagħnew matul iż-żmien. L-iktar importanti fosthom kien it-twaqqif tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fl-1592, li ppromwova l-istudju fl-istorja u t-tradizzjonijiet ta' Malta u b'mod speċjali, fil-kult Pawlin.[44] Il-Gwerra Qaddisa perpetwa tal-Ordni kontra l-Musulmani ta' bla fidi għamlet lill-Kavallieri jixbhu lil San Pawl minħabba li huma wkoll kellhom missjoni li jikkonvertu lill-popli għall-Kristjaneżmu u forsi wkoll jirbħu lura artijiet mitlufa mingħand l-Ottomani Torok. Il-wasla tagħhom f'Malta kienet b'kumbinazzjoni wkoll! San Pawl wasal Malta donnu għax il-providenza riedet li jinħeles mill-għarqa. L-Ordni aċċettat lil Malta wara li tilfet lil Rodi biss.[45] F'San Pawl, il-Kavallieri fl-aħħar raw kontroparti għall-patrun tagħhom San Ġwann il-Battista. Iż-żewġ

qaddisin għexu ħajja avventuruża, sofrew ħafna tbatijiet, u t-tnejn mietu martri.[46] L-effetti tal-popolarità tal-kult Pawlin jidhru ċar permezz tal-introduzzjoni ta' kulti ta' qaddisin ġodda. Il-kult ta' San Pawl, bl-għeruq tiegħu fl-universaliżmu Nisrani tal-aħħar tal-Medjuevu, imur lura lejn l-aħħar taż-Żminijiet tan-Nofs, flimkien mal-ideoloġija tal-kult Marjan.[47] Sas-seklu sbatax, il-kult infirex għal qima usa' lejn qaddisin partikulari, fosthom San Publju u Sant'Agata,[48] u l-qaddisin l-oħra li kellhom parroċċi Maltin iddedikati għalihom.[49]

Wieħed jista' jargumenta li l-qaddisin patruni tal-parroċċi tal-irħula fis-seklu tmintax bdew iħaddnu l-virtujiet tal-komunità tar-raħal inkwistjoni. Għaldaqstant, il-kult u ċ-ċelebrazzjoni tal-festi assoċjati għenu biex jiddefinixxu iktar il-fruntieri ta' komunitajiet żgħar fi ħdan iċ-ċkejkna Malta. Possibbilment, il-kult tal-qaddisin tal-irħula ħareġ bħala reazzjoni għall-fehma li l-Maltin kienu poplu distint – motif li qabad sew l-iktar minħabba li żgura li l-barranin ukoll setgħu jaċċettaw it-twemmin popolari li minn meta ġie San Pawl, Malta qatt ma ċaħdet il-Kristjanità. Għalhekk, il-qima lejn il-qaddisin bdiet tirrappreżenta iktar minn qatt qabel l-espressjoni simbolika ta' kuxjenza etnika – kuxjenza li kienet diġà ngħatat sura mill-kunċetti reliġjużi tas-seklu sbatax. Għaldaqstant, il-kunċett ta' 'karattru Malti' kiseb kontinwità bejn il-passat u l-preżent u għen biex jorbot tajjeb il-kult Pawlin mal-kuxjenza etnika Maltija.

## Il-Kristjanità u r-Rebħa tan-Normanni

S'issa ppruvajna nuru li l-importanza kbira li hemm marbuta mal-kult Pawlin issaħħaħ it-twemmin ġenerali li fatturi reliġjużi kienu ċentrali fit-trawwim ta' identità etnika f'Malta. Iżda issa hemm bżonn li niddistingwu bejn memorja soċjali u l-attività ta' rikostruzzjoni storika. Is-soltu, l-istoriċi jippreferu jinvestigaw u mhux soltu joqogħdu ħafna fuq il-memorja soċjali, u b'dan il-mod ikun possibbli li jiskopru mill-ġdid dak li kien minsi għalkollox. Iżda rikostruzzjoni storika tibqa' meħtieġa anki meta l-memorja soċjali tippreserva xhieda diretta ta' xi ġrajja. Madankollu, minkejja li hija separata mill-memorja soċjali, l-istorja xorta tista' tkun ispirata minn twemmin kollettiv u tista' tagħti sura lill-memorja tal-gruppi soċjali.[50] Każ estrem partikulari ta' din l-interazzjoni jseħħ meta l-istituzzjonijiet tal-istat jintużaw b'mod sistematiku biex iċaħħdu liċ-ċittadini tiegħu mill-memorja tagħhom. Skont it-teoriku soċjali Paul Connerton, kundizzjoni simili tista' wkoll toħloq sitwazzjoni fejn ħadd ma jkun jista' jagħti xhieda kif suppost tal-passat.[51]

Jidher li l-fehma ta' Connerton tista' tkun applikata bla problemi għal meta Malta ma baqgħetx taħt il-Musulmani, għal dik il-Malta li l-Maltin ħadu lura biex tagħmel parti mill-preżent kontinwu tagħhom. L-evidenza storika disponibbli tixħet dawl fuq il-qbid tal-ilsiera mill-Konti Ruġġieru fl-1091 u li wara hekk, ħalla lill-Għarab jibqgħu hawn. Għalhekk jidher li l-gżejjer Maltin baqgħu fi ħdan il-fruntieri tal-kultura Musulmana ħafna wara l-ewwel inkursjoni Normanna u kien biss wara t-tieni invażjoni u rebħa tan-Normanni fl-1127, minn iben il-Konti, ir-Re Ruġġieru II, li komunità Nisranija stabbiliet ruħha sew f'Malta.[52] Ovvjament, dan kollu hu injorat fit-tradizzjoni mitika. Ta' spiss il-Maltin jikkontemplaw id-dehra ta' Normann li jeħlishom mill-ħakma tal-Għarab b'ċertu sodisfazzjon. Dan jitfaċċa f'xi reċti li jittrattaw 'l-istorja glorjuża' tal-gżejjer Maltin. Il-manipulazzjoni tat-tradizzjoni tal-Konti Ruġġieru min-naħa ta' Malta hija bbażata l-iktar fuq il-ħtieġa li jkunu ppreżentati bħala fatti t-twelid mill-ġdid nazzjonali tas-seklu dsatax, u r-ristabbiliment tal-Knisja: iż-żewġ dikjarazzjonijiet huma aċċettabbli għall-biċċa l-kbira tan-nies li lanqas biss joħolmu li jiddubitaw mill-validità tagħhom.[53]

Xi ġrajjiet tal-perjodu Normann li ta' spiss issir referenza għalihom għandhom xi ftit verità marbuta magħhom u għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra l-iktar matul il-bidu tal-perjodu Ingliż meta l-intellettwali Maltin li kienu qegħdin ifittxu dwar l-imgħoddi għamlu ħilithom biex iqajmu miti nazzjonali li kienu minsija bil-ħsieb li jagħtu dinjità lil dikjarazzjonijiet politiċi ġusti ta' Malta. Is-sentimenti patrijottiċi Maltin saru iktar qawwijin mis-snin sittin tas-seklu dsatax 'il quddiem meta l-amministraturi kolonjali Ingliżi beżgħu li r-renju l-ġdid Taljan seta' jispira fehmiet irredentisti fost il-klassijiet l-għolja u tan-nofs tal-Maltin u li t-Taljani setgħu jkunu jridu jieħdu lil Malta f'idejhom. Fi ftit kliem, mis-snin tas-seklu dsatax il-mexxejja Ingliżi bdew jibżgħu li l-lealtà tal-Maltin lejn l-Ingilterra setgħet ma tibqax li kienet wara l-għażliet tal-mexxejja setgħana. Is-sitwazzjoni politika ġdida ġiegħlet lill-Ingliżi jirrevedu l-politika tagħhom fuq Malta u b'riżultat ta' hekk ġiet adottata kampanja estensiva biex kollox jieħu xejra Ingliża u l-ekonomija Maltija ġiet dipendenti għalkollox mill-Ingilterra.[54]

Il-perjodu Normann jidher li jagħti lok għal kummentarju kontinwu, li ħafna drabi jkun kritiku, fuq il-ħajja kontemporanja u fuq x'sar aċċettabbli bejn wieħed u ieħor bħala n-norma. Fuq kollox, dan il-perjodu jevoka l-oriġini tal-Maltin bħala komunità etnika separata, bis-saħħa tar-ristabbiliment tal-fidi Kattolika, it-twaqqif ta' komun Malti, u minħabba li d-djalett Semitiku baqa' jgħix f'ambjent Nisrani Latin. Wieħed jista' wkoll iżid referenzi għat-twaqqif

tal-Katidral bħala s-sede tal-Isqof, filwaqt li jkun enfasizzat it-twelid mill-ġdid tal-valuri Nsara. B'dan il-mod, l-imgħoddi Normann huwa magħqud mal-kultura nazzjonali tal-patrijottiżmu Malti, bl-erojiżmu u kunċetti dwar l-istat Malti.[55] In-narrattiva tirrakkonta ġrajjiet storiċi, imżejna b'miti li jittrattaw taqbid, sagrifiċċji u rebħiet, u tissuġġerixxi li "n-narrattiva kienet iktar minn storja li tingħad: kienet kult maħdum... Mhux biss kienet tfakkar il-parteċipanti fi ġrajjiet mitiċi, iżda fuq kollox ir-rit kien rappreżentat".[56] Skont il-folklorista Malti, Ġużè Cassar Pullicino,

> L-Insara Maltin għandhom jidhru jsofru taħt l-Għarab... qabel ma nħelsu mill-Konti... Kisba bħal din tista' tirnexxi biss wara reżistenza ddisprata mill-Għarab, li l-Konti rnexxielu jegħleb wara ħafna taqbid li mat-tmiem tiegħu ltaqa' mal-Kristjani Maltin li kien ħeles u laqgħuh bil-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ u kant ta' ringrazzjament li jixraq lil eroj biss... Il-benefiċċji kollha li ħarġu mill-perjodu tal-ħakma Normanna kienu attribwiti lill-Konti.[57]

Ħafna mil-leġġendi li għandhom x'jaqsmu mal-Konti Ruġġieru jippresupponu li tul il-ħakma Musulmana kien għad fadal numru mdaqqas ta' Nsara. Il-leġġenda tgħid li wara li wasal f'Miġra l-Ferħa (mal-kosta fil-Punent ta' Malta u mhux 'il bogħod mill-Imdina), il-Konti Ruġġieru kien milqugħ minn Maltin Insara u mwassal b'mod trijonfanti lejn il-belt.[58] Fil-fatt, fir-rakkont ta' Malaterra, il-kronista tal-Konti Ruġġieru juri li l-Insara li ħarġu biex jiltaqgħu mal-Konti kienu *captivi christiani*, "...li l-Konti Ruġġieru wara ħadhom lura Sqallija minn fejn imbagħad telqu lejn djarhom."[59]

Minħabba raġunijiet differenti, diffiċli jinkixfu tifkiriet tal-imgħoddi dwar il-ħakma Normanna, l-iktar minħabba li huma bil-maqlub tal-evidenza li għandna. Skont l-istudjuż Malti tal-Medjuevu Godfrey Wettinger, ebda dokumentazzjoni misjuba għall-gżira ma tissuġġerixxi li nobbli Għarab kienu jgħakksu jew jissottomettu bħalma ddeskrivew tajjeb minn dak li jiftakru, xi informanti iktar tard.[60] F'dan is-sens, il-leġġenda tirreferi għall-memorja kollettiva. Sas-seklu sittax, l-istorja kienet diġà saret parti mill-għerf tradizzjonali magħruf u aċċettat bħala r-rakkont veru. Tirreferi primarjament għal verżjoni tradizzjonali tal-inkursjoni tal-Konti Ruġġieru kif kienet imfakkra minn kulħadd u trasmessa bil-fomm. Fl-istess ħin, udjenza mis-seklu sittax ma ssibhiex diffiċli li taċċetta l-istorja u temminha u kienet tqis in-narrazzjoni bħala waħda vera.[61] Il-memorja soċjali Maltija tas-seklu sittax tiftakar li l-Konti Ruġġieru ħeles lill-Insara Maltin li dak iż-żmien kienu qegħdin ibatu taħt il-madmad tal-Għarab u dan serva ta' suġġett għal propaganda uffiċjali fi żmien meta Malta kienet fi ġlied

kontinwu mal-Musulmani. Ma kienx jgħodd li l-kronisti tas-seklu tnax, Gaufredus Malaterra u Alessandro de Telese viċin l-invażjoni oriġinali tal-1091 irrakkontaw li l-Konti ħeles l-ilsiera 'Nsara' li mhux bilfors kienu jgħixu Malta.[62] Fuq kollox, il-Knisja Medjevali kif raha l-istudjuż Russu tal-Medjuevu Aron Gurevich, spjegat b'mod konsistenti d-duttrini u t-tagħlim tagħha fil-forma ta' stejjer, filwaqt li l-kleru żamm ħaj l-interess fil-poeżija erojka u fil-ħrejjef tal-galanterija.[63] Għaldaqstant, passat Għarbi u Musulman, ibbażat fuq il-miżerja u d-degradazzjoni, kien jixraq lill-orjentazzjoni kulturali tan-nies tal-Knisja li mbagħad kienu jesponuh għal-lajċi.[64] Dan jista' jissuġġerixxi wkoll kif ġiet stabbilita identità definita u separata. Il-leġġenda tal-Konti Ruġġieru bħala 'ħellies' malajr saret mit tal-oriġini. M'għandniex evidenza soda ta' meta ġara dan iżda sal-assedju Ottoman tal-1565 kienet rabbiet l-għeruq fil-memorja soċjali Maltija.[65]

Ir-reliġjon Maltija żgur li ssaħħet bil-kampanja propagandistika mmexxija mill-ordnijiet reliġjużi li użaw kemm setgħu serje ta' invenzjonijiet storiċi. Ħafna minn dawn kienu stabbiliti b'mod li ma jistgħux jitneħħew, fil-kitba ta' awtorità *Della Descrittione di Malta* ta' Abela.[66]

Tradizzjoni dubjuża li titfaċċa fix-xogħol ta' Abela hija rigward l-isem tal-post 'Għajn Klieb'. Jingħad li l-post ħa ismu mis-sejba u mill-ħabi ta' dak li suppost kien pjan Musulman biex jerġgħu jiksbu kontroll tal-gżira, xi snin wara li ħakmuha n-Normanni. Fortunatament għall-komunità Nisranija, ragħajja tifla semgħet il-Musulmani waqt li kienu qegħdin jippjanaw x'kellhom jagħmlu u mill-ewwel għarrfet lill-Insara l-kbar. Fil-ġurnata magħżula, l-Insara qagħdu viċin għajn fit-triq li tagħti għall-Baħrija fil-limiti tar-Rabat. Hekk kif il-Musulmani resqu lejn l-għajn, fost għajjat ta' "Għall-klieb!", l-Insara ġrew għal fuqhom u qatlu ħafna minnhom. L-isem 'Għajn Klieb' suppost baqa' tifkira tal-battalja qasira.[67]

'L-invenzjoni tat-tradizzjoni' ta' Abela tista' tkun apprezzata iktar jekk issir referenza għal fattur ieħor tal-istorjografija, maħsub ukoll biex bil-passat ikun iġġustifikat il-preżent. Il-waqt inkwistjoni għandu x'jaqsam mal-pożizzjoni tal-Knisja Maltija mill-Medjuevu 'l hawn. Il-veskovat Malti ħadem bħala suffragan ta' Palermo tal-inqas mill-1170. Fl-Imdina kienet ilha tintuża Knisja ta' Katidral iddedikata lil San Pawl minn dak iż-żmien. Sas-seklu ħmistax, 'il-Knisja Maltija saret qisha djoċesi Taljana', skont id-drawwiet Latini aċċettati bħala normali. Xi żmien qabel l-1436, Malta saret maqsuma ekkleżjastikament fi tnax-il parroċċa, inklużi l-Katidral tal-Imdina, il-parroċċa tal-Birgu, u l-knisja prinċipali f'Għawdex.[68]

Il-Knisja Maltija, insulari, bilfors ġiet affettwata bil-miġja tal-Kavallieri Ospitalieri fl-1530. Malta kellha tissieħeb fil-kurrenti prinċipali tal-kontroriforma minħabba l-miġja tal-Ġiżwiti, il-bidu tal-Inkwiżizzjoni, u l-wasla tal-Viżitatur Appostoliku Dusina fl-1574 li r-rapport tiegħu jikxef ħafna irregolaritajiet f'dak li għandu x'jaqsam mad-dixxiplina u r-ritwali fil-ħajja ekkleżjastika ta' Malta.[69] Il-Knisja, imsawra mill-ġdid skont il-linji ta' Trentu, irnexxielha tinfluwenza iktar il-popolazzjoni, l-iktar wara l-1580.

Bis-saħħa tat-tisħiħ tal-Inkwiżizzjoni, il-Knisja setgħet tistabbilixxi eġemonija sħiħa fuq is-soċjetà Maltija, li ssarrfet f'qagħda li ma tantx tbiddlet fis-sekli li ġew wara.[70] L-attività reliġjuża intensiva kienet tħaddan fiha r-rabta mill-qrib li kienu jħossu n-nies mal-miti u l-memorji, bħalma kienu miġbura f'simboli u f'valuri reliġjużi li għall-Maltin saru jissimbolizzaw l-għotja tan-nies differenti nfushom bħala sagrifiċċju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, apostati jew reċidivi kienu jitqiesu bħala tradituri tal-kawża etnika u tat-tkomplija tagħha.

It-teżi ta' Abela kienet maħsuba biex tneħħi kull dubju fuq il-kontinwità tal-Kristjanità waqt il-ħakma tal-Musulmani. Għaldaqstant, ir-rabta ta' Malta mal-Kristjanità minn meta ġie l-Appostlu Pawlu, kienet enfasizzata ħafna.[71] Il-ġrajja tal-Konti Ruġġieru ġiet interpretata bħala rappreżentazzjoni tat-tmiem tat-tmexxija ħażina tal-Musulmani fuq il-popolazzjoni Nisranija meħlusa. Abela jkompli billi jattribwixxi d-dħul tal-istil Gotiku fl-arkitettura għall-Goti tas-sitt seklu, teorija maħsuba biex tirfed it-teżi tal-kontinwità Nisranija waqt il-fażi Musulmana.[72]

Iżda hawn Abela kien qiegħed isegwi tendenza komuni fost l-akkademiċi tas-seklu sittax Taljan u l-moda Franċiża ta' żmienu. P. Frankl juri li l-opinjoni Franċiża l-iktar mifruxa f'dak is-seklu kienet kontra l-arkitettura Gotika. Fost l-oħrajn, it-teorista Franċiż famuż tal-arkitettura Nicolas Francois Blondel (1617-1686) ħass il-ħtieġa li jipproklama li kien kontra l-istil Gotiku. Fl-introduzzjoni għall-volum tiegħu fuq l-arkitettura, kiteb li l-arkitettura Klassika

> ...baqgħet midfuna għal perjodu ta' tlettax-il seklu, u ħalliet li stil mhux tas-soltu u insopportabbli ta' bini jirrenja minflokha, u li missirijietna bdew jużawh bl-isem ta' arkitettura Gotika mogħtija mill-Goti, l-ewwel ħallieqa tagħha.[73]

Hawn it-teorija tal-oriġini primittivi tal-arkitettura Gotika tieħu sura fit-teżi li tallega li l-Goti nfushom kienu diġà sejħulha Gotika. Sitwazzjoni bħal din tidher li kienet mifruxa fl-Ingilterra wkoll. Fir-rapport tiegħu tal-1666 fuq l-istat tal-Katidral ta' San Pawl f'Londra, Christopher Wren (1632-1723) ippropona li l-biċċa l-kbira tal-istruttura Gotika li kienet għadha wieqfa, għandha tkun mibnija mill-ġdid 'fuq għamla Rumana tajba', mingħajr ma tkun ikkupjata

'l-pastażata tad-disinn Gotiku antik'.[74] Din il-viżjoni tista' tidher iktar kredibbli jekk wieħed japprezza li fil-perjodu inkwistjoni, żviluppi artistiċi fl-Italja stabbilew l-istandard fl-Ewropa, u artist li kellu f'rasu li jagħmel il-qligħ mill-bejgħ kien imur aħjar jekk iħaddem kunċetti u tekniki Taljani. Minkejja li dawn l-argumenti kollha jidhru li huma żbaljati, wieħed ma jistax ma japprezzax it-tħassib ta' Abela fil-preżentazzjoni xierqa tal-passat ta' Malta. L-għan prinċipali ta' Abela kien li jinterpreta l-passat biex jaqdi ħtieġa ideoloġika kontemporanja: il-qbil u l-integrazzjoni ma' kultura Latina, kif ippreżentata mill-Ordni ta' San Ġwann. Wieħed ikollu jikkonkludi li Abela ħa f'idejh il-kitba ta' *Della Descrittione*, imġiegħel mill-ħtieġa li juri n-nobbli Maltin – li hu stess kien parti mill-klassi tagħhom – kellhom l-aħjar sfond kulturali li jiġġustifika t-talba tagħhom li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-gżira. Sas-snin erbgħin tas-seklu ħmistax, kull traċċa ta' setgħa li kien fadal, li n-nobbli Maltin kienu jaspiraw għaliha, kienet żgur saret parti mill-imgħoddi. It-talba ta' Abela għall-istatus u r-responsabbiltà kellha tkun mistħarrġa b'referenza għall-imgħoddi. L-antikità u l-fama tal-istorja tagħhom kienu jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' pożizzjoni aristokratika li kellhom, filwaqt li l-lealtà tradizzjonali lejn l-Ordni Ospitaliera kienet tiġġustifika l-fidi fihom. Permezz tal-ħelsien mill-ħakma Għarbija, li ġab il-Konti Ruġġieru għall-Insara tal-gżira, Abela jenfasizza l-kontinwità tal-qagħda Maltija li l-karatteristiċi tagħha jibqgħu jidentifikaw ruħhom preċiżament mal-valuri kulturali tal-Ewropa fis-seklu sbatax.[75]

L-aħħar punt huwa enfasizzat permezz tal-firxa u tat-twemmin li l-Konti Ruġġieru ġab lil Malta fil-livell ta' 'nazzjon' żgħir billi ta l-belt (*città*) lill-'Maltin' li kienu jgħixu 'l barra minnha, filwaqt li jingħad li fl-1090 ħalla l-ġid lill-Knisja Maltija.[76] Għaldaqstant, il-leġġendi Normanni jfittxu li jidealizzaw il-karattru reliġjuż tal-Maltin. Il-ftehim żgur li kien ikkundizzjonat mill-pożizzjoni tagħhom fuq quddiem nett tal-Kristjanità Latina, u fi qrubija li thedded mal-Afrika ta' Fuq Iżlamika.[77] Bħal kull reliġjon oħra li ssalva, il-Kristjanità serviet ta' maħżen għas-simboliżmi u miti etniċi, kif ukoll ta' lqugħ għas-sentimenti etniċi, valuri u tifkiriet. Ħafna argumentaw b'mod konvinċenti li l-istorja Medjevali qadima ta' dawk il-komunitajiet etniċi u nazzjonijiet li baqgħu jeżistu, illum hija waħda reliġjuża u ma tinbidilx minħabba li r-reliġjon tat "...l-ispirazzjoni u l-forom differenti tal-esperjenza tal-poplu, u wkoll il-modi li bihom in-nies jifhmu u jġeddu lilhom infushom."[78]

Fuq kollox, ir-reliġjon għenet biex taqdi l-ħtiġiet tal-komunità Maltija u b'hekk tiżgura l-persistenza u t-tiġdid tat-tradizzjonijiet reliġjużi tul it-taqlib tal-istorja.

## Il-Gwerra u t-Tkabbir tal-Kuxjenza Etnika

Iż-żmien li Malta għamlet taħt il-Kavallieri Ospitalieri ta' San Ġwann hija tema li d-dibattitu dwarha fost il-Maltin ma jiqafx u huwa ffukat l-iktar fuq il-ġlied bla heda bejn l-Ordni u l-Ottomani Torok u l-alleati Musulmani tagħhom fl-Afrika ta' Fuq; fiċ-ċentru ta' dan l-interess wieħed ma jistax ma jsibx l-Assedju l-Kbir tal-1565. F'konfront mal-perikli u mal-għedewwa barranin setgħana, l-esperjenza tal-Assedju ġabret lill-Maltin flimkien u għamlithom solidarji flimkien. Hawn se nipprova nuri kif dik ir-reżistenza, u l-ġlied bla heda li ġie wara, wasslu lill-Maltin biex jaħsbu b'modi differenti u biex jagħtu bidu għal esperjenzi u perċezzjonijiet ġodda.[79] Jeħtieġ li jkollna idea ċara ta' dak li ġara f'dik il-ġrajja kruċjali għall-istorja ta' Malta. Il-qawwa tal-milizzja ta' Malta li l-biċċa l-kbira tagħha kienet iċċentrata fuq l-Imdina, iċ-ċittadini li ħafna minnhom kienu magħluqa f'zoni fortifikati, flimkien mal-kavallieri u l-voluntiera barranin, sabu ruħhom maqfulin f'għaqda ta' solidarjetà kontra għadu komuni, l-invażur Musulman Tork.[80] Il-forza tal-milizzja Maltija, u l-iktar il-kavallerija tagħha, ħafna drabi intervjeniet f'mumenti kruċjali tat-taqbid billi mill-bażi tagħha fl-Imdina mexxiet attakki li ma kinux mistennija. Ħafna mill-membri tagħha kienu nies komuni mill-irħula li, bħal Domenico Caruana kien imur "...bid-debba tiegħu jiġġieled fil-viċinanzi tal-irħula..." sakemm id-debba ntlaqtet minn tir waqt li kien fuqha.[81] Il-Kavallieri Ospitalieri assedjati u l-popolazzjoni mħallta ta' Maltin u oħrajn barranin, kollha kellhom jagħtu sehem differenti fil-ġlied. Mastro Micheli Chilia l-ħaddied,

> ...waqt l-assedju ħaddem is-sengħa tiegħu biex jipprovdi għadd ta' bqaqen u mgħażaq għall-assedjati fil-Forti Sant'Iermu, u wara għall-pont tal-Isla li għalih hu pprovda l-biċċa l-kbira tal-imsiemer mingħajr ma ħa xejn lura, minbarra li ma falliex darba milli jmur waqt l-attakki fi żmien il-Kaptan tiegħu ta' dak iż-żmien, il-Kavallier Malabaila minn Ġenova.[82]

Antonina *la fornara*, armla tal-mejjet Francesco Perez, li probabbilment kien wieħed mill-komunità ta' artiġjani barranin li sabu posthom il-Birgu wara l-1530, iddikjarat li binha l-kbir

> ...kien mibgħut fil-Forti Sant'Iermu waqt l-assedju b'ħażna ta' armi... wara li flimkien ma' oħrajn, iġġieled sakemm intemmet il-gwerra, ibni nqabad... mill-Infidili, li f'idejhom il-priġunier imdejjaq għadu miżmum bħala lsir, flimkien ma' oħrajn li nstabu ħajjin hemm.[83]

Allura żgur li dawk li kienu jgħixu Malta u dawk li waslu wara qiesu din il-ġlieda tagħhom u taw prova ta' kemm kienu sħab qalbiena. Huwa sinifikanti wkoll li lanqas Malti wieħed m'hemm imniżżel li mar mal-għedewwa lanqas fiż-żmien meta r-relazzjoni bejn min kien imexxi u ċ-ċittadini kienet saret maqbuda f'tensjoni serja.[84] Dan il-periklu gravi li kienet tiffaċċja l-komunità serva biex jgħaqqad il-Maltin mal-Ordni kontra l-forzi tal-Iżlam u "... dan bla dubju taffa l-ewwel reazzjonijiet kuntrarji għat-tmexxija tal-Kavallieri. Għalhekk il-memorja tal-Maltin, b'mod ġenerali, ma turix lill-Ordni f'dawl ikrah."[85]

## Il-Konsegwenzi tal-Assedju Ottoman tal-1565

Mhux diffiċli li jinftiehem li l-esperjenza tal-Assedju ħalliet effetti profondi fuq iċ-ċittadini Maltin u li l-konsegwenzi tagħha baqgħu f'moħħ in-nies ħafna wara li seħħet il-ġrajja. Waqt l-Assedju, kważi kull familja kienet tilfet tal-inqas membru wieħed li jew inqatel, jew ittieħed Sqallija jew xi drabi maqbud bħala lsir. Il-ħsara fil-ħxejjex u fil-bhejjem kienet tfisser li ħafna nies tal-irħula sabu ruħhom f'sitwazzjonijiet miżeri.[86] Minħabba dan, ġiet magħżula kummissjoni biex tibdel talbiet ta' djun u kirjiet, li ħafna nies mill-irħula ma setgħux iħallsu.[87] Il-ħitan fortifikati tal-Birgu u l-Isla, kif ukoll il-bini ta' ġo fihom, sfaw il-mira tal-eqqel bumbardamenti kkonċentrati li qatt kienu seħħew sa dak iż-żmien. Ħafna mill-irħula tan-naħa t'isfel tal-gżira li kienu mimlija sew bin-nies, l-iktar dawk viċin il-Birgu, kienu jiġu misruqa ta' spiss u kienet issir ħsara fl-irħula ż-żgħar maqtugħin għalihom u l-knejjes tagħhom.[88] Ir-repressjoni politika qabel l-Assedju wkoll kienet bidlet il-bilanċ fis-setgħa politika.[89] L-awtorità kienet f'idejn il-Gran Mastru u l-Ordni ta' San Ġwann li kważi kellha kontroll sħiħ ta' Malta spejjeż tal-Università (Kunsill tal-Belt), immexxija minn nobbli Maltin.

Il-qagħda tal-biki li qanqal l-Assedju kienet parti minn kulma wassal għal dan l-istat tal-biki. Komunitajiet sħaħ kellhom ikunu evakwati jew lejn l-ilqugħ tal-Port jew lejn l-Imdina. Meta waslet l-aħbar li l-flotta Ottomana tefgħet l-ankri tagħha 'l barra mill-Imġarr, in-nies tal-irħula qatgħuha li t-Torok kienu se jattakkaw l-Imdina. Dan wassal għal moviment miftiehem lejn il-parti fortifikata tal-Port iċċentrata fuq il-Birgu. Dawk li kienu joqogħdu l-Imdina kienu mwerwrin minn dak li kien jidher li ġej għalihom. F'dan l-istadju, l-Università bagħtet rappreżentant lil La Valette u għażlet lin-nobbli Luca de Armenia għal din il-biċċa xogħol ferm delikata.[90] La Valette, dejjem bħala amministratur

tajjeb tas-sitwazzjoni f'mumenti ta' kriżi, irnexxielu jiżgura lil de Armenia li l-Ordni ma kellhiex il-ħsieb li tevakwa n-nies mill-Imdina. Ħeġġeġ lin-nies u lir-refuġjati f'din il-belt antika biex jaqdu dmirhom bħala vassalli tajbin u wegħedhom li jibgħat riġment suldati hemm.[91] Fost affarijiet oħra, l-Assedju tal-1565 ikkawża waqfa trawmatika fil-kontinwità fiżika tal-ħajja fl-irħula. Minbarra t-tbatijiet kollha li n-nies tal-irħula kellhom jgħaddu minnhom bħala refuġjati, it-tneħħija tagħhom mir-raħal qanqlet konsegwenzi gravi.

Wara din l-esperjenza trawmatika, ir-relazzjonijiet soċjali ħadu dimensjonijiet soċjokulturali ġodda, li ħafna drabi kellhom sinifikat politiku, u eventwalment taw sehemhom biex jibdew jixirfu awturi Maltin bħal Salvatore Imbroll (1580-1650) li iktar tard ġie elett Pirjol tal-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, u Carlo Michallef (?-1669) li kiteb dwar l-istorja tal-Ordni f'Malta u ta l-fehma stabbilita tal-ġrajjiet.[92] Kien hemm iktar fosthom Don Filippo Borg li kien kritiku tal-użurpazzjoni tal-Ordni fuq livell lokali u parrokkjali.[93] Ir-*relazione* ta' Don Filippo fuq it-tmexxija tal-Ordni tinħass li għandha ton ostili. Silet il-fatt li matul is-seklu sittax, l-uffiċċju Medjevali tal-*contestabili* mħaddem mir-rappreżentanti tal-irħula fil-kunsill tal-Imdina, tilef ħafna mill-importanza li kellu minħabba li ġie mċaħħad minn kull 'nitfa' inizjattiva 'politika' li darba kellhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' taxxi, *angara*, tqassim tal-ikel u fiż-żamma tal-ordni u l-ħarsien tal-liġijiet. Minkejja li kellu jkollhom il-proprjetà u ma setgħux ikunu ordnati ma' xi ordni reliġjuża, fil-fatt kienu l-maħtura tal-Gran Mastru permezz tal-kaptani tal-milizzja.[94] Fi kliem ieħor, saru pupazzi f'idejn il-Gran Mastru. Dak li kellu xi importanza politika jew soċjali, li setgħet titqabbel ma' dik tal-qassis tar-raħal, kien il-kaptan tal-milizzja.[95] Ir-*relazione* ta' Borg tikxef kif is-setgħa tal-*contestabili* Medjevali naqset b'tali mod li r-responsabbiltà li ġġib magħha r-rappreżentazzjoni tar-raħal bdiet dejjem taqa' fuq il-qassis tal-parroċċa, sfidat politikament u soċjalment għal dak ir-rwol mill-kavallier li kien ikun il-kaptan tal-kumpanija militari lokali.[96]

L-artikulazzjoni sħiħa tar-raħal f'relazzjoni mal-istat kisbet dimensjonijiet differenti u tat definizzjoni ġdida lir-rwol tal-qbil kif ukoll tar-reżistenza. L-Assedju nnifsu hu mfakkar fir-*relazione* bħala żmien ta' reżistenza komunali u ta' atti erojċi, imma hu mfakkar ukoll bħala żmien li fih il-gżira kienet tmexxi lilha nnifisha xi ftit u kunsill ta' nobbli minn ħdanha kien ikun elett.[97] Il-propaganda politika mħeġġa mill-Istat igglorifikat il-qlubija tal-Kavallieri, b'mod speċjali ta' La Valette bħala l-protagonist tal-Assedju. L-għan kien li tkun iġġustifikata u msaħħa l-pożizzjoni strateġika tal-Ordni fuq il-gżira u biex ikun żgurat li t-telf tan-nies tagħha jkun interpretat bħala

sagrifiċċju għal kawża nobbli. Reżistenza patrijottika bdiet tiġi identifikata mal-motif reliġjuż u t-taqbida kontra l-Musulmani ma setgħetx ma tiħux bixra ta' Gwerra Qaddisa.[98] Dan il-motif 'ideali' kien għadu b'saħħtu fis-seklu tmintax, meta kruċjata mtawla kontra l-Musulman 'infidil', għadu kemm tal-Maltin kif ukoll tal-Ordni, setgħet tgħaqqad in-nies u l-Ordni f'għan wieħed.[99] Agius De Soldanis jagħti osservazzjoni ta' valur fuq dan is-sentiment fi *Nuova Scuola della Lingua Punica*, wieħed mid-djalogi li ħejja għall-verżjoni manuskritta mġedda tal-kitba tiegħu *Della Lingua Punica* (1750). Dan hu djalogu bejn żewġ nisa ta' klassi għolja, li hu ddeskriviehom bħala *puliti*, li jirreferi għall-biża' li kien hemm fl-1760 minn invażjoni tat-Torok. Waħda min-nisa tgħid:

Ma nistax nemmen li jiġu.
Stambur wisq bgħid minn Malta.
Is-salib beżżiegħi.
Qatt ma għamlu l-prova meta ħaduha magħna.[100]

Huma l-miti tal-gwerra mqegħdin f'epiċi, drammi, innijiet reliġjużi jew logħob tat-tfal, imżewġa ma' rakkonti kontemporanji, li anki wara ż-żmien, kapaċi jibqgħu jħallu l-influwenza tagħhom fuq il-kuxjenza etnika minn ġenerazzjoni għal oħra. Xi tradizzjonijiet antiki għadhom jitnikkru minn dan il-perjodu. Ngħidu aħna, iċ-ċelebrazzjoni tal-Karnival tibda bil-parata fl-għodwa tas-Sibt tal-Karnival, żifna bix-xwabel li suppost tfakkar ir-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok Ottomani fl-1565. Tikkonsisti f'kumpaniji ta' żgħażagħ jew subien lebsin ta' kavallieri, bi lbiesi twal suwed b'salib bi tmien ponot fuq quddiem u oħrajn lebsin ta' 'Torok', b'żigarelli b'kuluri jgħajtu u tarbux, u armati bi xwabel tal-injam. Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, il-parata kienet tittieħed bis-serjetà u l-Maltin kienu jistennewha fuq ix-xwiek għax ir-regola kienet li ma jkunx hemm Karnival jekk ma jkunx hemm il-parata.[101] L-animożità tal-Maltin għat-Torok xorta baqgħet ħajja fir-rimi tat-tfal u fil-logħob. Fl-1948, Cassar Pullicino sab li f'xi rħula Maltin, it-tfal kienu għadhom ikantaw din it-taqbila:

Dgħajsa galjotta
Dgħajsa xambekkin;
It-Torok kanalja
L-Insara qaddisin.[102]

Logħba oħra popolari hija *Malta Tagħna* u prattikament hija rikostruzzjoni tal-Assedju. F'din il-logħba, żewġ gruppi ta' tfal jirrappreżentaw 'it-Torok'

u l-Maltin rispettivament. Il-Maltin jilagħbu ta' difensuri waqt li t-'Torok' jippruvaw jaqilgħuhom minn posthom.[103] Il-fatt li dan il-logħob għadu jeżisti jissuġġerixxi li l-persistenza mtawla tal-mentalità tal-ġlied kontra l-Musulmani għenet biex tagħġen sens ta' etniċità komuni, biżżejjed biex jippermetti lill-komunità tassorbi l-effetti ta' tfixkil politiku,[104] filwaqt li tkompli ġġedded il-memorja tar-rebħa tagħhom fl-Assedju bħala ġurnata għażiża li għandha tibqa' titfakkar. Saru jidentifikaw ruħhom ma' tip ta' dikotomija: 'it-Torok' b'referenza għall-Musulmani, fil-biċċa l-kbira tagħhom mill-Afrika ta' Fuq; b''il-Maltin' li tirreferi għall-Insara u d-difensuri tal-fidi Nisranija. Għaldaqstant, biex tinżamm il-kontinwità, is-soċjetà Maltija tgħallmet tikkwalifika lilha nnifisha u b'hekk tkun qed tippreserva identità kontinwa li l-memorja u t-twemmin ġenerali jiddistingwu ruħhom minn dak li tkun qiegħda tgħix.

L-Assedju l-Kbir sar jirrappreżenta episodju kruċjali fit-tifkiriet kumplessi li taw sehemhom fil-ħolqien ta' identità Maltija, kemm fil-fatt kif ukoll fil-kunċett. Il-ġenerazzjonijiet li ġew wara ma tantx taw kas li missirijiethom tas-seklu sittax beżgħu malli raw l-Armada Ottomana fuq ix-xefaq f'dik il-ġurnata deċiżiva tat-18 ta' Mejju 1565.[105] Il-manjiera awtokratika u despotika li biha La Valette mexxa lil Malta kienet donnha minsija apposta.[106] Sas-seklu dsatax, La Valette sar jissimbolizza l-aħjar żmien ta' Malta, u ħaddan l-allegati kwalitajiet reali tal-komunità Maltija li ġew imdallma u mtebbgħa minn komplessitajiet moderni.[107]

Dan forsi jista' jispjega għala nazzjonalisti Maltin bħal Enrico Mizzi, kienu tant ħerqana biex jiċċelebraw l-*Otto Settembre* (il-jum li jfakkar ir-rebħa tal-1565 fuq it-Torok) bħala l-festa nazzjonali ta' Malta.[108] It-8 ta' Settembru ġiet iddikjarata bħala l-festa nazzjonali ta' Malta bl-inizjattiva ta' Fortunato Mizzi fl-1885.[109] Wara l-kisba tas-*self-government*, taħt l-ewwel amministrazzjoni responsabbli nazzjonali, kien inawgurat monument kommemorattiv proprju fil-qalba tal-Belt Valletta fit-8 ta' Awwissu 1927. Fil-fatt, il-monument jirrifletti x'kienet tfisser 'Rebħa' għall-Maltin meta kienu għadhom kolonja tal-Ingliżi. Il-Maltin jidhru bħala protetturi tal-Kristjanità u taċ-ċivilizzazzjoni Ewropea.[110] Billi enfasizzaw ir-rwol ta' Malta fl-Assedju miġġieled għall-ħarsien tal-Ewropa, il-Maltin kienu qegħdin jagħtu lilhom infushom passat Ewropew. Fi ftit kliem, l-elitisti Maltin irnexxielhom jipproduċu viżjonijiet tal-passat li minkejja li kienu populisti, kienu dawk tal-klassi intellettwali tradizzjonali ddominata direttament mill-Knisja jew minn dawk li ħadu l-edukazzjoni tagħhom min-nies tal-Knisja. Tal-klassi l-għolja ħolqu dawn il-viżjonijiet primarjament għalihom infushom iżda mis-seklu sbatax, irnexxielhom jgħadduhom lill-bqija tal-popolazzjoni.

## L-Implikazzjonijiet ta' Identità Maltija

Wieħed jista' jargumenta li l-figuri ta' San Pawl, tal-Konti Ruġġieru u ta' La Valette saru protagonisti fid-duttrina ta' leġittimità ta' Malta mis-seklu sbatax 'il quddiem. Fejn tidħol ir-relazzjoni storika tagħhom, isem l-Appostlu hu assoċjat mal-Kristjanizzazzjoni tal-gżira; it-tkeċċija tal-Musulmani ta' bla fidi u l-kisba ta' mexxejja Nsara hi attribwita lill-Konti Ruġġieru; filwaqt li La Valette hu relatat mad-difiża kruċjali ta' dan it-territorju Kristjan mill-Ottomani Torok Musulmani. Fi ftit kliem, it-tliet personaġġi jirrappreżentaw il-virtujiet tal-antenati, interpretati mill-perspettiva ta' sfond soċjali ta' kontroriforma Kattolika.[111] Il-figura ta' San Pawl hija simbolu 'minn t'isfel', fis-sens li tirrappreżenta l-espressjoni popolari mingħajr kumplikazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, il-Konti Ruġġieru u La Valette warajh, saru jirrappreżentaw sens ta' kburija etnika u qawmien nazzjonali rispettivament; tal-ewwel oriġinat mis-sens ta' identità distinta tal-Maltin; tal-aħħar mill-istat, jew aħjar, mit-tmexxija tal-Ordni nnifisha.[112]

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-ġeografija tista' toħloq limiti għal ċerti modi ta' ħajja u tinkuraġġixxi mod partikulari għat-tkabbir u għall-mudelli ta' fejn jagħżlu li jgħixu n-nies, l-identità u l-karattru nazzjonali iktar huma influwenzati direttament mill-perċezzjonijiet kollettivi mistura fil-miti u fis-simboli tal-komunità. Kull ġenerazzjoni tiret il-miti u s-simboli tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel, li l-valur tagħhom jinsab fil-ħila tagħhom li "...joħolqu rabtiet u jiġġeneraw 'soċjetà' fl-imgħoddi, permezz tal-unjoni mitika u emozzjonali ta' gruppi li jiġu minn xulxin li jaqsmu 'storja u destin' komuni."[113]

Wieħed jista' jargumenta li l-essenza tal-kuxjenza etnika Maltija ġiet imsaħħa u eventwalment mibdula f'kawża 'nazzjonali' fiż-żmien qasir li Malta kienet taħt il-Franċiżi (1798-1800), u laħqet il-qofol tagħha fi rvell kontra t-tmexxija Franċiża u l-iktar matul il-perjodu tal-kolonjaliżmu Ingliż li ġie wara. Il-laqgħa tal-Maltin ma' dawn iż-żewġ Qawwiet Kbar u ċ-ċivilizzazzjonijiet sofistikati tagħhom, wasslet lil xi Maltin biex jittrattaw ir-repubblikani Franċiżi u wara, lill-imperjalisti Brittaniċi, bħala punti ta' riferiment u mudelli li setgħu jimxu fuqhom. Wieħed irid jiftakar li l-Ingliżi oriġinarjament kienu ppruvaw jintroduċu forom ta' Protestantiżmu Anglikan fost il-Maltin iżda ma kienx irnexxielhom. Iżda l-amministraturi Brittaniċi, filwaqt li apprezzaw il-pożizzjoni strateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran, malajr indunaw li biex jibqgħu jgawdu l-fiduċja tan-nies, kellhom iħalluhom ħielsa biex jipprattikaw ir-reliġjon lokali. Għaldaqstant, il-protezzjoni tal-Knisja Kattolika f'Malta u l-kooperazzjoni mal-ġerarkija

tagħha, iffurmaw il-bażi li fuqha l-Ingliżi mmudellaw sakemm telqu fl-1964 ir-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat.

Finalment, ir-rispett tal-Maltin lejn l-Ingliżi jidher li kellu miegħu twemmin mifrux li huma kienu moralment superjuri. Fi ftit kliem, kienu jaqsmu sentiment ġenerali ta' superjorità 'reliġjuża' li setgħu waslu biex jużawha bħala forma ta' difiża morali tagħhom infushom. Fl-aħħar mill-aħħar, modi ta' mġiba lokali wasslu biex jagħżlu lill-Maltin mill-barranin. Fit-tentattivi tagħhom biex jigglorifikaw l-imgħoddi, il-Maltin użaw wisq l-eroj tradizzjonali tagħhom li allura bdew iservu ta' 'gwardjani' li jippreservaw il-limiti tal-komunità etnika. Wieħed jista' jargumenta li komunitajiet oħra li huma dominati politikament, jaqsmu tenaċità simili għat-twemmin tradizzjonali tagħhom bħalma jagħmlu l-Maltin għall-fidi Nisranija tagħhom.

Għaldaqstant, biex nazzjonijiet jibqgħu sodi, ma jistgħux ikunu mwaqqfa fuq ċentri etniċi iżda jridu jinkludu wkoll passat ħaj ibbażat fuq miti, simboli u valuri. Dan jispjega għala ġenerazzjoni wara oħra ta' intellettwali f'Malta, bħal f'postijiet oħra, jinxteħtu għar-rikostruzzjoni tal-imgħoddi li ma jiqafx isaħħar u ħafna drabi jipprovdi antidotu għall-professjonaliżmu akkanit tagħhom.[114] Ix-xbihat li joħolqu mill-ġdid isiru l-ipotesijiet inkonxji ta' ġenerazzjonijiet li jkunu għadhom iridu jiġu. Ħafna Maltin moderni jistgħu jkunu qegħdin iġorru magħhom sfond għas-sens ta' identità kollettiva tagħhom mingħajr ma jagħtu kasu, b'ipotesijiet bħal dik tal-kontinwità tal-Kristjanità f'Malta minn żmien in-nawfraġju ta' San Pawl, u r-rabta ferventi mal-fidi tagħhom. Il-miti nfushom, marbuta ma' dawk l-eroj li f'xi żmien għenu biex ifforma n-nazzjon u biex ġew stabbiliti l-fruntieri tiegħu u mfassal id-destin tiegħu, huma importanti ħafna.

Huma l-miti li jgħinu biex jiddeskrivu identità storika li, flimkien mas-simboli li jakkumpanjawha, tipprovdi kumpensi li qdiemu għal bidliet soċjali li ħafna tant jibżgħu minnhom. Bil-bidliet li kontinwament isirulha, b'episodji ġodda li jiżdiedu ma' kull storja, flimkien ma' kull kumment fuqha, tikkonferma l-eżistenza tal-komunità u tal-membri tagħha f'ċiklu kontinwu ta' fiduċja fihom infushom. L-istoriku Eric Hobsbawm jagħmel osservazzjoni konkreta meta jargumenta li miti 'tal-komunità' huma ppreservati u t-tradizzjonijiet ivvintati, biex jiżguraw li dawk li jirrappreżentaw fl-istess ħin isiru dawk li jkunu rappreżentati.[115] L-argument ta' Hobsbawm jissaħħaħ jekk wieħed iqis li l-istorja għandha tippreserva l-ħrafa kollettiva ta' grupp ta' nies, filwaqt li l-miti u l-memorji jeħtieġ li jkunu mġedda u jingħadu kontinwament biex ikun żgurat li l-komunità tibqa' ħajja. Il-grupp etniku għaldaqstant joħroġ mit-tiġdid

kontinwu u mir-ripetizzjoni ta' sett ta' valuri li spiss ikunu mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra fil-forma ta' ħrejjef jew miti.

Fil-każ ta' Malta, il-valuri kulturali komuni li qasmu bejniethom il-Maltin irriżultaw b'saħħithom kif ukoll vitali. L-impatt kulturali tagħhom tant kien qawwi li kienu determinanti fit-tiswir ta' identità kulturali Maltija u ffaċilita l-komunikazzjoni tal-Maltin bejniethom. Fis-seklu sittax, dawn il-valuri, irrappreżentati l-iktar mir-realtà Kattolika omnipreżenti, kienu diġà saru sinonimi mal-etniċità Maltija.[116] Wieħed jista' jargumenta li r-reliġjon irnexxielha toħloq omoġeneità kulturali li kienet isservi bħala mod ta' għajxien u wkoll bħala sistema ta' twemmin mill-Maltin kollha fil-fażi tal-istorja tagħhom meta l-Maltin etniċi, l-iktar dawk li kienu jgħixu fil-bliet ta' madwar il-Port, kellhom jaqsmu l-valuri soċjoekonomiċi u kulturali tagħhom ma' komunità mħallta ta' ħafna barranin – ħielsa u lsiera; Insara u Musulmani; Kattoliċi, Ortodossi u Protestanti. Fi kliem ieħor, ir-realtà Kattolika Maltija għamlet distinzjoni bejn in-nies tal-post u l-barranin. Dawn il-barranin ma kinux jissimpatizzaw mas-simboli u l-miti nazzjonali Maltin u għalihom, il-valuri etniċi Maltin li kienu rabbew l-għeruq tagħhom fil-wirt Kattoliku tal-gżira, ma kellhomx din it-tifsira.

**Noti**

1 Verżjoni ta' din il-ktiba nkitbet bħala kapitlu għat-teżi tal-Ph.D tiegħi għall-Fakultà tal-Istorja tal-Università ta' Cambridge fl-1994 u ġiet ippubblikata bħala t-tmien kapitlu [The Foundations of an Ethnic Community] fil-ktieb tiegħi *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta* (Malta: Mireva Publications, 2000). Ġiet ippubblikata verżjoni oħra fi *Studi sull'oriente cristiano* (Ruma, 2004), vol. 8 nru. 1, 101-130.

2 Sal-aħħar tal-Medjuevu, ħafna ordnijiet reliġjużi bħad-Dumnikani, il-Franġiskani Minuri, il-Karmelitani u l-Agostinjani waqqfu kunventi fil-belt antika tal-Imdina, jew fis-subborg tagħha, ir-Rabat. Il-kunventi Benedittini mwaqqfa fis-seklu ħmistax, u istituzzjonijiet oħra bħall-isptar ta' Santu Spirtu, kienu parzjalment reliġjużi.

3 Anthony D. Smith, *The Ethnic Origins of Nations* (Oxford: Blackwell, 1986) 26-29.

4 Jean Quintin d'Autun, *Insulae Melitae descriptio* (Lyon, 1536) inħarġu għadd ta' edizzjonijiet. It-traduzzjoni hija skont il-verżjoni ppubblikata bl-Ingliż minn H.C.R. Vella, *The Earliest Description of Malta* (Malta: DeBono Enterprises, 1980).

5 Ara eżempju Immanuel Wallerstein, *The Modern World-System*. I, (New York: Academic Press, 1974) 353.
6 Quintin D'Autun 43-45.
7 Quintin D'Autun 45.
8 Smith, *The Ethnic Origins* 36.
9 Peter Serracino Inglott, 'Kattoliċità Maltija: Jew il-Vokazzjoni tal-ħuttaba', Toni Cortis (ed), *L-Identità Kulturali ta' Malta* (Malta: Dipartiment tal-Informazzjoni, 1989) 265-267.
10 Henry Frendo, *Malta's Quest for Independence: Reflections on the Course of Maltese History* (Malta, Valletta Publishing & Promotion, 1989) 22.
11 Anthony T. Luttrell, "Girolamo Manduca and Gian Francesco Abela: Tradition and invention in Maltese Historiography", *Melita Historica*, vol. viii (1977) 128.
12 G. Wettinger u M. Fsadni, *Peter Caxaro's Cantilena, A Poem in Medieval Maltese* (Malta: Lux Press, 1968), 38; Wettinger u Fsadni, *L-Għanja ta' Pietru Caxaro. Poeżija bil-Malti Medjevali* (Malta: Printwell Ltd., 1983).
13 Carmel Cassar, *Society, Culture and Identity*, l-iktar xxi-xlix.
14 Wettinger, "The militia list of 1419-1420: A new starting point for the study of Malta's population", *Melita Historica*, vol. v (1969) 83, 86.
15 Quintin D'Autun, 45.
16 Luttrell, 'Girolamo Manduca and Gian Francesco Abela', 114; Giovanni Gatt Said, *Risposta del sacerdote Giovanni Gatt Said* (Malta, 1868, 52-53, n.(b).
17 Leonard Mahoney, "The church of St Paul at Rabat", John Azzopardi (ed), *St Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta* (Malta: Progress Press, 1990) 85.
18 "Minn dejjem kont nafha bħala tradizzjoni tal-antenati Maltin tagħna". Gatt Said, *La grotta di S. Paolo a Malta* (Malta, 1863) 67-69.
19 Pompeo Falcone, '"Una relazione di Malta" sulla fine del cinquecento', *A(rchivio) S(torico di) M(alta)*, vol. iv Fasc. i, (1993) 38; Carlo A. Vianello, 'Una relazione inedita di Malta nel 1582', *ASM*, vol. vii (1936)' 293; B(iblijoteka) N(azzjonali ta') M(alta), vol. 23, ff. 262-276 u ppubblikata fil-gazzetta tas-seklu dsatax *L'Ordine* nru. 18 bid-data 26.iv.1861. Giacomo Bosio, *Dell'Istoria della Sacra Religione Religione et ill.ma militia di S. Gio. Gerosolimitano.* Ktieb iii. (Ruma, 1602) 95 u G. F. Abela, *Della Descrittione di Malta isola nel mare siciliano, con le sue antichità ed altre notitie* (Malta, 1647), 222, 348 irreferew għall-kripta ta' San Pawl. Imbagħad, Giovanni Semprini, "Malta nella seconda metà del seicento", *ASM*, vol. iv (1933) 103, jinnota li "l-ġebla (mill-kripta) tintbagħat mad-dinja kollha".

20 Alfredo Stilon, "Alcuni nostri amuleti", *Archivum Melitense*, vol. vii (1926), 103.

21 George Zammit-Maempel, "The magical properties of rock from St. Paul's grotto, Malta", *Studies in Speleology*, vol. iii (1977) 29.

22 *Atti tal-Appostli*, xviii, vv. 3-5.

23 Ponzetti, *Libellus de venenis*, ii, Ktejjeb i, kap. 5; Alfonso Maria Di Nola, *Gli aspetti magico-religiosi di una cultura subalterna italiana* (Milan: Boringhieri, 1976) 75; Peter Burke, *The Historical Anthropology of Early Modern Italy* (Cambridge: C(ambridge) U(niversity) P(ress), 1987) 209. Ponzetti, tabib, li sar isqof u li jingħad li kiseb l-informazzjoni billi staqsa proprju lil dawk li kienu jfejqu. Possibbilment il-viżitaturi ta' Malta kienu *pauliani* li jfejqu jew bejjiegħa tal-'art Maltija' li mbagħad kienu jbigħuha lill-*pauliani*.

24 Zammit-Maempel, "The magical properties" 29-32.

25 Onorato Bres, *Malta antica illustrata* (Ruma, 1816) 444.

26 Carmel Cassar, "Visitors to St Paul's grotto in the seventeenth century", John Azzopardi (ed), *St Paul's Grotto, Church and Museum* 77.

27 John Azzopardi, "St Paul's grotto-history", *Il-Festa Tagħna* (Malta, 1983).

28 Luttrell, "Girolamo Manduca and Gian Francesco Abela" 117.

29 Ara l-lista inkompleta tal-passiġġieri għas-snin 1613-1616. A(rkivji) N(azzjonali ta') M(alta), M(agna) C(uria) C(astellania) R(egistrum) R(evelationis) M(anciporum) vol. unico: 1588-1617.

30 Il-passiġġieri kienu: Joanne Tacie, Franċiż li wasal fil-31.viii.1613; Giovanni Vulpe, Ġermaniż li wasal fl-14.ix.1614; Pietro Steynert, Ungeriż li wasal fit-18.iii.1615; Stefano Maccino ta' Bolonja (l-Italja) fit-22.iv.1616; Sylvestro Bene ta' Vjenna (l-Awstrija) u Ulficano Neult ta' Styria Bolonja (l-Awstrija) fis-27.vii.1616. MCC RRM vol. unico: 1588-1617 n.p., cf. Cassar, "Visitors to St Paul's grotto" 77.

31 Quintin D'Autun 45-47.

32 Gerard Bugeja, "The grotto motif in Pauline poetry", Azzopardi (ed), *St Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta* 218-219.

33 Manuskritti tal-BNM vol. 515 ff. 9v-15v. Il-kopji jinsabu fil-BNM vol. 631 u fl-A(rkivji tal-) K(atidral ta') M(alta), Misc. vol. 269 ta' Marc'Antonio Axac, "Relazione della nuova e grandissima divottione introdotta nella Sta. grotta di San Paolo nell'isola di Malta con breve raccolta delle cose notande et antichità de detta Isola".

34 Abela, *Della Descrittione di Malta* 236-242.

35 Din il-biċċa xogħol ta' arti li tirrappreżenta lil San Pawl illum tinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

36 Il-lingwista Malti Joseph Brincat ifisser li l-immigrazzjoni tal-Musulmani minn Sqallija daħħlet id-djalett Semitiku f'Malta. Fid-dawl ta' dan jista' jingħad li l-ilsien Semitiku wasal minn Sqallija, mill-gżira li ġeografikament tagħmel parti sħiħa mill-Ewropa. Joseph Brincat, *Malta 870-1054. Al Himyari's Account* (Malta: Said, 1991) 1-22.

37 AKM Misc. vol. 54, ff. 150-158.

38 Bugeja, "The grotto motif in Pauline poetry" 221.

39 Din it-tema kienu jirreferu għaliha ta' spiss matul iż-żjara ta' tlett ijiem li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta u kienet enfasizzata fis-27 ta' Marzu 1990, fit-taħdita ta' qabel telaq. B'mod li jista' jinftiehem, il-motto magħżul għall-okkażjoni kien: Pietru fil-gżira ta' Pawlu.

40 Luttrell, "The Christianization of Malta", *The Malta Year Book 1977* (Malta, 1977) 417. Fl-1599, ir-Rettur Agostinjan tas-santwarju Marjan tal-Mellieħa, Fra Aurelio Axach, spjega fix-xhieda tiegħu quddiem l-Inkwiżitur Mons. Antonio Hortensio (1598-1600) li waqt xi sessjonijiet ta' eżorċiżmu, id-demonji ta' dawk li kienu pposseduti qalulu li f'Malta hemm qaddis b'daqna twila u b'xabla f'idu – referenza ovvja għal San Pawl – li ma jippermettilhomx jimmaltrattaw lill-Maltin. A(rkivji tal-) I(nkwiżizzjoni ta') M(alta), Crim(inal Proceedings) vol. 16A każ 42, f. 380: 12.i.1599.

41 Eric R. Wolf, "The Virgin of Guadalupe: A Mexican national symbol", *Journal of American Folklore*, vol. lxxi (1958) 34.

42 Wolf 34.

43 Smith, *The Ethnic Origins* 67.

44 Vincent Borg, "Gerolamo Manduca: His life and works", *Melita Historica*, vol. vii no. 3, (1978) 237-258.

45 Joseph Cassar Pullicino, "Documentary material relating to 'L-Imnarja'", *Littérature Orale Arabo-Berbère*, Association pour l'Étude des Civilisations et des Littératures de l'Afrique Septentrionale, Pariġi, Bulettin Nru. 14 (1983) 23-26.

46 Bugeja, "The grotto motif in Pauline poetry" 217.

47 L-iktar evidenza bikrija tal-kult Marjan tmur lura għall-1274 meta hu magħruf li l-knisja tal-*castrum maris* (li wara saret il-Forti Sant'Anġlu – il-Birgu) kienet dedikata lil Santa Marija. M. Buhagiar "Late medieval Marian art in Malta", Mario Buhagiar (ed), *Marian Art – During the 17th and 18th Centuries* (Malta: Friends of the Cathedral Museum, 1983) 1.

48 Il-kult ta' San Publju nfirex fil-bidu tas-seklu sbatax. Ara l-kitbiet ta' Axac u Manduca li ġew diskussi iktar 'il fuq. Id-devozzjoni lejn Sant'Agata kienet diġà b'saħħitha f'nofs is-seklu sittax, l-iktar wara li beda jitwemmen li kienet strumentali

biex jitbiegħdu l-attakki tat-Torok fuq l-Imdina fl-1551. F'dik l-okkażjoni, Mastro Blasio Zammit, li pubblikament kien jiddubita mit-tqegħid tal-istatwa fuq il-ħitan tal-belt, kien ġie akkużat fit-tribunal tal-Inkwiżitur. AIM Crim., vol. 3B każ 63 ff 622-625: 18.vi.1574.

49 F'ħafna mill-parroċċi Maltin, il-kult tal-qaddisin, l-iktar dak ta' San Nikola, ta' Santa Katerina u ta' San Ġorġ, kienu diġà stabbiliti sewwa fis-seklu ħmistax.

50 Smith, *The Ethnic Origins* 15.

51 Paul Connerton, *How Societies Remember* (Cambridge: CUP, 1989) 3-15.

52 Wettinger, "The Arabs in Malta", f'Peter Serracino Inglott (ed.), *Malta: Studies of its Heritage and History*. (Malta: Mid-Med Bank, 1986) 87-88, 91-92.

53 Ara ngħidu aħna: *The Sunday Times of Malta (STOM)* 24.ix.1989, 20-21 u d-dibattitu ta' Brincat u Wettinger fuq kif il-kristjanità baqgħet ħajja f'Malta matul il-ħakma Musulmana: *STOM*, 11.ii.1990, 29; 18.ii.1990, 16; 18.iii.1990, 9; 8.iv.1990, 28.

54 Cassar, *Society, Culture and Identity* 268-286.

55 Din il-viżjoni ġiet imxerrda minn Gaetano Laferla, *Cenni storici sullo scudo e stendardo Maltese*, 6, Malta, 1841, imma għadha relevanti għal xi Maltin tal-iskola. Żewġ ittri lill-editur, waħda ta' Brincat u oħra ta' Mallia, ippubblikati f'*STOM*, 18.iii.1990, ħaddnu l-fehma li l-Konti Ruġġieru kien il-fundatur tal-Knisja tal-Katidral u ta l-kuluri tal-bandiera Maltija.

56 Connerton 43.

57 Cassar Pullicino, "Norman legends in Malta", f'Anthony T. Luttrell (ed), *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights* (London: British School at Rome, 1975) 100.

58 Għaldaqstant, għal ħafna mill-Maltin, ftit jgħodd li kien biss wara l-1127, matul ir-renju tal-Konti Ruġġieru II, li ħakma Nisranija kienet stabbilita tajjeb fil-gżejjer Maltin. Jidher li l-isem tar-re kien ġie mħawwad ma' dak ta' missieru, l-eroj Konti Ruġġieru. Cassar Pullicino, "Norman legends in Malta" 99. Skont Mario Buhagiar, "L-istorja ta' *Miġra l-Ferħa* ntqalet għall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta ta' Giovanni Antonio Vassallo, ippubblikata fl-1854. L-oriġini tagħha mhix magħrufa". G. A. Vassallo, *Storia di Malta* (Malta, 1854) 64. Ara Buhagiar, "The Norman conquest of Malta: History and mythology" Paul Xuereb (ed.) *Karissime Gotifride* (Malta: Malta University Press, 1999) 51-52.

59 Kwotazzjoni bbażata fuq Malaterra f'Cassar Pullicino, "Norman legends in Malta" 98.

60 Wettinger, "The Arabs in Malta" 87-88, 91-92.

61 James J. Fentress u Chris Wickham, *Social Memory: New Perspectives on the Past* (Oxford u Cambridge Mass.: Blackwell, 1992) 55.

62 Cassar Pullicino, "Norman legends in Malta" 96-97.

63 Aron Gurevich, *Medieval Popular Culture: Problems of Belief and Perception.* Trad. Ingliża (Cambridge: CUP, 1988) 8.

64 Gurevich 8.

65 Billi jibbaża lilu nnifsu fuq Al Himyari, Brincat jargumenta favur il-possibbiltà li ħadd ma kien jgħix Malta bejn it-871 u l-1049. *STOM*, 5.viii.1990, 24-25. L-argument li jpoġġi Brincat kien mistħarreġ minn Wettinger, 26.viii.1990, 23. Iżda fil-poeżija tiegħu *Ad Patriam*, miktuba ftit qabel l-Assedju Ottoman tal-1565, Luca de Armenia jixħet dawl fuq passat Kristjan kontinwu miż-żmien ta' San Pawl. Ara l-iktar Cassar, "O Melita Infelix. A poem on the Great Siege written in 1565", *Melita Historica*, vol. viii (1981), 153-154, u Cassar, *Society, Culture and Identity* 224, 289.

66 Luttrell, "The Christianization of Malta" 417.

67 Abela 80-81, 267; Cassar Pullicino, "Norman legends in Malta" 99.

68 Luttrell, "The Christianization of Malta" 415-416.

69 Wettinger, "Concubinage among the clergy of Malta and Gozo, 1420-1550", *Journal of the Faculty of Arts: The University of Malta*, vol. vi (1977) 164-184.

70 Cassar, "The Reformation and sixteenth century Malta", *Melita Historica – New Series*, vol. x (1988) 68.

71 Abela 221-242.

72 Abela 221-242.

73 Paul Frankl, *The Gothic: Literary Sources and Interpretations Through Eight Centuries* (Princeton: Princeton University Press, 1960) 341.

74 Frankl 362.

75 Abela 261.

76 Abela 259. Kif mifhum li dak iż-żmien il-Musulmani kienu jgħixu fil-belt fortifikata tal-Imdina, waqt li l-Maltin kienu jgħixu 'l barra mill-ħitan tagħha u fil-bqija tal-gżira.

77 Luttrell, "The Christianization of Malta", 418.

78 Smith, *The Ethnic Origins* 121.

79 Anna Collard, "Investigating 'social memory' in a Greek context", f'Elizabeth Tonkin, Maryon McDonald u Malcolm Chapman (ed.), *History and Ethnicity* (Londra u New York: Routledge, 1989), 91.

80 Wieħed ma jistax ma jagħrafx l-importanza tal-kontribuzzjoni ġeneruża tal-voluntiera barranin li qiegħdu ħajjithom fil-periklu u ħafna drabi tilfuha minħabba li kienu jidealizzaw il-kawża li kienu qegħdin jiġġieldu għaliha. Fost dawk li salvaw, xi wħud talbu għal attestazzjoni uffiċjali tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-Assedju, qabel telqu minn Malta. Bejn l-24 ta' Settembru u d-9 ta' Ottubru

1565, l-Imħallef tal-qrati tal-Gran Mastru ħareġ attestazzjonijiet li jippermettu li jitfittex il-valur tal-grupp ta' voluntiera. Għaxra minn dawn kienu Sqallin, tlieta Naplitani, tnejn Griegi minn Sqallija, wieħed Spanjol, u wieħed Portugiż. ANM, MCC, A(cta) O(riginalia), vol. 10 (1565), paġni mhumiex numerati.

81 ANM MCC C(edulae), S(upplicae et) T(axationes), vol. 3 (1566-1568), f. 46.

82 ANM MCC CST, vol. 3 (1566-1568), ff. 131v-132v.

83 ANM MCC CST, vol. 3 (1566-1568), f. 245.

84 Dominic Cutajar u C. Cassar, "Malta and the sixteenth century struggle for the Mediterranean", *Mid-Med Bank Report and Accounts* (Malta: Mid-Med Bank, 1985) 42.

85 Cassar Pullicino, "The Order of St John in Maltese folk memory", *Scientia*, vol. xv (1949) 150.

86 Pietro Bonello minn Ħal Tarxien tilef erba' sarma ta' qamħ MCC CST vol. 3, fol. 44; Blasio Bonnichi minn Ħal Luqa ddikjara li "...tilef l-annimali kollha tiegħu u dawk li kellu missieru wkoll". MCC CST vol. 3, f. 184.

87 MCC CST vol. 3, f. 184.

88 Iddikjarata waqt il-Kapitlu Ġenerali tat-12 ta' Frar 1566; BNM, AOM vol. 299, ff. 111-112; A(rkivji) A(rċiveskovili ta') M(alta) Visitatio Balaguer (1646) vol. xv, f. 152, jirreferi għall-ħsara fuq il-pitturi min-naħa tal-invażuri Ottomani waqt l-assedju tal-1565.

89 Ir-repressjoni politika toħroġ fil-kunflitt bejn il-Gran Mastru La Valette u Joseph Callus. Ara Wettinger, "L-attitudni tal-Maltin lejn il-Kavallieri" 7-14; Stanley Fiorini, "X'nafu dwar Callus?" 15-54; u Cassar, "La Valette bl-assedju riesaq", 55-62 f'Evarist Bartolo (ed), *Min Kien Callus?* (Malta: KKM, 2003).

90 Bosio 515-516.

91 Bosio 515-516.

92 Giovanni Mangion, "La letteratura barocca a Malta", *Journal of the Faculty of Arts: The Royal University of Malta*, vol. iv (1971) 269.

93 Wettinger, "Early Maltese popular attitudes to the government of the Order of St John", *Melita Historica*, vol. vi (1974) 257.

94 Wettinger, "Early Maltese popular attitudes" 260-265.

95 Wettinger, "Early Maltese popular attitudes" 270.

96 Wettinger, "Early Maltese popular attitudes" 268.

97 Wettinger, "Early Maltese popular attitudes" 271-278.

98 Paul Cassar, "Psychological and medical aspects of the siege of 1565", *Melita Historica*, vol. i (1954) 133.

99 Cutajar u Cassar, "Malta and the sixteenth century" 42.

100 BNM vol. 144, f. 195; Ġużè Cassar Pullicino, "Id-djalogi ta' De Soldanis", *Il-Malti* (1947) 122.

101 Cassar Pullicino, *Studies in Maltese Folklore* (Malta: Malta University Press, 1976) 22.

102 Cassar Pullicino, "Pirates and Turks in Maltese tradition", *Scientia* vol. xiv, (1948) 186.

103 Cassar Pullicino, "Pirates and Turks in Maltese tradition" 187.

104 Smith, *The Ethnic Origins* 40.

105 Ara nota 91 iktar 'il fuq.

106 Wettinger, "Early Maltese popular attitudes" 266-268, 274-277; Cutajar u Cassar, "Malta and the sixteenth century" 35, 51.

107 Smith, *The Ethnic Origins* 196.

108 Enrico Mizzi, *Per il VIII settembre 1565: Lampi e fremiti di vita nuova* (Malta, 1908) 7-8, 19-20.

109 Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience* (Malta: Midsea Publications, 1979) 31.

110 Herbert Ganado, *Rajt Malta Tinbidel*, vol. i (Malta, 1974) 359.

111 John Bossy, *Christianity in the West: 1400-1700* (Oxford: O(xford) U(niversity) P(ress), 1985) kap. 5.

112 It-temi huma popolari l-iktar fost il-Maltin kif jista' jidher mill-istampar ta' bolol kommemorattivi li jsir ta' spiss li jfakkru dawn it-tliet avvenimenti, b'mod speċjali l-konverżjoni tal-Maltin minn San Pawl li ġiet stampata għall-ewwel darba fl-1889. Ara: *J. B. Catalogue of Maltese Stamps*, 8 edizzjoni (Malta, 1991).

113 Smith, *The Ethnic Origins* 207.

114 Max Weber, *From Max Weber: Essays in Sociology* Hans Heinrich Gerth u Charles Wright Mills (ed), (Oxford: OUP, 1946) 176; Elie Kedourie, 'Introduction', Elie Kedourie (ed), *Nationalism in Asia and Africa* (Londra: George Weidenfeld and Nicolson Ltd., 1971), l-iktar 31-48; Smith, *The Ethnic Revival* 100.

115 Eric J. Hobsbawm, 'Introduction: inventing traditions', Eric Hobsbawm u Terence Ranger (ed), *The Invention of Tradition* (Cambridge: CUP, 1983) 1-14.

116 ANM MCC CST vol. 2 (1565-1566) l-aħħar folio; Cassar "*O Melita Infelix*" 149-155; Cutajar u Cassar, "Malta and the sixteenth century" 39; Cassar, *Society, Culture and Identity* 289.

# X'ħasibna? Għarab slavaġ tal-Mokololo? L-identità u l-Ewroċentriżmu fil-kitba ta' Manwel Dimech

Michael Grech

F'din it-taħdita beħsiebni nitkellem fuq aspetti mix-xogħol ta' Dimech li hu qatt ma ddiskuta b'mod sistematiku. Hemm kunċetti, bħal dak ta' identità, li Dimech spiss juża (anke jekk forsi rarament juża din il-kelma teknika) mingħajr iżda qatt ma jħoss il-bżonn li jispjega b'mod preċiż x'inhu l-kunċett, x'jimplika, lil min jinkludi u lil min jeskludi; minkejja li hemm bosta truf imxerrda fix-xogħol tiegħu li jagħtu ħjiel dwar id-definizzjonijiet li aktarx kien jagħti hu kieku xi ħadd talbu jagħmel dan. Hemm oħrajn, bħall-Ewroċentriżmu li lil Dimech żgur qatt m'għaddewlu minn moħħu, anke għaliex bħala kunċett twieled wara, minkejja li r-realtà u l-attitudni li għalihom jirreferi l-kunċett ta' Ewroċentriżmu kienu ilhom jeżistu minn snin qabel. Infatti, beħsiebni nagħmel dan l-eżerċizzju propju għax jirreferu għal xi ħaġa reali, xi ħaġa li hi minfuda u mlaħħma fil-ħsieb ta' Dimech.

Moħħ il-bniedem mhuwiex l-isfera li għaliha l-individwu biss għandu aċċess sħiħ, ċert u privileġġat, kif stqarru ħafna ħassieba wara Descartes. Ix-xogħol ta' ħassieba bħal Kant, Freud u Wittgenstein – differenti fil-punti tat-tluq, metodoloġija u konklużjonijiet tagħhom – wera d-difetti ta' dan il-mod li bih wieħed jifhem il-moħħ tal-bniedem. B'mod partikulari, Freud wera li kemm dak li ngħidu u nagħmlu, u kemm dak li ma ngħidux u ma nagħmlux jiżvela affarijiet li jeżistu f'moħħna anke jekk m'għandniex għarfien konxju tagħhom. Ovvjament il-każi li tratta Freud u l-mekkanika tagħhom, huma differenti mill-affarijiet li ser nitratta jien. Madankollu l-punt li jagħmel hu rilevanti

anke hawn: li l-ħsieb u l-aġir tagħna juru xejriet, xeħtiet u dispożizzjonijiet fil-ħsieb li jinsabu fil-moħħ, minkejja li ħafna drabi m'għandniex għarfien konxju tagħhom.

Tajjeb qabel inkompli li ngħid li r-riferenzi għax-xogħol ta' Dimech li juru x-xejriet, xeħtiet u dispożizzjonijiet tiegħu, mhux dejjem huma koerenti u loġiċi. Xi drabi kitbiet u referenzi li wieħed jista' jikklassifikahom b'ċertu mod huma miċħuda minn kitba jew silta li għandha spirtu ieħor. Madankollu, naħseb li hemm konsistenza biżżejjed biex wieħed jista' jislet ċerti lemħiet li, b'mod konxju jew inkonxju, Dimech kien iħaddan.

Ix-xejriet, ix-xeħtiet u d-dispożizzjonijiet ta' Dimech li għandi l-ħsieb li niddiskuti b'mod kritiku huma xejriet, xeħtiet u dispożizzjonijiet li hu kien jaqsam ma' bosta bnedmin oħra ta' żmienu, u li ma kinux speċifiċi għalih, minkejja li f'Dimech, bħal f'kull bniedem ieħor, għandhom tilqita u tiżwiqa partikulari. Dawn ix-xejriet, xeħtiet u dispożizzjonijiet huma parti minn ideoloġija, fejn f'dan il-kuntest bil-kelma 'ideoloġija' mhux qed nifhem programm jew duttrina politika, imma tifsila ta' ideat, twemmin u kunċetti li biha wieħed jifhem u jagħmel sens mid-dinja u r-realtà.

Mhux l-iskop tiegħi li ntella' lil Dimech qorti wara mewtu. Lanqas ma rrid ngħid li fl-aspetti li ser niddiskuti, Dimech kien uniku fi żmienu. Minkejja l-ammirazzjoni li għandi lejh, ser nipprova iżda, noħroġ xi limitazzjonijiet u nuqqasijiet li hemm fix-xogħol tiegħu, anke għaliex ħafna minn dawn il-limitazzjonijiet u nuqqasijiet għadhom jeżistu b'mod komuni ħafna fil-ħsieb tagħna llum.

## Xempju ta' żvilupp

Manwel Dimech kien bniedem li kellu l-għan iġedded u jaġġorna s-soċjetà, l-ekonomija, il-fasla politika u l-ħsieb ta' pajjiżu. Għan bħal dan jitlob xempju ta' tiġdid; mudell li lejh pajjiżna kellu joqrob jekk ried jilħaq l-iżvilupp meħtieġ. Bħala xempju tal-iżvilupp intellettwali, morali, politiku u soċjali ta' pajjiżna, Dimech kellu mudell mislut miċ-ċentri Ewropej u Amerikani. Hu ried li Malta tieħu xi ftit mid-"dawl tal-Punent."[1]

Mhux ta' b'xejn li għan ewlieni tax-Xirka tal-Imdawlin li Dimech waqqaf kien "li [Malta] ssir bħall-popli l-oħra tal-imdawla Ewropa u bħall-poplu kbir u tassew imdawwal tal-Amerika tan-Nord."[2] Kien dan il-mudell mislut mill-Punent li Dimech ried isawwar lil pajjiżna fuqu. Fost il-karatteristiċi ta' dan

il-mudell insibu l-iżvilupp tax-xjenza, l-għarfien ta' ċerti drittijiet, it-tħaddim b'ċertu mod u għal ċerti għanijiet tal-ekonomija, it-twaqqif ta' ċerti industriji,[3] il-ħolqien ta' tip ta' strutturi politiċi, it-trawwim ta' ċerti gosti estetiċi u attitudni tal-moħħ, u affarijiet simili. Fi żmien Dimech u wara, mhux kulħadd ħa jew irnexxielu jieħu dan il-mudell. Id-distinzjoni bejn min irnexxielu jħaddem dan il-mudell ta' żvilupp u min le twassal ovvjament għal distinzjoni bejn dawk li huma żviluppati u dawk li mhumiex; bejn dawk li qed jgħixu ħajja li skont dan il-mudell tirrappreżenta l-aħjar mod li bih il-bniedem jista' jgħix, u bejn dawk li għadhom ma jistgħux jgħixu b'mod tajjeb l-umanità tagħhom.

Dimech kien jaf li f'Malta ta' żmienu dan l-iżvilupp ma ntlaħaqx. B'mod metaforiku, jilmenta ma' Malta li qed tagħmel "għajb lill-Imdawla Ewropa int biss." Madankollu, kien jaħseb u jassumi li dan l-iżvilupp pajjiżna u l-poplu tagħna setgħu u kellhom jilħquh. "Malta hi biċċa mid-dinja, mela bħall-bqija tad-dinja jeħtieġ li tkun imdawla. Mela dawk kollha li mdawla ma jriduhiex, ikollhom bilfors jigdmu jdejhom it-tnejn bir-rabja."[5]

Madankollu, minn xi siltiet fix-xogħol tiegħu, wieħed jinduna li aktarx Dimech impliċitament ma kellux l-istess ħsibijiet u suppożizzjonijiet għal popli oħra. Il-mudell ta' żvilupp li ried Dimech kien jixbah lil dak ta' ħafna ħassieba fl-Ewropa moderna, l-aktar mill-Illuminiżmu 'l hawn. Issa bosta minn dawn kienu wkoll konxji li mhux kull poplu laħaq dan l-iżvilupp. Numru kbir minnhom fittxew raġunijiet għalfejn mhux kull poplu kien irnexxielu jilħaq dan l-iżvilupp imsemmi. Il-konklużjonijiet li waslu għalihom dawn il-ħassieba kienu diversi u varji. Madankollu, hemm konklużjonijiet, fehmiet u suppożizzjonijiet komuni għal ħafna ħassieba Ewropej, imma mhux bilfors għal kollha, li jispikkaw. Jidher li dawn il-fehmiet u suppożizzjonijiet, li huma jew verżjoni aktar kruda tagħhom ma kinux limitati biss għal ċrieki żgħar ta' ħassieba, ħallew xi impatt fuq il-mod li bih Dimech kien jara u jevalwa d-dinja, kif joħroġ b'mod ftit jew wisq approssimattiv minn dak li jgħid u minn dak li ma jgħidx.

Xtaqt nibda din il-kitba b'silta minn wieħed mill-iprem ħassieba moderni, il-filosfu u storiku Skoċċiż David Hume. F'wieħed mix-xogħlijiet tiegħu Hume jsostni li:

> Nissuspetta li n-natura għamlet lis-Suwed u b'mod ġenerali l-ispeċi oħra ta' bnedmin (hemm erbgħa jew ħamsa b'kollox) inferjuri għall-Bojod. Qatt ma kien hemm ġens ċivilizzat li ma kienx abjad. Lanqas kien hemm xi ħadd mhux abjad li spikka fl-aġir jew il-ħsieb tiegħu. L-ebda invenzjoni inġenjuża, sengħa jew xjenza ma ħarġet minn fosthom... ma setgħetx isseħħ differenza tant ċara u kostanti kieku n-natura nfisha ma għarfitx u ma firditx dawn it-tipi differenti ta' bnedmin.[6]

Dak li Hume jgħid f'din is-silta jimplika diversi affarijiet. Is-silta tagħti kriterji ta' x'jagħmel ġens ċivilizzat jew le, kriterji illi huma l-invenzjonijiet, ix-xjenzi u s-snajja'. Dan iwassal għal stampa lineari tal-istorja li timplika li poplu li jagħmel dawn l-invenzjonijiet, jikseb it-tali xjenzi u jitgħallem it-tali snajja' jkun mexa 'l quddiem u ċċivilizza ruħu, waqt li oħrajn li ma kisbu xejn minn dawn il-kisbiet, baqgħu lura u ma ċċivilizzawx irwieħhom. Dak li jgħid Hume jimplika wkoll li hi n-natura nfisha li ddeċidiet min jista' jiċċivilizza ruħu u min le. Jimplika wkoll li hemm rabta bejn il-kulur tal-ġilda ta' dak li jkun u kwalitajiet morali, intellettwali u fiżiċi li hu jkollu jew li jista' jkollu.

Il-kulur tal-ġilda, il-fattizzi fiżiċi u l-ħiliet marbuta magħhom donnhom jiffurmaw xi ħaġa tixbah lil xi tip ta' essenza; lil sett ta' karatteristiċi li jappartjenu għal membri ta' grupp u għal dawn biss; ngħidu aħna, skont Hume, bjuda, bżulija, industrija, intelliġenza jappartjenu għall-bojod, u għall-bojod biss. Hi n-natura li ddeċidiet li dan il-grupp biss għandu jew jista' jkollu kwalitajiet bħal dawn. Jekk dan hu minnu, nies li jappartjenu għal gruppi differenti huma essenzjalment differenti minn xulxin. Bejnhom u bejn nies li jappartjenu għal grupp ieħor hemm bħal "ħajt li ma jidhirx li jifred 'lilna' 'minnhom' [u allura] nassumu li t-tnejn ma jistgħux jintegraw flimkien."[7]

Dan għaliex, anke jekk ikun hemm qrubija fiżika u ġeografika bejn żewġ individwi jew bejn numri ta' nies li jappartjenu għal gruppi differenti, din il-qrubija ma tistax titwessa' biex tinvolvi kwalitajiet jew ħiliet teknoloġiċi, intellettwali, fiżiċi u forsi morali; li anke jekk jgħixu flimkien, dawn in-nies li jappartjenu għal gruppi differenti ma jistgħux iħalltu, idakkru u jbgħalu lil xulxin fi kwalitajiet bħal dawn. Jekk dak li jgħid Hume hu minnu, iswed jew grupp ta' suwed li jgħix/u fost il-bojod ma jistax jispikka fl-aġir jew il-ħsieb tiegħu, joħroġ b'xi invenzjoni inġenjuża, sengħa jew xjenza, minħabba li n-natura nfisha kkmandat hekk. Dak li jgħid Hume jimplika wkoll li poplu li qiegħed lura u li m'għandux il-karatteristiċi naturali, intellettwali u fiżiċi ta' ġnus ċivilizzati hu destinat li b'xi mod jibqa' fl-għelt tiegħu. L-aktar l-aktar jista' jsib xi poplu li mexa 'l quddiem li jidħol għalih u jħarsu minn nuqqas ta' żvilupp u ta' ħila tiegħu nnifsu.[8] Infatti, spiss dan it-tip ta' ħsieb wieżen u inkarna ruħu fil-kolonjaliżmu, fejn insibu

> dinja [kulturalment, umanament u moralment] maqsuma f'żewġ kompartimenti differenti [...] dinja maqsuma fi tnejn [...] li f'kull parti minnha toqgħod speċi distinta mill-oħra.[9]

Issa dan it-tip ta' ħsieb li jorbot il-progress f'diversi oqsma ma' invenzjonijiet, snajja' u ħiliet, u jaqsam b'mod essenzjali u assolut il-familja umana, ma kienx uniku għal Hume. Hu tip ta' ħsieb tipiku, forsi b'mod aktar impliċitu, ta' bosta ħassieba moderni (minkejja li mhux ta' kollha). Ideat simili jinsabu f'personaġġi prominenti bħal Kant, Disraeli u Jefferson. Li hemm komuni bejn dawn hu t-twemmin li hemm differenza essenzjali bejn nies differenti, u li hemm rabta bejn kwalitajiet fiżiċi bħal kulur tal-ġilda u fattizzi fiżiċi oħra, u l-kwalitajiet intellettwali u morali ta' dawn. Twemmin bħal dan kien ukoll mifrux ħafna fuq livell popolari. Hu tip ta' ħsieb li wieżen l-istampa kolonjalista msensla minn ħakkiema Ewropej li temmen li

> L-Ewropej rebħu d-dinja minħabba li n-natura ppredisponiethom għalhekk, waqt li dawk li mhux Ewropej kienu maħkuma għax in-natura tagħhom ikkundannathom biex ikunu kkolonizzati.[10]

Dan seta' jsir b'kuxjenza aktar safja, għax it-tħaddin ta' dan it-twemmin f'differenzi essenzjali bejn gruppi differenti ta' bnedmin spiss iġġustifika differenzi fil-kunsiderazzjonijiet morali li bnedmin kienu jagħmlu dwar bnedmin oħra li huma kienu jqisu bħala membri ta' ġnus u razez differenti minn tagħhom. Meta wieħed iħaddan twemmin bħal dan, jiġi kważi naturali li wieħed jistma, jittratta u jqis moralment lill-'oħrajn' b'mod li mhux l-istess bħal dak li wieħed jistma, jittratta u jqis moralment lil dawk li jappartjenu għall-grupp 'tiegħu'. Meta ġie applikat fil-kolonji dan it-tip ta' ħsieb wassal għal "dinja Manikea [...] li tiċħad l-umanità tal-maħkum u ...tibdlu f'annimal."[11]

## Tiġdid Ewroċentriku

Manwel Dimech kien jemmen li "Alla ma ħalaqx 'il-bniedem għad-dlam."[12] Għal Dimech, Alla ħalaq lill-bniedem għad-dawl. Id-'dawl' ta' Dimech hu t-"tagħrif siewi, dak it-tagħrif [li] jġiegħel, biex ngħidu hekk, ir-rieda [...] tiegħu l-azzjoni soċjopolitika meħtieġa."[13]

Minkejja li ma jistax jiġi ridott għal dawn, id-dawl jimplika aġir u ħsieb ta' ċertu mod. Dawn iwasslu lil bniedem biex jgħix ħajja hienja u verament umana. Għal Dimech, fejn hemm dan id-dawl hemm il-ġid u l-prosperità; fejn m'hemmx dawl hemm l-għelt u l-faqar: "Kulħadd jaf li ma hemmx għaks fejn hemm id-dawl. Kulħadd jaf li kull fejn hemm id-dlam hemm l-għaks."[14]

Bħal Hume u bosta ħassieba oħra tal-perjodu modern, għal Dimech il-bniedem irid jikseb ċerti invenzjonijiet, xjenzi u snajja' biex verament ikun mexa 'l quddiem – ħaġa li timplika l-istampa lineari tal-istorja li tgħid li poplu li mexa 'l quddiem f'ċerti invenzjonijiet, xjenzi u snajja' kiseb id-'dawl' u għamel progress. Dan kollu joħroġ minn kitbiet fejn, ngħidu aħna, hu jistqarr li l-prova "li poplu għadu salvaġġ jew barbaru hi dik li ma jkollux l-ilsien tiegħu miktub."[15]

Hemm mod 'ta' kif tkun nies' u mdawwal, li jidher f'affarijiet sempliċi tal-ħajja ta' kuljum bħall-kitba u anke l-ilbies. Il-mudelli għal dan kollu huma ħafna drabi Ewropej u borġiżi. Hekk Dimech iwissi lill-poplu ż-żgħir dwar dawk li qed jaħkmuh: "ma tarax li lanqas kif għandek tilbes biex tkun bħan-nies tal-pajjiżi tad-dawl ma jridu juruk."[16]

Aktar milli jmur kontra l-loġika li trid li wieħed irid jilbes ġlekk biex ikun nies, kif ngħidu aħna għamel Gandhi ftit tas-snin wara meta f'mument ewlieni tal-kampanja tiegħu kontra l-Gran Brittanja ħeġġeġ il-ħruq ta' lbies Ewropej li għal ħafna Indjani misqija kultura imperjalista kien sar ifisser titjib u progress,[17] Dimech jeħodha kontra r-raħlin li jaċċettaw li huma bhejjem u li għalhekk ma jistħoqqilhomx jilbsu ġlekk: "Mhux ftit huma dawk il-Maltin, l-aktar nett fl-irħula, li ma jridux jilbsu ż-żarbun u l-ġlekk biex ma jkunux bħas-sinjuri, għax jistħu jkunu bħas-sinjuri."[18]

It-tidwil tal-poplu Malti jimplika l-għajxien skont dawn il-mudelli msensla minn dik il-parti tad-dinja li kienet qed taħkem lill-bqija, aktar milli l-kritika ta' dawn. Dan jidher ċar meta Dimech jiddiskuti l-emigrazzjoni lejn postijiet bħall-Kanada. Minn banda hu jilmenta minħabba li n-nies t'hemm jidħku bil-Maltin li jkunu waslu minħabba l-manjieri u l-ilbies tagħhom,[19] iżda min-naħa l-oħra jinkoraġġixxi l-emigrazzjoni lejn postijiet bħal dan minħabba li

> n-nies tagħhom għandhom tant dawl [u] nies li jmorru f'artijiet bħal dawn ma jistax ikun li jibqgħu b'rashom mimlija bid-dlam [...] il-moħħ tagħhom [...] jinfetaħ sewwa [...] il-Maltin li qegħdin imorru hemm qegħdin isiru bħan-nies t'hemm.[20]

F'dan l-aspett Dimech jidher li ma kienx emanċipa ruħu mill-fasla tal-ħsieb kurrenti ta' żmienu bħalma, min-naħa l-oħra, kien għamel f'affarijiet oħra. Hekk ngħidu aħna, f'dik li hi identità u l-iżvilupp politiku marbut magħha, Dimech ma kienx jikkunsidra l-ġejjieni ta' pajjiżna f'termini ta' qrubija aktar mal-Gran Brittanja jew ta' difiża tal-element Taljan u l-kultura Taljana, imma f'termini primarjament Maltin. Ukoll, lanqas ma kien jaċċetta, kuntrarju għal

ħafna mill-politiċi ta' żmienu, it-twemmin li Malta hi destinata tkun ta' potenza oħra (aktarx il-Gran Brittanja), imma ġa jikkunsidra l-possibbiltà li Malta tkun repubblika indipendenti. Madankollu, f'dak li hu xempju ta' żvilupp għal pajjiżna, Dimech ukoll kien limitat mill-istess djuq li kien jillimita l-politiċi ta' żmienu. Dawn kienu jħaddnu:

> mudell [...] esklużivament Nisrani u Ewropew. L-*elite* Maltija bidlet il-mudell Britanniku ma' wieħed Taljan, u ż-żewġ mudelli kienu jikkompetu ma' xulxin fuq pjan komuni, u b'istituzzjonijiet u strutturi ta' interess simili. Il-kulturi u r-razez l-oħra kienu meqjusa barranija u soċjalment mhux aċċettabbli, ħaġa li saħħet l-etnoċentriżmu tal-Maltin. [21]

Dimech ma tantx imur 'l hemm minn dan kollu. Waqt li jsejjaħ "ħmerija"[22] l-fissazzjoni tal-politiċi Maltin ta' żmienu fuq it-Taljan u l-Ingliż, xorta jinsisti li, "Irridu aħna li wlied Malta ma jaħsbux bħal ulied is-sewda Afrika, imma bħala wlied l-Ewropa."[23]

## U l-oħrajn?

Dimech kien impliċitament iħaddan l-istampa lineari tal-istorja li temmen li poplu li mexa 'l quddiem f'ċerti invenzjonijiet, xjenzi u snajja' kiseb id-'dawl' u għamel progress, u oħrajn li ma kisbux dawn baqgħu lura u fid-dlam. Mhux kulħadd għandu d-dawl; mhux kulħadd daħal fit-"triq tal-progress li fiha daħlu jew deħlin in-nazzjonijiet kollha, barra minn xi slavaġ."[24]

Spiss Dimech jirreferi għal popli ta' mingħajr dawl b'isimhom. Ngħidu aħna, hu jirreferi għan-nies oriġinarji tal-Oċeanja bħala popli slavaġ u bla dawl.[25] Fil-*Bandiera* hu jsemmi bosta popli oħra li skontu huma bla dawl bħar-Russi,[26] iċ-Ċiniżi, l-Għarab, it-Torok,[27] id-Drużi,[28] il-Berberi,[29] il-biċċa l-kbira tal-popli mill-Asja,[30] il-Persjani, il-Griegi, il-Portugiżi u l-Ispanjoli,[31] it-Tartari,[32] kif ukoll il-"pajjiżi tal-Afrika, fejn id-dlam baqa' kbir."[33]

In-nuqqas ta' dawl ħafna drabi kellu għal Dimech konsegwenzi traġiċi għal dawn il-popli. Hekk f'ċerti nħawi fl-Afrika "nies tista' tgħid daqskemm tgħodd l-Ewropa kollha, tarahom ilsiera ta' nazzjon li ħdejhom lanqas ma tidher imma li għandha dawl aktar minnhom."[34]

Minn xi siltiet fix-xogħol ta' Dimech iżda, siltiet li tajjeb ngħid mhux dejjem huma konsistenti m'oħrajn, donnu joħroġ ukoll li hemm żewġ tipi ta' popli li jinsabu fid-dlam: dawk li jinsabu fid-dlam imma jistgħu ma jibqgħux fid-dlam

u dawk li jinsabu fid-dlam u li milli jidher huma destinati jibqgħu hemm. Fost tal-ewwel insibu l-popli ta' "Malta, Sqallija, il-Kalabrija, Sardinja u dawk il-pajjiżi l-oħra fejn biex jispiċċa l-għaks hemm bżonn li jispiċċa d-dlam."[35]

Mis-silta wieħed jista' jinnota li, għalkemm Dimech jirreferi wkoll għall-'pajjiżi l-oħra', l-imkejjen li jeħtieġ (u allura jista') jispiċċa minnhom id-dlam huma kollha Ewropej. Il-problema ta' dawn hi li donnhom qed jgħixu ħajja – dik tad-dlam – li ma tgħoddx għalihom

> Malta fl-Ewropa, mela ma jistax ikun li tibqa' tagħmel bħalma jagħmlu l-popli tal-Afrika u tal-Asja; Malta qiegħda taħt ix-xemx ukoll, mela ma jistax ikun li d-dawl ma jasalx sa fostna, bħalma wasal u qiegħed jasal fuq artijiet oħra.[36]

Bis-suppożizzjoni Ewroċentrika li huma jinsabu fid-dlam, il-mistoqsija ovvjament tqum jekk il-popli tal-Afrika u l-Asja humiex taħt ix-xemx ukoll, u jekk bħal Malta għandhomx sehem mid-'dawl' li fuqu Dimech jitkellem. Xi drabi Dimech jagħti ħjiel li r-risposta tista' tkun iva. B'universaliżmu tipiku tal-perjodu modern Dimech jemmen li f'kull poplu ssib nies li kapaċi jaħsbu.[37] Meta jitkellem dwar it-taqtigħa bejn il-Filippini u l-Amerikani Dimech isostni li "nies huma dawn u nies dawk, u n-nies m'għandhomx jibżgħu minn nies oħra, raġel jiswa daqs raġel ieħor."[38] B'mod ottimist jinnota li "fit-triq tal-progress li fiha daħlu l-Ewropej u l-Amerikani... deħlin ftit il-ftit saħansitra l-popli tal-Asja u tas-sewda Afrika."[39] Drabi oħra iżda, forsi b'mod aktar frekwenti, joħroġ li Dimech aktarx kien jemmen li sehem minn dan id-dawl, huma m'għandhomx "qamu n-nazzjonijiet l-oħra kollha, barra minn xi [...] slavaġ imxerrdin mal-Afrika, l-Asja u l-Amerika."[40]

Ftit qabel ma ġie eżiljat jinnota li "l-Afrika [hi mimlija minn] ħafna nies trabi, nies li tan-nies m'għandhomx ħlief biċċa mis-sura."[41]

Xi drabi donnu jiddubita jekk popli mhux Ewropej setax qatt ikollhom dawl. Dwar it-Turkija ngħidu aħna, art mgħammra minn ġens li hu kien iqis mill-aktar mudlama, Dimech isostni li "tqanżħet u qiegħda titqanżaħ biex tagħmel xi passi 'l quddiem bħan-nazzjonijiet tal-Ewropa [...] imma nsiet li mhix Ewropea."[42]

Kif intqal f'rabta mas-silta miġjuba minn Hume, donnha n-natura nfisha ddeċidiet sa mill-ewwel żminijiet li ċerti popli ma jistgħux jiċċivilizzaw ruħhom. Allura, jitħalltu kemm jitħalltu m'oħrajn, kollu għalxejn, bħallikieku hemm firda essenzjali bejniethom; ħajt li ma jidhirx li jifred poplu u l-kisbiet tiegħu, minn ieħor u l-kisbiet li dan tal-aħħar seta' jagħmel "it-Tork li wara bosta snin li għadda fl-Ewropa baqa' Barbaru wild l-Asja."[43]

Ċertament, l-'esklużi' mid-dawl huma dawk li l-poplu Malti m'għandux ikun; li hu ta' għajb għalina li nkunu fuq l-istess livell tagħhom "Ix-xirka trid li fejn jidher Malti flok jidħku bih [u] jxebbhuh lis-suwed [...] trid tarah [...] miġjub minn kulħadd."[44]

Issa Dimech kien jaf kemm popli ħakkiema jistgħu jkunu kattivi fl-isterjotipi li huma kienu jwaħħlu lil popli maħkuma, u kien ukoll konxju kemm dawn kienu msensla għal raġunijiet prattiċi, biex il-ħakkiema jsaħħu l-ħakma tagħhom fuq il-maħkuma:

> Il-ħsieb tal-Ingilterra huwa wieħed... li tneżżagħna minn kollox, tfarrakna kemm tista', li tneħħi minn ġo moħħna kull ħsieb u minn ġo qlubna kull tama li aħna nistgħu nkunu xi ħaġa.[45]

Għalhekk:

> Aħna nobogħdu mhux l-Ingliżi [...] imma xi drawwiet minn tal-Ingliżi [...] waħda minn dawn id-drawwiet li huma jmaqdru lilna l-Maltin, u jiktbu u jġibu fuqna l-aktar ħwejjeġ koroh.[46]

Kemm Dimech kien sensittiv għall-isterjotipi li kienu jolqtu 'l-Maltin jidher meta jikkundanna lill-Brittaniċi li skont hu kienu qed "ixerrdu mad-dinja li aħna l-Maltin nies koroh, maħmuġin, ħafjin, saqajna kbar, injuranti, qarriqin, ta' min iwarrabna fil-ġenb, eċċ."[47]

Ma' din il-lista drabi oħra jdaħħal titlu ieħor li minn kif jidher aktar 'il fuq f'din il-paġna, Dimech xejn ma jidher li kien kuntent bih; dak ta' iswed: "saħansitra qalu li aħna suwed,"[48] karatteristika, li kif jidher f'kitbiet oħra fil-*Bandiera,* hu kien jorbot ma' dawk imsemmija fis-silta ta' qabel u m'oħrajn simili.[49] Dimech ma tantx jidher li kellu opinjoni tajba fuq in-nies ta' ġilda sewda. Minkejja li jammira nies bħall-"poeta iswed ta' Kuba Placido de la Conception Caldu [li ħadha kontra t-tiranni u] qal lis-suldati Spanjoli li kienu sejrin jixkubettjawh *Soldados fuego*!"[50]

Isemmi b'qima n-nisa gwerriera tad-Daħomej,[51] ifaħħar l-aħħar mara sewda tat-Tażmanja li waqfet lill-Brittaniċi u lill-qalbiena ta' Ħaiti,[52] u jagħraf kemm kienu maħqurin minn ġnus bojod, kemm fil-kolonji[53] u kemm f'postijiet bħall-Istati Uniti (l-aktar qabel il-ħelsien tal-ilsiera minn Lincoln),[54] u jsejjaħ il-protesti li saru kontra l-ħatra ta' uffiċjal iswed mill-President Amerikan Teodoru Roosevelt "bluha! [minħabba li] Abjad u iswed kollha trab..."[55]

Għal Dimech is-suwed huma x-xempju ta' bosta mill-agħar difetti li l-bniedem jista' jkollu. Fil-biċċa l-kbira tal-kitbiet fil-*Bandiera*, numru ta'

ġnus suwed huma deskritti bħala slavaġ[56] jew nofshom slavaġ;[57] kannibali[58]; jilbsu ħażin jew għarwiena għalkollox;[59] injoranti; jobżqu[60]; ġellieda; jgħajru 'l xulxin; servili,[61] qarrieqa; drabi twajbin l-aktar jekk ma jafu xejn,[62] imma drabi oħra kiefra bil-bosta, anke ma' xulxin.[63]

Dimech għalhekk, jirrepeti fuq is-suwed l-isterjotipi li bosta Ewropej kienu senslu, u li wħud minnhom il-ħakkiema Brittaniċi kienu japplikawhom għall-Maltin. Aktar milli joħodha kontra din il-loġika li tikkundanna poplu min-natura tiegħu, Dimech donnu jippreferi jsostni li kundanni ta' dan it-tip ma jgħoddux għall-poplu tagħna; li fil-każ ta' Malta kien inġust li l-Brittaniċi jpoġġu fuq l-istess livell: "... *natives*... il-Maltin u l-bhejjem..."[64] mingħajr dan ma jimplika iżda, li m'hemmx popli oħra li għalihom kundanni u paraguni bħal dawn jgħoddu. Dak li impliċitament qed jagħmel Dimech donnu b'xi mod jixbah lil fenomeni simili f'nies maħkuma minn diversi postijiet fl-Afrika li studja l-kittieb mill-Antilli Frantz Fanon. Dan innota bħala fenomenu patoloġiku u psikoloġiku l-fatt li l-maħkum, aktar milli joħodha kontra l-loġika ta' inferjuri u superjuri li fuqha jissejjes il-kolonjaliżmu, spiss ifittex li jkun aċċettat mill-ħakkiem billi jipprova jikseb l-approvazzjoni ta' dan, u juri li l-kwalitajiet ħżiena li jattribwilu ma jgħoddux għalih, imma jgħoddu biss għal xi gruppi oħra ta' maħkuma.[65]

## Inviżibbli

Kif issemma aktar 'il quddiem, il-mudell Ewroċentriku ta' żvilupp ma kienx biss xempju ta' kif wieħed jifhem nies differenti f'termini ta' fatturi kulturali u kwalitaijiet intellettwali, artistiċi u morali, li kollha jindikaw differenza essenzjali bejn nies differenti. Ħafna drabi kien marbut ma' mod differenti ta' kif wieħed jikkunsidra moralment gruppi differenti ta' bnedmin. Issa kif deher fis-sezzjoni li għaddiet, Dimech għandu mudell Ewroċentriku ta' żvilupp, li jara f'xi ġnus Ewropej ix-xempju ta' dak li għandna nkunu u jqis lill-ġnus tal-Afrika u l-Asja bħala dak li m'għandniex inkunu. F'siltiet oħra mix-xogħol tiegħu, minkejja li mhux dejjem, jidher li din id-differenza hu jeħodha wkoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' kunsiderazzjonijiet morali u sensibbiltà għat-tbatija tal-proxxmu.

Dan jidher sew fil-kitbiet li fihom hu jirreferi għall-imperjaliżmu. Dimech jikkundanna kemm il-ħakma Brittanika ta' Malta u kemm l-imperjaliżmu u l-politika barranija Brittanika b'mod ġenerali. Hu konxju mhux biss tal-effetti

soċjoekonomiċi u politiċi ħżiena tal-imperjaliżmu Brittaniku, imma anke tad-dimensjoni kulturali li dan l-imperjaliżmu kien jieħu u r-rabta tagħha mat-tjassir ta' popli maħkuma. Hu jsemmi li l-Brittaniċi darrew lill-Maltin jaħsbu bħall-ilsiera.[66]

Dimech kien jaf li mod li bih il-Gran Brittanja kienet taħkem lil niesna kien billi tippreżentalhom l-Ingliż bħala l-mudell li lejh għandhom (mingħajr qatt ma jirnexxielhom perfettament) jersqu. Kien jaf li kien hemm ħafna li waqgħu għal din il-logħba: dik li sforz ix-xewqa tagħhom li jkunu dak li mhumiex iħarsu f'mera u jaraw wiċċ Ingliż.[67] Bl-akbar saħħa kien jikkundanna dan kollu.

> [J]ekk hija tant kbira fihom ix-xewqa li jidhru slavaġ [hawnhekk qed jifhem Brittaniċi]. Għaliex ma jqaxxrux il-wiċċ tagħhom ta' Malti wild il-Mediterran, u floku jqiegħdu wiċċ ta' Ingliż.[68]

Bħalma se naraw aktar 'il quddiem, lanqas il-mod li bih Dimech kien jara l-wiċċ ta' Malti ma kien ċar u nieqes mill-ambigwità.

F'kull kunflitt li fih kienet involuta l-Gran Brittanja, Dimech kien spiss iżomm mal-għedewwa tagħha. Madankollu, Dimech donnu jagħmel għażla ma' liema vittmi tal-imperjaliżmu jempatizza. Veru li xi kitbiet fil-*Bandiera,* Dimech jirreferi b'simpatija għal vittmi mhux Ewropej tal-imperjaliżmu Brittaniku: "... imsejknin li jinsabu fl-Awstralja, iż-Żelanda l-Ġdida u bnadi oħra...",[69] (minkejja li drabi oħra jirreferi għalihom bħala slavaġ)[70] u saħansitra l-mod li bih jitrattaw il-vittimi tagħhom bħall-Mahdi tas-Sudan.[71] Spiss kien jibża' li l-Maltin jista' jmisshom l-istess xorti ta' wħud minn dawn. (Dimech kellu manija dwar attentat mill-Gvern Brittaniku biex ikeċċi lill-Maltin minn pajjiżhom). Jitkellem dwar "gvern li ma jagħmlix ħaġa oħra ħlief li jfittex jeqridkom u jġibkom fix-xejn, bħalma sar lill-imsieken nies tat-Tasmanja u ta' bosta lokijiet oħra."[72]

Hu jirrapporta l-qawmien tan-nies ta' Axanti kontra l-Ingliżi: "L-Axantin, poplu Afrikan ieħor, qamu għalkollox kontra l-Ingliżi fuq l-infamitajiet tagħhom [...] qatlu bosta Ingliżi [u] qegħdin jingħaqdu sewwa"[73] u juri li kien iżomm u jissimpatizza magħhom,[74] bħalma jagħmel mas-Somali mmexxija mill-"Afrikan bravu 'Madmullaħ' "[75] li wkoll kienu qamu kontra l-Brittaniċi fl-1903.[76] F'artikli oħra hu jirrapporta kif il-Brittaniċi "bdew b'kull mod aħrax, vili u infami jisirqu n-nies u t-tfal Matabolin"[77] u jirreferi wkoll għall-ħakma Brittanika fiż-Żimbabwe tal-lum, fejn "nies li huma wisq twajbin u ma jafu xejn, saru lsiera tal-bojod Ingliżi li ħadu r-raba' u kollox f'idejhom."[78]

Il-ġudizzju aħħari ta' Dimech fuq il-kolonjaliżmu Brittaniku kien ta' "imperu [...] mibni fuq id-dahar ta' tant nazzjonijiet maħqura." Madankollu, fost il-bosta vittmi tal-imperjaliżmu Brittaniku, hu mal-Boeri, "dan il-poplu żgħir bħalna,"[79] nies Ewropej ta' dixxendenza primarjament Olandiża, li Dimech jissimpatizza u jempatizza l-aktar. Dimech jitkellem fit-tul dwar il-gwerra tal-Boeri. Hu jiddemonizza lill-Gran Brittanja, jidealizza lill-bdiewa Boeri li kienu qed jirreżistu lill-eżerċitu ta' dan il-pajjiż, u jeħodha kontra l-Maltin li żammew u ferħu mar-rebħiet Brittaniċi f'din il-gwerra:

> Kieku l-poplu kellu d-dawl ma kienx jifraħ u jagħmel il-festi u jaqbeż bil-bnadar Ingliżi f'idejh u madwar għonqu, u bil-biċċiet tar-ram tal-medalji fuq sidru għax l-Ingliżi kienu daħlu fi Pretorja, fil-belt ewlenija tal-qalbiena u le rieqda bħalna Transavalin, imma kien jibki u jxerred bosta dmugħ għax il-Boerin, nies ta' min iħobbhom u ta' min iżomm magħhom, talli kienu qegħdin jiddefendu l-art tagħhom, tilfu. [80]

Għal Dimech il-Boeri kienu "poplu ċkejken jgħix fil-paċi"[81] li l-'Lhudi' Joe Chamberlain ma ħamilhomx u qajjem gwerra kontrihom. Hawnhekk tajjeb insemmi diversi drabi meta Dimech jirreferi għall-għeruq Lhud ta' Joe Chamberlain bi frażijiet anti-Semitiċi komuni ħafna fi żmienu, "il-misħut missema Lhudi Chamberlain"[82] il-'Lhudi jew Nofsu Lhudi' li jrid jeqred mhux biss lil Malta imma lill-istess Gran Brittanja.[83] Hu ovvju li Dimech qed jirrifletti diċerija li tqajmet dak iż-żmien, dwar konfoffa Lhudija mifhuma biex teqred jew tiddomina d-dinja, diċerija li fl-Ewropa minħabba stmerrija lejn il-Lhud ta' xeħta reliġjuża, u mhux biss, sabet art tajba fejn tfannad l-għeruq tagħha.

Lura għall-Boeri. Dimech jirreferi għall-fatt li l-Brittaniċi riedu joqtlu "nisa u tfal [Boeri] u jridu jeqirdu r-razza kollha."[84] Mhix l-intenzjoni ngħid jekk Dimech hux qed jesaġera jew le. Madankollu, wieħed jista' jinnota li hemm nies oħra li huma tista' tgħid inviżibbli kompletament fil-kitba tiegħu – il-ġnus Żulu, Xosa, Tswana u Sepedi li kienu fl-Afrika t'Isfel ħafna qabel il-Boeri. Mhux għax Dimech ma jafx bl-eżistenza ta' dawn il-popli. Fil-*Bandiera* jirreferi għan-:

> nazzjon taż-Żulu u nazzjonijiet oħrajn bħalha, [li] għandhom tama fihom infushom u jikkumbattu u jċarċru demmhom u jgħinu rwieħhom kif jistgħu biex iżommu l-pajjiż tagħhom ħieles minn kull ħakma u madmad tal-barrani, iżda dan kollu xejn u xejn ma jservihom għax quddiem il-qawwa tal-kanun Ewropew, jaqgħu mija mija.[85]

Jirreferi wkoll għall-kolonji Brittaniċi fin-Nofsinhar tal-Afrika, u jistqarr li "artijiet [...] tal-Kolonja tal-Kap u tan-Natal bil-bqija [...] serqu 'l dawk il-popli żgħar suwed li f'dawk in-naħat jgħammru."[86] Jaf ukoll li popli indiġeni kellhom sehem fil-gwerra meta jsemmi li l-Brittaniċi armaw lill-Busuntin u lill-Kafrin ("is-suwed tal-Kap")[87] biex jiġġieldu favurhom,[88] u l-Boeri ssieħbu man-nies ta' ġnus indiġeni oħra.[89]

Madankollu tul is-siltiet twal li fihom jittratta l-ġrajjiet tal-Boeri dawn il-ġnus huma inviżibbli mhux biss fis-sens li kważi ma jissemmewx, imma anke fis-sens li m'hemm ebda kunsiderazzjoni morali għall-qtil u tindif etniku li dawn il-popli sofrew (l-aktar mingħand il-Boeri li Dimech tant jidealizza) kif ukoll għall-aspirazzjonijiet u x-xewqat tagħhom. Tant hu hekk li ftit wara l-aħħar silta miġjuba, Dimech iżid li "dik l-art kbira bi dritt tmiss lill-Boerin."[90] Lanqas ma jirreferi għall-interess li l-ġnus Afrikani msemmija kellhom fil-ġlieda bejn iż-żewġ gruppi Ewropej. Huma l-Boeri li Dimech iqis bħala l-"qalbenin ulied l-Afrika"[91] u mhux lil dawn il-ġnus indiġeni. Dimech jidealizza l-imġiba tal-Boeri tul il-gwerra, nies reliġjużi[92] u kollhom ħniena,[93] li kulma kienu qed jagħmlu kien li "jiddefendu arthom"[94]

Il-ġnus indiġeni ma jidhru mkien. Forsi dan in-nuqqas hu ġej mill-fatt li dawn il-ġnus jixbhu lis-"suwed Ugonej, li jgħixu bil-laħam tan-nies"[95] kif jiddeskrivi poplu Afrikan f'kitba oħra f'*Il-Bandiera tal-Maltin*?

Dimech lanqas ma jikkonsidra n-narrattiva (minkejja li f'kitba minnhom juri li kien konxju tal-eżistenza tagħha) li serviet ta' ġustifikazzjoni morali għal dan is-serq u t-tindif etniku li l-Boeri kienu għamlu; l-idea li hemm ġens (dak tal-Boeri) destinat jirbaħ artijiet oħra, mingħajr l-ebda konsiderazzjoni ma tingħata lin-nies tal-post.[96] Hi narrattiva li tixbah, minkejja li d-dinamika u d-dettalji huma differenti, lit-twemmin Żijonista li ftit snin wara kellu jwassal għall-qtil u t-tkeċċija ta' bosta Palestinjani minn arthom; lill-idea tal-*Manifest Destiny* Amerikana – idea li wieżnet moralment lill-Istati Uniti waqt li din kienet qed toqtol, tisraq u tattakka lill-indiġeni f'dawk li huma l-Istati Uniti llum[97] u lil popli oħra tal-kontinent Amerikan (ħaġa li Dimech jidher li kien jaf xi ħaġa fuqha meta jsejjaħ lill-President: "Mac Kinley il-ħabib tal-Ingliżi, il-qerried tal-Kubani u tal-Filippini."[98]); kif ukoll lill-ġustifikazzjoni popolari-reliġjuża li kienet twieżen l-istess imperjaliżmu Brittaniku li minnu Malta kienet tbati, u li tagħha Dimech kien konxju u lilha spiss kien jikkundanna.

> l-Ingliżi waħħluha f'rashom li huma l-poplu t'Iżrael, il-poplu maħbub minn Alla... (destinati li) jirbħu bogħod minn pajjiżhom sakemm qawwi u rebbieħ... isaltan għal dejjem bil-popli tad-dinja kollha taħt saqajh. Ma hemmx vers fl-Imqaddsa kitba li... ma dawruhx għalihom.[99]

Dimech isostni li minħabba din il-viżjoni, imxerrda minn "bosta fanatiċi [...] fosthom ma hemmx ftit awturi ta' Oxford u qassisin."[100] Il-Brittaniċi ma jitħalltux ma' popli oħra li huma jqisu inferjuri, u jħossuhom ġustifikati joqtlu 'l ħaddieħor u jagħmlu l-agħar ħniżrijiet.[101] Dawn il-"qassisin u isqfijiet [Protestanti] ixerrdu mad-dinja kollha li l-Ingilterra biss [...] taf, u ħadd għajrha ma jaf, kif għandu jikkolonizza pajjiż, jiġifieri jġib fix-xejn [...] in-nies tiegħu."[102]

Hu għalhekk ironiku li, flok jissimpatizza ma' vittmi ta' viżjoni simili (dik Boera), Dimech iżomm ma' nies li sawtu oħrajn għax qisu lilhom infushom iddestinati jmexxuhom, u dan kollu għax dawk li sawtu, qerdu u serqu lill-ġnus Afrikani kienu fi gwerra kontra l-Gran Brittanja.

## Imperjaliżmu tajjeb u ieħor ħażin

Tajjeb ngħidu li minkejja l-oppożizzjoni tiegħu għall-imperjaliżmu Brittaniku, Dimech qatt ma jikkundanna l-imperjaliżmu minnu nnifsu. Issa, kif isostni Memmi, il-kolonjaliżmu jimplika:

> Barrani li daħal f'art ħaddieħor b'aċċident tal-istorja, (u) li rnexxielu mhux biss isib post għalih, imma jieħu post il-bniedem tal-lokal, u li jagħti lilu nnifsu privileġġi misruqa minn dawn [...] Hu ħlejqa privileġġata b'mod illeċitu. Hu użurpatur.[103]

Dimech kien konxju ħafna tal-invadenza Brittanika f'Malta, u kien iqisha bħala illeċita u użurpanti. Minkejja ċerta inkonsistenza l-aktar fejn jidħol l-imperjaliżmu Franċiż, xi kitbiet juru li Dimech kien konxju li l-imperjaliżmu bħala tali, u mhux biss dak Brittaniku, m'għandux l-għeruq tiegħu fil-ġibda li l-Ewropej kellhom biex jgħinu lill-proxxmu tagħhom. F'xi siltiet mill-*Bandiera* jirreferi għall-"mikluba u għajjura Ewropa,"[104] u jsostni li r-raġunijiet tal-imperjaliżmu huma l-kummerċ u l-bżonn li dawn l-artijiet jittieħdu biex jinfetħu għall-kolonizzazzjoni mill-ħaddiema Ewropej. Kitbiet oħra juru li Dimech kien konxju li l-imperjaliżmu ma kienx twaqqaf għall-ġid tan-nies tal-post:

> Kull min jaqra l-ġurnali jaf wisq tajjeb fuq dak li qiegħed jintqal fuq il-popli tal-Afrika u xi oħrajn tal-Asja wkoll. L-Ewropa ssemmi 'l dawk il-popli mhux għall-ġid tagħhom, iżda għall-ġid tagħha... dawk il-popli għoddhom waqgħu kollha taħt id-dwiefer tal-Ewropej.[105]

Kien jaf ukoll li l-kolonjaliżmu wassal għal ċerta reżistenza min-naħa tal-maħkuma:

> Popli... bħalma huma dawk tal-Afrika ma qamux bil-kliem biex jiksbu din il-ħlusija (libertà) li kull bniedem għandu jkollu, imma qamu bl-armi f'idejhom u għad illi ma jistgħux iħabbtuha mal-bojod Ewropej jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jeħilsu minn dawn, billi jkeċċuhom mill-artijiet tagħhom... mal-Ewropej ma jistgħux iħabbtuha, għax neqsin mit-tagħlim, jiġifieri mid-dawl u [...] mill-armi; iżda mhux darba jew tnejn li taw xebgħa kif imiss lil dawn il-bojod, li jidhrilhom li għandhom jaħkmu dejjem fuq is-suwed.[106]

Madankollu, minkejja li jissimpatizza ma' xi vittmi tal-imperjaliżmu Ewropew,[107] aktar milli kundanna tal-kolonjaliżmu bħala fenomenu, il-ħsieb l-aktar qawwi li joħroġ mix-xogħol tiegħu hu li huwa l-imperjaliżmu Brittaniku li hu ħażin, u li l-Maltin ma jistħoqqilhomx jiġu ttrattati bil-mod li bih kienu jiġu ttrattati mill-awtoritajiet kolonjali: "Malta mhix xi skoll ġo nofs ta' baħar b'erba' għammarin slavaġ fuqha."[108]

Kemm Dimech ma jikkundannax l-imperjaliżmu bħala tali joħroġ minn diversi siltiet mix-xogħol tiegħu. Biex nieħdu eżempju, spiss jitkellem b'mod favorevoli dwar l-imperjaliżmu Franċiż. Hu jsostni, ngħidu aħna, li għal Franza hu naturali li tikber fil-Mediterran minħabba li f'dan il-baħar hi bħal "xitla fl-art u ilma tagħha."[109] Hu jinnota li Franza u l-Gran Brittanja ma jistgħux jikbru flimkien f'dan il-baħar, minħabba li t-territorju hu limitat. [110]
Dimech ikkunsidra biss dawn iż-żewġ ġganti jirfsu saqajn xulxin. Donnu ma jagħtix kas li biex kwalunkwe waħda minn dawn tikber f'dan il-baħar trid mhux biss tirbaħ il-konkorrenza tal-oħra imma taħkem fuq ġnus oħra li jgħixu f'dan il-Mediterran. Anzi, spiss, speċjalment fil-ħarġiet tal-*Bandiera* ta' qabel il-vjaġġ tiegħu f'Ġenwa, isemmi l-effetti tajba li l-imperjaliżmu Franċiż kien iħalli fuq in-nies tal-post. Lill-maħkuma, il-Franċiżi "jagħtuhom id-dawl u jibdluhom f'ħaġa aħjar milli jkunu. X'm'għamlitx [...] Franza biex tagħti d-dawl lill-Għarab tal-Alġier"[111] Preġju ta' Franza kien li "xxerred id-dawl tal-fidi mqaddsa Nisranija... sa qalb l-aktar nies slavaġ u kefrin wikkiela tan-nies."[112] F'xi kitbiet isemmi li jekk il-Gran Brittanja terħi lil Malta, ħakma Franċiża tkun tajba, anke jekk jippreferi pajjiż indipendenti.[113]

Hemm kitbiet oħra iżda, li juru li Dimech kien konxju li mhux il-maħkuma kollha kienu jaċċettaw il-ħakma Franċiża, u li din ukoll wasslet għal reżistenza min-naħa tal-maħkuma. Hekk ngħidu aħna Dimech iħabbar li "Fil-gżira tal-Madagaskar, in-nies qamu kontra l-Franċiżi"[114] u l-istess f'artijiet oħra minnhom

maħkuma.[115] Madankollu, fuq dawn il-ftit kitbiet ma jiftaħx u mal-maħkumin ma jasalx biex jempatizza.[116]

Kemm Dimech jara l-imperjaliżmu fil-Mediterran sempliċement bħala tiġrija bejn is-setgħat Ewropej u jinsa l-ġnus fil-biċċa l-kbira tagħhom Għarab li joqogħdu fin-naħa Afrikana ta' dan il-baħar u fil-Lvant Nofsani joħroġ minn tbassir li hu jagħmel dwar il-futur ta' dan il-baħar, bħal meta jgħid li l-Gran Brittanja hi ddestinata tħalli l-Mediterran "għan-nazzjonijiet Latini u forsi wkoll [għar-]Russja."[117]

Dimech saħansitra jikkunsidra aktar minn darba l-possibbiltà assurda li l-Maltin setgħu jespandu fl-Afrika, kieku wara li ħaduha kontra l-Franċiżi m'għamlux l-iżball li sejħu lill-Gran Brittanja tipproteġi lil artna!

> Għalkemm aħna nazzjon ċkejken kieku għarafna żammejna l-indipendenza tagħna kellna mnejn nikbru u nsiru nazzjon mill-akbar, jekk mhux fl-Ewropa, fl-Afrika [...] U tassew fost in-nazzjonijiet kollha ħadd ma jista' jikber daqsna fl-Afrika ta' fuq, fejn l-ilsien tan-nies huwa bħal tagħna, fejn l-ilsien Malti jifhmu kulħadd. Kieku Malta, padruna tagħha nfisha, laħqet qabdet b'mod jew ieħor, xi xiber art taħt idejha, kienet tista' twaqqaf bl-isforzi tal-gvern tagħha l-ilsien tagħha fuq l-oħrajn b'mod li bosta min-nies tal-pajjiż kienu jibdew jistudjaw, u b'hekk mat-tixrid tal-ilsien Malti jikber u jinxtered il-poplu Malti.[118]

Barra mill-Afrika ta' Fuq, kien hemm postijiet oħra fl-Afrika li fihom il-Maltin setgħu jikbru, artijiet taħt ix-xatt ta' Barbarija u s-Sudan, "artijiet kbar bil-bosta jew bla nies għalkollox jew mgħammrin bi ftit nies, u nies lura wisq f'dak li huwa dawl, u mhux ftit minnhom għadhom jaħsbu bħat-trabi."[119]

Ir-raġunijiet għalfejn il-Maltin setgħu jespandu f'dawn l-artijiet minkejja n-nies li kienu jgħixu fihom Dimech ma jgħidhomx b'mod espliċitu, minkejja li huma ovvji minn xi osservazzjonijiet li jagħmel.

> Il-Maltin waslu fi żmien li fl-art tagħhom ma jistgħux jgħixu iżjed u għalhekk qed jittajru lejn pajjiżi oħra fejn aktarx ibatu billi jsibu nies imdawlin aktar minnhom [...] Ladarba bqajna lura fit-tagħlim hemm bżonn li nfittxu li mmorru f'artijiet fejn il-ftit nies huma għomja hekk li fosthom inkunu slaten.[120]

Għal Dimech, issa kien il-mument li jitwaqqfu dawn il-kolonji minħabba li:

> Dawn l-artijiet bil-ftit qegħdin jaqgħu taħt idejn in-nazzjonijiet tal-Ewropa [...] artijiet bosta huma ta' tjieba kbira b'mod li jekk jiġu maħdumin minn nies imdawla jagħtu kull xorta ta' ġid [...] il-pajjiż jista' jsir qawwi u għani [...] F'dawk l-artijiet poplu jista' jikber bla ma jsib min ifixklu għax ma jintlaħaqx ħafif ħafif mill-Ewropej, li ma jridux ħlief jaħtfu artijiet ta' popli oħra.[121]

Dwar in-nies tal-post hu jsostni li: "Mis-suwed ta' dawk in-naħat ma hemm l-ebda biża', għax huma popli tfal, nies lura għalkollox. Jistgħu biss ibeżżgħu t-tfal żgħar u t-trabi billi suwed."[122]

Fuq naħa mela, Dimech qed jilmenta dwar il-fatt li l-Maltin ma indokrawx l-indipendenza li kienu kisbu. Fuq naħa oħra iżda, donnu qed jassumi li din l-indipendenza ma tgħoddx ukoll għal ġnus Afrikani u Għarab. F'dan kollu nistgħu nilmħu xi ħaġa li Edward Said jinnota dwar il-kolonjalisti Ewropej tas-seklu dsatax.

Kieku kont Brittaniku jew Franċiż fis-snin sittin tas-seklu dsatax, kont tara u tħoss lill-Indja u l-Afrika ta' Fuq kemm b'mod familjari, imma fl-istess waqt minn ċertu distanza. Qatt iżda ma kien jgħaddilek minn moħħok li dawn għandhom jew għandu jkollhom huma stess setgħa fuqhom infushom.[123]

Bħalma jiġri fil-każ tal-ġnus indiġeni tal-Afrika t'Isfel fil-gwerra tal-Boeri, f'bosta minn dawn is-siltiet mix-xogħol ta' Dimech il-ġnus Afrikani u l-Għarab, u l-aspirazzjonijiet tagħhom huma fil-biċċa l-kbira injorati. Il-possibbiltà li dawn jikbru (jew aħjar jitwieldu) u jistagħnew fil-baħar Mediterran u fil-kontinent tagħhom hi ġeneralment eskluża. Arthom hi meqjusa bħala 'territorju verġni' li jistieden lil ħaddieħor jidħol fih. In-nies li jgħixu fuqhom u d-drawwiet u s-soċjetajiet li stabbilew mhuma mogħtija l-ebda kunsiderazzjoni.

## Stampi tal-Għarab

L-Għarab huma eżempju ewlieni tal-limitazzjonijiet Ewroċentriċi fil-ħsieb ta' Dimech. L-Għarab kienu u għadhom problema għal bosta Maltin kemm minħabba l-qrubija fiżika tagħhom, u kemm minħabba l-bogħod – almenu fil-ħsieb, il-perċezzjoni u l-fantasija tagħna – fil-valuri, twemmin, reliġjon u ċiviltà li l-Maltin u l-Għarab iħaddnu. Fl-'inkonxju kollettiv'[124] Malti, l-Għarab spiss servew bħala "l-espressjoni ta' istinti ħżiena, ta' dlam li qiegħed f'kull ruħ, ta' xi ħadd selvaġġ u mhux ċivilizzat."[125]

Tajjeb insemmu, li tneħħi xi eċċezzjonijiet, f'xogħol Dimech ma nsibux id-demonizzazzjoni tal-Għarab ta' lemħa reliġjuża, kif wieħed kien isib f'bosta kittieba Maltin ta' żmienu. Ir-raġuni għalfejn għal dawn il-kittieba l-Għarab u l-Misilmin kienu meqjusa bħala l-'ieħor' u l-'għadu' pereċċellenza kienet primarjament reliġjuża; il-punt ta' riferiment storiku kienu kemm l-Assedju l-Kbir u kemm it-theddid tal-furbani għax-xtut. Ovvjament, f'dan l-eżerċizzju ta' demonizzazzjoni ninsew li aħna wkoll kellna s-sibbien tagħna. Wieħed

jista' jilmaħ dak li jitkellem dwaru Fanon meta jsostni li l-'inkonxju kollettiv' ta' poplu jew popli:

> jipproġetta – jew jittrasferixxi – dak li hemm fih... u joħrogħa u jitfagħha fuq xi ħadd ieħor. B'dan il-mod jelimina xi ħaġa li thedded l-istabilità tiegħu... kulħadd ifittex li jitfa' l-ħtija għall-ġibdiet u l-impulsi l-aktar baxxi tiegħu 'l hinn minnu... Is-sens ta' ħtija kollettiv hu mitfugħ fuq vittma li konvenjentement titgħabba bil-ħtijiet ta' nazzjon.[126]

F'Malta, għal ħafna snin, din il-funzjoni kienet tal-Għarbi/Musulman/Tork (li biż-żmien sar ukoll iswed). L-idea tal-Għarab bħala theddida wieżnet/kienet imwieżna mill-ħakkiema Ewropej tagħna, l-aktar mill-Kavallieri. Kif isostni Adrianus Koster:

> Kien ikun impossibbli għall-Kavallieri li jżommu Malta mingħajr ċerta għaqda. In-numru żgħir tagħhom, meta mqabbel mal-popolazzjoni lokali, kien jagħmilhom vulnerabbli għal xi rewwixta tal-Maltin u għal xi attakk minn barra. Hu fatt magħruf li l-biża' ta' theddida, vera jew mistħajla, iġġib l-għaqda. Allura, [...] waħda mir-raġunijiet li għaliha l-ġens Kattoliku Malti, kien jaċċetta l-ħakma ta' din il-klikka oligarkika barranija, kien minħabba li din kienet tipproteġihom mill-Musulmani kiefra.[127]

Dan l-eżerċizzju baqa' sejjer għal ħafna snin wara li l-Għarab u l-Musulmani ma baqgħux theddida, u li l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu telqu. Hekk f'bosta kittieba Maltin tas-seklu dsatax u l-ewwel snin tas-seklu għoxrin, l-Iżlam kien impinġi bħala għadu ewlieni li minnu l-gżira Kattolika tagħna rat għawġ u diżgrazzji. Il-karatteristiċi tal-Għarab Musulmani huma ta' nies kiefra, imlebilba sesswalment, fanatiċi, krudili u mhux ta' min jafdahom, li jidħlu minn barra ġo art fundamentalment Nisranija u Ewropea biex jeqirdu, jaħqru u joqtlu.[128] Bħal kull 'ieħor' l-Iżlam f'dawn il-kittieba mhux biss jikkuntrasta imma wkoll jikkumplimenta lill-karatteristiċi tal-Maltin, fidili lejn Alla u erojċi, minħabba li hi t-theddida tiegħu li tagħti lok biex dawn il-karatteristiċi ta' fidi u qlubija joħorġu.[129]

Issa din l-istampa tal-Għarab bħala theddida għall-Ewropa, u tar-reliġjon tagħhom, l-Iżlam, bħala ereżija reliġjuża (l-eżistenza ta' Għarab mhux Musulmani kienet ġeneralment injorata) u l-antiteżi tagħha (l-Ewropa bħala fundamentalment u essenzjalment Nisranija) kienet komuni fl-Ewropa fiż-Żmien Nofsani u fl-ewwel snin tal-era moderna. Fil-ktieb tiegħu *Orientalism,* Edward Said juri kif mill-aħħar terz tas-seklu tmintax 'l hemm, din l-istampa

ġiet abbandunata fiċ-ċentri ewlenin tal-ħsieb Ewropew. Kien hemm żvilupp u bidla fil-mod li bih fil-'Punent' ħassieba, intellettwali u mhux biss pinġew lill-'oħrajn' tagħhom. Hekk ngħidu aħna, it-tema tal-biża' ftit ftit tmewtet f'kitbiethom (forsi anki għaliex l-Ewropej bdew bil-mod il-mod jikkontrollaw u jaħkmu dawk l-artijiet li għalihom kienu darba ta' theddida).[130] Għalhekk "[i]l-moħħ tas-seklu tmintax seta' jifqa' l-ħajt imtella' bejn il-Punent u l-Iżlam u jara xi elementi ta' tqarrib moħbi bejnu u bejn l-Orjent."[131]

Dimech ukoll kien f'ħafna każi rnexxielu jmur 'l hemm minn kunsiderazzjoni purament reliġjuża tal-Għarab u t-theddida li dawn suppost kienu jpoġġu, minkejja li dan ma għandux jittieħed li hu neċessarjament kellu opinjoni tajba tal-Iżlam u l-Musulmani.[132] Dan jikkuntrasta ma' dak li wieħed kien isib f'ħafna kittieba Maltin ta' żmienu li kienu għadhom marbuta mal-mudell Medjevali. Ir-riferenzi għall-Assedju l-Kbir li ta' spiss insibu fix-xogħol tiegħu huma aktar mifhuma biex juru l-qlubija li darba kellhom il-Maltin aktar milli t-theddida għal pajjiżna li t-Torok, l-Għarab u l-Musulmani kienu jqanqlu.

Issa l-mod ġdid ta' kif, b'mod ġenerali, l-Ewropej bdew iħarsu lejn l-Għarab u l-Orjent mit-tieni nofs tas-seklu tmintax wassal biex dawn ma baqgħux jiġu meqjusa primarjament bħala theddida u bħala nies li jridu jħassru reliġjon vera. Kittieba bħal Edward Gibbon waslu biex apprezzaw diversi aspetti taċ-ċiviltà Għarbija.[133] Anke Dimech, f'silta li tikkuntrasta m'oħrajn, jasal biex isejjaħ lill-Għarab "poplu kbir."[134]

Dan l-għarfien min-naħa ta' kittieba moderni Ewropej ma jfissirx iżda li l-Għarab u l-'Orjentali' bdew jiġu meqjusa bħala ugwali għall-Ewropej jew mhux aktar opposti għalihom. Fil-perjodu modern bdiet tinxtered l-idea ta' dawn in-nies bħala nies strambi, għażżenin, sottomessi, fatalisti, despotiċi, splendidi, krudili, senswali, makakki imma jibilgħu kollox, bla enerġija u inizjattiva, moħħhom f'li jiftaħru, jikkonfoffaw, jaħqru 'l-annimali, giddieba, ġellieda, suspettużi u mhux kapaċi jaħsbu b'mod ċar, dirett u loġiku. Ovvjament, dan kollu kien f'kuntrast mal-Ewropej li huma razzjonali, paċifiċi, liberali, loġiċi fil-mod li bih jaħsbu u huma nies ta' ftit ħabi.[135] Ix-xeħta ta' dan id-diskors modern hija lajka u mhux aktar reliġjuża.[136] Għalhekk, flok f'termini ta' kunflitt bejn l-Iżlam u l-Kristjaneżmu, il-kuntrast u d-differenzi bdew jiġu mifhuma f'termini ta' kunċetti bħal razza, ta' fattizzi bħall-kulur tal-ġilda, ta' miti li jinvolvu l-oriġini u l-istorja taż-żewġ popli, ta' karatteristiċi bħat-temperament u l-karattru, u fatturi oħra bħal dawn.

Min-naħa l-oħra, fl-istampa Medjevali r-riferenza għal dawn il-karatteristiċi hi waħda minima. Veru li gradwalment, l-aktar wara r-rebħa mill-Għarab tal-Afrika, l-'ieħor' beda jingħata bixra skura fil-fantasija popolari. (Tajjeb ngħidu li din il-karatterizzazzjoni fuq bażi ta' kulur ingħatat mill-istess Musulmani fl-Afrika, bejn il-'Bajdan' fejn jgħixu taħt ħakma Iżlamika nies primarjament Għarab u Berberi meqjusa bħala Bojod, u s-'Sudan', il-parti Afrikana fejn jgħixu s-Suwed li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu ġeneralment iħaddnu twemmin tradizzjonali Afrikan). Madankollu, minnha nnifisha din il-bixra ma kellha l-ebda rabta mal-ħżunija ta' dawn. Il-Musulmani kienu l-għadu. Madankollu, l-għadu kien kemm abjad u kemm iswed. Ir-rabta bejn il-kulur tal-ġilda ta' dawn tal-aħħar u l-fidi suppost ħażina tagħhom kienet kontinġenti. Anzi, kien hemm għarfien ta' Nsara Suwed, dawk Etjopiċi, u tama li dawn, immexxija minn mexxej kbir jismu Ġwanni, sejrin jgħinu lill-Ewropa fil-ġlieda kontra l-Iżlam u jeqirdu lil dan tal-aħħar. Hu fl-għabex tal-perjodu modern, bir-rebħ mill-ġdid ta' Spanja mill-Insara, li t-transizzjoni bejn iż-żewġ stampi tal-ieħor tibda sseħħ.

L-istampa moderna tal-Għarab u ta' 'oħrajn' oħra hi f'ħafna każi agħar minn dik reliġjuża Medjevali. Waqt li intolleranti, fantastika u dejqa, din tal-aħħar ma kinitx tqis lill-Musulmani bħala bnedmin intrinsikament inferjuri għall-Insara. Dan jidher fix-xogħol ta' wħud mill-aqwa ħassieba ta' dak il-perjodu. Hekk ngħidu aħna, San Tumas t'Akwinu kien jassumi li l-Musulmani tista' tiddjaloga magħhom; mhux fl-ispirtu ekumeniku u interreliġjuż ta' llum, imma fis-sens li turihom, permezz tar-raġuni u tal-filosofija t'Aristotli, is-superjorità u l-verità tar-reliġjon Nisranija u, loġikament, l-inferjorità tar-reliġjon Musulmana, tant li kiteb is-*Summa Contra Gentiles* għal dan il-għan. Issa attentat bħal dan, għalkemm illum inqisuh intolleranti, almenu jassumi li l-'ieħor' hu razzjonali, u jekk ikun sinċier, għandu l-ħila jagħraf il-verità permezz tar-raġuni tiegħu. Anke meta kienu fiżikament fi gwerra u meta poġġew bħala għan tagħhom il-qerda tal-Iżlam, l-Ewropej tal-Medjuevu kienu jħallu possibbiltà lill-Mislem li jsalva; dik li jikkonverti. Stampa bħal din tidher f'xi xogħol ta' ħafna kittieba Maltin ta' żmien Dimech, fejn anke f'bosta minn dawn insibu rimedju biex l-Għarbi jinża' mill-kwalitajiet ħżiena tiegħu u jissaffa – dak li jiċħad dinu u jitgħammed, u b'hekk jieħu identità ġdida.[137]

Mhux l-istess jista' jingħad għal bosta ħassieba Ewropej Moderni. Hekk Immanuel Kant jemmen li:

> l-Għarbi hu l-aktar bniedem nobbli tal-Orjent. Madankollu għandu ħsus li faċilment jaqgħu fit-tiġrib. Hu jilqgħek, qalbu tajba u ma jigdibx; madankollu

> l-ġrajjiet, ir-reliġjon u l-ħsus tiegħu huma dejjem marbuta ma' xi ħlieqa. L-immaġinazzjoni għaġġilija tiegħu tippreżenta xbihat mgħawġa u mhux naturali, kif jidher anke mit-tixrid tar-reliġjon tiegħu.[138]

Minkejja t-tifħir dwar in-nobbiltà, is-sinċerità u l-qalb tajba, Kant iqis lill-Għarab bħala nies fantastiċi u għoġġieba, li l-aktar fakultà tar-ruħ li tispikka fihom mhix ir-raġuni, imma l-fantasija u l-immaġinazzjoni. Kuntrarju għal San Tumas, Kant impliċitament jeskludi kull attentat biex jikkonverti lill-Għarab għall-verżjoni razzjonali tal-Protestantiżmu li hu kien iħaddan mhux biss minħabba l-valur tat-tolleranza u d-diffidenza lejn ir-reliġjon uffiċjali tipika tal-Illuminiżmu li tiegħu hu kien l-akbar esponent, imma anke minħabba li l-lemħiet fantastiċi tal-Għarab kif jarahom hu ma jħalluhomx japprezzaw reliġjon imsejsa biss fuq ir-raġuni.

## L-Għarab preżenti u assenti fl-istess ħin

Kif jidħol Dimech f'dan kollu? Bħala ħassieb li ried li ma nibqgħux naħsbu tal-ilsiera u li riedna nibdew inħarsu lejn il-mera u nieħdu gost bil-wiċċ Malti tagħna u mhux nixtiequ nwaħħlu floku wiċċ ħaddieħor, żgur li rridu nqisu x'jaħseb jew ma jaħsibx dwar dawn in-nies li huma tant qrib tagħna. L-Għarab huma qribna mhux biss fiżikament, imma kuntrarju għal dak li jsostnu bosta karikaturi passati u preżenti, anke f'dak li għandu x'jaqsam ma' affarijiet oħra. Hemm qrubija fid-dixxendenza u l-kultura. Hemm, ngħidu aħna, xebh fil-problemi li nsibu biex nadattaw għal mudell ta' progress lajk li t-tnejn, fi gradi differenti, ħbatna u qegħdin naħbtu magħhom. Hemm qrubija fil-limitazzjonijiet fil-ħsieb tagħna, bħall-istampa tad-dinja u l-qasmiet tagħha f'termini primarjament reliġjużi li twassal għal karikatura ta' Ewropa-Punent-Kristjaneżmu fuq naħa u dinja Għarbija-Musulmana fuq oħra. Li kieku Dimech għaraf dan kollu – din il-qrubija fit-tajjeb u l-ħażin – dan l-għarfien seta' jinfluwenza d-dimensjoni politika tiegħu, minħabba l-mod li bih ħakkiema barranin u ġerarkiji lokali approfittaw mill-Għarbi u l-Musulman u l-biża' tiegħu biex iseddqu l-ħakma politiko-kulturali tagħhom.

Bħalma ġa ntqal, Dimech joħroġ minn karatterizzazzjoni primarjament reliġjuża u ġellieda tar-rabta bejn Malta u l-Għarab. F'xi kitbiet jammira xi affarijiet fihom[139] u f'każ minnhom jikkundanna lill-Maltin li kienu jġibu ruħhom ħażin ma' Għarab li kien hawn jaħdmu Malta.[140] Minkejja t-tifħir lil

Franza, kien jaf ukoll li l-Ewropej mhux dejjem kienu qed jittrattaw tajjeb lil dawn il-popli: "l-Għarab ta' xi pajjiżi Ewropej [...] imsejknin [...] jaħdmu għall-Ewropej bħalma bagħal jaħdem għal sidu."[141]

Madankollu, Dimech ma jasal qatt biex jemanċipa lilu nnifsu minn preġudizzji oħra lejn l-Għarab jew jagħraf il-qrubija tagħna lejhom b'mod li, jekk xejn, jgħinu jikseb stampa aktar realistika ta' x'jiġifieri tkun Malti.

Biex inkunu ċari, tajjeb li ngħidu li Dimech imkien ma jitkellem b'mod eskluživ jew sistematiku fuq l-Għarab. Barra minn hekk, mhux dejjem il-kitbiet differenti tiegħu huma konsistenti ma' xulxin. Kif għidna aktar 'il fuq, f'kitba minnhom Dimech jasal biex isejjaħ lill-Għarab 'poplu kbir'. Hemm kitbiet oħra li fihom Dimech jinnota xi progress li dawn in-nies skont hu kienu qegħdin jagħmlu: "bosta Għarab ħadu d-dawl u saru mdawlin xejn anqas mill-Ewropej"[142] u jilmenta li "tara Għarab li għandhom dawl aktar minn Maltin li jinsabu mdawlin f'dawn il-gżejjer."[143]

Id-dawl tagħhom iżda, mhux frott tal-kultura jew taċ-ċiviltà tagħhom, imma ħaduh b'mod jew b'ieħor mingħand l-Ewropej. Hekk ngħidu aħna, fl-artijiet Franċiżi, "taħt il-ħakma Franċiża bosta Għarab ħadu d-dawl, u saru mdawlin xejn anqas mill-Ewropej."[144]

Madankollu, hemm kitbiet oħra, spissi mhux ħażin, fejn it-ton huwa differenti. Bħalma fil-ħsieb tradizzjonali Malti, l-Għarab huma qrib iżda fl-istess ħin fil-bogħod, hekk ukoll fix-xogħol ta' Dimech l-Għarab huma ġeneralment preżenti u fl-istess ħin nieqsa, minkejja li b'differenza. F'lemħa simili għall-istampa Ewroċentrika tal-perjodu modern miġjuba aktar 'il fuq, spiss Dimech jonqos milli jagħraf il-kwalitajiet tal-Għarab u l-ħila tagħhom li jimxu 'l quddiem (minkejja kif ġa ntqal, li hemm kitbiet oħra ta' lemħa kuntrarja). Barra minn hekk, bosta huma s-siltiet li fihom jonqos milli jqis lil dawn in-nies fuq l-istess livell morali ta' bnedmin Ewropej.

Dan jidher b'mod ċar f'siltiet bħal din fejn Dimech jikkunsidra l-għajxien tal-Maltin li emigraw f'kolonji Franċiżi fl-Afrika ta' Fuq. Meta jikteb lill-Maltin ta' Tuneż, post fejn mar għal ftit żmien wara li ħareġ mill-ħabs meta serva l-piena tad-delitt ta' żgħożitu, Dimech jgħid: "Maltin ta' Tuneż intom li għandkom il-kbira xorti li tinsabu taħt il-bandiera Franċiża li kienet l-ewwel waħda ftit aktar minn 100 sena ilu li għallmet x'inhi l-libertà."[145]

Għal Dimech huma xxurtjati l-

> Maltin fl-art Franċiża, fejn il-bniedem jista' jaqla' bil-ħsieb tiegħu kemm għandu l-ħila, bla ma jsib [...] l-aktar gvern qerried u baxx, ifittex li jżommu mwaħħal mat-tajn tal-art. [146]

Hi ħaġa stramba kif persuna b'intelliġenza għarriexa bħal Dimech kien jippreżenta din l-istampa idealistika tal-Maltin ta' Tuneż. Dawn il-Maltin, bħal emigranti Ewropej oħra li ma kinux ġejjin mill-pajjiż li ħakem il-post (f'dan il-każ Franza), ngħidu aħna t-Taljani, ma kinux stmati ħażin daqs in-nies tal-post.

> [A]nke jekk spiss ikunu nieqsa, il-ftit loqom li awtomatikament jingħataw huma biżżejjed biex jifirduhom – b'mod sostanzjali – mill-maħkuma. Favoriti kemm huma favoriti meta mqabbla mal-maħkuma, huma għandhom it-tendenza li jistabbilixxu rabtiet ta' natura ta' maħkuma u ħakkiema. Fl-istess ħin, ma jaqblux mal-grupp tal-ħakkiema, m'għandhomx l-istess rwol tagħhom fis-soċjetà maħkuma, kollha jispikkaw b'xi mod.[147]

Madankollu żgur li ma kinux qed jgħixu l-qagħda kważi idillika tal-Maltin li jpinġi Dimech. (Ta' min isemmi li din l-istampa sabiħa titbatta fl-aħħar snin tal-ħarġiet tal-*Bandiera*, tant li fl-1913 Dimech jissuġġerixxi emigrazzjoni lejn il-Kanada aktar milli lejn l-Afrika ta' Fuq[148]). Kif sostna Albert Memmi madwar kwart ta' seklu wara dwar dawn: "(it-)Taljani u l-Maltin... spiss ikunu nieqsa... Il-faqar tat-Taljani u l-Maltin hu tali, li għandu mnejn jidher ridikolu li taħseb li dawn igawdu xi privileġġi."[149]

Minkejja dan, anke kieku kien veru li l-Maltin kienu stmati kif isostni Dimech, hu nuqqas kbir għal persuna ta' sensibiltà għall-batut bħalu li mkien ma jqis jekk il-Franċiżi kinux qed jgħaddu l-istess libertà u drittijiet li skont hu kienu qed jgħaddu lill-emigranti Maltin lill-popli indiġeni li kienu jaħkmu, f'dan il-każ lill-Għarab tat-Tuneżija. Hu nuqqas li bniedem bħal Dimech ma jagħrafx li l-ħila li wieħed jaqla' x'jiekol tajjeb bil-ħsieb tiegħu f'artijiet Franċiżi, li kif rajna kien jaħseb tgħodd għall-Maltin, ma kinitx tgħodd ukoll għall-Għarab, li ġo pajjiżhom il-Franċiżi u l-Maltin kienu marru mingħajr stedina. F'xi każi anzi, donnu jagħti l-impressjoni li din il-ħakma Franċiża kienet taqbel għan-nies indiġeni tal-post. Franza flok "li tfittex li tnaqqas u teqred in-nies tal-pajjiżi li tieħu... tfittex li żżidhom u tagħtihom id-dawl, kif jista' jara kull min imur sas-Senegal, sal-Alġier u artijiet oħra."[150]

Kif inhu ovvju, jekk ma kellu ebda konsiderazzjoni dwar it-tbatija u l-qagħda tal-indiġeni, lanqas ma jixtarr b'mod kritiku r-raġunijiet li l-ħakkiema kienu jagħtu biex jiġġustifikaw għalfejn ma kinux jagħtuhom drittijiet u libertà.

Dimech jidher li kien maħkum mill-attitudni impliċita jew espliċita li bosta Ewropej li marru fil-kolonji kellhom lejn in-nies tal-post; attitudni li kienet tispjega għalfejn kellhom kuxjenza tant rieqda dwar dak li kien qed isir. Din tidher ċara wkoll fil-kitbiet spissi dwar it-twaqqif ta' kolonji Maltin

fl-Afrika msemmija aktar 'il fuq. Meta madwar ħamsin sena wara jitkellem dwar il-kolonjaliżmu Franċiż f'parti oħra tal-Afrika ta' Fuq, l-Alġerija, Frantz Fanon jinnota li:

> Fl-Alġerija m'hemmx sempliċiment ħakma, imma d-deċiżjoni li l-maħkuma jkunu stmati fuq l-istess livell tal-affarijiet materjali li wieħed isib f'din l-art. L-Alġerini, in-nisa mgħottija, is-siġar tal-palm u l-iġmla, għandhom l-istess valur u funzjoni; dik li jkunu x-xenarju li fih isseħħ il-ġrajja tal-preżenza umana Franċiża f'din l-art.[151]

Din hi attitudni li, skont Memmi, il-ħakkiem Ewropew dejjem adotta fil-kolonji. Għall-ħakkiem Ewropew "il-maħkum [...] hu bilkemm bniedem. Hu jsir kważi oġġett. Fl-aħħar mill-aħħar, fl-ambizzjoni suprema tal-ħakkiem, għandu jeżisti biss bħala funzjoni tal-bżonnijiet tal-ħakkiem."[152]

Anke l-kitbiet pożittivi dwar l-Għarab imsemmija aktar 'il fuq, kitbiet li biex ngħidu s-sew bosta mill-Maltin ta' żmienu aktarx li ma kinux jaċċettaw, huma anqas ta' ġieħ jekk wieħed iqis sew il-kuntest li fih ingħadu. Meta Dimech jirreferi għall-Għarab bħala "dan il-poplu kbir, (hu jagħmel dan minħabba) li bit-tagħrif tal-ilsien tiegħu wieħed jista' jaqla' ħobżu bl-akbar ħeffa."[153]

Bl-istess mod Dimech hu kontra l-qtugħ tat-tagħlim tal-Għarbi minn Malta, anke għaliex għalih dak Malti hu l-uniku poplu fl-Ewropa li għamel dan (għal darba oħra l-Ewropa hi l-mudell ta' dak li wieħed għandu u m'għandux jagħmel; għal darba oħra r-raġunijiet imperjalistiċi għalfejn dan it-tagħlim tal-Għarbi kien imħeġġeġ fl-Ewropa huma injorati). Ir-raġuni iżda għala dan il-qtugħ kien ikkundannat, mhix biex il-Maltin ikollhom aċċess għal-letteratura, kultura, ħsieb u aġir tal-Għarab (minkejja li f'kitba minnhom Dimech juri li kien konxju tar-rikkezza tagħhom[154]), li f'dawn is-snin kollha kienu qed jgħaddu minn rinaxximent bit-twaqqif ta' bosta ġurnali u xrieki letterarji-kulturali-politiċi. Ir-raġunijiet ta' Dimech huma primarjament ekonomiċi. L-ilsien Għarbi hu "bil-bosta aktar meħtieġ mit-Taljan u [...] mill-ilsien Ingliż għalina l-Maltin l-aktar nett li nxħetna bl-eluf fl-artijiet tal-Għarab."[155]

L-ilsien Għarbi hu opportunità; opportunità purament u sempliċement ekonomika anke għaliex għal Dimech l-Għarab huma mxerrda mal-Afrika kollha. Din l-aħħar riferenza ġeografikament u etnoloġikament żbaljata – fejn donnu jitfixkel l-Għarab mal-Afrikani – tfakkar f'silta oħra, dik li użajt bħala titlu għal dan l-artiklu, fejn Dimech jirreferi għall-"Għarbi salvaġġ tal-Mokololo."[156]

Din is-silta iżda, mhux biss turi żball fil-ħsieb ta' Dimech li jħawwad l-Għarab mas-suwed Afrikani aktarx taż-Żambja,[157] imma wkoll il-mod żeblieħi li bih jirreferi għal dawn in-nies.[158] Minkejja li jidher li mhux kuntrarju għall-emigrazzjoni f'artijiet Għarab immexxija minn potenzi Ewropej, f'ħafna kitbiet l-Għarab huma dawk li l-Malti m'għandux ikun bħalhom. Ovvjament Dimech ma jara ebda rabta ta' dixxidenza mal-Għarab, bħalma ma jarax mal-Ingliżi u, kuntrarju għan-Nazzjonalisti ta' żmienu, mat-Taljani: "Għarab m'aħniex u anqas ma rridu nkunu, Ingliżi m'aħniex u lanqas ma rridu nkunu, Taljani m'aħniex u lanqas ma rridu nkunu."[159] (F'artiklu kontra Joe Chamberlain, li fih għal darba hu jirreferi għall-oriġini Lhudija tiegħu u jislet ċerti karatteristiċi ta' ħsieb u aġir minn dan il-fatt, Dimech jirreferi għat-tnissil Puniku tal-Maltin.[160] Dan it-twemmin hu kkonfermat f'kitbiet oħra fejn isejjaħ lill-Maltin "ulied il-Feniċi"[161] u f'oħrajn fejn, kuntrarju għall-politiċi pro-Taljani ta' żmienu, jiċħad li aħna ġens Taljan.[162] Madankollu, hemm kitbiet inkonsistenti ma' dawn, li fihom isostni li: "aħna poplu Latin."[163] u jsejjaħ lil Malta "*dina l-art Latina.*"[164]).

L-istat ta' Għarbi hi l-qagħda li l-Malti jaqa' fiha jekk ma jużax dehnu. Hekk Dimech jiddeskrivi lil bosta Maltin ta' Malta, lil wieħed li kien emigra f'art Għarbija: "*il-poplu Malti injurant għall-aħħar, aktar injurant mill-Għarab li fosthom intom tinsabu.*"[165] Dimech jispeċifika li

> Għidna Għarab mhux għax dawn mhumiex nies, imma għax xi ħwejjeġ li jagħmluhom l-Ewropej u l-Amerikani, u li daż-żmien hemm bżonnhom wisq u li mingħajrhom wieħed ma jistax jimxi 'l quddiem, ma jagħmluhomx.[166]

Ngħidu aħna, hu jfaħħar liż-Żwieten talli fetħu skola ta' billejl minħabba b'hekk: "[H]add iżjed ma jidħak bikom, ħadd ma jgħid intom Għarab."[167]

Għal Dimech l-Għarab jinsabu f'qagħda ekonomikament ħażina għax huma injoranti, u jekk għandhom xi ħaġa tajba din aktarx għax daħħluha l-Ewropej.[168] Mingħajr l-Ewropej huma aktarx jaqgħu lura fl-agħar barbariżmu.[169] Fil-ġlieda li hu kellu mal-Konservattivi Maltin, Dimech iqabbel lilu nnifsu mal-Ewropa u lill-għedewwa tiegħu mal-Għarab.[170] Barra milli injoranti,[171] għal Dimech l-Għarab huma ġeneralment fanatiċi[172] u tidħak bihom faċilment imma fl-istess ħin qarrieqa,[173] minkejja li jagħraf li fil-passat kellhom ċerta kburija.[174] Il-qerq tagħhom Dimech iqabblu mas-sinċerità tal-Ewropej.[175] Veru li f'xi siltiet mill-*Bandiera* Dimech juri li aktarx ma kienx jorbot is-superjorità Ewropea mal-kunċett ta' razza u ma jqisx il-qagħda ħażina tal-Għarbi bħala xi ħaġa irrimedjabbli (minkejja li fl-artiklu dwar it-Torok imsemmi aktar 'il fuq

jidher li xi drabi kien iħaddan twemmin bħal dan dwar nies li skontu baqgħu lura). Meta jitkellem dwar il-kolonji Maltin mixtieqa minnu fl-Afrika ta' Fuq, Dimech isostni li "Kemm il-Għarbi jiċċivilizza ruħu jista' jissejjaħ Malti."

Madankollu, kif jidher f'din id-dikjarazzjoni, ir-rabta bejn Maltin u Għarab mhix orizzontali. Għarbi jimxi 'l quddiem jekk isir Malti; Malti jibqa' lura jew jaqa' jekk ikun fi stat t'Għarbi. Il-mudell min-naħa l-oħra li l-Malti għandu jfittex li jilħaq hu kif rajna purament Ewropew u tal-Punent. Progressiv kemm kien progressiv il-ħsieb ta' Dimech, meta mqabbel ma' politiċi Konservattivi, elitisti u Romantiċi-fantastiċi Maltin ta' żmienu, xorta hu mimsus minn:

> ħolma Ewropea [li] teskludi kull alternattiva etnika u kulturali oħra. Il-ġibda donnha naturali li għandna għal min hu b'saħħtu u setgħan tidher meta nerżaltaw l-Ewropeiżmu. Li tkun Ewropew ifisser li ma tkunx imniġġes minn kulturi mhux Ewropej. [176]

## Xquq

Kif rajna fis-sezzjoni l-oħra mela, hemm ħames aspetti ta' kif Dimech jikkunsidra jew jonqos milli jikkunsidra l-Għarab. Hemm in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni f'termini primarjament reliġjużi-Medjevali, ħaġa li min-naħa l-oħra kienet tipika ta' bosta Maltin ta' żmienu. Hemm in-nuqqas illi jagħraf xi qrubija tal-Maltin lejn dawn in-nies. Ġeneralment, imma mhux dejjem, hemm in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni morali għall-aspirazzjonijiet u t-tbatijiet ta' dawn in-nies. Hemm ukoll il-kunsiderazzjoni tal-Għarab u t'artijiethom bħala opportunità primarjament ekonomika. U fl-aħħar nett, hemm kitbiet fejn l-Għarab huma meqjusa bħala dak li m'għandniex inkunu.

Minkejja din tal-aħħar iżda, il-qrubija reali tal-Maltin mal-Għarab u ma' ġnus Semitiċi oħra hi ħaġa li Dimech, bħal kull Malti u Maltija oħra ta' żmienu u ta' żmienna, ma jistax jaħrab minnha. Hemm diversi żelqiet f'dak li jgħid li juru din il-qrubija. Waħda mill-aktar importanti għandha x'taqsam mal-lingwa. Dimech jorbot mill-qrib ħafna l-lingwa, l-identità u l-ħelsien kulturali, intellettwali u politiku ta' poplu: "Nazzjon u lsien huma ħaġa waħda; titlef dik meta jintilef dan."[177]

Issa jekk hu hekk, Dimech ikollu jammetti l-qrubija tal-popli tagħna ma' dawk Semitiċi. Dimech kien jagħraf li l-ilsien Malti u dak Għarbi huma marbuta flimkien, tant li sejħilhom 'aħwa'.[178] Kif jista' għalhekk Dimech jagħraf dan kollu, imma fl-istess ħin jidentifika lil Malta biss mal-Ewropa, juża l-Għarab

bħala x-xempju ta' dak li m'għandniex inkunu u donnu jassumi li dawn, bħall-bqija "tal-popli tal-Afrika u tal-Asja [...] oħra"[179] destinati jibqgħu fid-dlam? Kif jista' Dimech isostni li "l-ilsien tagħna l-Maltin huwa l-Malti, ilsien wisq isbaħ u bil-wisq aktar nobbli mill-Ingliż għax ġej mill-ilsien imqaddes t'Abraham"[180] u fl-istess ħin ikun preġudikat kontra l-Għarab, u anke kontra l-Lhud, kif jidher mill-kitbiet kontra Chamberlain? Żelqiet bħal dawn juru n-nuqqas ta' mudell ta' kultura, identità u appartenenza li jtella' ħitan u fruntieri li ma jinfdux, u li jifirdu lil ta' lil 'hawn' minn ta' lil 'hemm'. Juru li l-identitajiet huma "mdakkra, eteroġenji, differenti b'mod straordinarju u varji"[181] u li kull min jiċħad dan qed finalment jiċħad dak li huwa fih innifsu hu stess.

## Għeluq

Kif intqal fil-bidu, l-iskop ta' dawn il-ħsibijiet mhuwiex li Dimech jgħaddi ġuri. Bħal kull bniedem ieħor, Dimech għandu l-limitazzjonijiet impliċiti u mhux intenzjonali tiegħu li, jekk l-interpretazzjoni li tajt hi tajba, juru nuqqas ta' natura anke morali. Issa jekk Dimech, li personalment inqisu bħala l-isbaħ tiżwiqa ta' impenn politiku-morali, analiżi u spiritwalità,[182] li nsibu f'Malta fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u l-ewwel snin tas-seklu għoxrin kellu nuqqasijiet bħal dawn, kemm aktar għandna bżonn nagħmlu eżami tal-kuxjenza aħna dwar ix-xejriet, xeħtiet u dispożizzjonijiet impliċiti jew anqas impliċiti li jnaqqsu mid-dinjità u l-valur morali ta' persuni li nqisu differenti minna?

## Noti

1 *Il-Bandiera tal-Maltin* 27.xii.1911.
2 *BTM* 5.iv.1913.
3 Ara *BTM* 14.iv.1900.
4 *BTM* 25.iii.1905. Ara wkoll *BTM* 6.viii.1913.
5 *BTM* 1.viii.1914.
6 David Hume, *Essays Moral and Political* (Londra: 1742).
7 Michael Grech, "Min Jibża' mir-Raġel l-Iswed?" Michael Grech (ed.) *Knisja tat-Triq* (Malta: Pubblikazzjoni Awl, 2006) 97.
8 Ara Frantz Fanon, *The Wretched of the Earth* (Middlesex: Penguin, 1967) 170.
9 Fanon, 29 u 'l quddiem.

10 Albert Memmi, *The Colonizer and the Colonized* (Londra: Condor Books, 1974) 114.

11 Fanon 31.

12 *BTM* 11.x.1913.

13 Mark Montebello, *Dimech* (Malta: PEG, 2004) 181.

14 *BTM* 10.i.1914.

15 *BTM* 10.i.1914. Ġa fil-*Bandiera* tal-14.iv.1900 jilmenta li: "aħna biss [...] fost in-nazzjonijiet kollha li mhumiex slavaġ, m'għandniex kotba bl-ilsien tagħna."

16 *BTM* 17.i.1914. Fil-*Bandiera* tat-12.vii.1913 Dimech jappella biex l-ilbies tradizzjonali Malti, minnu msejjaħ selvaġġ, jinbidel f'ieħor ċivilizzat. Fl-istess ħarġa jfaħħar lil dawk li ġew minn barra u bdew jilbsu bħan-nies taċ-ċentri Ewropej u tal-Amerika ta' Fuq. Din tixbah ħafna lil-loġika li wieħed kien isib f'bosta kolonji fejn: "Il-maħkum iħoss li jerfa' lilu nnifsu mill-qagħda selvaġġa tiegħu skont kemm jadotta d-drawwiet u r-riegli kulturali tal-pajjiż li ħakmu." Fanon, *Black Skin, White Masks* (New York: Grove, 1967) 18.

17 Skont Fanon, l-ilbies ta' ħwejjeġ Ewropej hu wieħed mis-sinjali li juru li maħkum ġie maqtugħ minn ġensu, u jirriflettu wkoll kumpless ta' inferjorità. Fanon, *Black Skin, White Masks* 25.

18 *BTM* 6.xii.1913.

19 *BTM* 26.iv.1913.

20 *BTM* 19.iv.1913.

21 Meinrad Calleja, *Aspects of Racism in Malta* (Bormla: Daritama, 2001) 17.

22 *BTM* 2.v.1914.

23 *BTM* 21.xii.1912.

24 *BTM* 11.x.1913.

25 *BTM* 9.ii.1901.

26 Speċjalment is-Semajoli tar-Russja, li skontu għadhom lura. *BTM* 3.i.1914.

27 Skont Dimech id-dlam tal-Għarab, it-Torok u ċ-Ċiniżi jidher mill-mod li bih jittrattaw in-nisa. *BTM* 24 .i.1913.

28 "It-Torok huma nies injuranti għalkollox iżda huma jżommu rwieħhom b'aktar għorrief mill-istess Ewropej li fost il-popli kollha huma l-aktar nies għorrief u mdawlin. Id-Drużi huma agħar mit-Torok u jżommu rwieħhom bil-wisq aktar għorrief minnhom." *BTM* 4.i.1902.

29 Ara *BTM* 15.xi.1902.

30 Tneħħi forsi, il-Ġappun. F'kuntrast maċ-Ċina, li baqgħet lura "għax ma tridx iddaħħal l-għerf u d-drawwiet tal-imdawla Ewropa." Il-Ġappun, "għax jimxi fuq l-Ewropa, jieħu d-dawl tagħha [...] qawwi wisq aktar minnha." *BTM* 22.ii.1902.

Tajjeb wieħed jgħid li l-opinjoni ta' Dimech dwar iċ-Ċina tjiebet meta dawn waqqfu Repubblika. Ara *BTM* 23.viii.1913.

31 *BTM* 26.viii.1905.

32 Li flimkien mal-Għarab u t-Torok, juru li għadhom lura fil-mod li bih jittrattaw il-priġunieri. Ara *BTM* 3.viii.1901.

33 *BTM* 19.viii.1905.

34 *BTM* 8.ii.1902.

35 *BTM* 10.i.1914.

36 *BTM* 13.ix.1913.

37 Ara *BTM* 28.i.1905. Anki dwar il-passat, Dimech jikkummenta li l-popli indiġeni tal-Amerika ta' qabel Kolombu: "fiċ-ċiviltà kienu jħabbtuha mal-Ewropej" *BTM* 20.v.1901. Isemmi wkoll l-għerf tal-Eġittu tal-qedem, *BTM* 13.xii.1902.

38 *BTM* 25.ii.1899.

39 *BTM* 6.vii.1913. Fil-ħarġa tal-31.viii.1901 isostni li: "Fl-Indja d-dawl dieħel sewwa." Meta twaqqfet ir-Repubblika Ċiniża jħabbar li "L-Asja wkoll għad-dawl; meta naraw l-Afrika wkoll?" *BTM* 23.vii.1913.

40 *BTM* 15.viii.1914. "Fl-Afrika, u f'xi artijiet oħra d-dalm għadu kbir wisq [...] il-bniedem baqa' vavu, fejn il-kbar jaħsbu agħar mit-trabi tal-pajjiżi tad-dawl." *BTM* 1.vii.1911. Ara wkoll *BTM* 28.vii.1900.

41 *BTM* 1.viii.1914.

42 *BTM* 17.vii.1911.

43 *BTM* 21.xii.1912.

44 *BTM* 20.ix.1913. F'kitbiet oħra jilmenta li l-"Malti [...] bla dawl mhux tajjeb jemigra f'pajjiż ċivilizzat [...] l-anqas mhu tajjeb biss għall-artijiet tas-suwed." *BTM* 23.viii.1913.

45 *BTM* 7.i.1899.

46 *BTM* 27.xii.1902.

47 *BTM* 5.x.1901.

48 *BTM*. 5.xi.1911.

49 Fil-*Bandiera* tat-8.xii.1899 jilmenta li l-Maltin ġew imsejħa "nies koroh u suwed u mġewħin"; Il-Maltin "fuq il-gazzetti Ingliżi huma msejħin nies slavaġ, suwed, maħmuġin, bil-ġuħ, injuranti." 10.iii.1900; il-ħakkiem Brittaniku "kiteb u gideb tant fuqek li qal li saħansitra int iswed, ikreh, maħmuġ, sieqek kbira, injurant superstizzjuż, idolatra u sittin elf ħaġa oħra." *BTM* 19.x.1901. Ara wkoll *BTM* 14.ix.1901.

50 *BTM* 25.iv.1914.

51 *BTM* 22.x.1903.

52 *BTM* 26.vii.1902.

53 "fil-gżira tal-Ġamajka...fejn [is]-suwed [...] jaħdmu r-raba' għas-sinjuri bojod li huma Ingliżi." *BTM* 5.v.1905; "Kafrin [taż-Żimbabwe], nies li jaħdmu ferm." *BTM* 24.iii.1900.

54 Jirreferi għall-"jasar tas-suwed [...] eluf u eluf ta' msejknin [...] miżmumin agħar minn bhejjem." *BTM* 22.vii.1905.

55 *BTM* 6.xii.1902.

56 "slavaġ u l-wikkiela n-nies" *BTM* 7.i.1899.

57 "nies nofshom slavaġ tal-gżira ta' Santo Domingo" *BTM* 26 .viii.1899.

58 Ara *BTM* 25.vii.1914 fejn jirreferi għal episodju ta' meta ekwipaġġ Franċiż mar iż-Żelanda l-Ġdida qabel ma din kienet waqgħet taħt il-Brittaniċi. "Xħin il-Maori lemħu dak il-bastiment b'dawk il-ħafna nies bojod fuqu ferħu [...] bi ħlewwa kbira bdew jistednuhom jinżlu l-art [...] poplu qarrieq u feroċi [...] nies ta' ħsibijiet l-aktar baxxi li ġieli kielu 'l nieshom stess [...] slavaġ [...] fi ftit minuti ġew imbiċċra kollha u malajr beda t-tqattigħ, ix-xiwi u l-ikel ta' dak il-laħam abjad."

59 "nies għarwenin [...] bħal dawk ta' Benin." *BTM* 30.vi.1900.

60 *BTM* 22.x.1904.

61 "Dawk l-injoranti... ibisulu saqajh, jinsultaw 'il xulxin, jiġġieldu bejniethom." *BTM* 9.vii.1902. Ara wkoll *BTM* 22.x.1904.

62 Dwar it-Tażmanja, isemmi li "fuq din il-gżira kien hemm bosta suwed twajbin u ma jafu xejn donnhom ħafna trabi." *BTM* 16.viii.1902.

63 Dimech jirreferi għal qabel il-ħelsien tal-ilsiera suwed fl-Istati Uniti meta "l-bojod spiss kienu b'raġel fuqhom iqiegħdu iswed ieħor, għax billi injurant għalkollox u ħlewwa u ħniena ma tantx jaf x'inhuma taħtu [...] s-suwed kollha kienu jaħdmu wisq aktar milli kienu jaħdmu taħt il-kmand ta' abjad, billi [l-abjad] xi ftit mir-reliġjon ta' Kristu dejjem jaf, xi drabi jinzerta xi ftit tal-ħniena u ma jaħqarx wisq lil dawk li jkunu taħtu." *BTM* 21.xii.1901. "[K] iefer kemm hu kiefer u infami kemm hu infami, [abjad] dejjem għandu xi ftit tad-dawl u għalhekk dejjem jaf jaħseb fuq it-tbatija [...] wieħed abjad, mgħallem fir-reliġjon Nisranija tiġih xi mogħdrija [...] imma wieħed barbaru, injurant, bniedem bla dawl għalkollox ħniena x'inhi ma jafx." *BTM* 22 .vii.1905. Ara wkoll *BTM* 24.viii.1901.

64 *BTM* 25.xi.1899.

65 Ara Fanon, *Black Skin, White Masks* 51.

66 *BTM* 27.xi.1913.

67 F'din il-loġika, it-taħlit ma' xi ħadd ġej mill-ġens meħud bħala mudell kien spiss meqjus bħala kisba aħħarija (l-uniku skoll kienu d-diffidenzi reliġjużi, skoll li seta' jingħeleb kemm-il darba l-parti Ingliża tikkonverti għall-Kattoliċiżmu). Dimech

jikkundanna dan bil-qawwa kollha. "Xi boloh nisa Maltin [...] mingħalihom għax iżżewġu Ingliż għamlu xi rebħa kbira." *BTM* 12.x.1901.

68 *BTM* 5.x.1901.

69 *BTM* 9.iv.1898. Spiss isemmi kif dan it-tindif etniku fl-Awstralja, iż-Żelanda l-Ġdida u t-Tażmanja seħħ billi l-ewwel il-Brittaniċi tħabbu ma' dawn in-nies u wara ttradewhom. "Dawk in-nies bla dawl, u periklu bil-qerq ta' dawn il-qarreqin ma ntebħux." *BTM* 29.x.1904. Ara wkoll *BTM* 6.v.1899, 10.iii.1900, 26.x.1901, 6.viii.1904, 18.x.1904, 13.vi.1911.

70 "qabda slavaġ minn Żelanda l-Ġdida, tiġġerra minn ġenb għall-ieħor tal-gżira għarwiena u bil-ġuħ." *BTM* 8.vii.1899.

71 *BTM* 8.vii.1899.

72 *BTM* 9.iii.1898. Ara wkoll, fost l-oħrajn, *BTM* 7.i.1899. u 4.ii.1899. Fil-*BTM* tal-25.xi.1902 Dimech jagħti raġuni għalfejn dan it-tindif etniku f'Malta ma seħħx, dik li fil-Mediterran aħna "mdawrin minn ħutna ta' razza Latina, Portugiżi, Spanjoli, Franċiżi, Taljani u popli oħra, li għandhom id-dawl u li għajnejhom huma spiss fuq Malta mixħuta."

73 *BTM* 23.vi.1900. Fil-*Bandiera* tal-5.vii.1903 jsemmi l-qawmien kontra l-Brittaniċi tal-Emir ta' Sokara ġewwa l-Afrika.

74 Ara wkoll *BTM* 7 u 21.vii.1900.

75 *BTM* 14.ii.1903. Interessanti li Dimech jirreferi għal dan il-personaġġ, li ismu propju kien Muhammad 'Abd Allāh al-Hasan u li fil-karriera tiegħu kien ħadha wkoll kontra t-Taljani u l-Etjopiċi, bil-laqam li kienu tawh il-Brittaniċi 'Mad Mullah'; Mullaħ miġnun. Dimech isejjaħlu wkoll 'qalbieni' (*BTM* 27.vi.1903), 'glorjuż' u 'bravu' (*BTM* 4.vii.1903) Ara wkoll 4.x.1902 u 1 u 15.xi.1902, 22.xi.1903 u 6.xii.1903.

76 Ara *BTM* 17.i.1903, 2.v. 1903. u 4.vii.1903.

77 *BTM* 24.iii.1900. Fl-istess ħarġa jirreferi għall-ilsiera tal-Ingliżi fil-Ġamajka u l-Awstralja.

78 *BTM* 24.iii.1900.

79 *BTM* 25.x.1913.

80 *BTM* 28.iii.1914.

81 *BTM* 5.x.1901.

82 *BTM* 5.x.1901. Kitbiet ta' dan it-tip jinstabu bil-bosta fil-*Bandiera*, l-aktar fil-ħarġiet tal-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Dimech isejjaħ lil Chamberlain "ħabba Lhudi." (*BTM* 12.x.1901), "bojja tagħna u tal-Insara kollha [...] il-miklub għad-deheb ta' kulħadd." *BTM* 8.iii.1902; "il-Lhudi għadu tagħna [...] u misħut Lhudi." (*BTM* 8.ii.1902), "il-mibgħud Lhudi Jusuf [...] il-Lhudi misħut, li skont ma nemmnu aħna

bħala Nsara għad irid jiġi mitfugħ f'abbissi tal-infern ma'ħuh Ġuda." (*BTM* 8.iii.02), "Lhudi [bi ...] swaba' [...] mikluba." (*BTM* 12.x.1901); hu [...] l-kbir bojja tagħna u tal-Insara kollha, [...] kiefer xerried ta' demm l-Insara" (*BTM* 8.iii.1902). Skont Dimech, Chamberlain ried jeqred kemm il-"[...] poplu ġwejjed (Boer) biex [... je] ħodlu pajjiżu." (*BTM* 27.i.1900), "jisolħu [...] minn flus[u] b'għaqal kbir u bla ma jbat[i] xejn [...] kif jafu jagħmlu l-Lhud." (*BTM* 12.x.1901), u ta' "kiefer Lhud [...] ilu fuq sentejn jinqeda biex ixerred id-demm *tal-mimnnhu* u mill-ġens tiegħu mibgħudin Insara." (*BTM* 29.iii. 1902.). Dimech saħansitra jissuspetta li Chamberlain ried iħassar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-1902 minħabba li hu Lhudi. "Ma nagħmlux hux li għax il-Ministru tal-Ingilterra huwa Lhudi, il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tatu fastidju? Jaqaw Żeppi Chamberlain bagħat jgħid f'Malta li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira m'għandhiex issir sabiex ma tidhirx il-kefrija tal-Lhud?" (*BTM* 29.iii.1902.). Dimech jikkonsla fil-fatt li: "Nafu biss aħna li Chamberlain huwa Lhudi, u skont it-tagħlim tal-Knisja Nisranija u skont l-Imqaddsa Skrittura, min mhux mgħammed f'Isem tal-Kbir u ma jemminx b'Ġesù bħala Salvatur, ġenna għalih m'hemmx." (*BTM* 15.ii.1902.) Dan minkejja li drabi oħra Dimech isejjaħ 'miskin' lil Dreyfus, u jissimpatizza miegħu fil-ħarġiet tat-3 u l-10.vi.1899, isejjaħ ġid il-ħelsien tiegħu u d-difiża magħmula minn Zola *BTM* 18.x.1902, u li f'kitbiet oħra jtenni li [...] huwa l-poplu għażiż imnissel mill-ħabib t'Alla Abraham [...] il-poplu li fuqu Alla għad irid jerġa' jxerred il-ħniniet tiegħu u li għalhekk jagħmel wisq ħażin min imaqdru, jobogħdu u jaħqru" (*BTM* 25.xi.1899). Dimech jemmen li: "kliem l-Iskrittura li jgħid wisq biċ-ċar li fl-aħħar il-Lhud għandhom jinġemgħu mill-irjieħ kollha fejn jinsabu mxerrda ġol-Palestina." *BTM* 14.ii.1903. Madankollu, xorta jsostni li d-dijaspora kienet frott id-demm ta' Kristu li tassew waqa' fuq il-Lhud: "ħalli jaqa' fuqna u fuq uliedna d-demm tiegħu [...] Il-Lhud sallbuh [...] ir-Rumani [...] jkeċċuhom mill-art tagħhom [...] Ġara dak kollu li l-Lhud kienu xtaqu li jiġi, jiġifieri d-demm ta' Ġesù Kristu (tal-mewt tiegħu) waqa' fuqhom u fuq uliedhom għax ir-Rumani taħt Titu rebħuhom għalkollox, u bdew isallbuhom." *BTM* 12.x.1901. Skont Dimech, il-"Lhudi [hu] bniedem bla art; bniedem ikkundannat mis-sema, kif tgħarrfna l-Imqaddsa Skrittura, biex jiġġerra minn pajjiż għal ieħor, bla art li jista' jsejħilha tiegħu, bla tempju fejn jista' jagħti qima lil Dak li minnu ġie kkundannat [...] jibki fuq il-ħerba tal-art u tat-tempju tiegħu." *BTM* 22.vii.1901. Jirrepeti wkoll gidba li tqajmet mill-ġdid fl-Ewropa fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u fil-bidu tas-seklu għoxrin, u li fi ftit tas-snin kien ser ikollha konsegwenzi wisq traġiċi; dik li l-Lhud iħobbu d-demm tal-Insara. Ara *BTM* 30.x.1901. Fil-ħarġa tal-14.ix.1901, f'artiklu li jibda bil-kliem "Aħna qatt ma konna kontra l-Lhud, anti-Semiti, għaliex nafu wisq tajjeb x'jgħid il-kbir appostlu San Pawl għal dan il-poplu

u għalina l-Insara li dħalna fil-patt tagħhom," Dimech isemmi madwar ħamsin każ ta' Lhud li joqtlu 'l-Insara għal demmhom. Dwar dawn il-każi Dimech isostni li: "kien hemm u għad hemm nies li b'dana l-qtil tal-Insara mil-Lhud ma emmnux u ma jemmnux." Hu iżda jsostni li "Aħna [...] nemmu, għax nafu li jsir [...] il-qtil sar u jsir, u nobsru aħna li jibqa' jsir sakemm l-Insara jibqgħu Nsara u l-Lhud jibqgħu Lhud." Ara wkoll *BTM* 21.ix.1901. Wieħed jista' jinnota li dawn il-kitbiet ġejjin kollha mis-snin bejn l-1899 u 1902. Fl-1903 Dimech iħabbar li "l-Lhud qegħdin jaħarbu minn Riga [...] fin-Nofsinhar tar-Russja, il-biża' tal-Lhud kbir wisq." *BTM* 23.v.1903, fejn isemmi wkoll il-biża' tal-Lhud tal-Polonja u tal-Litwanja. Jitkellem ukoll dwar kif "ġew maħruqa l-imħażen u l-ħwienet kollha tal-Lhud, u maħruqin u maqtulin erbatax-il Lhudi." Hu jinnota li l-persekuzzjonijiet tal-Lhud kellhom il-ħsieb li jaljenaw is-sezzjonijiet tal-poplu li kienu jbatu ċaħdiet u inġustizzji, u jdawru r-rabja tagħhom fuq din il-minoranza. "Billi jibża' li l-ħaddiema kollha jingħaqdu flimkien dan il-gvern [Russu...] isaħħan u jxewwex 'il-ħaddiema Pollakki u Russi kontra l-ħaddiema Lhud."*BTM* 20.ix.1903. Isemmi wkoll kif "L-ewwel fi Franza, u issa fil-Ġermanja wkoll bdiet tidher il-mibegħda lejn il-Lhud. Ġurnali Ġermaniżi u Franċiżi qegħdin jgħidu bosta kif jeħilsu minnhom. Il-ġurnal Ġermaniż *Deutsches Volksblatts* jitlob li tingħata gżira fil-bgħid ġol-Oċean, titwaqqaf bħala stat, u fiha jiġu mibgħutin il-Lhud kollha. L-ebda Lhudi ma jkun jista' joħroġ bla ma jiġi kkundannat għall-mewt. Meta l-Lhud ikunu ġew imkeċċija kollha, il-ġid tagħhom jaqbdu taħt idejn il-gvern tal-pajjiż li minnu jkunu ġew imkeċċija. Il-ġurnal Franċiż *La Tribune Française* jsibu tajjeb wisq il-ħsieb tal-ġurnal Ġermaniż." *BTM* 14.ii.1903. Minn dan iż-żmien donnu t-tgħajjir lejn il-Lhud miġjub fil-paragrafu l-ieħor jispiċċa, minkejja li lil Chamberlain xorta jibqa' jsejjaħlu l-Lhudi, u li Dimech qatt ma jagħmel apoloġija jew iħabbar li kien żbalja meta kien isejjaħ lil-Lhud bil-mod kiefer miġjub f'din in-nota.

83 *BTM* 5.x.1901.

84 *BTM* 5.x.1901.

85 *BTM* 30.xi.1901.

86 *BTM* 30.xi.1901.

87 *BTM* 13.ix.1903.

88 *BTM* 14.vi.1902. F'kitba oħra fejn isemmi dawn l-alleanzi, lill-Kafrin pro-Brittaniċi jsejħilhom: "dawn in-nies le." *BTM* 13.ix.1903. L-isem Kafrin ġej mill-kelma Għarbija għal skjav – kaffir; kelma li kienet tintuża mill-Għarbin li kienu jbigħu l-ilsiera. Dan kien l-isem li l-Boeri taw lin-nies tal-post meta marru hemm, jassru bosta minnhom, u ġabu skjavi ġodda.

89 *BTM* 12.i.1901.

90 *BTM* 30.xi.1901.

91 *BTM* 19.v.1900."maħduma u msoqqijin bil-għaraq tagħhom u ta' missirijiethom." *BTM* 19.iii.1902.

92 Fil-*Bandiera* tal-21.iv.1900, hu jġib talba miktuba minn Kruger, il-President tat-Transval; l-istess "Kruger [li qabel il-battalja...] qabad l-Imqaddsa skrittura beda jaqra u talab 'l Alla." 15.ii.1902.

93 Għal Dimech, il-Boeri huma "poplu tajjeb u ħanin" *BTM* 27.i.1900, anzi: "l-aktar poplu tajjeb u ħanin li jinsab fid-dinja," 25.xi.1899. Dimech isostni li, kuntrarju għall-Brittaniċi, huma ma joqtlux il-priġunieri tagħhom, *BTM* 16.xi.1901. Anzi mal-mejtin, il-Boeri juru li huma "L-aħjar poplu li jinsab fid-dinja, li jidfen bil-karità kollha....", tant li jkantaw is-salmi lill-Brittaniċi midfuna *BTM* 3.ii.1900. "Tajbin wisq intom Boerin u tajbin għax turu ħniena lil ħafna feroċi." *BTM* 13.viii.1902. Il-kawża ta' din it-tjieba hi waħda. "Il-Boerin huma nies kollha ħniena; kollha karità, għax kollha reliġjon." *BTM* 10.ii.1900. Min-naħa l-oħra, ma tantx timpressjonah ir-reliġjożità tal-kolonizzatur Brittaniku li "jiġri mad-dinja bil-Bibbja f'idu biex jagħtiha 'l kulħadd, biex jagħti l-ġenna lil kulħadd, fil-ħin li jitqanżaħ lejl u nhar biex jisraq lil kulħadd dak li għandu." *BTM* 19.x.1901. Ara wkoll *BTM* 27.vii. 1901. u 11.x.1902.

94 *BTM* 15.iii.1902.

95 *BTM* 27.vii.1901.

96 Kemm Dimech kien jaf b'din in-narrattiva joħroġ mill-*BTM* tal-10 u 31.iii.1900 fejn jirreferi għall-Vjaġġ il-Kbir (bl-Ingliż *Great Trek*) tal-Boeri; il-ħruġ tal-Boeri mill-Kolonja tal-Kap li kienet waqgħet taħt il-Brittaniċi (l-aktar wara li dawn kienu neħħew l-iskjavitù tan-nies indiġeni li l-Boeri kienu jħaddmu) u t-twaqqif tal-Istati tal-Oranġ u t-Transval. Fil-mitoloġija Boera, dan il-vjaġġ ingħata konnotazzjonijiet reliġjużi u providenzjali. Dimech jonqos milli jirreferi għall-prezz li l-ġnus indiġeni Afrikani ħallsu tul dan il-vjaġġ, l-aktar meta l-imsemmijin kolonji ġew imwaqqfa.

97 Dimech jirreferi għal dan il-massakru, ngħidu aħna fil-*Bandiera* tat-18.vii.1903.

98 *BTM* 5.x.1901. Ara wkoll *BTM* 18.iii.1899., 1.iv.1899. u 6.v.1899.

99 *BTM* 25.xi.1899. Huma kienu jaħsbu li huma poplu "mnissel mill-Patrijarka Ġakobb." *BTM* 31.viii.1901. Fil-*BTM* 24.ii.1900 jirreferi għall-ġurnal Protestant *Banner of Israel* li jsostni din il-viżjoni. Fil-*BTM* 25.iv.1903 jeħodha kontra pubblikazzjoni simili bil-Malti *Ulied Xem u Kem fil-gżejjer tal-Ingilterra u Malta*. Ara wkoll *BTM* 27.v.1901.

100 *BTM* 22.vi.1901.

101 Ara *BTM* 13.v.1899 u 24.x.1900. Ara wkoll *BTM* 25.i.1899 fejn jagħmel kuntrast mal-kolonjaliżmu Franċiż u l-loġika u t-tħaddim tiegħu.

102 *BTM* 29.vi.1901. Dwar il-ħsibijiet ta' Dimech fuq il-"*colonising spirit*" ara wkoll 22.xi.1902.

103 Memmi 9.

104 *BTM* 12.viii.1905.

105 *BTM* 22.iii.1902. Ftit snin wara, iwissi lill-Ġappun biex jiftakar "li m'intix fl-Ewropa u din għall-bżonn taf iżżiegħel bik b'id waħda, u bl-oħra tħaffirlek il-qabar." *BTM* 20.v.1905.

106 *BTM* 17.vii.1911. Dimech jirreferi għal reżistenza fl-Indja (ara *BTM* 3.ii.1900) u fl-Eġittu (ara *BTM* 3.ii.1900 u 24.ii.1900). Jirreferi ukoll għall-Għarab ta' Tripli li jqumu kemm għall-ħakkiema Torok (ara *BTM* 12.iv.1902) u wara kontra dawk Taljani (*BTM* 5.vii.1913 u 7.ii.1914) l-aktar fiċ-Ċirenajka. "Il-Għarab taċ-Ċirenajka [...] qegħdin jitħarrku sewwa donnhom li bdew iħossu sewwa li l-bniedem m'għandux ikun ilsir tal-ebda bniedem ieħor." *BTM* 29.xi.1913.

107 Ara, ngħidu aħna *BTM* 1.iv.1899 u 10.vi.1899.

108 *BTM* 10.vii.1899.

109 *BTM* 19.ii.1901.

110 *BTM* 19.ii.1901.

111 *BTM* 29.x.1904.

112 *BTM* 16.x.1899. Ara wkoll 8.xii.1900.

113 *BTM* 22.viii.1903.

114 *BTM* 10.vii.1899.

115 *BTM* 27.vi.1903.

116 Tajjeb wieħed jinnota wkoll li wara l-vjaġġ tiegħu f'Ġenwa ma baqax ipinġi din l-istampa ta' kolonjaliżmu Franċiż tajjeb għan-nies indiġeni, minkejja li m'hemm ebda ħjiel għalfejn ma baqax jagħmlu.

117 *BTM* 19.ii.1901.

118 *BTM* 7.iii.1903. Il-poplu Malti seta' kiber fl-Afrika u "jkun is-sid mhux biss tal-gżejjer tiegħu, imma ta' artijiet oħra bil-bosta akbar." *BTM* 16.xi.01. (Ara wkoll *BTM* 4.i.1913.) It-tkabbir fil-popolazzjoni flimkien mal-qrubija lejn l-Afrika u l-Għarbi (li skontu kien l-aktar ilsien mitkellem fl-Afrika) seta' jwassal biex nikbru u nsiru pajjiż setgħan, sinjur u hieni (Ara, fost l-oħrajn, *BTM* 2.v.1899. u 18.i.1913.) Infatti, l-espansjoni fl-Afrika kien wieħed mill-għanijiet tax-Xirka li Dimech waqqaf (*BTM* 5.iv.1913).

119 *BTM* 28.xii.1912.

120 *BTM* 28.xii.1912.

121 *BTM* 28.xii.1912.

122 *BTM* 28.xii.1912. Ara wkoll *BTM* 18.iii u 27.v.1899, u 1 u 15.iv.1905.

123 Edward Said, *Culture and Imperialism* (Londra: Verso, 1994) xxiii.

124 L-"inkonxju kollettiv [...] hu purament u sempliċement il-ġabra tal-preġudizzji, miti, u attitudnijiet kollettivi ta' grupp." Fanon, *Black Skin, White Masks* 187. Għal Fanon dan "l-inkonxju kollettiv ma jiddependix minn xi wirt naturali fil-moħħ; imma hu riżultat ta' dak li jista' jissejjaħ impożizzjoni mingħajr riflessjoni ta' kultura." Fanon, *Black Skin, White Masks* 191.

125 Ara Fanon, *Black Skin, White Masks* 187.

126 Ara Fanon, *Black Skin, White Masks* 194.

127 Adrianus Koster, *Prelates and Politicians in Malta* (Assen: Van Gorcum, 1984) 22.

128 Arnold Cassola, *The Literature of Malta* (Sliema: Minima Publishers, 2000) 60 'il quddiem.

129 Fuq din it-tema aqra C. Borg u P. Mayo 'Towards a racist Agenda in Education: The Case of Malta' f'Donaldo Macedo u Panayota Gounari (edi.), *The Globalization of Racism* (New York: Paradigm Publishers, 2005) u Borg u Mayo, *Learning and Social Difference* (New York: Paradigm Publishers, 2006).

130 Ara Said, *Orientalism* (Middlesex: Penguin, 1995) 42 u 59-60.

131 Said, *Orientalism* 118.

132 Minkejja f'ċerti daħliet ifaħħar lill-Musulmani Torok u Għarab talli jneħħu ż-żraben qabel jidħlu l-Moskea (*BTM* 13.vii.1903.), kemm Dimech kellu opinjoni xejn tajba tal-Iżlam joħroġ minn kitbiet fejn isejjaħ lil Muħammed "qanfud" (*BTM* 30.viii.1913), jirreferi għalih bħala: "profeta falz tal-Għarab" (*BTM* 15.xii.1900) u jsostni li "l-Misilmin fil-qiegħ ta' qalbhom jobogħdu lill-Insara" (*BTM* 24.ii.1900). Hu jfaħħar lill-Maltin talli "salvaw l-Ewropa mill-qirda, u ma ħallewhiex taqa' taħt il-madmad iebes ta' Muħammed." (*BTM* 26.iv.1913); lil "Ruġġier De Hauteville li ħelisna mill-madmad tal-Għarab." *BTM* 2.xi.1901 u lil "Cohen [li fi żmien Pinto...] isalva u jeħles [...] mis-sikkina tal-Misilmin 'il missirijietna u 'l-Insara kollha li f'Malta kienu jinsabu." *BTM* 7.vi.1902.

133 Ara Said, *Orientalism* 59.

134 *BTM* 28.iii.1914.

135 Ara Said, *Orientalism* 38-39, 49, 92 u 102.

136 Said, *Orientalism* 120.

137 Ara Cassola 74 'il quddiem.

138 Immanuel Kant, *Tħammim dwar il-Ħsus tas-Sabiħ u tas-Sublimi* (Konisberga: 1764).

139 "Il-Għarab huma aħjar minna bil-bosta, għax iħossu u jaħsbu u jagħmlu fil-ħin li aħna bil-bojja fuq rasna biex iqaxxarna ħajjin u moħħna fil-festi." *BTM* 14.xii.1901. Fl-istess ħarġa jsemmi l-Għarab tat-Tripolitanja li qamu kontra

t-Torok, u jfaħħarhom għax huma anqas lagħqija, għalhekk aħjar, mill-Maltin. Xi ħaġa simili jagħmilha fil-ħarġa tal-24 ta' Jannar ta' sentejn wara "aħna agħar mill-Għarab. Dawn jekk isibu 'l min jaħqarhom jew b'xi mod iżeblaħhom iqumu u jfittxu li jikkastraw 'il dak li jkun, imqar jekk kien is-sultan stess." Fil-ħarġa tal-11.vii.1914 jinnota kif l-Għarab ta' Barbarija qed iħabirku biex f'pajjiżhom jitwaqqfu industrijiet u jkun hemm titjib ekonomiku.

140 *BTM* 6.v.1899.

141 *BTM* 9.ix.1911.

142 *BTM* 29.x.1904 jinnota wkoll li: "fl-Eġittu jinsabu bosta Għarab li għandhom id-dawl tal-Ewropej u jafu x'jiġifieri tkun ilsir ta' poplu ieħor u x'jiġifieri tkun ħieles taħt il-bandiera tiegħek." *BTM* 24.ii.1900.

143 *BTM* 4.vii.1900.

144 *BTM* 12.viii.1911. Ara wkoll *BTM* 4.vii.1900.

145 *BTM* 25.x.1913. Ara wkoll *BTM* 15.xi.1902.

146 *BTM* 11.x.1913.

147 Memmi 13-14. Dimech isostni li Franza tilqa' lill-Maltin "fl-artijiet tagħha [...] u tħallihom jikbru u tistmahom [...] jgħixu henjin u kuntenti." *BTM* 22.ii.1902. Hawnhekk "isib il-Malti l-paċi u l-mistrieħ [...] l-istima [...] u ħadd ma jgħoddu bi lsir bħalma jgħodduh f'Malta [...] iħoss li huwa ħieles u sid tiegħu nnifsu." *BTM* 30.v.1903, tant li "eluf ta' Maltin li marru foqra fil-pajjiż tagħha [...] ġew jew baqgħu hemm għonja." *BTM* 25.xi.1899. Raġuni għalfejn skont Dimech il-Maltin qegħdin tant tajjeb f'artijiet Franċiżi hi: "t-taħlit tad-demm kbir li hemm bejnietna u bejn il-Franċiżi, bosta familji Maltin huma mnisslin minn Franza, u dan juruh il-bosta kunjomijiet Franċiżi li jinsabu f'Malta. Aħna naqblu mal-Franċiżi u huma jaqblu magħna: huma jaħsbu u jħossu kif naħsbu u nħossu aħna [...] il-Malti [...] iħarsu lejh bħalma aħwa jħarsu lejn l-aħwa." *BTM* 30.v.1903. Barra minn hekk: "Il-Malti u l-Franċiż jaqblu fir-reliġjon, fil-ħsieb u fiċ-ċiviltà antika, ħwejjeġ illi fil-qalb ta' bnedmin inibbtu ġibda wieħed lejn l-ieħor qima u mħabba" *BTM* 3.iii.1900. Saħansitra jemmen li "kieku aħna l-Maltin konna taħt il-bandiera Franċiża, dawk il-pajjiżi li għandha Franza kienu jkunu qishom tagħna" 10.vi.1899. 3. Ara wkoll *BTM* 30.v.1903., 23.vii.1904 u 1.ii.1913.

Min-naħa l-oħra, kien konxju ta' kemm kienu qed ibatu emigranti Maltin f'artijiet Afrikani oħra. Hekk, jilmenta li l-Konslu Brittaniku ma kienx qed jagħmel biżżejjed għall-Maltin tal-Libja, li dak iż-żmien kienet għadha tat-Torok (*BTM* 4.i.1900 u 8.ii.1902). Kien konxju tat-trattament ħażin li kellhom il-Maltin mill-kolonji Taljani (*BTM* 22.iii.1902). Aktar tard jikkundanna lit-"Taljani li qegħdin ikeċċu 'l-Maltin minn Tripli, u jagħmlulhom kull xorta ta' nkejja u ta' ħsara." *BTM* 12.vii.1913. Ara wkoll *BTM* 2.v.1914.

148 Ara *BTM* 12.vii.1913.

149 Memmi 13-14. Gruppi bħal dawn kienu jservu ta' ċintorin bejn il-ħakkiema u l-maħkuma, u huma, flimkien ma' gruppi oħra: "la [...] maħkuma u lanqas ħakkiema" Memmi 13. Xogħol ewlieni ta' dan iċ-ċintorin kien iħares l-interessi tal-ewwel minn tat-tieni. F'pajjiż bħat-Tuneżija, huma kienu fuq l-istess livell ta' gruppi oħra bħal "dawk li għandhom it-tama li jkunu assimilati (l-biċċa l-kbira tal-Lhud) u dawk li ġew assimilati ftit ilu (Korsi fit-Tuneżija u l-Ispanjoli fl-Alġerija). Nistgħu nżidu wkoll l-uffiċjali indiġeni magħżula mill-maħkuma nfushom." Memmi 13. Għal dan il-għan il-ħakkiema kienu jittrattawhom aħjar mill-maħkumin indiġeni, minkejja li ma kinux lesti jaqsmu magħhom il-privileġġi kollha li kellhom "l-oriġini Ewropea tagħhom, ir-reliġjon Ewropea tagħhom u numru ta' drawwiet simili jqarribhom lejn il-ħakkiema. Dan iwassal għal vantaġġi definiti li l-maħkuma żgur m'għandhomx: possibbiltajiet aħjar ta' xogħol; anqas inċertezza dwar miżerja u mard; skejjel anqas ħżiena, u ċerta stima mill-maħkum barra minn ċertu rispett mill-maħkum [...] anke jekk wieħed iħares lejn l-istampa sħiħa jkollu jqis li dawn huma nieqsa." Memmi 13. Funzjoni li Dimech jidher li kien xi ftit konxju tagħha. Hekk f'silta mill-*Bandiera* fejn igerger fuq l-Isqallin li ħadu x-xogħlijiet ta' Malta, isostni li "niftakru illi kieku jinqala' xi għawġ kbir sewwa bejn il-Maltin u l-Ingliżi, aktarx li l-Isqallin issibhom kontra tagħna, sewsew bħalma l-Għarab tal-Alġier isibu l-Maltin u t-Taljani kontra tagħhom kull meta jinqala' xi għawġ kbir bejnhom u bejn il-Franċiżi. Barra l-Isqallin." *BTM* 8.vii.1899.

150 *BTM* 25.xi.1899. Mhux ta' b'xejn li Franza "tiġbed lejha l-qlub ta' popli slavaġ." *BTM* 3.iii.1900. Hekk ngħidu aħna: "l-Għarab [...] għajnejhom huma fuq Franza, huma draw iqisuha bħala ommhom bħala dak il-pajjiż li taħtu jistgħu jkunu henjin." *BTM* 3.v.1902. "X'm'għamlitx [...] Franza biex tagħti d-dawl lill-Għarab tal-Alġier" *BTM* 29.x.1904.

151 Fanon, *The Wretched of the Earth* 201.

152 Memmi 86.

153 *BTM* 28.iii.1914.

154 F'silta mill-*Bandiera* tal-1913 Dimech jeħodha kontra dawk li: "ma jridux il-Malti għax jixbah lill-Għarbi. Bħallikieku l-Għarbi huwa lsien tal-bhejjem. Xejn ma jafu [...] kemm kotba sbieħ inkitbu b'dan l-ilsien tant qadim [...] mela l-Ispanjoli jistgħu jarmuh il-ħelu lsien tagħhom [għax] mimli bi kliem Għarbi [...u] jixbah lill-Għarbi għad illi f'xi ħwejjeġ jitbiegħed minnu." *BTM* 14.i.1913.

155 *BTM* 28.iii.1914. Hu jorbot il-qtugħ tat-tagħlim tal-Għarbi mill-iskejjel ma' nuqqas ta' sensibiltà jekk mhux ostilità, li politiċi pro-Taljani li kienu jirrappreżentaw il-professjonisti tradizzjonali, kellhom għall-klassijiet l-aktar baxxi, minħabba li

l-ilsien Għarbi seta' jiġi mitgħallem malajr minn ulied il-klassi tal-ħaddiema u l-bdiewa, u seta' jagħti lil dawn opportunità li jmorru jgħixu ħajja aħjar fil-kolonji Għarab. Ara *BTM* 2.v.1914. Fil-*Bandiera* tal-24.vi.1911 jgħid li l-Għarbi hu opportunità ta' xogħol mhux biss fl-Afrika, imma anke f'dawk il-partijiet tal-Asja li jitkellmu din il-lingwa.

156 *BTM* 27.vii.1901.

157 Dimech jgħid biss li "l-pajjiż tal-Mokololo ma jiġix bogħod wisq mit-Transvall." *BTM* 22.ii.1902.

158 Il-povri nies tal-Mokololo huma "slavaġ [...] jieklu bl-akbar aptit il-laħam ta' bniedem." *BTM* 22.ii.1902. (Ara wkoll *BTM* 5.i.1903), u jibilgħu: "gideb mill-aktar oħxon." *BTM* 21.ii.1914. Almenu imma "Id-dmir [jafuh...] għax kuxjenza kulħadd għandu, imqar is-salvaġġ tal-Mokololo u l-Bushman." *BTM* 20.vi.1914.

159 *BTM* 10.i.1914.

160 "Il-Lhud li xterdu mad-dinja huma kollha mnisslin minn dawk li ġew mibjugħa mir-Rumani (wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm). Hekk ukoll il-Lhudi Jusuf Chamberlain huwa wieħed minn dawn. Issa min huwa l-aktar kbir, l-aktar nobbli Żeppu l-Lhudi jew il-Maltin? Żeppi mnissel mill-ilsiera, u l-Maltin imnisslin minn nies ħelsin mill-Feniċi? Żgur li kulħadd iwieġeb li aktar nobbli l-Maltin. Mela kif nistgħu noqogħdu taħt saqajn dak il-Lhudi aħna? [...] Min jaf nies Peppu kemm kinsu u ħaslu l-art fid-dar ta' sidhom li kien xtrahom żewġ soldi mingħand is-suldati Rumani [...] u issa jrid jagħmilha ta' sinjur, ta' sid magħna hu!!!"*BTM* 12.x.1901.

161 *BTM* 21.x.1912.

162 "Sqallin m'aħniex, aħna Maltin, poplu, anzi nazzjon, żgħira iva, imma nazzjon li mal-Isqallin m'għandha x'taqsam xejn, jekk mhux fl-istorja, jiġifieri għax f'xi żminijiet li għaddew u spiċċaw għalkollox konna taħt gvern wieħed. Imma dak li konna taħt gvern wieħed mhux biżżejjed biex minn nazzjon aħna nsiru biċċa mill-poplu Sqalli." *BTM* 6.ix.1902. Hawnhekk hu jagħmel tixbiha ma' Sqallija u l-Olanda li kienu taħt Spanja, mingħajr ma saru Spanjoli.

163 *BTM* 21.iii.1903.

164 *BTM* 1.vi.1901.

165 *BTM*25.x.1913. Dimech jilmenta li: "Maltin li aktarx huma injuranti bħall-Għarab." *BTM* 22.iii.1902.

166 *BTM* 26.iv.1913.

167 *BTM* 2.v.1914.

168 "Għarab li huma nies injuranti [...] l-affarijiet ta' dawn mejtin għall-kummerċ ta' fabbriki kbar, la ħaġa u lanqas oħra ma tilmaħ fihom [...] Il-kummerċ tal-pajjiżi

Għarab mhux aktar minn dak ta' ħrit u għażiq ta' biċċa art [...] Jekk [...] hemm xi kummerċ dan daħħluh l-Ewropej." *BTM* 1.vii.1905.

169 "Joħorġu minn ġo fihom l-Ewropej u jerġgħu għal li kienu." *BTM* 1.vii.1905.

170 *BTM* 20.ix.1913.

171 Fost dawn l-aktar li għadhom lura għal Dimech huma n-nisa (flimkien ma' dawk Torok). "Il-mara Torka jew Għarbija nistgħu nsejħulha żenbil laħam biss, bla ebda ħsieb jew bi ħsibijiet wisq żgħar li ma jilħqux 'il hemm mill-għatba taddar li fiha tgħammar. F'dawn in-nisa l-ebda dawl ma hemm, għax ebda tagħlim m'għandhom." *BTM* 1.x.1904.

172 L-Għarab tal-Fezzan ngħidu aħna "jinsabu fl-għama u tista' tagħmel u titħaddet biex tiftħilhom għajnejhom, ma jiftħuhom qatt jew jiftħuhom biss biex jaraw iddlam [...] ma jafux ħlief ireddnu l-jum kollu kemm hu twil il-kelmiet Allah, Allah, Moħammed rasul Allah [...] isoddu b'subgħajhom widnejhom it-tnejn biex juruk li ma jridux jisimgħuk." *BTM* 26.x.1911. Dimech jorbot ukoll "il-fanatiżmu [... mal-] Għarab tal-Marokk u ta' Gadames" *BTM* 24.i.1913. Ara wkoll *BTM* 2.vi.1900.

173 "jitkellem Għarbi mal-poplu meta jrid ixewxu [...] fit-taħdit li jagħmillu ma jsemmix ħlief ir-reliġjon" 20.ix.1913.

174 Fi żmien l-Għarab "kienu nies mimlijin bil-ħila u l-qlubija" *BTM* 15.ii.1913.

175 Ewropew "ma jfittixx li jqarraq b'dawk in-nies li magħhom jitkellem, ma jkunx qiegħed ifittex li jixħet fi xkora lil ħutu [...] L-Ewropew [...] jitkellem mal-Ewropej ħutu ta' raġel, għax in-nies li magħhom jitkellem huma nies; il-Għarbi jitkellem mal-Għarab ħutu ta' impostur, għax jaf li qiegħed jitkellem ma' ħafna ħmir b'żewġ saqajn." *BTM* 20.ix.1913.

176 Calleja 77.

177 *BTM* 6.ix.1913.

178 Ara *BTM* 1.vii.1911 u 5.ix.1904. Ara wkoll *BTM* 24.xii.1898.

179 *BTM* 13.ix.1913.

180 *BTM* 5.x.1901. Fil-*Bandiera* tal-4.ii.1905 jsejjaħ l-Ebrajk l-aktar ilsien nobbli, minħabba li tkellmu Kristu.

181 Said, *Culture and Imperialism* xxix.

182 L-ispiritwalità ġenwina u ta' valur ta' Dimech, aspett li ftit li xejn meqjus minn bijografi tiegħu, ġie kkunsidrat tajjeb minn Maria u Michael Zammit f'"Manwel Dimech bniedem ta' Spiritwalità" f'Michael Grech (ed.), *Knisja tat-Triq* 29-38.

# Lhud Fariżej u Nsara tajbin fir-rumanz Malti tas-snin tletin

Adrian Grima

"Maltese society was still governed by a religion
that had always been relentlessly hostile towards them."
*Aline P'nina Tayar,* How Shall We Sing?

Jekk il-lingwa ta' komunità tikxef it-twemmin u l-preġudizzji kultant inkonxji tagħha, ftit li xejn għandu jkollna dubji minn analiżi tal-ilsien Malti u l-letteratura Maltija dwar l-anti-Semitiżmu li jeżisti fil-kultura Maltija. Huwa anti-Semitiżmu mibni l-aktar fuq l-idea li l-Lhud ifittxu wisq l-interessi tagħhom u jagħmlu wisq għall-flus,[1] u li huma "mażuni," ma jemmnu b'xejn, jew diffiċli ħafna biex jikkonvertu għall-fidi Nisranija li aktarx ħafna Maltin, imrawmin f'kultura Kattolika konservattiva, jemmnu li hija l-unika reliġjon vera. It-terminu "anti-Semitiżmu" ssawwar għall-ħabta tal-1870, aktarx mill-aġitatur Ġermaniż Wilhelm Marr, biex jiddeskrivi l-kampanji kontra l-Lhud fl-Ewropa ta' dak iż-żmien, u llum jirreferi għal kull tip ta' ostilità kontra l-Lhud matul iż-żminijiet.[2] Għalkemm tfaċċa f'kontinenti differenti, l-iktar forom qliel ta' anti-Semitiżmu dehru fiċ-ċiviltà Nisranija tal-Punent u laħqu l-quċċata tagħhom bit-tentattiv tan-Nazisti li jeqirdu għalkollox il-Lhud. Poliakov isostni li l-għira tal-"anti-Semitiżmu ekonomiku" u l-fantażmagoriji tal-"anti-Semitiżmu razzjali" jitnisslu mill-passjoni *sui generis*, unika, li hemm taħt l-"anti-Semitiżmu reliġjuż."[3] Memmi jargumenta b'mod konvinċenti li l-ewwel Insara, li fil-fatt kienu Lhud, ħassew il-ħtieġa li jattakkaw il-Ġudaiżmu biex ikunu jistgħu jaffermaw ruħhom, biex jingħażlu mill-"oħrajn." Fl-oriġni tal-anti-Semitiżmu Nisrani, li Memmi jarah bħala tip ta' razziżmu, m'hemmx differenzi dottrinali, minkejja li dawn wara l-Insara fittxewhom u stabbilewhom, imma "neċessità politika u demografika." L-iskop tal-anti-Semitiżmu Nisrani kien li jafferma ruħu bħala kollettività.[4]

## Konċezzjoni Nisranija Negattiva tal-Lhud

Fid-definizzjoni tiegħu tal-kelma "Lhud" f'*Il-Miklem Malti*, Erin Serracino Inglott jagħti l-espressjoni "irid fih kibx il-Lhud," li tfisser "talabni wisq flus, għalih li hi xi ħaġa tassew rari jew tiswa;" u fid-definizzjoni ta' "Lhudi" jagħti l-espressjoni "fidwa tal-Lhud" li jispjegaha bħala "ħaġa li titlob taħbit kbir, u aktarx għalxejn, għax ma jirnexxilux min jipprova." Il-qawl, "Ix-xita u x-xemx, qed jitgħammed Lhudi (*jew* twieled Tork)," jirreferi għal fenomenu meqjus bħala kurjuż u mhux tas-soltu,[5] għax għalkemm l-Insara jippretendu li l-Lhud jikkonvertu għall-Kristjaneżmu jew speċifikament għall-Kattoliċiżmu, dan ma jseħħx faċilment għax il-Lhud donnhom tbiegħdu wisq mit-"triq it-tajba." Godfrey Wettinger isostni li l-assoċjazzjoni tal-Lhud mal-Gżejjer Maltin mifruxa fuq medda twila ta' żmien *"has resulted in a crystallization of popular attitudes towards them,* Lhudi *'a Jew' having the same deprecatory meaning in the Maltese language as it has in so many others."*[6]

F'Malta tas-seklu 21 għad hawn min isejjaħ tifel "Lhudi" jew "kelb Lhudi" jekk jobżoq jew ixejjer xi daqqa.[7] Dan jikkonfermah Malti li twieled fl-1936, imma din l-espressjoni ma baqax jużaha. "Meta xi tifel kien jobżoq lil xi ħadd ieħor, kienu jgħidulu, 'Mur 'l hemm ja Lhudi ħażin.'"[8]

L-anti-Semiti jobogħdu lil-Lhud għax huma Lhud, u mhux minħabba dak li jagħmlu. Hemm min jobgħodhom għax konvint li huma sinjuri u pretenzjużi; u min jobgħodhom għax huma fqar u jgħixu fl-għaks; hemm min jobgħodhom għax kellhom sehem ewlieni fir-rivoluzzjoni Bolxevista, u min jikkundannahom għax saru sinjuruni wara l-waqgħa tar-reġim Komunista; hemm min jobgħodhom għax sallbu 'l Kristu u fl-istess ħin hemm min jgħid li niġġsu l-kultura tal-Punent bil-"moralità Nisranija tal-ħniena;" hemm nies li għandhom kontrihom għax huma ġens bla patrija, u oħrajn għax ħolqu l-istat ta' Iżrael.[9] Fl-analiżi tiegħu tal-anti-Semitiżmu, Uri Avnery jagħti importanza speċjali lil dawk li jsejħilhom siltiet kontra l-Lhud fir-"rakkont tat-Testment il-Ġdid dwar it-tislib ta' Kristu li vvelenaw id-dinja Nisranija u ħolqu tbatija bla qies."[10] Aktarx li l-ispirazzjoni għall-espressjonijiet dwar "il-kelb Lhudi" u l-"Lhudi ħażin" fil-kultura popolari Maltija tinsab proprju fl-antagoniżmu Nisrani lejn il-Lhud li jikkundanna Avnery.

Fis-sena 313 l-Imperatur Kostantinu għaraf il-Kristjaneżmu bħala *"religio licita,"* fuq l-istess livell ta' reliġjonijiet oħrajn, u pprojbixxa l-konverżjoni għall-kultura u r-reliġjon Lhudija (315); imbagħad bil-promozzjoni tal-Kristjaneżmu

bħala l-unika reliġjon tal-Istat fis-sena 380 minn Teodosio I,[11] l-Insara ngħataw il-kontroll tal-apparat tal-istat u l-mibegħda lejn il-Lhud bdiet tidher f'ħafna forom u saret "endemika fil-qalba tal-popolazzjonijiet Kristjani."[12] Alessandro Aruffo jara traċċi tal-anti-Semitiżmu f'pożizzjonijiet teoloġiċi fl-ewwel kitbiet ta' esponenti awtorevoli tal-Kristjanità antika. *"Sul piano teologico il cristianesimo, sin dalle origini, aveva elaborato una concezione negativa dell'ebreo."*[13] Imma kien hemm ukoll sentiment kontra l-Lhud ta' nisel Grieg u Ruman li kien ir-riżultat tal-perċezzjoni tal-Ġudaiżmu bħala stramb u barrani għas-sistema leġislattiva dominanti, minħabba li l-Lhud ma setgħux jiżżewġu nies li ma kinux Lhud u minħabba l-projbizzjoni tax-xbihat u l-ismijiet tal-ikel. Fl-epoka Kristjana, imbagħad, din l- *"estraneità"* tal-Ġudaiżmu ssarrfet f'firda u dawk ta' fidi Ġudajka bdew iħarsu lejhom bħala għedewwa tal-ġens uman.[14] Mit-tieni seklu wara Kristu l-Knisja bdiet iddaħħal il-Ġentili, nies li mhumiex Lhud, u sejħet lilha nfisha "Iżrael il-ġdid." It-testi Bibliċi bdew iqisuhom bħala wirt tal-Knisja Kristjana u kienu jgħidu li l-Lhud kapaċi jaqraw il-Kotba Mqaddsa imma mhux jifhmuhom. Fl-epoka moderna, speċjalment bejn is-seklu 12 u s-seklu 16, l-anti-Ġudaiżmu Kristjan ħoloq strutturi u politika kontra l-Lhud li wasslu għall-ħolqien tal-*ghetto* u ċ-ċaħda tal-emanċipazzjoni.[15] Fis-seklu sittax, imbagħad, fi żmien il-kontro-Riforma, jew ir-Riforma Kattolika, u t-tixrid ta' teoriji apokalittiċi, żviluppat il-politika tat-tkeċċija tal-Lhud minn fost l-Insara.[16] Fl-1775, fl-ewwel sena tal-mandat tiegħu, il-Papa Piju VI (1775-1799) ħareġ l-*Editt fuq il-Lhud* li skont Attilio Milano huwa "kodiċi mostruż ta' ċaħda ta' kull dinjità umana."[17] Skont Aruffo, meta beda l-persekuzzjoni tiegħu tal-Lhud, il-Kattoliku Hitler, li l-Knisja qatt ma skomunikatu, ipprova jiġġustifika l-azzjonijiet tiegħu biex jgħid li anki l-Knisja kienet issegregat lil-Lhud biex tiddefendi ruħha mit-"theddida Ġudajka."

> *In effetti il mito dell'ebreo come incarnazione dello sradicamento del popolo, tipico dell'ideologia nazional-patriottica del sec XIX, divenne col nazismo simbolo dell'imbastardimento e della corrosione della 'purezza ariana.'*[18]

Aruffo jsostni li l-missirijiet tal-Knisja li sawru d-duttrina Nisranija stabbilew li l-Kristjaneżmu biss kellu d-dritt fuq l-interpretazzjoni awtentika tat-Testment il-Qadim li l-messaġġ tiegħu laħaq il-milja tiegħu permezz ta' Ġesù. Għalhekk il-Lhud kellhom il-ħtija li m'għarfux il-Messija u li qatlu lil Ġesù.[19] *"In sostanza, in quanto testimoni viventi delle Scritture, gli ebrei avrebbero dovuto essere puniti per l'eternità come 'popolo deicida.'"*[20] Din il-pożizzjoni aġevolat lill-klassijiet konservatriċi Rumani li kkonvertew għall-

Kristjaneżmu u permezz tad-demonizzazzjoni tal-Lhud ħelsu mill-akkuża li sallbu lil Ġesù. Il-Kristjaneżmu, li għal-Lhud kien setta eretika, ma daħalx fit-taqbida tal-Lhud kontra r-Rumani, u skont Poliakov, din l-attitudni mhux kunflittwali tal-ewwel Insara lejn ir-Rumani wasslet biex ir-rakkont evanġeliku jimminimizza s-sehem ta' Pilatu fil-Kruċifissjoni u eventwalment iqarreb lill-Insara u r-Rumani lejn xulxin.[21]

Min-naħa tagħhom, l-Insara nqdew bil-ħtija li ngħatat lil-Lhud biex isostnu li Alla kien warrab il-poplu tiegħu u għażel lilhom minfloku u biex jikkumbattu l-proselitiżmu tagħhom. Skont Poliakov fil-Vanġeli ta' Mattew u Ġwanni, li nkitbu wara t-tnejn l-oħra u huma l-iktar li jeħduha kontra l-Ġudaiżmu, hemm diġà ż-żewġ temi kardinali tal-anti-Semitiżmu Nisrani, għax iġiegħlu lil-Lhud stess jistqarru r-responsabbiltà kollettiva tagħhom għat-tislib tal-Iben ta' Alla (Mt, 27: 25) u jidentifikaw lil-Lhud mal-qawwiet tal-Ħażen (Ġw, 8: 44).[22] Aruffo jargumenta li l-anti-Semitiżmu Nazista nbena wkoll fuq sisien lajċi apparti dawk reliġjużi, bl-identifikazzjoni tal-Lhud, ngħidu aħna, bħala espressjoni tal-moderniżmu materjalistiku u liberali, bħala nies miklubin minn kapitaliżmu pervers. In-nies kienu jemmnu li l-kefrija tal-Lhud kienet ġejja mhux biss mir-reliġjon iżda anki mill-istinti razzjali, mill-impulsi qerrieda tagħhom. Aruffo jemmen li dawn il-preġudizzji popolari jispjegaw għaliex ħafna mill-kleru baqa' sieket quddiem l-attakki kontinwi kontra l-Lhud, quddiem il-liġijiet razzjali u politika li telimina.[23]

## Il-Lhud f'Malta Mifrudin mill-Maltin

Fil-ħrejjef Maltin li ġabar Manwel Magri hemm żewġ ħrejjef qosra li fihom il-Lhud jissemmew f'dawl pjuttost ikrah. F'waħda minnhom miġbura minn Ta' Kerċem, Għawdex, il-Lhud huma assoċjati mal-ħtif ta' nies u twemmin u mġiba tal-biża'.

> Fuq ir-riħ ta' Wied Sansun f'Għawdex hemm Għar il-Lhud. Dawna kienu jaqbdu lin-nies u jeħduhom ġewwa fih. Huwa wisq kbir.
> Jgħidu wkoll li tas-setta jmorru hemm jiżfnu.[24]

Fil-ħrafa l-oħra miġbura miż-Żejtun, hemm ħjiel tal-persekuzzjoni tal-Lhud mill-Maltin (l-oħra).

> In-naħa ta' Delimara kien hemm *belt tal-Lhud*. Ħarquhielhom u l-Lhud ħarbu.
> Sa ftit żmien ilu kien għad jidher il-ħaġar maħruq ta' dik il-belt.[25]

F'dawn iż-żewġ rakkonti qosra tinħass firda qawwija bejn il-Maltin u

l-Għawdxin (l-Insara) fuq naħa u l-Lhud fuq in-naħa l-oħra. Din il-firda tinħass ukoll fi tradizzjoni orali oħra marbuta mal-Lhud minn tmiem is-seklu 16 li fiha jingħad li darba l-gżira ta' Malta kienet maqsuma fi tliet partijiet għal-Lhud, il-Mori jew is-Saraċeni, u l-Insara, u kull komunità kellha l-mexxej u l-bini tagħha. Skont din il-leġġenda l-Lhud kellhom f'idejhom it-Tramuntana u l-Punent ta' Malta.[26] Minkejja din it-tradizzjoni popolari li tinsisti fuq il-firda, aktarx li wħud mil-Lhud, bħal Alina P'nina Tayar, kienu jqisu lilhom infushom ukoll bħala Maltin: *"the assumption that most people make is that all Maltese are Catholics. I came into this world as one of those great rarities, a Maltese Jew."*[27] Fil-komunità Lhudija tagħha f'Malta, Tayar sabet ruħha f'soċjetà li fiha l-identità tiddefiniha r-reliġjon.[28] Skont in-nazzjonaliżmu dejjaq u esklużiv tas-seklu 19, kif jikteb fuqu Uri Avnery, nazzjonaliżmu bbażat fuq ir-razza u n-nisel etniku, fuq id-demm u l-art, *"a Jew," is a person born Jewish or converted according to Jewish religious law (Halakha)."*[29] Iżda hi tħoss, bħall-kittieb J. B. Yehoshua, li "persuna Lhudija hija sempliċiment wild ta' omm Lhudija."[30] Tayar tgħid ukoll b'ċerta ammirazzjoni li l-Lhud li kienu bħall-membri tal-familja ta' omm missierha, Rachele, li ħutha kienu mifruxin mal-Baħar Nofsani kollu imma marbutin flimkien xorta waħda b'nisġa kumplessa ta' kuntatti familjari bejniethom,[31] kienu jħossuhom komdi u milqugħin f'għadd ta' kulturi u lingwi. Ma kinux jaraw lilhom infushom bħala marbutin ma' xi nazzjonalità jew oħra, u għalhekk kienu tassew kosmopolitani.[32]

Meta l-Gżejjer Maltin kienu f'idejn in-Normanni, il-komunitajiet Lhud kibru b'mod straordinarju u kien hawn mal-500 membru f'Malta u 250 f'Għawdex. Bħal f'postijiet oħrajn fl-Ewropa, kienu ttrattati b'disprezz, li kultant wassal għal atti vjolenti. Dawn l-attakki fuq il-Lhud bħala grupp li ried jingħażel mill-oħrajn ma qatgħalhomx qalbhom milli jżommu l-fidi tagħhom. L-awtoritajiet ma kinux kuntenti li l-kummerċjanti Lhud kellhom rabtiet tajbin ma' komunitajiet Musulmani fl-Afrika ta' Fuq. Meta l-Kunsill Lateran tal-1215 iddeċieda li l-Lhud kellhom jilbsu arma forma ta' rota biex juru r-reliġjon tagħhom, kien qed juri b'mod viżiv id-differenza bejnhom u l-oħrajn.[33]

Carmel Cassar isostni li sal-aħħar tas-seklu sittax, minkejja li l-qari tal-kotba kien infirex sewwa minħabba t-twelid tal-istampar, "il-Knisja Kattolika, permezz tal-Inkwiżizzjoni, irnexxielha tikkontrolla l-ħajja, u l-ħsibijiet l-aktar mistura, tan-nies f'Malta."[34] Aktarx li f'Malta din il-persekuzzjoni tad-diversità ssaħħet permezz ta' dak li l-istoriku ewlieni Godfrey Wettinger isejjaħlu l-Kristjaneżmu riġidu, ksenofobiku u ffossilizzat tas-soċjetà Maltija tas-sekli wara t-tkeċċija

tal-Lhud u l-Musulmani minn Malta fl-1492.[35] L-inkwiżituri kienu jaraw li l-Lhud ma joffendux is-sentimenti tal-Kattoliċi billi jidgħu kontra r-reliġjon tagħhom (u jsejħulha, ngħidu aħna, "reliġjon tal-klieb u l-ħallelin") jew billi jirfsu fuq is-salib.[36]

Fuq ordni tal-Inkwiżitur Evangelista Carbonese, ngħidu aħna, fil-5 ta' Mejju, 1609, fil-pjazza tal-Birgu, inħarqu għadd ġmielu ta' kotba ta' kull tip, inkluż xogħol dwar il-matematika ta' Tolemew, kotba tal-kittieb Franċiż François Rabelais, kopji tal-Koran u ktieb Lhudi.[37] F'Malta tal-Kavallieri, li Aline P'nina Tayar issejħilhom *"the predatory Knights,"*[38] la kien hemm post għal imġiba meqjusa bħala differenti, bħal dik tal-omosesswali, tas-"sħaħar," u tal-lebbrużi, u lanqas għal twemmin politiku jew reliġjuż li ma kienx dak tal-kbarat. Minħabba f'hekk batew l-eretiċi, il-Protestanti, l-atei, il-ħassieba liberi, u l-Musulmani, u batew ukoll il-Lhud. Skont Giovanni Bonello, l-awtoritajiet kienu jirraġunaw li l-aħjar ħaġa tkun li jwarrbu lil dawn in-nies devjanti, jew aħjar jesterminawhom: *"at best ostracised, though better if exterminated."*[39] Bonello jindika li kotba jew kitbiet oħra bl-Għarbi jew bl-Ebrajk kienu projbiti għax l-Ordni kien jibża' li setgħu jaħdmu kontra t-tagħlim tal-Knisja Kattolika jew l-awtorità tal-Ordni.[40] L-inkwiżituri kienu suspettużi ħafna tal-kotba u t-trattati Lhud u Musulmani. Fl-*Istruzioni*, li kien il-manwal tagħhom, kien hemm miktub li f'Malta ħadd ma seta' jżomm jew jitkellem dwar kotba tat-Talmud jew kotba oħrajn projbiti tal-Lhud, li kienu meqjusin bħala *"volumi detestabili."* Kull ħaġa miktuba bl-Ebrajk *"was presumed to contain 'abuse, ungodliness and heresy' and 'shameful and obscene narratives.'"*[41] L-Insara li kienu jistampaw jew iqassmu kotba Lhud kienu jiġu skomunikati awtomatikament, u dan kien jgħodd ukoll għal verżjonijiet ta' kotba li kienu ġew iċċensurati, imnaddfin. Jingħad li għalkemm uffiċjalment dan kien jgħodd għall-kotba Lhud kollha, l-*Istruzzjonijiet*, b'mod sigriet, kienu jagħtu lill-inkwiżituri l-possibilità li ma jħarrkux Lhud li kellhom sempliċiment kotba tal-grammatika.[42] Fost il-priża tal-kursara kien ikun hemm ukoll il-Lhud. Fl-1672, ngħidu aħna, minkejja li kienu fuq bastiment Venezjan li salpa minn Lixandra, għaxar Lhud inqabdu skjavi bl-iskuża li kienu sudditi Torok. Mordochai, li kien passiġġier fuq galera Toskana, inbigħ mill-kaptan lil qassis Malti għal bittija nbid.[43] Cecil Roth jirrakkonta li fl-1725 kien hawn mat-tletin persuna Lhudija f'Malta, kollha skjavi, *"the most remarkable Jewish community that ever existed."*[44] Il-kodiċi tal-Gran Mastru Vilhena li xxandar fl-1724 ordna li ebda persuna Lhudija jew Torka ma setgħet tidħol f'dar, lanqas biex tixtri jew biex tbigħ xi ħaġa. Il-kastig għal min kien jikser din il-liġi kien li l-persuna ssir skjava u jkollha tagħmel

sentejn taqdef fuq ix-xwieni.[45] Sal-aħħar tas-seklu 18, proprju fiż-żmien li fih huwa ambjentat *Taħt Tliet Saltniet*, il-Lhud u ġnus oħrajn kienu għadhom qed jinqabdu bħala lsiera mill-kursara Maltin, u Wettinger jirrapporta l-każ ta' Lhudi li flimkien ma' disgħa min-nies oħra nqabad ilsir fid-9 ta' Lulju, 1796, wara attakk mix-xambekk tal-kursara Maltin, il-Madonna del Carmine tal-Kaptan Michele Picasso mill-Isla.[46]

Nafu li f'Malta tas-seklu 18 kien hemm skjavi Lhud li kienu skrapan u ħajjata u oħrajn li kienu jaħdmu fl-Isptar jew fuq ix-xwieni tal-Ordni. Skont Ciappara, *"There are also references to Jews exercizing their traditional activity of pawnbrokers,"* rahhanin.[47] Għax bħal f'artijiet Insara oħrajn, wara li kienu jlestu x-xogħol li kienu jingħataw mis-sidien tagħhom, l-ilsiera setgħu jagħmlu x-xogħol personali tagħhom.[48] M'għandniex wisq tagħrif dwar kemm kien hawn Lhud ħielsa f'Malta fis-seklu tmintax, imma minn dak li jgħidu Aline P'nina Tayar u Ciappara aktarx ma kinux wisq għax instabu referenzi għal individwi imma mhux għal komunità. Fl-1240, 2.94% tal-popolazzjoni Maltija kienu Lhud; u fl-1493, meta tkeċċew mill-Gżejjer Maltin, 500 ruħ kienu Lhud, jiġifieri 3% tal-popolazzjoni, waqt li f'Għawdex kienu bejn 4 u 5% tal-abitanti kollha. Fl-Imdina, 30% tar-residenti kienu Lhud. Dak iż-żmien kienet *"A thriving and fully integrated community, doing watch-duty and angara service (corvée work) and engaged in trading and in the purchase and sale of land."*[49] Imma fis-seklu 18, jidher li l-Lhud f'Malta kienu verament ftit u skont Ciappara, ma jidhirx li kienu minoranza oppressa u ma kinux jgħixu f'*ghetto*, fi kwartier għalihom.[50] Lanqas ma jidher li kienu jippersegwitawhom minħabba r-reliġjon tagħhom u dawk li kienu jagħtuhom fastidju setgħu jeħlu sa ħames snin fuq ix-xwieni.[51] Fil-fatt kellhom is-sinagoga tagħhom, mgħammra kif suppost, fil-*bagno*, u sal-aħħar tas-seklu 18 kellhom iċ-ċimiterju tagħhom.[52] Mil-*Libretto delle Prattiche de Bastimenti con la nota del loro Equipaggio e Passagieri* ta' bejn Ottubru tal-1745 u April ta' wara nafu li f'Malta kien hawn ħafna attività kummerċjali u waslu Malta nies ta' kull ġens u reliġjon, fosthom Musulmani, Insara u Lhud.[53] Iżda bħall-infidili kollha, biex jidħlu Malta l-Lhud riedu l-permess tal-Gran Mastru, u dawk li kienu jidħlu mingħajr permess kienu jissugraw li jarrestawhom u jeħdulhom ġidhom. Riedu wkoll jgħarrfu lill-inkwiżitur bil-preżenza tagħhom u ma setgħux isellfu l-flus, jew jersqu lejn il-fortizzi u bini militari ieħor, jew inkella jbigħu l-prodotti tagħhom fit-toroq – setgħu jbigħu biss fis-suq tal-Belt Valletta. Barra minn hekk, skont kif kien ordna l-Papa Pawlu IV fl-1555, fil-Gżejjer Maltin il-Lhud kienu jilbsu żigarella safra, il-wisa' ta' saba', madwar il-kappell tagħhom biex tagħżilhom

mill-Insara.[54] Skont Ciappara, dawn ir-restrizzjonijiet legali imposti fuq il-Lhud saru bil-ħsieb li jġegħluhom iħossuhom differenti mill-bqija tal-popolazzjoni. *"They were to feel their inferiority and that they were only tolerated guests in their country of adoption."*[55] Patri Alexander Bonnici jikteb li l-Maltin kienu jibżgħu mill-barranin u ma jafdawhomx, u l-awtoritajiet minn dejjem kienu joqogħdu attenti għal dawk li kienu jħaddnu reliġjonijiet oħrajn u kienu jagħmlu distinzjoni bejn l-infidili u l-Insara li ma kinux Kattoliċi. *"Jews and Muslims were particularly feared."* Għalkemm setgħu jiġu Malta biex jagħmlu l-kummerċ, dawk li ma kinux Insara kien ikollhom jilbsu jew juru sinjal ċar li jiddistingwihom mill-komunità tal-post u biex iwissu lill-Maltin.[56] Bħall-Maltin fi Spanja, aktarx li l-Lhud kienu jfittxu 'l xulxin biex jipproteġu lilhom infushom bħala minoranza. Braudel, ikkwotat minn Carmel Vassallo, jgħid li din il-minoranza *"was a solid and ready made network."* Il-Maltin fi Spanja kienu bħall-Armeni, il-Lhud u minoranzi oħrajn li f'ambjent barrani, aljen kienu jfittxu 'l xulxin biex jgħinu u jagħtu sens ta' sigurtà lil xulxin.[57]

Mar-Rivoluzzjoni Franċiża waslet ukoll l-emanċipazzjoni tal-Lhud Ewropej. Meta Napuljun ġie Malta fl-1798 ħareġ ordnijiet biex irażżan il-poter tal-Knisja Kattolika f'Malta u fl-istess ħin wiegħed li l-amministrazzjoni Franċiża kienet se tipproteġi lil dawk il-Lhud li riedu jistabbilixxu sinagoga f'Malta.[58] Meta t-truppi Franċiżi daħlu Ruma fl-1798 tneħħa s-sinjal distintiv isfar u l-Lhud ingħataw il-jeddijiet tagħhom bħala ċittadini u bħala bnedmin. Iżda matul is-seklu 19 il-Knisja kellha attitudni ostili lejn il-Lhud u ġġieldet sew kontra l-emanċipazzjoni tagħhom li ġabet magħha r-Rivoluzzjoni Franċiża.[59] Tayar tgħid li wara l-wasla tal-Ingliżi f'Malta, Lhud ħielsa setgħu jiġu jgħixu fuq il-Gżejjer Maltin.[60] Fl-1835 jidher li kien hawn sitt familji Lhud biss jgħixu f'Malta,"[61] u li dawn kienu *"wretchedly poor, no different, therefore, from the general population."*[62] Għall-ħabta ta' nofs is-seklu 18, meta f'Malta kien hawn ir-Rabbi Josef, rari kien hawn iktar minn 25 familja Lhudija. Skont Tayar, minkejja ċ-ċokon tagħha, din il-komunità rnexxielha żżomm l-identità tagħha. *"It demonstrates the tenacity of past generations in maintaining their separateness."*[63] U l-ħajja għal-Lhud ta' Malta qatt ma kienet faċli. *"The community was too poor to be able to engage Rabbi Josef other than part time."*[64] L-istorja mqallba tar-Rabbi Josef hija mimlija *"dramatic departures and losses;"* hija l-istorja tipika ta' Lhud li kellhom imorru minn naħa għal oħra tal-Mediterran biex ikampaw kif jistgħu.[65]

Nafu li għall-ħabta tal-1919, kien hawn komunità ta' Lhud li rari kienet taqbeż il-100 ruħ, li ħafna minnhom kienu tal-klassi tan-nofs u wħud minnhom kienu

fqar.[66] Minn mewġa wara l-oħra ta' appelli għall-għajnuna nafu li l-komunità Lhudija Maltija mhux dejjem kienet tħossha protetta u komda u ġieli sabet ruħha f'mumenti li fihom batiet biex tkampa. Tayar tikteb li *"Maltese society was still governed by a religion that had always been relentlessly hostile towards them."* Bil-għan li joffendi kemm lil-Lhud kif ukoll lill-Maltin, nofs seklu wara l-wasla tar-Rabbi Josef, għall-bidu tas-seklu 20, l-Ammirall Brittaniku Lord Fisher stqarr li *"Neither Jews nor rats can exist in Malta. The Maltese are too much for either."*[67]

Meta fl-1936 l-armata ta' Mussolini invadiet l-Abbisinja, Banino, in-nannu ta' Aline min-naħa ta' missierha, iddeċieda li ħadd fid-dar tiegħu ma kellu jitkellem aktar bit-Taljan, il-lingwa li kienet tintuża sa dakinhar, u kien permess biss il-Malti (waqt li l-Ingliż kien jintuża fl-iskola).[68] U meta Lhudi Ġermaniż qabeż minn fuq il-vapur tiegħu fil-Port il-Kbir u l-awtoritajiet riedu jiddeportawh, Banino mar għand il-Konslu Ġermaniż biex jinsisti li jieqfu l-proċeduri tad-deportazzjoni.[69] *"When language became a cause and a sign of belonging, Banino and his children were quite clear where their loyalties lay."* Sadattant, iz-zija paterna ta' Aline, Ondina, bdiet tikteb novelli riflessivi u malinkoniċi bil-Malti, u daħlet f'kumitat li kien qed iħejji ortografija komuni għal-lingwa Maltija.[70]

F'rumanz ta' Robert Mifsud Bonnici ambjentat fi żmien Kristu li ħa sehem fl-istess Konkors tal-Gvern tal-1935 għall-aħjar rumanzi oriġinali li rebaħ Ġużè Aquilina b'*Taħt Tliet Saltniet*, in-narratur jistqarr, lejn il-bidu tar-rumanz, li l-Lhud huma "nies mimlijin bihom infushom."[71] U f'mument ieħor, lejn l-aħħar, Mifsud Bonnici jgħid li fil-kunflitt bejn ħakkiema u maħkumin, ir-Rumani kienu "nies b'ħilithom" li "rebħu d-dinja, b'kemm ġnus fiha," u "kienu jħossu rwieħhom fuq kulħadd," waqt li l-Lhud kienu "nies imkabbrin, mimlija bihom infushom," u għalhekk ma setgħux iġerrgħu l-ħakma barranija tar-Rumani fuqhom. Fl-istess rumanz, din id-deskrizzjoni tal-Lhud taqbel ma' dik li jagħti ta' "Xmuni, il-Fariżew, minn Mạgdala, raġel mimli bih innifsu," qbil li jagħti ftit l-impressjoni li hawn ukoll il-Lhud huma kollha, jew ħafna minnhom, "Fariżej,"[72] dawk li "juru ħaġa b'oħra," li jippruvaw ma jiksruha ma' ħadd,[73] li "fit-triq u fl-imsieraħ, qaddisin; u ġewwa fejn ma jarahom ħadd, xjaten."[74] Mifsud Bonnici, ispirat minn Matt. 12, 25, jgħid li l-Lhud ma rnexxilhomx jeħilsu mir-Rumani għax bejniethom "kienu mifrudin, maqsumin f'kemm għaqdiet, għedewwa ta' xulxin u għalhekk ma setgħu qatt jgħaddu 'l quddiem."[75] Min-naħa l-oħra, fir-rumanz tiegħu *Ben Jeħuża* tal-1947, il-kittieb lingwistikament purista Luret Cutajar jagħti impressjoni aktar pożittiva tal-

Lhud u l-ewwel komunitajiet Lhud-Insara. Ir-raġel tajjeb li huwa protagonista tar-rumanz jistqarr li fix-"xirkiet ta' nies ta' rieda tajba" tal-ewwel Insara kien hemm Lhud u nies minn ġnus oħra. "Kull min hu bniedem sewwa, jekk irid, jidħol magħna."[76] Ir-rumanz ma jifridx 'il-Lhud mill-oħrajn. Min-naħa l-oħra, fl-analiżi tiegħu tal-anti-Semitiżmu, Poliakov jiddeskrivi l-Kristjaneżmu tal-bidu bħala setta dissidenti Lhudija, u jgħid li ċerta kritika kontra l-Ġudaiżmu fit-Testment il-Ġdid trid tinftiehem f'dan il-kuntest.

Meta jittratta t-tort għall-qtil ta' Kristu, Robert Mifsud Bonnici ta' *Midinbin* ma jixħtux biss fuq il-Lhud, imma l-ħtija ewlenija tinħass li hija tagħhom:

> Iż-żewġ ġnus kienu jobogħduh. Ir-Rumani għax Lhudi, u l-Lhud għax ma reduhx b'Feddej, Sultan tagħhom. B'Feddej, b'Sultan riduh Setgħani tal-art. Ir-Rumani, f'dik il-għodwa ħaqruh, sawtuh, żebilħuh aktar milli setgħu għaliex fih kienu qegħdin jaraw lis-Sultan tal-Lhud, l-għedewwa tagħhom.

Skont l-awtur, il-Lhud kien mingħalihom li "sejrin itemmu lir-Rabbi bla ma jkunu ċappsu jdejhom bid-demm tiegħu" billi jinqdew bir-Rumani, imma meta wara s-swat raw li ma mietx, kienu l-Lhud li sejħu biex isallbuh.[77] Aktarx li dan ir-rumanz li nkiteb meta Aquilina kien qed jikteb *Taħt Tliet Saltniet*, jagħti ħjiel tal-post tal-Lhud fil-kultura ta' ħafna mill-poplu Malti tas-snin tletin tas-seklu għoxrin.

Rumanz ieħor interessanti ta' dan il-perijodu huwa *Lejn ix-Xemx* ta' Ġużè Bonnici, rumanz storiku Romantiku b'elementi mhux tas-soltu li l-awtur "kitbu ftit qabel ma nxteħet fis-sodda" imma ma laħaqx ġie stampat qabel ma miet ħesrem fis-6 ta' Ottubru, 1940 fl-età ta' 33 sena.[78] Il-viljakk ta' dan ir-rumanz ambjentat f'Malta f'Lulju tal-1701, fi żmien l-Ordni, huwa Barabba (bla kunjom), "Aktarx qsajjar, miftuħ sewwa minn spallejh, daqsxejn milwi lejn ix-xellug, b'ras imwieżna fuq għonq qasir u oħxon [...]." Wiċċu kien ibeżża', "Ħadrani, imfaqqa' b'għajnejn żgħar, suwed u mimlija xrar ta' għadab u ta' stmellija għal kulħadd u għal kollox; bi mnieħer imfattar, b'xofftejh kbar u mimlija, b'mustaċċi twal u mibrumin 'l isfel, bil-widna tax-xellug maħsuda barra." Kien ix-xempju tal-qerq u l-ħruxija.[79] Ir-rumanz ma jgħidilniex x'inhu l-ġens tiegħu, però lanqas ma jgħidilna l-ġens ta' karattri oħrajn bħal Karmen, l-ilsir iswed Babu, Rodrig Gonzaga u Ġorġ Karakis,[80] li jidher pjuttost ċar li mhumiex Maltin. Bħalma jiġri lil Wenza, il-qaddejja ta' Żiża, l-isem "Barabba" aktarx ifakkar lill-qarrejja Maltin fil-qtil ta' Kristu u impliċitament fil-Lhud, għax din hija x-xilja anti-Semitika ewlenija tal-Insara. Meta Barabba jħabbat il-bieb ta'

Wenza, li ma tafx min hu, tistaqsih jekk huwiex ħalliel u l-kelma "ħalliel" minnufih tfakkarha f'Barabba tal-Bibbja:

> "Mela x'inhu, anqas ġieni f'rasi qabel... Barabba kien dak il-ħalliel li ħelsu minflok Sidna Ġesù Kristu. Tgħid dan jiġi minnu?" Tħajret tiflilu wiċċu biex tara hemmx xi xebh bejnu u bejn ix-xbieha ta' Barabba l-ħalliel li kemm-il darba lemħet impittra għand waħda ġara. Ixxabbtet għal barra u pespsitlu biex jgħolli rasu. Xħin rafa' wiċċu ma felħitx ma tgħajjatx: "Xi kruha! Ikreh minnu!"[81]

Barabba jirreferi għalih innifsu bħala agħar mix-xitan, għax "Anqas ix-xitan ma jiflaħ għalija..."[82] u Duminku jirreferi għalih diġà biċ-ċajt bħala "x-xitan innifsu" fit-tieni kapitlu tar-rumanz.[83] L-istess jagħmel Ġanni Dimech li jqis lil Barabba, "dan il-mingħul taħt xbieha ta' bniedem," bħala agħar mix-xitan;[84] u fl-istess xena, Barabba, b'"daħka niggieża," jikkonferma li mhuwiex Nisrani, meta jwaqqa' għaċ-ċajt il-qrar.[85] Fil-Bibbja, skont San Ġwann (Ġw. 18,40) Barabba kien brigant, kif kienu jsejħu lix-xewwiexa politiċi kontra l-ħakma Rumana, iżda jagħti x'jifhem ukoll li kien ħalliel (Ġw. 10,1); San Mark u San Luqa jgħidu li kienu xeħtuh il-ħabs fuq xi qtil jew rewwixta (Mk 15,7-15; Lq 23,18-19), waqt li San Mattew jgħid biss li kien ħabsi magħruf.[86] F'*The Jew of Malta* ta' Christopher Marlowe, dramm miktub lejn l-aħħar tas-seklu 16 li kellu influwenza kbira fuq *The Merchant of Venice* ta' Shakespeare, Barabas, minkejja li jidher li Marlowe ma kienx influwenzat direttament mil-Lhud Maltin taż-Żmien Nofsani,[87] huwa negozjant Lhudi mhux differenti ħafna minn Ebenezer ta' Aquilina. Fil-*Journal for the Study of Judaism*, J. Tromp jikkwota lill-akkademiku Nisrani R. D. Aus li jsostni li l-episodju ta' Barabba rrakkontat mill-evanġelista Mark ma seħħx tassew u ġie ivvintat *"to provide a reason for the Roman procurator to have Jesus executed, as well as to blame the Jews for having their fellow-Jew killed, and to stress Jesus' innocence dramatically."* Skont Tromp, Aus jirrikonoxxi li dan ir-rakkont kellu effetti ħżiena ħafna fuq il-Lhud fl-istorja tal-Ewropa Nisranija.[88] Kif juri Oliver Friggieri fir-rakkonti tiegħu dwar bniedem tat-triq li kien imlaqqam u magħruf minn kulħadd bħala "Barabba,"[89] għall-Insara Maltin l-isem "Barabba," bin-nisel Bibliku tiegħu marbut mat-tislib ta' Kristu, għandu stigma marbuta miegħu.[90]

## Il-Fariżej Taħt Tliet Saltniet

Fil-letteratura Maltija *Taħt Tliet Saltniet* huwa meqjus bħala monument. Ġie stampat xejn inqas minn sitt darbiet, fl-1938, l-1945, l-1969, l-1978, l-1997, u l-2003. Fl-1935 rebaħ konkors imniedi mill-Gvern għall-aħjar rumanz li għalih daħlu bosta xogħlijiet oħrajn, fosthom *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġużè Galea,[91] li ħa t-tieni. *Taħt Tliet Saltniet*, li ħareġ fl-1938, sena speċjali għal-letteratura Maltija minħabba l-pubblikazzjoni ta' bosta xogħlijiet importanti,[92] studjawh ġenerazzjonijiet sħaħ ta' studenti, fosthom studenti tal-Malti fil-livell pre-Universitarju fil-bidu tas-seklu 21. Minn mindu ħareġ tqies, u għadu jitqies, bħala xogħol ta' livell letterarju u morali għoli. Fl-1938 Ġużè Chetcuti stqarr li dan huwa "rumanz kbir" minħabba "l-oriġinalità tas-suġġett, ħsieb għoli mfisser bla tiġbid, li ma jinżilx sa fejn tinżel il-mentalità tal-poplu bla kultura." Jgħid ukoll li d-deskrizzjonijiet ta' mkejjen u ta' nies huma "mpittra ċari." Barra minn hekk, il-kitba ta' Aquilina għandha "stil għoli, kelma safja, vokabolarju wiesa', karattri maqlugħa. Hu jaf inaqqax fil-karattri ħajja kbira."[93] U fl-2003, Charles Briffa kiteb, b'ġenerożità kbira, li minħabba li "Aquilina jattakka lill-Komuniżmu ta' żmienu," Alessandru, il-personaġġ li jiddomina r-rumanz u jinkarna l-ideali tal-awtur, "jieħu dimensjoni ta' eroj politiku li intellettwalment irid jikkumbatti l-ideoloġija Komunista" u "jippromwovi, jippopolarizza, jew ifakkar l-ideoloġija Kristjana."[94] Aktarx li fehmiet bħal din tad-Direttur tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dr A. V. Laferla, li kien il-President tal-ġurija li ppremjat lil Aquilina, li fl-1936 kiteb lill-Gvernatur Ingliż biex jgħidlu li dan ir-rumanz *"cannot be prescribed as a text in higher schools as it savours of socialism and class rivalry and we must be very careful,"*[95] komplew jgħollu lil dan ix-xogħol f'għajnejn il-letterati (u l-edukaturi) Maltin.

Għaldaqstant, ir-rappreżentazzjoni tal-Lhud f'rumanz bħal *Taħt Tliet Saltniet*, li huwa meqjus bħala importanti ħafna kemm bħala xogħol letterarju kif ukoll bħala xogħol li jippromwovi valuri morali għoljin, titlob analiżi bir-reqqa għax kapaċi tixħet dawl fuq kultura. Fit-32 faċċata tad-daħla tiegħu għar-rumanz miktuba fil-bidu tas-seklu 21, 25 sena wara l-pubblikazzjoni ta' *Orientalism* ta' Said, Briffa mkien ma jipproblematizza r-rappreżentazzjoni tal-Lhud u l-Għarab/il-Musulmani fir-rumanz. Seamus Deane jikteb li huwa minnu li l-arti hija attività speċifika, imma mhix maqtugħa mid-dinja li fiha tinbet għax hija wkoll attività li fiha *"the whole history of a culture is deeply inscribed."*[96] Għalhekk fix-xogħol ta' Aquilina m'hemmx biss l-att individwali u maqtugħ għalih ta' kittieb li jfassal rakkont imma hemm ukoll il-kultura u

l-istorja li fihom u permezz tagħhom issawwar ir-rakkont. Xogħol letterarju mhuwiex minnu nnifsu "innoċenti." Chinua Achebe jgħid li wara li qara x-xogħol "imperjalista" ta' Joyce Cary *Mister Johnson* irrealizza li *"although fiction was undoubtedly fictitious it could also be true or false, not with the truth or falsehood of a news item but as to its disinterestedness, its intention, its integrity."*[97] Il-qarrejja jistennew li l-kittieba jkunu perċettivi, li jkunu kapaċi, b'ċerta ħeffa, jaraw l-affarijiet u l-bnedmin lil hinn mill-isterjotipi u mhux iħalluhom jiġru bihom.[98] Achebe jemmen li *"literature is always badly served when an author's artistic insight yields place to stereotype and malice."*[99] Minkejja li jirrakkontaw id-dinja li jgħixu fiha, il-kittieba, skont Achebe, iridu wkoll ikunu kapaċi jaraw iżjed mill-bqija tas-soċjetà, iktar fil-wisa' u iktar fil-fond. Meta xogħol letterarju jirriproduċi fedelment l-isterjotipi, bħall-preġudizzji kontra l-Lhud, tal-komunità jew parti minnha, mingħajr ma jiddubita minnhom, mingħajr ma jixħet dawl ġdid fuqhom, ikun qiegħed joffri stampa limitata. Mingħajr ma jkun jaf ikun qed jagħti ħjiel ta' kultura u mentalità mifruxa u aċċettata. Ir-rappreżentazzjoni tal-Lhud fin-narrattiva tas-snin tletin tas-seklu 20 tagħtina ħjiel ta' anti-Semitiżmu mifrux fil-kultura Kattolika konservattiva tal-Maltin.

L-analiżi tar-rappreżentazzjoni tal-Lhud fir-rumanz ta' Aquilina hija partikolarment importanti minħabba r-rispett li jgawdi fil-kultura letterarja Maltija u anki lil hinn minnha. Ngħidu aħna, f'April tal-1967, tletin sena wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rumanz, bniedem ta' kultura kbira u miġjub minn bosta Maltin ta' żmienu bħal Wallace Gulia, kiteb li waqt li r-rumanz Malti normalment iħares aktar lejn l-istorja milli lejn il-filosofija tal-ħajja jew tal-bniedem bħala bniedem, *Taħt Tliet Saltniet* huwa fundamentalment differenti għax "iħares lejn il-kif u l-għala tal-ħajja u tal-karattri mpinġijin mill-kittieb li jasal għal filosofija soċjali, hekk li kultant tħoss li r-rumanz hu biss il-mezz li bih il-kittieb qed jinqeda biex ifisser il-filosofija soċjali tiegħu." Dan, skont Gulia, jorbot ix-xogħol ta' Aquilina "mal-istorja tar-rumanz fil-letteraturi kbar tad-dinja, l-aktar il-letteratura Ingliża, Franċiża u Russa."[100] Għalhekk, għal ċerti Maltin meqjusin bħala influwenti fis-soċjetà burgiża, il-kelma ta' dan ir-rumanz tiswa iżjed minn ta' oħrajn, anki għaliex, kif jgħid Oliver Friggieri ftit snin wara Gulia, l-għan edukattiv "jinħass mill-bidu sal-aħħar tar-rumanz."[101] Il-funzjoni didattika tinħass ukoll fit-titlu li Laurent Ropa għażel għal dan ir-rumanz meta qalbu għall-Franċiż, "Le Sermon sur la Montagne," il-prietka tal-muntanja.[102]

F'*Taħt Tliet Saltniet* il-karattri Lhud huma fost il-karattri ewlenin fir-rumanz u jidhru l-ewwel darba fit-tnax-il kapitlu. Alessandru Habela, l-eroj

tar-rumanz, u l-ħabib tiegħu Ġanni jkunu għaddejjin fuq il-kaless, sejrin mid-dar ta' Pawlina f'Ħaż-Żabbar sad-dar ta' Alessandru fil-Belt Valletta meta fit-triq jiltaqgħu ma' "rassa ta' nies għadbana, jgħajtu, jitkellmu, jisħtu u jixħtu l-ġebel għal xi ħadd li ma kienx jidher." F'nofs ir-rassa jsibu xiħ, "demmu jsawtek, għajnejh ta' ħalliel, imnieħru ta' seqer, isfar daqs il-qarsa tax-xama', u mdaħħal f'qoxortu bil-biża'." Huwa "neguzjant magħruf Lhudi, tistħajlu wieħed minn dawk il-Fariżej li Kristu għajjar oqbra mbajda, jew inkella wieħed minn dawk il-bejjiegħa regħbin li keċċa minn Maqdes Missieru." Maġenbu hemm bintu ta' sittax li Aquilina jagħmel minn kollox biex jifridha moralment minn missierha: "għajnejha kbar suwed ikellmuk," "ġilditha qamħet il-lewn," "demmha jiġbdek,"[103] u "ħelwa bis-sbuħija magħrufa tal-ġens Lhudi."[104] Fejn ix-xiħ, jgħidilna Aquilina, "kienet qisha 'Is-Sbuħija ħada l-Bhima.'" Tħares lejn wiċċhom ma kontx tobsor f'mitt sena, jgħidilna r-rumanz, li kienu missier u bintu. "Għax il-Lhudi kien qisu l-ħalliel il-ħażin, u t-tifla l-Madalena, b'dak ix-xagħar twil jilħqilha sa tarf qaddha."[105]

Din ix-xena li fiha l-awtur jintroduċi lil-Lhud tfakkarna f'rewwixta li seħħet tassew kontra l-Lhud f'Malta tista' tgħid fl-istess perijodu. F'Lulju tal-1805, wara dimostrazzjoni fil-Belt Valletta, folla mgħaddba daħlet f'għadd ta' ħwienet tal-Lhud u bdiet tinsulenta lil-Lhud fit-toroq. Henry Frendo jsostni li "l-popolin kien mimli bi preġudizzji 'Nsara' kontra l-Lhud, u f'ċertu sens kien anke jibża' minnhom."[106] Meta, fil-perijodu mqalleb ta' bejn l-1806 u l-1813, waslu mat-tlett elef Lhudi u Lhudija f'Malta minn Ġibiltà, Korfù, ir-Russja, l-Ewropa Ċentrali u l-Balkani li kienu fost madwar tletin elf ruħ barranin li waslu Malta f'dan il-perijodu, il-Lhud, li kellhom diġà l-fama, fost l-oħrajn, ta' spjuni, weħlu ma' ras il-Maltin. Skont Frendo, il-Lhud "qisu kellhom dellhom tqil" għax weħlu b'kollox minkejja li t-tort tal-problemi li kellha tħabbat wiċċha magħhom Malta minħabba l-wasla ta' tant barranin f'perijodu qasir żgur li ma kienx tagħhom biss.[107] Dawn l-osservazzjonijiet jagħtu ħjiel tal-klima anti-Semitika fil-pajjiż, kemm fi żmien l-Ordni, meta l-Lhud kienu lsiera, kif ukoll wara li nħelsu mill-jasar minn Napuljun Bonaparte u minkejja l-protezzjoni li offrielhom Alexander Ball. Meta fi żmien il-pesta tal-1813-14, inġiebu tabib u persunal ta' sittax-il ruħ minn Smyrna bħala rinforz, jidher li ftit li xejn intlaqgħu mill-Maltin għax kienu Lhud.[108]

L-ewwel dehra tal-koppja Lhudija hija indikazzjoni tajba tal-mod kif ir-rumanz ta' Aquilina se jifdi u jikkundanna lil dawn it-tnejn min-nies: Aquilina jgħidilna li l-missier ikrah jixbah moralment lill-Fariżej meqjusin bħala ipokriti, dawk li riedu li lil Kristu jaqtgħuhielu għall-mewt; il-bint sabiħa

qisha l-"Madalena" Nisranija, l-oppost tal-Fariżej, il-mara viċin ta' Kristu u s-sofferenzi tiegħu. Il-Madalena, jew Marija ta' Magdala, kienet il-mara li minnha Ġesù kien keċċa seba' xjaten u li skont San Mark deher l-ewwel lilha wara li qam mill-mewt [Mk:16:9]. Hawnhekk Aquilina, bħal *Il-Miklem Malti*, jimxi mat-twemmin popolari żbaljat li l-Madalena (Marija ta' Magdala) kienet il-mara l-midinba li għand Xmun il-Fariżew,[109] qagħdet wara Ġesù, "ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxuttahomlu b'xuxitha; imbagħad bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ." [Lq:7:38] Mingħajr ma jgħid xejn, il-Fariżew jitkaża bil-midinba u l-aktar b'Ġesù, u Ġesù jikkonfrontah: "Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna; imma min jinħafirlu ftit," u hawnhekk Ġesù qed jirreferi għal Xmun il-Fariżew, "ftit iħobb." [Lq:7:47] Dan il-passaġġ, f'għajnejn Aquilina, juri d-differenza bejn Ebeneżer, il-Fariżew u l-ipokrita, u bintu Ester, il-mara niedma ta' dan il-passaġġ mill-Vanġelu. Fil-poeżija "Wieħed Biss," Rużar Briffa jgħid li minħabba din l-imġiba ta' Kristu l-għedewwa tiegħu bdew ifasslu l-pjan tagħhom biex joqtluh. F'nota introduttiva li kiteb fl-1972 għas-salmi tiegħu, Aquilina jagħti interpretazzjoni partikulari tar-relazzjoni tal-bnedmin mal-figura tal-Madalena u mal-Fariżej. "Il-Madalena kienet waħda, imma fl-istess ħin kienet aħna lkoll, in-nies dgħajfin tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. L-istess kienu l-Fariżej, in-nies ta' żewġ uċuħ li jaraw it-tibna f'għajn ħaddieħor u ma jarawx it-travu f'għajnejhom." F'dawn il-midinbin Aquilina jara rappreżentazzjoni tal-bnedmin kollha, tal-Insara kollha, "għax ħadd ma hu bla dnub."[110] F'*Is-Sigriet tal-Qrar* ta' Emilio Lombardi, bħal fir-rumanz ta' Aquilina, Luisa tgħid lil-Lhudi Abram Lameth li hu jagħmel bħall-Fariżej, li "kienu jħabbtu fuq sidirhom u juru minn barra li huma nies tajba, iżda fil-fatt kienu ipokriti u foloz, għax minn ġewwa kienu bħal oqbra, kollha qżież u ntejjen."[111] Diffiċli biex il-qarrejja ma jiħdux l-impressjoni mir-rumanz li l-Lhud huma kollha "Fariżej," skont kif jinterpretaw din il-kelma l-awturi Maltin, anki għaliex fit-tliet rumanzi ta' Lombardi li nirreferu għalihom hawnhekk, m'hemmx karattri Lhud li għandhom kwalitajiet pożittivi. Fir-rakkont ta' Aquilina, il-folla kienet mgħaddba sew għax ix-xiħ Lhudi kien xtara ħafna ħwejjeġ bid-dejn imma baqa' ma ħallashomx, u mingħand Lhudi ieħor, "għadu tiegħu" għax "kien ħadlu ħafna xogħol minn idejh," in-nies saru jafu li kien se jipprova jaħrab minn hemm biex ma jħallas lil ħadd. Għalhekk bdew jgħajruh: "Lhudi... ħalliel... ħalliel... ja wieħed minn dawk li sallbu 'l Kristu... ħalliel... ħalliel..."[112]

Fl-awtobijografija tiegħu, l-awtur Malti-Franċiż Ġużè Cutayar imwieled Tuneż fl-1938 jirrakkonta li l-komunità Maltija f'Tuneż kellha relazzjonijiet

"aktarx tajbin" mat-Tuneżini u l-Lhud, "nisa ma' nisa, irġiel ma' rġiel," imma "kont tintebaħ li bejnietna kien hemm nuqqas ta' fiduċja." Lit-Tuneżini l-Maltin kienu jsejħulhom "Torok," fdal, skont Cutayar, "ta' tifkira talgħadu dejjiem," u ħadd ma kien jistenna li xi tfajla Maltija tinnamra ma' Mislem. Il-Lhud, min-naħa l-oħra, kienu "dawk li sallbu lil Kristu."[113] David Shasha jistabbilixxi li l-anti-Semitiżmu, trasformazzjoni tad-disprezz tal-Griegi tal-qedem lejn kulturi oħrajn, huwa marbut b'mod "passjonali" mal-Kristjaneżmu. Il-Griegi tal-qedem ħolqu kultura monolingwi li injorat u sikwit abbużat mis-sudditi *tagħhom*. L-ewwel Insara, li ħafna minnhom fil-fatt kienu Ġentili, mhux Lhud, xorbu dan il-preġudizzju etnokulturali, u miegħu l-monolingwiżmu, biex jippruvaw jippreżentaw il-komunità l-ġdida reliġjuża u politika tagħhom bħala waħda li kienet tixbah sew lid-dinja Griega-Rumana li kellhom madwarhom. B'dan il-mod, il-Ġudaiżmu sab ruħu waħdu, espost għall-persekuzzjonijiet tal-aħwa Nsara. Bit-twaqqif tal-Imperu Ruman Nisrani, dan il-preġudizzju kulturali nbidel fi programm politiku influwenzat sew u mwettaq minn kittieba bħal Santu Wistin li pprova jsawwar mill-ġdid ir-rwol tal-Lhud fid-diskors Nisrani. Il-fehmiet ta' Santu Wistin, li ma twelidx Nisrani iżda kkonverta għall-Kristjaneżmu, ġew inkorporati fit-tagħlim tal-Knisja. Għalkemm il-fehma tiegħu dwar il-Lhud ma kinitx tant ħarxa li wasslet għall-qtil tagħhom fl-artijiet Insara Ewropej, kienet 'il bogħod ħafna minn dik li wasslet biex il-Lhud isibu l-istabbiltà u l-kenn flartijiet Iżlamiċi. Minkejja li l-pożizzjoni li ħa kienet aħjar minn dik ta' Santi Padri oħrajn, Santu Wistin xandar xorta waħda dak li Shasha jsejjaħlu tip ta' "razziżmu paternalistiku" li diffiċli ssib mod kif tiġġustifikah.[114] Shasha jsostni li l-anti-Semitiżmu huwa fenomenu kulturali u politiku li għandu l-għeruq tiegħu fi Kristjaneżmu li ġabar flimkien għadd ta' frieghi differenti fil-qedem u dawwarhom fi programm politiku ċar ħafna. Fil-ktieb tiegħu dwar il-Belt ta' Alla, Santu Wistin jistqarr li l-Lhud huma l-għedewwa tal-Knisja u li Alla nqeda bihom biex juri l-grazzja tal-ħniena tiegħu lill-Knisja,[115] u r-rebħa tal-Knisja fuq is-Sinagoga,[116] għax l-offiża tal-Lhud, skont San Pawl fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, wasslet għas-salvazzjoni tal-Pagani, tal-Ġnus.[117] Skont Aruffo, fl-Ittra lir-Rumani, San Pawl identifika lil-Lhud bħala l-element tas-salvazzjoni għax kienu jirrappreżentaw ix-xhieda tal-identità Kristjana rasha 'l isfel (*"rovesciata"*).[118] Għalhekk Alla lil-Lhud ma qatilhomx, biex l-għarfien li huma Lhud ma jintilifx, minkejja li ħakmuhom ir-Rumani, u ma jinsewx il-liġi ta' Alla. Jekk il-Lhud jispiċċaw ix-xhieda tagħhom titlef is-siwi tagħha. Alla ried li jferrixhom ma' kullimkien

*because if they had only been in their own land with that testimony of the Scriptures, and not every where, certainly the Church which is everywhere could not have had them as witnesses among all nations to the prophecies which were sent before concerning Christ.*[119]

Santu Wistin irid li l-eżempju (ħażin) tal-Lhud jibqa' jintuża bħala xprun għall-Insara kollha. L-Insara jinqdew b'"figuri mitiċi" tal-Lhud biex jikkreaw dik li Memmi jsejħilha "l-mitoloġija ta' Kristu, li jrid jinqabad bħala priża mil-Lhud biex jifdi lill-umanità," u jistabbilixxu s-superjorità morali u storika tagħhom;[120] *"The denigration of the Jews was, for them, necessary for the exaltation of the Christians."*[121] Aruffo jsostni li l-ħsieb Kristjan, imnebbaħ mill-ittra ta' San Pawl lill-Korintin, saħaq mhux biss fuq il-fatt li l-Lhud ċaħdu b'mod persistenti l-verità iżda anki fuq l-idolatrija u l-immoralità tagħhom. Giovanni Crisostomo, wieħed mill-missirijiet tal-Knisja tal-Lvant, kien jara lil-Lhud bħala simbolu tal-ħażen.[122] Fir-raba' seklu, meta stabbilixxa s-supremazija soċjali u politika tiegħu, il-Kristjaneżmu ħa taħt idejh b'mod definittiv il-kitbiet tal-Iżraeliti u d-diffamazzjoni tal-istorja tal-poplu Lhudi, kollu kemm hu, laħqet livell li qatt ma kienet laħqet qabel. F'dan l-istadju bdew jogħsfru riferimenti għal Lhud individwali jew "xi Lhud" u l-akkużi bdew jindirizzawhom lil-"Lhud" inġenerali.[123]

Il-filosfu Kattoliku influwenti tas-seklu dsatax Ernest Renan li kiteb, fost l-oħrajn, dwar l-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu u li l-ktieb tiegħu, *Vie de Jésus*, kien popolari ħafna fi żmienu, kiteb li r-razza Semitika hija razza mhux sħiħa minħabba s-sempliċità tagħha u li n-nazzjonijiet Semitiċi qatt ma rnexxielhom jilħqu maturità vera. Ħdejn il-familja Indo-Ewropea, ir-razza Semitika għandha nuqqas ta' varjetà, ta' abbundanza tal-ħajja u mingħajr dawn l-affarijiet ma tistax tkun perfetta.

*Like those individuals who possess so little fecundity that, after a gracious childhood, they attain only the most mediocre virility, the Semitic nations experienced their fullest flowering in their first age and have never been able to achieve true maturity.*[124]

Said jikteb li Renan jittrasforma fatti umani normali, bħal-lingwa, l-istorja, il-kultura, il-moħħ u l-immaġinazzjoni, fi ħwejjeġ strambi u devjanti għax huma Semitiċi u Orjentali. Għal Renan *"the Semites are rabid monotheists who produced no mythology, no art, no commerce, no civilization; their consciousness is a narrow and rigid one; all in all they represent 'une combinaison inférieure*

*de la nature humaine.*'"[125] Is-Semiti, jiġifieri l-Lhud u l-Għarab, huma razza inferjuri. *"It should by no means be lost on us that Semitic was for Renan's ego the symbol of European (and consequently his) dominion over the Orient and over his own era."*[126] L-istess kien jgħid il-poeta u l-kritiku influwenti Ġermaniż Friedrich Schlegel (1772-1829), li għalih is-Semiti kienu differenti, inferjuri u għadhom lura u l-lingwa tagħhom kienet mekkanika u mhux estetikament sabiħa. It-taħditiet tiegħu dwar il-lingwa, il-ħajja, l-istorja u l-letteratura huma mimlijin diskriminazzjoni, *"which he made,"* skont Said, *"without the slightest qualification."*[127]

## Vittma u Għadu tan-Nisrani

Kontra Alessandru, li skont Aquilina kien "Nisrani tajjeb, ġwejjed, għaqli, u mħeġġeġ għall-ġid ta' niesu," il-Lhudi kien "ħażin daqs duwa tax-xħit, qalbu ħażina, qoħta, regħbi għalkemm għani, mibgħud għall-mewt u mgħajjar." Wara l-attakk qawwi li jsir fuq "il-Lhudi," ir-rumanz donnu jirrealizza li qiegħed jikkundanna poplu sħiħ u jispjega li t-tort ta' dan it-timbru li jingħata lil poplu sħiħ huwa tal-Lhudi, tal-individwu, u mhux tal-Maltin jew tar-rumanz li qed jiġġeneralizza: "Miegħu kien jeħel nislu kollu."[128] Ir-rumanz jispjega l-pożizzjoni tiegħu:

> Aħna nifhmu li mhix ħaġa sabiħa li dal-ġens Lhudi, darba waħda l-magħżul ta' Jaħwe, jeħel bil-ħtija tal-qerq li l-agħar fosthom jagħmlu, għax in-nies ħżiena jinsabu fosthom bħalma fost l-imseħbin ta' kull għaqda jew din ieħor. Madankollu l-ġrajja tiegħu fid-dinja hekk kienet u għadha fost l-Insara kif ukoll fost dawk li ma humiex. [...] Is-sekli jitbiddlu, u titbiddel il-ħajja politka ta' ġnus oħra imma d-destin tagħhom [tal-Lhud] jibqa' xorta fl-istorja u, waqt li aħna nifhmu li dal-ġens kbir ma għandux ikun imgħakkes, Id ħamra bid-demm bla Ħtija, donnha qed tiġri warajhom tilħaqhom, issabbathom mal-mewġ tal-ħajja, tkeċċihom minn kullimkien, u leħen kbir ikexkex tistħajlu jinsama' f'widnejn dal-ġens imsejken: Id-Demm tiegħu jaqa' fuq rasna u fuq ras uliedna![129]

Aquilina donnu qed jgħid li l-Lhud huma msieken għax minkejja s-sekli li għaddew u minkejja t-tbatija li batew bħala "ġens imxerred,"[130] ma jistgħux jaħarbu mid-dnub li wettqu meta qatlu lil Kristu. Barra minn hekk, ir-rumanz seta' jikkundanna bla ebda riżerva dan l-anti-Semitiżmu fost l-Insara li jsemmi hu stess, imma dan ma jagħmlux u jiffoka, minflok, fuq il-"Ħtija" tal-Lhud li xerrdu d-"Demm" ta' Kristu kważi elfejn sena qabel. Aquilina,

li jinħass sew fil-vuċi tan-narratur eterodijeġetiku, jiddispjaċih għal-Lhud u jsejħilhom "ġens imsejken," imma jibqa' l-fatt li ma jikkundannax lill-Insara tal-preġudizzju antik li f'elfejn sena ma rnexxilhomx ifiqu minnu u r-rumanz donnu jipperpetwa l-preġudizzju bir-rappreżentazzjoni fiżika sterjotipika u anti-Semitika tal-"Lhudi."

Hemm xebh interessanti bejn din il-pożizzjoni ambigwa ta' Aquilina u dik ta' Sir Walter Scott f'*Ivanhoe*, rumanz storiku b'element nazzjonalistiku tal-1819 li Wallace Ph. Gulia jgħid li jiftakar fih meta jaħseb fil-karattru tax-xiħa ta' Wied Għafrit ta' Aquilina[131] – Alfred Degabriele jistqarr li Scott kellu influwenza kbira fuq ir-rumanziera Romantiċi Maltin,[132] waqt li Briffa jistqarr li Scott influwenza lil Aquilina fil-kitba tar-rumanz.[133] F'*Ivanhoe*, bħal f'*Taħt Tliet Saltniet*, hemm negozjant Lhudi li jislef il-flus, Isaac of York, u bintu s-sabiħa b'karattru nobbli, Rebecca, *"the most intellectually formidable as well as most courageous character;"*[134] l-istess formula narrattiva ta' missier Lhudi rgħib, bint sabiħa u konverżjoni ta' Lhudija għall-Kristjaneżmu nsibuha f'*The Jew of Malta* ta' Marlowe. Għal ħafna qarrejja fis-seklu 19, il-Lhud kienu l-attrazzjoni ewlenija tar-rumanz.[135] Fid-daħla tiegħu, għalkemm Scott jinsisti li l-Lhud huma bnedmin bħall-Insara, jippreżentahom xorta waħda bħala ftit strambi, differenti, u f'aspetti mill-karattru ta' Isaac, missier Rebecca, jirrepeti l-isterjotipi tal-karattru Lhudi tad-drama, bħal *The Merchant of Venice* ta' Shakespeare: *"Scott gives Isaac the stock cowardice and avarice of the stage Jew,"* bħal f'kapitlu 10 fejn in-narratur jgħid dwar il-*"habitual love of gain"* tiegħu,[136] iżda meta jiġi biex jagħżel bejn bintu u l-flus, jagħżel lil bintu.[137] Fid-dinja ta' *Ivanhoe*, maħkuma minn maskilità ħarxa kif jgħid il-kumment promozzjonali ta' edizzjoni partikulari tal-ktieb, il-Lhud javviluhom u jippersegwitawhom.[138] Is-sentiment anti-Semita jinħass f'ħafna mumenti fir-rumanz, bħal f'kapitlu 5, li jibda bi kwotazzjoni dwar l-umanità tal-Lhud meħuda minn *The Merchant of Venice*. Kif jitfaċċa Isaac il-Lhudi fis-sala tal-ikel, is-superjur tal-patrijiet (Abbot) irodd is-salib għax jinħasad u jiskandalizza ruħu li fosthom hemm *"an unbelieving Jew"* u l-Kavallier tat-Templari jsejjaħ lil Isaac *"a dog Jew,"*[139] imma Cedric, il-missier Sassonu ta' Ivanhoe, isikket lill-mistednin tiegħu għax jargumenta li jekk il-Ġenna kellha l-ħila tissaporti nazzjon sħiħ ta' *"stiff-necked unbelievers"* għal snin twal, huma ma kellhomx għalfejn jarawha bi kbira li jissaportu l-preżenza ta' Lhudi wieħed għal ftit sigħat. *"But I constrain no man to converse or to feed with him."*[140] Iżda Rebecca, "eroina sublimi" li l-qarrejja kollha tas-seklu 19 kienu jaduraw, hija meqjusa bħala antenata tal-Lhud nobbli li jidhru fir-rumanzi Vittorjani ta' Disraeli u George Eliot. *"She, in particular,*

*represents the Jews as figures far more potent than scapegoats whose rejection from the body politic guarantees its cohesion (although they are also that).*" Rebecca tirrappreżenta l-Lhud bħala nies b'karattru sod li kapaċi jirreaġixxu għall-persekuzzjoni tal-Insara billi jintrabtu aktar mat-tradizzjonijiet tagħhom. U Scott ma jagħżilx it-triq tal-konverżjoni għall-karattri Lhud tiegħu, kif għamlu ta' qablu: "*Scott eschews the solution of conversion, ubiquitous in plots involving Jewish characters before his own. Such intransigence becomes heroic when Rebecca refuses the Grand Master's offer of her life in return for baptism.*"[141] Fil-Lhud ta' *Ivanhoe* hemm awtentiċità superjuri fil-valur kulturali tagħhom minħabba l-kundizzjoni tagħhom bħala eżiljati. "*Their loss of a homeland obliges them to reconstitute Zion as a purely spiritual property.*"[142] F'dan is-sens, hemm differenzi importanti fil-missier u l-bint Lhudija u l-mod kif jittrattawhom l-Insara fir-rumanz ta' Scott u fir-rumanz ta' Aquilina. Duncan jargumenta, però, li fl-aħħar tar-rumanz, l-esklużjoni ta' Rebecca, umli u qalbha tajba, mid-dinja ta' Ivanhoe (li jiżżewweġ lil Rowena maħkuma mill-vanità tagħha) u l-għeluq ta' Nsara li jitħalltu ma' Nsara biss u li l-uniku fil komuni bejniethom huwa l-anti-Semitiżmu, jillimita l-futur tal-Ingilterra.[143] Fil-każ ta' Aquilina hemm il-"qtil" ta' Ebeneżer u l-konverżjoni ta' Ester li jxejnu l-Lhud u jwarrbuhom mill-Malta ideali u kulturalment magħluqa (għajr għall-preżenza kolonjali ta' Mrs Flemington) li biha l-awtur jiċċelebra tmiem ir-rumanz.

F'*The Jew of Malta*, xogħol li Aquilina, li kien midħla sew tal-letteratura Ingliża, żgur li kien jafu sew,[144] jidher li Marlowe pprova jxejjen l-anti-Semitiżmu fost l-udjenza tiegħu, bħalma donnu jipprova jagħmel Aquilina, billi jikkuntrasta lil-Lhudija Abigail, nobbli u ġenwina, ma' missierha Barabas. Anna Beskin targumenta li permezz ta' Abigail Marlowe għandu l-opportunità li juri li hemm ukoll Lhud tajbin. "*However, he alienates her from her religion; the audience no longer sees 'Jewishness' as a part of Abigail's identity. Instead, Abigail, a virgin nun, is the 'good Christian,' who is then killed by her own father, the 'evil Jew.'*"[145] Għaldaqstant, bħal fil-każ ta' Ester ta' Aquilina, il-Lhudija t-tajba inevitabbilment tiċħad il-Ġudaiżmu tagħha u tħaddan il-fidi Nisranija, li għall-kuntrarju hija meqjusa bħala r-reliġjon it-tajba. Imma Aquilina lil Ester jibqa' jsejħilha Lhudija sal-aħħar, donnha lanqas il-konverżjoni ma tista' tnaddfilha din it-tebgħa ta' ġensha minn fuq l-identità tagħha. Iżda hemm xebh ieħor interessanti bejn Ester u Abigail, iż-żewġ karattri nisa li kellhom jagħtu idea iktar pożittiva tal-Lhud: it-tnejn li huma m'għandhomx identità jew status soċjali lil hinn mir-rabta tagħhom mal-irġiel. "*Abigail introduced herself to the nuns as 'the hopeless daughter of a hapless Jew.'*" Għaliha ħajjitha kienet

marbuta ma' missierha, u r-raġel li kienet tħobb, Mathias, jirreferi għaliha bħala *"the rich Jew's daughter."* Xin-li Zhao ssostni li *"She never deemed herself as an individual or a person with thought."*[146] Ester, min-naħa l-oħra, tgħix fid-dell ta' missierha Ebeneżer u wara tal-għarus tagħha Ġanni. Identità tagħha donnha m'għandhiex: la għandha vuċi li tagħrafha u lanqas karattru determinanti, u għaldaqstant tidher bħala biċċa pjuttost insinifikanti fid-disinn ġenerali ta' Aquilina. F'dan is-sens żgur li m'għandhiex il-kwalitajiet meħtieġa biex tegħleb l-anti-Semitiżmu Malti.

Fix-xena li tintroduċi liż-żewġ personaġġi Lhud ta' Aquilina donnu hemm ħjiel tal-persekuzzjoni li l-Lhud kienu qegħdin isofru fil-Ġermanja Nazista u fi bnadi oħra tad-dinja, persekuzzjoni li f'Malta tas-sajf tal-1935, meta Aquilina kiteb ir-rumanz, kienet magħrufa fost min kien jaf jaqra għax il-gazzetti kienu qegħdin jirrapportaw dak li kien qed jiġri barra minn Malta b'ċerta prominenza. Għax "is-sekli jitbiddlu, u titbiddel il-ħajja politka ta' ġnus oħra" imma d-destin tal-Lhud jibqa' l-istess, dak ta' vittmi ta' ħaddieħor minħabba d-dnub antik tagħhom.[147]

L-idea tal-Lhud li jagħti r-rumanz toħroġ aktar fid-dieher meta n-narratur jiddeskrivi lil bint il-Lhudi, Ester, isem li jfisser "stilla" u li fil-Bibbja jirreferi għal mara Lhudija li laħqet sultana tal-Persja u ħelset 'il ġensha mill-qerda.[148] Skont id-dizzjunarju tal-Bibbja ta' Easton tal-1897, fil-Kotba Mqaddsa Ester hija mara reliġjuża ħafna, ta' fidi kbira, patrijottika, kuraġġuża, attenta u fl-istess ħin ta' rieda soda. *"There must have been a singular grace and charm in her aspect and manners, since 'she obtained favour in the sight of all them that looked upon her' (Esther 2:15)."*[149] Fir-rumanz Ester hija "xbejba bla ħjiena" li "donnha warda safja f'bur, bla ħtija, qatt għadu ma laħaqha l-waħx tal-Id il-Ħamra." Aquilina jgħid li hi ma kienx jistħoqqilha l-kundanna minħabba l-qtil ta' Kristu, u fuqha, fil-fatt, "iddiet bosta drabi l-ħniena u l-maħfra tal-Imgħallem Lhudi li beka l-qerda ta' Ġerusalemm;" Ester ma kienx jistħoqqilha l-kundanna li rċieva missierha – kundanna li donnha fil-każ tiegħu kienet iġġustifikata għax kien iġib ruħu bħal dawk li sallbu 'l Kristu. Hi ma kinitx iġġarrab "il-biża' ta' min jaf li hemm Id Ħamra bid-Demm bla Ħtija tilħqu kull fejn imur bis-saħta li talbu fuqu missirijietu."[150] Aquilina donnu qed jgħid li l-poplu Lhudi kellu jibqa' jħoss il-kuxjenza tniggżu minħabba l-qtil ta' Kristu. L-impressjoni li l-Lhud iridu jkompli jħallsu għal dak li seħħ elfejn sena qabel ir-rumanz jikkonfermaha meta jgħid li f'qalb Ġanni tnisslet ħniena kbira għat-tfajla Lhudija. "Tgħid id-Destin ħafrilha d-dnub li mhux tagħha?" Dil-mistoqsija donnha timplika li d-dnub huwa ta' niesha imma mhux tagħha.

Forsi għalhekk hi tikkonverti. Barra minn hekk, il-fatt biss li r-rumanz jistaqsi din il-mistoqsija, li jirriproduċi l-akkuża anti-Semitista ewlenija, huwa xhieda li dan il-preġudizzju huwa ħaj mhux biss fost il-poplu Malti taż-żmien li fih huwa ambjentat ir-rumanz, jiġifieri tmiem is-seklu 18, imma anki fir-rumanz innifsu u ż-żmien li fih inkiteb, fis-snin tletin tas-seklu 20. Elfejn sena wara l-mewt ta' Kristu, ir-rumanz għadu jħoss il-ħtieġa li jikkummenta b'dan il-mod: "Jista' jkun li l-Mislub sa jħassar iċ-ċapsiet ta' demm aħmar, id-demm bla ħtija, mill-Ktieb ta' Ħajjitha. Jekk Hu jħassar dawn it-tiċpisiet, Ester minnufih toħroġ mill-għaqda msawta tal-ġens Lhudi."[151] Għar-rumanz, kull persuna Lhudija titwieled awtomatikament fl-"għaqda" ta' ġens imċappas bid-dnub ta' elfejn sena qabel u f'ħajjitha dik il-persuna trid tara kif se tinfeda minn dak id-dnub marbut speċifikament mal-ġens Lhudi. Skont din l-interpretazzjoni anti-Semitista, kull tarbija Lhudija titwieled bid-demm ta' Kristu mċappas magħha. Fir-rumanz, Ester tinfeda minn dan id-dnub antik billi tiċħad ir-reliġjon tagħha, u għalhekk sa ċertu punt in-nisel Lhudi tagħha, u tikkonverti għall-Kattoliċiżmu. Nafu li storikament, il-Lhud kienu jeħduha qatta bla ħabel kontra dawk fosthom li kienu jikkonvertu. *"Not unnaturally Jews manifested strong feelings of hostility and profound antagonism at the conversion of their co-religionists to Christianity."*[152] Minkejja dan, ir-rumanz jagħti l-impressjoni li kienet deċiżjoni pjuttost naturali għal tfajla "tajba" bħal Ester.

Meta Ebeneżer, isem Ebrajk li jfisser l-ewwel ġebla, tal-pedament, jew ġebla tal-għajnuna,[153] ried jaħrab mill-ħlas li kellu jagħmel, ipprova jirbaħ is-simpatija ta' Alessandru billi jaħlef fuq "Alla ta' Abram u ta' Ġakobb,"[154] u b'dan il-mod ir-rumanz jittrasmettilna l-falzità tal-fidi tiegħu, u donnu tal-fidi Lhudija kollha kemm hi – fil-fatt Ester it-tajba tiċħad il-fidi Lhudija. Għajnejh żgħar huma ta' "qattus ħalliel" u "dak imnieħru mgħawweġ bħal ta' seqer u ħalqu nofsu bla snien."[155] Ebeneżer tant huwa personaġġ ħażin li saħansitra lest li jesponi lil bintu għall-periklu biex jipprova jsalva ġildu waqt li hi tigdeb biex tgħatti għawaru. Ħin minnhom Ġanni "qegħdilha sewwa l-faxxa safra li kienet waqqgħetilha fuq raqbet għonqha;" din il-faxxa terġa' tissemma fil-kuntest tal-ħsieb ta' Ester li Ġanni m'għajjarhiex b'ġensha imma "qegħdilha sewwa l-faxxa safra." Ester "ħasbet li ħadd ma sata' jħobb lil bint Lhudi." In-narratur jistaqsi: "Tgħid il-Mislub, li hi ma kinetx taf bih, għadirha u neħħa s-saħta miruta minn fuq rasha?"[156] Fir-rumanz in-narratur kontinwament jiġbdilna l-attenzjoni għar-rabta bejn il-Lhud u t-tislib ta' Kristu. Fl-istess ħin, donnu biex jifdi lil din il-Lhudija differenti, għax qalbha tajba, mid-dnub faħxi li twieled magħha, in-narratur jindikalna mill-ewwel li, minkejja l-mibegħda

ta' missierha li jqis lill-Insara bħala "l-għedewwa tagħna,"[157] hi tħoss affinità istintiva mal-Madonna tad-Duluri li bħala omm Kristu kienet l-aktar li sofriet it-tislib tiegħu. F'Ester, "il-ħniena ta' Ġanni fetħet il-bibien tad-dawl" u meta ħarset madwarha f'dar Alessandru "għajnejha," bħal tal-Ħalwenija Musulmana, "waqgħu fuq inkwatru tad-Duluri" – anki l-ateu Ugo ta' Emilio Lombardi jinġibed lejn il-figura tal-Madonna tad-Duluri.[158] Meta Ester tistaqsi lil Ġanni min kienet dik il-mara fl-inkwatru, id-diskors narrattiv jerġa' jaqa' fuq il-ħtija tal-Lhud u n-narratur jimplika li t-tfajla ma kinitx taf bil-ħtija li kellha bħala Lhudija minħabba l-qtil ta' Kristu. Elfejn sena wara l-mewt ta' Kristu, in-narratur isemmi "l-għajta" tal-antenati ta' Ester "beżgħana mill-Ħaqq tal-Mislub."[159]

Hemm referenza oħra għall-faxxa safra meta Ġanni jiftakar fil-laqgħa tiegħu ma' Ester u jerġa' jismagħha "tiżżiħ ħajr talli qegħdilha l-faxxa li kienet iżżommilha x-xuxa flokha."[160] Wettinger jispjega li minkejja li l-Lhud u l-Insara Maltin kienu jaħdmu flimkien fil-qasam militari, l-impressjoni hi li ż-żewġ komunitajiet kienu separati minn xulxin, u s-sinjal distintiv li kellhom jilbsu l-Lhud fil-Gżejjer Maltin u jimmarkaw il-proprjetà tagħhom bih anki fis-seklu 15 kien xhieda kontinwa ta' din il-firda.[161] Il-kaptan Grieg Markoras, li fuq il-bastiment tiegħu kellu jitla' Vassalli meta ħarab minn Rikażli għal Salerno, jgħid lil Ebeneżer li "intom il-Lhud kull fejn tkunu tistagħnew għax tisolħu n-nies! Intom għad iġġibu d-dinja f'idejkom!" akkuża oħra tipika tal-anti-Semitiżmu. U l-Lhudi jaqbel ma' din il-previżjoni u jsostni li "Aħna għad inkunu l-ħakkiema tad-dinja. Int qatt ma qrajt il-kotba tagħna?"[162] Imbagħad, fi stqarrija straordinarja li tfakkarna fin-nuqqasijiet tal-karattru Lhudi Ġakobb Metternich tar-rumanzier Emilio Lombardi,[163] kontemporanju ta' Aquilina, in-narratur ta' *Taħt Tliet Saltniet* jistqarr li "r-regħba kienet u tibqa' l-aqwa arma f'negozjant Lhudi," u l-kapitlu XX jispiċċa b'din l-istqarrija tan-narratur.[164]

Skont *Il-Berqa* tad-19 ta' Awwissu, 1935, il-Ministru tal-Propaganda fil-gvern ta' Hitler, Dr Goebbels, għamel din l-istqarrija: "Aħna lil-Lhud nafuhom tajjeb, nafuhom bħala Komunisti, bħala bankieri, nies li japprofittaw ruħhom minn kull kriżi ċkejkna li tinqala' fil-kummerċ biex jistagħnew."[165] U skont *The Times of Malta*, l-ewwel persekuzzjonijiet vjolenti tal-Lhud fil-Ġermanja bdew fil-bidu tas-snin tletin, tliet snin qabel ma nkiteb ir-rumanz. *"Ever since the first violent pogrom of Jews occurred in Germany about three years ago the propaganda machine of the Nazi Party has hummed with activity [...]."*[166] F'Malta anti-Nazista, żgur li l-kittieba kienu konxji ta' dak li kien qed jiġri lil-Lhud barra minn Malta u dan forsi seta' jixpruna lil kittieb miftuħ bħal Aquilina biex ma jirriproduċix l-isterjotipi magħrufa u mifruxa fil-letteratura dwar il-Lhud. Fil-kontinent Ewropew jingħad li

l-attakk feroċi tan-Nazisti kontra l-Lhud seħħ fi klima ta' opinjoni pubblika diġà influwenzata minn sekli ta' ostilità Nisranija kontra r-reliġjon u l-poplu Lhudi.[167] "Għall-qligħ u tbixkil" jikteb Aquilina fir-rumanz tiegħu, il-Lhudi Ebeneżer kien "isemmi fil-batal isem Jaħwe u Abram u Ġakobb ma' kull nifs li jieħu."[168] Ebeneżer jgħid lil Alessandru li feraħ meta l-Kavallieri telqu minn Malta għax magħhom "marru l-liġijiet kontra tagħna u marret il-faxxa safra tal-għajb minn ras binti."[169] L-editt tal-1775 tal-Papa Pawlu IV kontra l-Lhud kien ikkonferma projbizzjonijiet qodma, bħal dik li l-Lhud ikollhom kopji tat-testi sagri tagħhom, u daħħal mill-ġdid is-sinjal distintiv li kellu jintlibes mil-Lhud – il-kodiċi ta' Vilhena ordna li l-Lhud kellhom jilbsu faxxa safra ma' rashom li tidher sewwa u ma kellhomx jilbsu kappell, u dawk li kienu jinqabdu jiksru dawn il-liġijiet kienu jew isawtuhom bil-frosta jew jagħmluhom skjavi.[170] Barra minn hekk, Papa Pawlu IV daħħal liġijiet inġusti ġodda, fosthom li ħadd ma seta' jimxi wara t-tebut tal-persuna Lhudija mejta u fuq il-qabar fiċ-ċimiterju ma seta' jkun hemm ebda kitba jew lapida. Il-Papa ordna wkoll li l-Insara ma kellhomx jaqdu lil-Lhud, jew jitħaddtu magħhom, jew inkella jieklu fl-istess post magħhom; u l-Lhud ma setgħux jorqdu barra mill-*ghetto*.[171] Ir-rumanz jirrikonoxxi l-preġudizzju tal-Insara kontra l-Lhud meta jgħid li lil Ester, "ix-xorti ħażina għallmitha tibża' mill-Insara;"[172] u meta saret taf lil Ester, oħt Ġanni "ċanfret lill-ħmerijiet ta' rasha meta ħasbet li ħliqa ħelwa bħal dik sata' jkollha jdejha mċappsin bid-demm."[173] Imma ħdejn il-karikatura fiżika u karatterjali ta' Ebeneżer bħala l-Lhudi "tipiku" u l-assoċjazzjoni kontinwa tal-Lhud mal-qtil ta' Kristu, ir-riferimenti fir-rumanz għall-preġudizzji tal-Insara kontra l-Lhud jinħassu dgħajfa. Fil-fatt hawnhekk, ir-rumanz iwaħħal fix-"xorti l-ħażina," mhux fl-Insara Maltin, donnu l-preġudizzju huwa ġustifikat u din ix-xebba innoċenti hija eċċezzjoni. Barra minn hekk, anki fix-xena mqanqla li fiha Ġanni jissogra ħajtu biex imur il-Birgu u jagħtiha l-aħbar li miet missierha, ir-rumanz jiddepersonalizzaha billi jerġa' jirreferi għaliha, tliet darbiet, bħala "l-Lhudija" (waqt li Ġanni, kif tistenna f'xena bħal din, imma anki b'mod konxju, isejħilha b'isimha).[174] "Iż-żagħżugħ triegħed quddiem dik il-Lhudija sabiħa, tafa' dirgħajh madwarha, wiċċu ma' wiċċha, u biesha."[175] Donnu biex jiġġustifika din il-laqgħa intima ta' Nisrani ma' Lhudija, ir-rumanz jgħidilna li dakinhar stess Ester ftakret fil-"Mara tal-Qalb Minfuda,"[176] kif issejħilha l-Ħalwenija,[177] u "fit-talb tagħha talbet il-ħniena mingħandha u mingħand Ġesù, Alla ta' Ġanni," għax fl-imħabba "bdiet tħoss li Kristu kien eqreb lejn il-bniedem minn Jaħwe l-qalil ta' missierha. Terġa' Kristu ta' Ġanni kien Lhudi bħalha."[178] Barra minn hekk, in-narratur jinqeda b'Lhudija stess biex jistqarr li Ġesù ta' Ġanni huwa superjuri għall-Jaħwe tal-Ġudaiżmu.

**Ebeneżer u l-Ġens Kollu**

F'waħda mill-iktar xeni koroh fir-rumanz, Ebeneżer qed jisraq oġġetti ta' valur mill-iġsma ta' dawk li mietu fit-taqbida kontra l-Franċiżi f'Ħaż-Żabbar. Ħin minnhom siequ tispiċċa f'għadira demm. "Miġnun, qisu ħass ruħu mgħarrax minn xi ħaġa, infexx jidħak, għolla jdejh 'il fuq bi dwiefru twal qishom ta' seqer u, 'Kemm hu sħun demm l-Insara, Jaħwe,' għajjat. 'Ġagħalhom jieklu lil xulxin biex ma jibilgħux lill-poplu tiegħek!'"[179] Waqt li l-Lhudi, aktarx minħabba d-dnub hekk imsejjaħ ta' nislu u mhux sempliċiment minħabba l-karattru ta' għajb tiegħu personali, m'għandu ebda rispett lejn id-demm tal-Insara u donnu lanqas tal-bnedmin inġenerali, l-Insara Maltin ixxuttaw l-għadajjar tad-"demm sabiħ u mqaddes tal-bniedem li ħadd ma jagħmel bħalu ħlief Alla."[180] Kważi f'kull xena li fiha jidher Ebeneżer hemm riferiment għall-qtil ta' Kristu mil-Lhud jew għall-animosità bejn ir-reliġjon Lhudija u dik Nisranija. Minkejja li jistqarr mod ieħor, ir-rumanz ma jirnexxilux jinqata' mill-preġudizzju tal-Insara kontra l-Lhud bħala l-għedewwa pereċċellenza tagħhom, bħala dawk li wettqu l-ikbar dnub li tista' timmaġina.

Wara li jisparalu u joqtlu, mingħajr ma jkun jaf min hu, Ġanni "ħares lejh immeżmeż u tqażżu, u xħin rah jiftaħ ħalqu u jaqla' ruħu ħass li l-art strieħet minn duda moqżieża."[181] Ir-rumanz jagħti lil Ebeneżer il-mewt li jidhirlu li ħaqqu, imma jinqeda b'inċident sfortunat fil-mument l-aktar moqżież ta' ħajjet il-Lhudi biex jeħlisna minnu mingħajr ma jkun hemm konsegwenzi negattivi għan-Nisrani Ġanni li joqtlu: ir-rumanz u l-qarrejja tiegħu jagħmlu tabirruħhom li, għalkemm huma kuntenti li ħelsu minn Ebeneżer, mhumiex jifirħu li nqatel, għax il-qtil mhuwiex att li għandhom jifirħu bih l-Insara, u lanqas ma jistgħu jinkoraġġixxu t-tpattija. Fl-istess ħin ir-rumanz u l-qarrejja tiegħu għandhom kull dritt jgħidu li Ġanni, l-eroj li naddfilhom il-komunità Nisranija tagħhom minn dan il-"ħmieġ," ma wettaqx omiċidju għax irreaġixxa b'mod leġittimu f'mument ta' gwerra kontra att li kien qed iżeblaħ lill-mejtin tan-naħa tiegħu. Barra minn hekk, Ġanni jisgħobbih minn dak li għamel, imma mhux għall-vittma, li skont ir-rumanz ma jistħoqqlu ebda ħniena; Ġanni jisgħobbih minħabba bint il-vittma, li hu miġbud lejha u li fiha għandha diġà ż-żerriegħa tat-tjubija u għalhekk tal-fidi Nisranija.

Ir-rumanz jorbot l-att individwali diżgustanti ta' Ebeneżer li jneżża' lill-ġellieda mejtin mill-ftit ġid li kellhom fuqhom ma' dik li f'għajnejn l-Insara hija l-ħtija kollettiva tal-ġens mibni fuq it-twemmin Lhudi u għaldaqstant mad-dejn li l-Lhud għandhom mal-Insara. L-akkuża tal-Insara hija inġusta u

għalkollox kontra l-kelma u l-ispirtu tat-twemmin ta' Kristu (u tar-rumanz) li jipprietka l-imħabba, il-maħfra u l-awtokritika, imma r-rumanz jinsisti fuq din l-akkuża. Id-distanza mhux biss reliġjuża u kulturali imma anki umana bejn il-Lhud u l-Insara tisseddaq bid-difna separata ta' Ebeneżer, li peress li ma kienx Nisrani l-Maltin ħaffrulu ħofra kbira ġo għalqa anonima u difnuh fiha.[182] Ester il-Lhudija tersaq lejn Ġanni n-Nisrani, u eventwalment issir ħaġa waħda miegħu, għax kienet bħall-Maġi li marru wara l-kewkba biex ifittxu l-Mibgħut,[183] għax "daret għad-din Nisrani."[184] Fix-xena tas-serq ta' Ebeneżer mill-iġsma tal-mejtin, b'għajnejh fuq il-ġisem mejjet ta' għarusa li jisirqilha l-ħannieqa tad-deheb imdawra ma' għonqha, il-Lhudi jgħid bid-daħka: "Tħallas Jaħwe mill-Insara li jemmnu fil-qdusija u fil-paċi, u jgħajru lilna xewwiexa u qattiela!" Sentenza wara r-rumanz jerġa' jassoċja lil Ebeneżer mad-disprezz lejn Alla u r-reliġjon Nisranija: "Reġa' ħares madwaru bħalma jagħmel il-ħalliel beżżiegħi li jidħol biex jisraq it-tempju t'Alla."[185]

Minkejja li jikkonferma l-konnessjoni sterjotipika tal-Lhud mal-flus meta jistqarr li kien "jaf jitħallas," ir-rumanz ta' Aquilina jippreżenta f'dawl pjuttost pożittiv lit-tabib Lhudi tal-Ġermanja li jipprova jfejjaq lill-armla ta' Vangu. Kien raġel qsajjar, b'nuċċali daqsiex, leħja twila bajda u barbetti ħoxnin, imma kien imsemmi għall-għerf tiegħu u ma kellux il-fattizzi li l-anti-Semiti jassoċjaw mal-Lhud u li jidhru sew f'Ebeneżer. Xi tobba għajjura qalgħu xnigħat koroh fuqu, xnigħat li jixhdu, skont Aquilina, kemm kien mifrux l-anti-Semitiżmu f'Malta ta' tmiem is-seklu 18, fosthom li "kien joqtol it-trabi biex jitqarben b'demmhom," imma l-fejqan tal-morda, jgħidilna n-narratur, "għajjeb dawn ix-xnigħat," u l-"aħjar djar f'Malta baqgħu jsejħu lilu."[186] Nafu li fis-seklu 18, u matul iż-żmien tal-Ordni f'Malta, l-ilsiera ma kellhomx permess jaħdmu bħala tobba u fl-isptar tal-Ordni aktarx li kien hemm biss tobba Nsara u persuni ħielsa, imma dan ma jfissirx li l-ilsiera ma kinux jagħmlu x-xogħol ta' tobba. Eventwalment, però, l-awtoritajiet reliġjużi tal-Gżejjer Maltin ma ħallewx lit-tobba Lhud, anki dawk li ma kinux ilsiera, jikkuraw pazjenti Nsara.[187] Fil-bidu tas-snin tletin tas-seklu 20 il-gazzetti Maltin kienu qed jiktbu dwar il-persekuzzjoni bla heda tal-Kattoliċi u l-Lhud min-Nazi fil-Ġermanja, u għalhekk jista' jkun li t-tabib Lhudi tal-Ġermanja li jsemmi r-rumanz Aquilina immaġinah wieħed mil-Lhud li kellhom jitilqu minn pajjiżhom, il-Ġermanja.[188] Skont it-*Times of Malta*, fl-1933 il-Gran Brittanja wiegħdet iktar minn elf permess għal Lhud mill-Ġermanja li riedu jemigraw lejn il-Palestina;[189] u fl-1934 biss, skont *Il-Berqa*, emigraw 15,042 Lhudi u Lhudija mill-Ġermanja għall-Palestina.[190] Lejn l-aħħar tas-snin tletin, jidher li Lhudi Ġermaniż ipprova

jibqa' Malta b'mod klandestin billi jaħrab minn fuq il-vapur li kien fil-Port il-Kbir imma nqabad u l-awtoritajiet riedu jiddeportawh.[191] Fl-1935 il-Lhud Pollakki ħadu bosta inizjattivi biex jgħinu lil-Lhud ippersegwitati, fosthom fasslu pjanijiet għal kolonja ta' Lhud fl-Ekwador,[192] u bojkot ta' prodotti Ġermaniżi.[193] L-40,000 Lhudi u Lhudija ta' Manchester kienu diġà bdew jibbojkotjaw dawn il-prodotti "bħala protesta kontra l-persekuzzjoni tar-razza tagħhom" fi Frar tal-1934.[194] Fil-gazzetti Maltin tal-1934, sena qabel ma nkiteb ir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet*, kienu qed jidhru wkoll artikli dwar il-persekuzzjoni vjolenti tal-Lhud f'artijiet oħra, bħat-Turkija.[195]

Skont *Il-Berqa* tat-28 ta' Awwissu, 1935, "Il-Karriera tal-Akbar Għadu tal-Lhud," Ġulju Streicher, bdiet proprju bl-akkuża medjevali infondata li tissemma fir-rumanz li l-Lhud jużaw demm ħaddieħor għall-funzjonijiet reliġjużi tagħhom. F'April tal-1926, f'raħal qrib Nuremberg fil-Ġermanja, instabu l-katavri mbiċċrin ta' żewġt itfal. Minkejja li ħaddiem żagħżugħ ġie arrestat u stqarr il-ħtija tiegħu, fid-distrett twaħħlu kartelluni li akkużaw lil-Lhud bil-qtil ta' dawn it-tfal biex jieħdu demmhom għall-funzjonijiet reliġjużi tagħhom. L-awtur ta' dawn il-kartelluni, Streicher, weħel il-ħabs minħabba l-fama ħażina li xerred dwar il-Lhud reliġjużi. Fl-ewwel ta' April, 1933, Streicher, bħala wieħed mill-iktar segwaċi fidili ta' Hitler, organizza l-bojkot kontra l-Lhud mal-Ġermanja kollha.

Joe Felice Pace, li għal ħafna snin ħadem mill-qrib ħafna miegħu, jgħid li Aquilina kellu simpatija lejn il-Lhud minħabba l-olokawst (ix-*Shoah*). Felice Pace jara l-anti-Semitiżmu fir-rumanz bħala xhieda tal-kultura taż-żmien li fih huwa ambjentat u jgħid li f'Malta tal-bidu tas-seklu 20 is-sentiment anti-Semita kien qawwi. Felice Pace jistqarr ukoll li Aquilina kien jirrispetta ħafna l-Iżlam u l-Musulmani u kien jgħid li "dawn biċċiet minnhom ituna eżempju,"[196] u dan juri li Aquilina ma kienx bniedem magħluq. Tant ma kienx meqjus bħala anti-Semita Aquilina li Ġużè Cassar Pullicino, fil-ktieb tiegħu dwar *Aquilina u l-Malti*, jgħid li meta ħareġ kien hemm min ra r-rumanz tiegħu bħala "propaganda favur il-Lhud." Din l-osservazzjoni ta' Cassar Pullicino tagħtina ħjiel tal-ambjent kulturali li fih inkiteb u ntlaqa' *Taħt Tliet Saltniet*. "Ftit kienu li daħlu fl-ispirtu tar-rumanz; ħafna fehmuh u fissruh ħażin u fil-klima politika ta' dak iż-żmien raw fih jew propaganda favur il-Lhud jonkella tifħir ta' ideoloġija mħaddna mill-Ħomor jew mis-Soċjalisti."[197]

Nafu mill-kitba tiegħu li Aquilina kien jammira lil-Lhud minħabba l-mod kif ħadu ħsieb il-lingwa qadima tagħhom, lingwa li Aquilina studja

meta kien student fl-Università ta' Londra fis-snin tletin. F'editorjal li kiteb għal *Leħen il-Malti* tal-1967 li fih jistaqsi jekk il-Maltin għadhomx b'mentalità kolonjali, Aquilina jfaħħar "il-kburija li l-ġens ta' Iżrael iħoss għal ilsien Lhudi li qajmu mill-imwiet u tah l-*istatus* ta' lingwa uffiċjali mitkellma."[198] Aktarx li meta Aquilina ppubblika parti mis-salm tiegħu bil-Malti tal-1937 "Miserere" bil-Lhudi f'pubblikazzjoni tal-1972, kien ferħan u kburi li xogħlu, li għandu "mis-salmi tal-Lhud,"[199] kien qed jidher b'din il-lingwa li kien studja u kien jammira. F'Ottubru tal-1937, Aquilina mar Londra biex jistudja fl-Iskola tal-Ilsna Orjentali u Afrikani tal-Università ta' Londra.[200] Hemmhekk jidher li studja l-Għarbi, il-Lhudi u s-Sirjak.[201] Aquilina jiddeskrivi lil Saydon, bniedem li kien jammira ħafna, bħala "Professur tal-Lhudi,"[202] u f'Ġunju tal-1939, Aquilina minn Londra u Saydon minn Malta kitbu lil xulxin dwar l-istudju tal-Ebrajk.[203] Fis-snin tletin Saydon u Aquilina kienu saru jafu lil xulxin sewwa, fost l-oħrajn minħabba l-ħidma tagħhom fl-Għaqda tal-Malti (Università). Aquilina kien involut fl-Għaqda mill-bidu nett, u xogħol tiegħu deher fl-ewwel ħarġa ta' *Leħen il-Malti* fl-1931, waqt li Saydon kien il-President tal-Għaqda bejn Ottubru tal-1931 u Jannar tal-1940.[204] Fir-rumanz tiegħu miktub f'nofs is-snin tletin qabel ma mar jistudja Londra, Aquilina għandu l-karattru ta' Dun Nikol, "qaddis u twajjeb bħall-qaddisin kollha," li, bħal Pietru Pawl Saydon, kellu kuxjenza soċjali qawwija u kien jaf bosta lingwi, fosthom il-Lhudi, li "tgħallmu bħala lsien tal-Għaqda l-Qadima."[205] Għalhekk, f'għajnejn Aquilina, il-Lhudi jidher bħala lingwa marbuta mat-twemmin Nisrani (f'dal-każ it-Testment l-Antik) u mhux miftuma minnu jew saħansitra f'oppożizzjoni miegħu.

F'editorjal li kiteb għal ħarġa ta' *Leħen il-Malti* tal-1946 li jibda bil-kliem li għoġbu ħafna tal-"filosfu Lhudi Henri Bergson, li m'ilux li miet, u li dan l-aħħar bintu saret Kattolika," Aquilina jikteb dwar kif in-Nazisti, taħt it-tmexxija ta' Rosenberg, irriduċew il-Bibbja, "blata tal-Knisja," għal "ktieb tal-Folklore, drawwiet u superstizzjonijiet Lhudin, ktieb razzista Semitiku."[206] Dan juri li wara t-Tieni Gwerra Dinjija, Aquilina, li għamel żmien viċi-editur tal-*Berqa*, kien jikkoreġilha l-Malti u ġieli kiteb l-editorjali tagħha, kien konxju sew mir-razziżmu anti-Semita li xerrdu n-Nazisti fl-ewwel nofs tas-seklu 20.[207] Alfred P. Farrugia, li twieled fl-1936, jgħid li għalkemm ma jafx x'kienet l-attitudni tal-Maltin lejn il-Lhud qabel il-Gwerra, jaħseb li dak li ġara fil-kampijiet tal-konċentrament "żgur li ġiegħel lill-Maltin ikollhom ħniena minn dak li ġralhom il-Lhud taħt in-Nazi."[208]

**Lombardi u l-Anti-Semitiżmu Reliġjuż**

Rumanz popolari ta' Emilio Lombardi (1881-1956) bl-isem ta' *L-Għama ta' Lourdes* li ħareġ għall-ewwel darba fl-1932, fl-istess perijodu ta' *Taħt Tliet Saltniet*, u mbagħad fl-1958; fl-1985, bħala l-ewwel ktieb fis-sensiela tal-Charles Arrigo Book Club, għax Arrigo deherlu li huwa t-tip ta' rumanz li "l-aktar iħobbu jaqraw il-Maltin, speċjalment il-qarrejja nisa;"[209] u f'edizzjoni riveduta "addattata għal żminijietna" minn Salvino Lombardi fl-2004, u nqara fuq ir-radju,[210] jagħti ħjiel tal-preġudizzji qawwijin kontra l-Lhud f'Malta tas-seklu 20. Minkejja li Briffa jistqarr li *Taħt Tliet Saltniet* għandu "għarfien tal-kumplessitajiet tal-qagħda umana," li ma fih "xejn mis-superfiċjalitajiet tar-rumanzi gotiċi u tal-faxxikli,"[211] u għandu *"powerful characterization,"*[212] dawn iż-żewġ rumanzi ta' Aquilina u Lombardi, bħal *Ivanhoe* ta' Walter Scott, għandhom nuqqasijiet simili fir-rappreżentazzjoni tal-Lhud, u t-tnejn jinqdew b'tipi, b'karattri essenzjalment ċatti. Friggieri jikteb dwar id-"deskrizzjonijiet stilizzati" tal-ġuvni u t-tfajla Maltija fir-rumanz ta' Aquilina. "Huma persuni mbiddla f'oġġetti oħrajn li ħaqqhom l-apprezzament mhux bħala tali, iżda bħala "affarijiet" oħra li jintisġu sfiq fl-identità magħquda ta' ambjent wieħed. Hi stilizzazzjoni li ma tistona b'ebda mod mad-deskrizzjonijiet, forsi stilizzati wkoll, ta' aspetti materjali tal-ambjent raħli."[213] F'*L-Għama ta' Lourdes*, ambjentat l-aktar fi Franza b'nisġa improbabbli u fl-istess ħin prevedibbli u b'karattri ċatti, il-protagonista Lhudi Prussjan Ġakobb Metternich irid jivvendika ruħu minn Kattoliku "ferventi u eżemplari" Franċiż bl-isem ta' Luigi Chancerelle talli ma riedx jgħinu fil-kuntrabandu ta' kotba bi "stampi diżonesti u moqżieża."[214] Minkejja li m'għandux il-fattizzi li l-anti-Semitiżmu sikwit jattribwixxi lill-irġiel Lhud u li jidhru f'Ebeneżer ta' Aquilina – Ġakobb huwa "raġel ftit twil, wiċċu ruxxan u leħja ħamranija mixuta tajjeb"[215] – il-karatterizzazzjoni ta' Ġakobb issegwi t-triq magħrufa: huwa "bniedem kattiv u ta' qalb xierfa" li m'għandu valuri ta' xejn għax minkejja li hu ta' reliġjon Lhudija "tista' tgħid li ma jemmen b'xejn."[216] Fil-fatt ma jdumx ma jintgħażel bħala Gran Mastru tal-Mażuni f'Pariġi. F'Malta fil-lingwaġġ popolari "Mażun" huwa bniedem li ma jemmen b'xejn. Fil-fatt, il-kumpannija tal-Mażuni li tagħżel lil Ġakobb bħala l-kap tagħha tiddikjara "gwerra kontra r-reliġjon u dawk kollha li jħaddnuha" u temmen li Ġakobb, "bniedem Iżraelita,"[217] jista' jmexxi din il-gwerra minħabba li huwa bniedem li "jobgħod kemm jista' lil dawn il-kwalitajiet ta' nies."[218] Ester tgħid lil Arturo li l-Lhudi "qisu indemonjat, m'għandux kwiet... Jobogħduhom wisq lill-Insara..."[219] Il-mibegħda tal-Lhud

għall-Insara hija tema rikorrenti fix-xogħlijiet popolari ta' Lombardi. Fir-rumanz *Is-Sigriet tal-Qrar, jew Il-Ġurament tal-*'Miżerabbli' (1928), stampat ħames darbiet (1928, 1933, 1951, 1967 u 2000) "rakkont sabiħ u oriġinali ta' żmien ir-rivoluzzjoni Franċiża," u "s-segwitu" tiegħu, *L-Iltiema, jew Il-Vittmi tal-*'Miżerabbli' (1928), stampat ukoll fl-1976 u l-2000, l-avukat Lhudi Abram Lameth, imwieled fi Franza, "lejl u nhar ma kienx ħlief jaħseb kif kellu jeqred darba għal dejjem il-qassisin u nies twajba li jżommu magħhom;"[220] u l-kummissarju tal-pulizija "kien jaf li Abram kien Lhudi u li kien ukoll għadu l-aktar qalil tal-qassisin."[221] Fit-tliet rumanzi ta' Lombardi li nirreferi għalihom hawnhekk, il-missjoni distintiva tal-"Lhudi" – dejjem raġel waħdu, bil-karattru perfidu, infami, kiefer u ipokrita tiegħu – hija dik li jagħmel il-ħsara lill-Insara, li jżeblaħ il-fidi Nisranija. L-identità kollha tiegħu tiddependi mill-oppożizzjoni fundamentali, mill-qiegħ għar-reliġjon Kattolika. "Ta' Lhudi li kien," jgħid Fernando dwar Abram Lameth, "ma kienx jemmen li l-qassis ma jista' qatt jgħid dak li jkun sama' fil-Qrar."[222] L-essenza tal-identità ta' Abram Lameth, "ta' Lhudi li kien," tinsab fil-fatt li ma kienx Nisrani. L-impressjoni li tagħti n-narrattiva ta' Lombardi hi li l-Lhud huma essenzjalment dawk li ħaduha kontra l-Kattoliċi; l-identità tagħhom hija kkaratterizzata minn dak li mhumiex u ma jridux ikunu u mill-kuntrarjetà u l-oppożizzjoni tagħhom; hija identità ta' nuqqas, nuqqas ta' identità.

Ġakobb huwa negozjant kbir li "b'ħeffa kbira kien jirnexxilu jagħmel kull tip ta' negozju u mdaħħal f'ħafna soċjetajiet tal-kuntrabandu,"[223] u "Kien jislef ukoll bosta flus bl-użura."[224] Permezz ta' Rebekka, ir-rumanz jgħidilna wkoll li "dak il-Lhudi barra li hu rasu iebsa, huwa makakk wisq."[225] Fl-ewwel kapitlu ta' ħames paġni kollox, ir-rumanz jirreferi għal Ġakobb għal tlettax-il darba, b'mod kważi ossessiv, bħala "Lhudi" jew "il-Lhudi," u dan jibqa' jagħmlu matul ir-rumanz kollu: fl-erba' paġni tat-tmintax-il kapitlu, li jirrakkonta kif Ġakobb jinganna lil Freddie Chancerelle billi jagħwih kontra martu, ir-rumanz jirreferi għal Ġakobb bħala Lhudi sbatax-il darba. Għajr għal Sumara ż-żingara,[226] li hija mara tajba, ir-rumanz ma jidentifika ebda karattru importanti ieħor mar-reliġjon jew mal-ġens tiegħu: ngħidu aħna, ma jitkellimx dwar Luigi Chancerelle bħala "l-Kattoliku." Jgħidilna li huwa Kattoliku, imma ma jirriduċihx għall-identità reliġjuża jew etnika tiegħu kif jagħmel ma' Ġakobb. Għaldaqstant nieħdu l-impressjoni li "l-impustur,"[227] "il-mostru"[228] u l-"lupu aħrax"[229] Ġakobb iġib ruħu b'mod "infami,"[230] "kiefer,"[231] "ipokrita,"[232] "miżerabbli,"[233] u "perfidu,"[234] kif jixlih kontinwament ir-rumanz, għax huwa Lhudi. Il-fatt li huwa wkoll ateu jżid man-natura ħażina tiegħu, imma l-enfasi hija fuq il-fatt li hu Lhudi. Din

l-idea negattiva ħafna tal-Lhud tinħass ukoll fl-edizzjoni tal-2004 "addattata għal żminijietna" minn Salvino Lombardi. Waqt li fil-verżjoni tal-1985 taċ-Charles Arrigo Book Club, il-kelma "Lhudi" tintuża darba fuq il-qoxra ta' wara tal-ktieb, fil-kumment qasir dwar ir-rumanz fuq il-qoxra ta' wara tal-edizzjoni ta' Salvino Lombardi, it-titlu "l-Lhudi" tintuża tliet darbiet, fil-bidu, fin-nofs u lejn l-aħħar. Min editja r-rumanz u min ippubblikah aktarx li ma kienx jinsisti fuq il-fatt li l-viljakk tar-rumanz huwa Lhudi kieku beża' li dan seta' jqanqal id-diżapprovazzjoni tal-qarrejja Maltin.

Ġakobb Metternich jaħmi l-vendetta tiegħu kontra l-familja Kattolika ta' Chancerelle minħabba l-mibegħda tiegħu għar-reliġjon Kattolika u dawk li jħaddnuha. L-insistenza tar-rumanzier fuq ir-reliġjon f'xogħol li huwa essenzjalment ċelebrazzjoni tar-rebħa inevitabbli tal-Kattoliċiżmu fuq kollox u fuq kulħadd, tindika li l-anti-Semitiżmu tar-rumanz għandu għeruq Kattoliċi. Ir-rumanz iqiegħed kontinwament l-Insara Kattoliċi 'l fuq mill-karattri ta' reliġjonijiet oħrajn. Lombardi jidher li ftit li xejn iġerragħ, jew għandu opinjoni tajba tal-Protestanti u t-twemmin tagħhom, li suppost mhuwiex differenti wisq minn dak tal-Kattoliċi. Meta Freddie, imwieled Kattoliku (u għalhekk essenzjalment tajjeb) imma mrobbi bħala Luteran minħabba l-ingann ta' Ġakobb, jiddeċiedi li jikkonverti għall-Kattoliċiżmu, ir-rumanz jgħidilna li "kien nieqes mit-tagħlim fuq Alla" u għalhekk "xejn ma ġab quddiem għajnejh il-ħniena kbira ta' Alla" u "beda jaqta' qalbu li jista' jaqla' l-maħfra mingħandu jekk jindem u jkun lest li jsewwi mill-aħjar li jista' l-ħsara li għamel."[235] Barra minn hekk, peress li Freddie "kien imrobbi bħala Protestant, ma kienx jemmen fit-twemmin tal-Knisja Kattolika" u għalhekk ma setax jifhem kif seta' jagħmel xi ħaġa għal ruħ il-kunjatu tiegħu li kien għadu kemm miet.[236] Skont ir-rumanz, peress li Freddie kien Protestant "qatt ma seta' jnižżilha li taħfer lil min għamillek id-deni."[237] Barra minn hekk, Nora tispjegalu li r-reliġjon Kattolika "hija l-vera reliġjon li tista' twasslek biex taqla' minn Alla l-maħfra ta' dnubietek."[238] Ir-rumanz jistqarr li l-"veri Nsara" huma l-Kattoliċi Rumani, bħal omm u missier Ugo u Freddie, u l-Luterani mhumiex "veri Nsara."[239] Ħjiel ieħor tad-disprezz ta' Lombardi għar-reliġjon Luterana jidher f'kumment li jagħmel dwar Claudio, meta jgħid li "*għalkemm* kien Luteran, donnu r-rimorsi għamlu bih ukoll" (enfasi miżjuda).[240] Lombardi jagħti l-impressjoni li r-reliġjon Luterana hija twemmin bla qalb. Wara kollox, ir-reliġjon Protestanta, li minnha ħareġ il-Luteraniżmu, "kif juri l-isem stess, mhix ħlief protesta ta' ċerti nies li ħaduha kontra l-Knisja appostolika Rumana u ma ridux joqogħdu għat-tagħlim tal-Papa, is-suċċessur ta' San Pietru, u b'hekk ivvintaw setta għalihom." Fi

ftit kliem, "ir-reliġjon Luterana mhix ħlief ir-reliġjon Kattolika mgħawġa kif jaqbel lilhom..."[241] Il-Kattoliċiżmu, mill-banda l-oħra, huwa assoċjat ma' nies sewwa u rispettabbli."[242]

Il-ġerarkija tar-reliġjonijiet kif jippreżentaha dan ir-rumanz ta' Lombardi, bil-Kattoliċiżmu fl-ewwel post u l-Ġudaiżmu fl-aħħar, tista' tinġabar f'dan il-kliem li Freddie jgħid lil martu Nora: "[...] inwiegħdek li nħalli r-reliġjon Protestanta u nsir Kattoliku Ruman bħalek u qatt ma nerġa' nħares lejn wiċċ dak il-Lhudi."[243] Bħal fir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* ta' Aquilina, it-tema tal-konverżjoni għall-Kattoliċiżmu hija fundamentali, tista' tgħid ossessjoni, f'*L-Għama ta' Lourdes* ta' Lombardi. Dawk li jikkonvertu, bħal Ester, il-Ħalwenija, Rebekka, Ugo u Freddie, huma n-nies li fihom hemm diġà ż-żerriegħa tat-tajjeb, xi ħaġa li l-karattri sterjotipiċi Lhud ta' Ebeneżer u Ġakobb Metternich m'għandhomx: għax ir-reliġjon Kattolika hija r-reliġjon it-tajba u r-rakkonti taż-żewġ rumanzi donnhom inkitbu wkoll biex jikkonfermaw it-tjubija intrinsika tal-Kattoliċiżmu Ruman u n-nuqqasijiet fundamentali tar-reliġjonijiet l-oħrajn u iktar u iktar tal-ateiżmu. Bħal Ester bint Ebeneżer ta' Aquilina, Rebekka ta' Lombardi, it-tifla ta' Ugo Chancerelle l-ateu,[244] minkejja li ma trabbietx bħala Kattolika u għalhekk kienet f'"nawfraġju ta' ħażen,"[245] "kienet miġbuda għat-tajjeb" u "kellha qalbha tad-deheb," u għalhekk, inevitabbilment, tikkonverti għall-Kattoliċiżmu u tikkonverti wkoll lil ħabibtha Ester (Ester oħra, bħal ta' Aquilina) u lil missierha Ugo.[246]

F'*L-Għama ta' Lourdes*, Arturo, karattru li kieku llum jitqies bħala Kattoliku fundamentalista minħabba l-mod kif iġiegħel lil Rebekka tikkonverti "bilfors,"[247] jistqarr li "jiena obbligat nitlob għal dawk li mhumiex Insara biex jagħrfu l-verità."[248]

Meta Ġakobb jipprova jġiegħel lil Rebekka, bint il-Professur Chancerelle tbiddel fehmitha li tikkonverti għall-Kattoliċiżmu biex tiżżewweġ Kattoliku, Rebekka twieġbu li bħala Lhudi "imissek temmen b'Alla li ħalqek... Ismek biss imissu jċanfrek għax kif taf aktar minni, inti ġejt imsemmi għal wieħed mill-patrijarki tal-poplu Lhudi, li kien jemmen f'Dak li ħalaq kollox."[249] L-implikazzjoni hi li bħala Lhudi, id-dnub tiegħu tan-nuqqas ta' fidi Kattolika huwa akbar minn ta' ħaddieħor, u dan jixhed il-preġudizzju kontra dan il-ġens għax ifisser li minkejja li għaddew elfejn sena mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, lil-Lhudi qed tittrattah b'mod differenti minn ħaddieħor u l-ħażen tiegħu jidher akbar minn tagħhom. Hemm ukoll it-tmiem tar-rumanz. Bħal Ġuda l-Iskarjota,[250] imma għal raġunijiet differenti, Ġakobb joqtol ruħu b'idejh billi jitgħallaq. Imut mewta kerha u solitarja, bħal ta' Ebeneżer, mhux biss biex

dawk li jakkużawh u jeħilsuna minnu ma jkollhomx għalfejn jikxfu għawarhom biex Ġakobb jieħu dak li ħaqqu, imma l-aktar għaliex kien jistħoqqlu mewta kerha. Ġanni wkoll jeħlisna minn Ebeneżer f'ċirkostanzi li jeħilsuh minn kull sens ta' ħtija jew ħtija quddiem il-liġi. Ġakobb imut "b'għajnejh imberrqa" u ddisprat, għax mill-qagħda li sabuh fiha dehrilhom "li wara li ntelaq biex jitgħallaq reġa' bdielu għax idejh sabuhom imqabbdin mal-liżar li tgħallaq bih, iżda sab li kien tard wisq."[251] Fl-aħħar sentenzi tar-rumanz, in-narratur eterodijeġetiku, permezz ta' Ugo li suppost kien jafu sewwa, jerġa' jirreferi għal Ġakobb b'disprezz mhux b'ismu imma bħala "dak il-Lhudi."[252]

## Il-Mentalità Kolonjalista tal-Ikkolonizzati

Id-disprezz lejn il-barranin u l-aktar lejn il-Lhud u l-Musulmani fil-letteratura Maltija tas-snin tletin, lejn dawk li mhumiex Insara u Ewropej, jista' jinftiehem skont il-viżjoni Romantika tagħhom li ħolqot u bniet l-identità tal-Maltin f'oppożizzjoni għar-rappreżentazzjoni tagħhom tal-barranin. L-idealizzazzjoni tal-Maltin; tal-ħila u l-qlubija tagħhom; tad-determinazzjoni u l-lealtà tagħhom lejn il-komunità, lejn ir-reliġjon Kattolika u lejn il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħhom; l-idealizzazzjoni tal-imgħoddi u kultant tal-preżent tagħhom, seħħet anki permezz tad-demonizzazzjoni tal-barranin, ta' dawk li kienu jitkellmu lsien differenti u kellhom reliġjon u drawwiet differenti. Iktar ma ċerti barranin dehru differenti mill-Maltin f'termini kulturali, l-aktar reliġjużi, iktar kienu jitqiesu bħala għedewwa, bħala theddida.

Hemm spjegazzjoni oħra, "kolonjali", tad-disprezz li wrew il-kittieba Maltin lejn ċerti barranin, speċjalment lejn l-Għarab u l-Afrikani. Fanon jispjega li n-nies ikkolonizzati għandhom tendenza jaraw lill-kolonizzaturi tagħhom bħala superjuri, bħala razza aqwa ta' bnedmin, u għalhekk biex "jikbru" jew "jogħlew" bħalhom l-ikkolonizzati sikwit jaddottaw il-viżjoni tad-dinja tal-kolonizzaturi u l-iskala ta' valur li jagħtu lil ġnus differenti. Jekk fil-viżjoni tad-dinja tal-kolonizzaturi l-Għarab u l-Lhud huma inferjuri, l-ikkolonizzati sikwit jibdew jemmnu li dawn il-ġnus huma fil-fatt inferjuri, u li biex jaffermaw is-superjorità tagħhom l-ikkolonizzati jridu juru li huma kemm jista' jkun differenti mill-ġnus inferjuri u simili għall-ġnus superjuri.

Fir-rumanz ta' Aquilina, minkejja li jidher iktar minn darba u huwa mdaħħal fl-episodju importanti tal-ħarba tal-eroj Vassalli minn Rikażli,[253] l-ilsir Musulman jibqa' bla isem. L-ewwel darba li jidher ningħataw l-impressjoni

li huwa beżżiegħ, impressjoni kkonfermata fix-xena tal-ħarba ta' Vassalli,[254] u mazzun għax ma jindunax li l-eroj Malti Ġanni u l-Kavallier Saint-Beuve qed jiġbdulu saqajh: "L-imsejken Mawmettan baqa' jħares lejhom miblugħ."[255] It-ton tal-Malti u l-Kavallier, it-tnejn Insara ovvjament, huwa patronizzanti u l-ilsir, li l-uniċi affarijiet li nafu fuqu huma li hu "lsir" u "Mawmettan," jidher għalkollox intellettwalment inferjuri. Anki "ż-żagħżugħ iswed" Babu tar-rumanz *Lejn ix-Xemx* ta' Bonnici, l-ilsir li l-protagonista Duminku Calleja kien ħenn għalih f'waħda mit-taqtigħat ta' fuq il-baħar,[256] huwa għalkollox sottomess għal sidu u meta l-ġifen jinqabad fil-maltemp tant jitwerwer li ma jkunx jista' jiċċaqlaq minn fejn ikun imrekken, u għalhekk huwa bniedem bla ħila, inferjuri għalkollox, minkejja li hu mgħammed, għall-baħrin li hemm fuq il-ġifen.[257] L-inferjorità tiegħu hija marbuta mal-ġens u l-kultura barranija tiegħu (aktarx Għarbija). Ir-rumanz ta' Aquilina wkoll jagħtina l-impressjoni li l-inferjorità tal-ilsir hija kulturali mhux biss għax hu "Mawmettan" iżda anki għaliex huma jinqdew proprju bir-reliġjon, bin-"nisa sbieħ li jduru bl-erwieħ it-tajba fil-ġenna ta' Mawmettu,"[258] biex jiġbdulu saqajh. Ix-xena tagħlaq bl-attitudni patronizzanti ta' Ġanni li "jiggosta" l-ilsir u Saint-Beuve li "jinġibed lejh," bħallikieku l-ilsir li kien se jegħreq kien xi tifel żgħir, u bl-għażla tagħhom li Saint-Beuve jieħu lir-raġel miegħu bħala lsir tiegħu.[259] Fix-xena tal-ħarba ta' Vassalli jidher ċar li l-ilsir huwa biss qaddej qaddief li huwa maqtugħ għalkollox mill-ġrajja importanti ta' Vassalli u mhu mistenni jgħid xejn. F'paragrafu li fih ir-rumanz jipprova jagħti identità individwali lil dan l-ilsir anonimu li nibqgħu ma nafux minn fejn hu, in-narratur eterodijeġetiku jimmaġina li l-għanja Għarbija li qed jgħanni l-ilsir Musulman fuq il-baħar kienet qed tesprimi x-xewqa kbira tiegħu li

> jarġa' jmur lejn pajjiżu ħalli jara x'sar minnhom in-nisa tiegħu u 'l uliedu. Jista' jkun ukoll li kien qed jgħanni l-għanja li għanna lill-aħħar mara nhar it-tieġ meta laqagħha f'daru fost id-daqq tat-tnabar u l-wirja tal-iġmla għoljin jibirku biex tinżel il-għarusa mgħammda.[260]

Huwa ritratt Orjentalista li minflok jagħti identità lill-ilsir ixejnu bl-isterjotipi dwar "l-Orjent" (li sal-aħħar tas-seklu 19 kien ifisser primarjament l-Indja u l-artijiet tal-Bibbja) tipiċi tal-Ewropej, sterjotipi li stħarriġhom il-kritiku postkolonjalista Edward W. Said. Għax l-Orjentaliżmu huwa stil Oċċidentali li jiddomina l-Orjent, jistrutturah mill-ġdid u għandu awtorità fuqu. *"Orientalism can be discussed and analyzed as the corporate institution for dealing with the Orient – dealing with it by making statements about it, authorizing views of it,*

*describing it, by teaching it, settling it, ruling over it."* Fis-seklu 19 "bniedem Orjentali," jiġifieri dak marbut mad-dinja Għarbija (u Lhudija), mas-Semiti, "kien l-ewwel u qabel kollox Orjentali, u mbagħad wara bniedem." Mill-istudju tiegħu dwar l-ilsien Semitiku, l-intellettwali influwenti Franċiż Ernest Renan, li kellu preġudizzji kbar kontra s-Semiti, jiġifieri l-Musulmani u l-Lhud,[261] għadda għal ideat paralleli dwar l-anatomija, l-istorja, l-antropoloġija, u saħansitra l-ġeoloġija. Għalhekk il-kunċett ta' "Semitiku" ma baqax jintuża biss bħala deskrizzjoni jew desinjazzjoni sempliċi, imma beda jiġi applikat għal firxa ta' ġrajjiet storiċi u politiċi biex jirriduċihom bil-mod il-mod għal nukleu li kien jeżisti qabel dawk il-ġrajjiet u jinsab fil-qalba tagħhom.

> *'Semitic' was therefore a transtemporal, transindividual category, purporting to predict every discrete act of 'Semitic' behavior on the basis of some pre-existing 'Semitic' essence, and aiming as well to intepret all aspects of human life and activity in terms of some common 'Semitic' element.'*[262]

Said jemmen li l-argument ċentrali tal-Orjentaliżmu huwa l-mit li s-Semiti ma baqgħux jiżviluppaw, *"the myth of the arrested development of the Semites."* Minn dan il-mit joħorġu miti oħrajn, bħall-fehma li s-Semiti huma l-oppost tal-Oċċidentali u, irrimedjabbilment, il-vittmi tad-dgħufija tagħhom stess.[263] Said jispjega li qabel il-Gwerra ta' Yom Kippur tal-1973 bejn l-Iżrael u bosta pajjiżi ġirien, f'rappreżentazzjonijiet popolari fil-Punent l-Għarab kienu nomadi rikbin il-ġemel, is-simbolu tal-inkompetenza u faċli biex tirbħilhom, kwalitajiet li nsibu ħjiel tagħhom fil-figura tal-ilsir Mawmettan ta' Aquilina; wara, bdew jidhru bħala nies iktar perikolużi, u f'bosta postijiet bdew jidhru *cartoons* ta' xejħ Għarbi bilwieqfa ħdejn pompa tal-petrol. Dawn l-Għarab il-ġodda kienu "Semitiċi": lil udjenza li kienet fil-biċċa l-kbira tagħha mhux Semitika, ir-rappreżentazzjoni tagħhom bi mnieħer akwilin, bil-ponta milwija 'l isfel, u ħarsa kattiva fuq wiċċ bil-mustaċċi, kienet tfakkarhom minnufih li s-"Semiti" kienu l-għerq tal-problema "tagħna" kollha. *"The transference of a popular anti-Semitic animus from a Jewish to an Arab target was made smoothly, since the figure was essentially the same."*[264] Kittieba pro-Ingliżi Maltin bħal Aquilina aktarx wirtu mingħand il-kolonjalisti Ingliżi attitudnijiet Orjentalisti li kkonfermaw uħud mill-preġudizzji li diġà kellhom bħala Kattoliċi Rumani Ewropej kontra l-Għarab/il-Musulmani u l-Lhud, għax l-Orjentaliżmu kien proġett kulturali tal-Brittaniċi (li l-Maltin ħafna drabi jsejħulhom Ingliżi) u l-Franċiżi.[265]

Fir-rumanz Aquilina juri li għandu ammirazzjoni u rispett kbir lejn il-kolonjalisti Ingliżi. Fanon isostni li *"The feeling of inferiority of the colonized*

*is the correlative to the European's feeling of superiority. Let us have the courage to say it outright: It is the racist who creates his inferior."*[266] Minħabba f'hekk, l-ikkolonizzati jirraġunaw li jekk iridu jkunu superjuri huma wkoll iridu jsiru jixbhu kemm jistgħu lill-kolonizzaturi tagħhom, u joħolqu ġerarkija li permezz tagħha, filwaqt li huma inferjuri għall-kolonizzaturi tagħhom, huma wkoll superjuri għal nies oħra li fil-ġerarkija soċjali u kulturali mfassla mill-kolonizzaturi jiġu taħthom. Fil-ġerarkija, ovvjament arbitrarja, jew aħjar fabbrikata, ivvintata, li rriproduċew il-Maltin ikkolonizzati mill-Ingliżi, il-Maltin kienu superjuri għal dawk li ma kinux Ewropej, li l-ġilda tagħhom kienu jarawha ftit iktar skura, li ma kinux parti mill-kultura Nisranija jew saħansitra kienu għedewwa tagħha. L-"Oħrajn" kienu kollha l-istess, imneżżgħin mill-individwalità tagħhom li tagħmilhom bnedmin, u għalhekk huma sikwit imċaħħdin minn isimhom, bħal Ġakobb u Ester (li spiss huma sempliċiment "il-Lhudi" u "l-Lhudija"), jew saħansitra bla isem, bħall-Ħalwenija. Benedict Anderson jara n-nazzjon bħala komunità politika mistħajla. In-nies li jimmaġinaw din il-komunità jarawha, minnha nfisha, bħala limitata u sovrana.[267] Hija komunità mistħajla, għax il-membri tagħha qatt mhuma se jsiru jafu lill-membri l-oħrajn, mhumiex se jisimgħu dwarhom jew jiltaqgħu magħhom, iżda fil-moħħ ta' kull wieħed u waħda minnhom hemm xbieha tal-komunjoni ta' bejniethom. Il-komunità jimmaġinawha bħala sovrana għax in-nazzjonijiet iridu l-ħelsien; u n-nazzjon jarawh bħala komunità għax dejjem jikkonċepuh bħala ħbiberija solidali, *camaraderie* profonda u orizzontali.[268] F'din il-komunità nazzjonali mistħajla tal-Maltin, kittieba bħal Aquilina donnhom ma jarawx wisq post għal Lhud li ma jħaddnux ir-reliġjon dominanti f'Malta, u għalhekk, biex jiġu aċċettati fil-komunità Maltija, il-Lhud f'*Taħt Tliet Saltniet*, rumanz "nazzjonalistiku" pereċċellenza, iridu jassimilaw ruħhom, isiru bħall-Maltin "proprja."

Meta persuna tkun trid toħloq ġerarkija kulturali, tinjora ċerti differenzi bejnek u dawk li trid timita jew titħabbeb magħhom, u tinjora wkoll ix-xebh li għandek ma' dawk li fil-ġerarkija li tkun ħloqt jiġu taħtek. Il-Maltin raw xebh bejnhom u bejn l-Ingliżi għax kienu bojod, mhux "somor" jew suwed, għax il-bjuda, kif narawha f'Mrs Flemington, kienet titqies bħala kategorija pożittiva, u għax kienu Nsara, mhux Musulmani jew Lhud. Il-Maltin kienu Ewropej bħall-Ingliżi mhux Mediterranji bħan-nies tan-Naħa ta' Fuq tal-Afrika jew it-Turkija – sikwit fit-"Tork" tal-letteratura tagħna hemm konfużjoni sħiħa mal-Għarab u n-nies tal-Afrika ta' Fuq. Il-lingwa Maltija kienet "Għarbija," veru, imma dan kien biss "episodju" minn storja remota; u l-Maltin kienu iktar

viċin tal-Afrika ta' Fuq milli tal-Gran Brittanja, veru, imma kulturalment kienu superjuri għall-ġirien tagħhom, għax kienu Nsara u Ewropej. Ġużè Chetcuti donnu jiġbor lil Aquilina fi frażi waħda meta jgħid li l-mewt tiegħu (fl-1997) kienet tfisser telfa kbira "għal Malta, għall-Malti u għall-Knisja Kattolika,"[269] tliet elementi li f'Aquilina kienu inseparabbli u li forsi jfissru l-għażliet, anki letterarji, tiegħu. Fl-1940 Aquilina kiteb li ż-żewġ kolonni tal-ħajja Maltija kienu r-rabta politika ta' Malta mal-Imperu Ingliż u "r-rabta reliġjuża ta' Malta mal-Knisja Kattolika."[270]

Ir-rappreżentazzjoni Orjentalista tal-Oħrajn tidher sew fil-figura tal-ilsira Għarbija tal-familja ta' Alessandru Habela, il-Ħalwenija, figura li tixbah f'xi aspetti lil Semita oħra, il-Lhudija Ester. Skont ir-rumanz,

> għalkemm kienet ta' ġilda samra wiċċha kien jiġbdek, l-aktar dawk iż-żewġ għajnejn suwed u dak il-fomm ċkejken li meta jitbexxaq kien bħal jarmi dawl abjad ta' snien bla mittiefsa lewn il-ħalib jaqtgħu fuq is-smurija ta' lewnha. Kienu jsibuha lil din l-ilsira bil-laqam tal-Ħalwenija, għax isimha hi kienet tilfitu sa minn ċkunitha meta tilfet il-libertà.[271]

Bħalma jagħmel bl-ilsir Mawmettan li jsalvah Ġanni mill-għarqa, ir-rumanz lil din l-Għarbija Musulmana jippatronizzaha, bħal meta jsejħilha "din il-qalb ta' anġlu."[272] Donnu ħadd mhu ħati tal-inġustizzja li saret magħha; donnu isimha u l-libertà tilfithom bħalma titlef ċavetta minħabba nuqqas ta' attenzjoni jew sfortuna. Din id-deskrizzjoni tan-narratur eterodijeġetiku, li tiftaħ bil-kelma importanti "għalkemm," tistabbilixxi li s-smurija hija kerha, u dan jikkonfermah il-fatt li De Flores jagħmel eloġju tal-għajnejn żoroq u l-idejn bojod ta' Mrs Flemington.[273] Aktarx li s-sbuħija mhux tas-soltu ta' din il-mara samra fil-fatt ġejja min-naqra "dawl abjad" li jarmu snienha, għax fil-kultura kolonjalista l-bjuda hija inevitabbilment il-kategorija superjuri.

Minkejja li Briffa jara fl-imġiba ta' Alessandru rispett lejn il-Ħalwenija, li Briffa jiddeskriviha, b'mod ftit laxk, bħala "l-qaddejja ta' bnedmin,"[274] jibqa' l-fatt li kienet ilsira bla isem u bla libertà. Huwa minnu li kellu qalbu tajba magħha, iżda huwa minnu wkoll li hu kien is-sid u hi kienet l-iskjava, u l-imġiba sottomessa tagħha tul ir-rumanz tirrifletti l-qagħda inferjuri tagħha. In-narratur japprezza l-attitudni servili tal-Ħalwenija, inkluż il-fatt li titkellem mill-inqas u ġġib ruħha bħallikieku hija obbligata lejn is-sidien tagħha. Briffa jsejjaħ lill-Barunissa Isabella u Pawlina "żewġ nisa importanti,"[275] iżda t-tfajliet u n-nisa, inklużi dawn it-tnejn u l-Ħalwenija, f'dan ir-rumanz u f'ħafna min-narrattiva Maltija ta' qabel, u f'xi każijiet anki ta' wara l-Indipendenza, huma

karattri dgħajfa u ċatti li huma ħolqien tal-kultura patrijarkali u għalhekk jgħixu fid-dell tal-għarus, tar-raġel tagħhom, jew ta' missierhom. Iżda d-dgħufija u l-inferjorità tal-Ħalwenija huma wkoll riżultat tal-fatt li hija Musulmana, bl-istess mod li r-reliġjon Lhudija titfa' dell ikrah fuq Ester. F'xena importanti li tixhed l-attitudni patronizzanti ta' Alessandru lejn il-Ħalwenija, hu "Mellsilha ħaddejha, u feraħ biha bħallikieku kienet tifla ċkejkna." Qabel ma jgħannaq lill-ilsira, "għajnejha jdemmgħu quddiem it-tjubija ta' dawn l-aħwa," Alessandru jgħannaq lil oħtu Biċe, imma f'dan il-każ m'hemm ebda ħjiel li jittratta lilha bħala tifla ċkejkna.[276] Imbagħad Alessandru jqabbad lil Biċe lill-Ħalwenija-Dolores id f'id u, b'ton li jixhed l-awtorità morali tiegħu bħala eroj u bħala raġel, jgħidilhom, bħallikieku tfal żgħar, "Inħabbu bħal aħwa."[277]

F'xena oħra n-narratur jisħaq li għall-Ħalwenija, Alessandru kien "qaddis" miexi fl-art u hi kienet tħobbu. "Issa li dak il-qaddis biesha, xtaqet tinżel quddiemu u tagħtih qima."[278] Bħal Ester, il-Ħalwenija hija tfajla sabiħa u tajba imma vulnerabbli li għandha x-xorti li sabet il-protezzjoni ta' raġel sabiħ Malti li hu patrijott u inevitabbilment Nisrani – il-patrijottiżmu Malti u l-Kattoliċiżmu jmorru id f'id, *Religio et Patria.* It-tnejn li huma jsiru jħobbu lill-protetturi tagħhom u t-tnejn jassimilaw irwieħhom fil-kultura Kattolika dominanti tas-soċjetà Maltija u l-mudell tagħhom huwa dak tal-Madonna, li fit-tradizzjoni kulturali Kattolika dominanti hija riżultat tal-kultura patrijarkali. Minkejja li r-rumanz jissuġġerixxi li l-Ħalwenija riedet lil Alessandru bħala l-maħbub tagħha, li "ż-żegħil tiegħu kien jogħġobha,"[279] u "qalbha faret bil-hena ta' mħabba bla ħtija għalih,"[280] in-narratur jgħid li hi ma kinitx tara l-imħabba tagħha lejh bħala dik ta' mara lejn il-maħbub tagħha, għax "irħiet idejha f'idejh bil-fiduċja li oħt għandha f'ħuha.[281] Dan donnu jfisser li r-rumanz lanqas jikkonċedi lil din l-Għarbija Musulmana l-ħila li tanalizza s-sentimenti tagħha stess. Għax, wara kollox,

> Għalkemm ma kinetx oħtu, kemm xtaqet hija wkoll tiddendel ma' għonqu ħalli tarah mill-qrib, tara jekk kienx jidher musfar, tbusu u tgħannqu magħha, tgħidlu kemm ħasbet fih mindu ħalliehom u kemm talbet għalih lill-Mara tal-Qalb Imniffda![282]

It-test jissuġġerixxi li d-deċiżjoni tal-Ħalwenija li ssir soru hija influwenzata, jekk mhux motivata għalkollox, mill-fatt li hi ma jistax ikollha lil Alessandru bħala l-maħbub tagħha. Meta titlaq mid-dar ta' sidtha biex tingħaqad mas-sorijiet li rathom jassistu ġuvni midrub, l-aħħar u l-uniku kliem tagħha lil Biċe, oħt il-protagonista terfgħu għall-bniedem li tħobb: "għid lil Alessandru li jien

mort għax sejħitli l-Omm tal-Qalb minfuda. Għidlu li jien nitlob għalih ħafna... ħafna..."[283] Bħall-Madonna tħoss qalbha minfuda. Il-puntini jagħtuna x'nifhmu li hi taħseb fih il-ħin kollu u b'mod speċjali ħafna. F'rumanz li nkiteb fl-istess perijodu, *Is-Salib tal-Fidda* ta' Wistin Born (1939), Rożina, bħall-Ħalwenija, tidħol soru wara li titlef lill-maħbub-protettur tagħha Xandru.

## L-Assimilazzjoni Li Tagħtik Isem

Il-"fidwa" ta' Ester u l-Ħalwenija sseħħ permezz tal-konverżjoni tagħhom, jiġifieri l-assimilazzjoni tagħhom fil-kultura dominanti, u mhux tant minħabba li kienu persuni "tajbin." It-tjubija li hemm fihom, li tinkludi s-sottomissjoni tagħhom għall-kultura dominanti, tagħtihom id-dritt li jassimilaw. Il-Ħalwenija tibqa' bil-laqam sakemm tikkonverti, imbagħad tingħata saħansitra żewġ ismijiet, l-ewwel Dolores u wara Maria; Ester tibqa' "l-Lhudija" matul ir-rumanz kollu. Skont it-teoloġija Kattolika bil-magħmudija tibda ħajja ġdida, il-persuna li titgħammed tinfired mill-ħażen u tissieħeb ma' Kristu u mal-Knisja. Għaldaqstant, *"Once baptised one had to remain a Catholic all one's life. Lapsing into Judaism challenged Catholic theology and its assumption of the inferiority of Judaism to Christianity."* Frans Ciappara jgħid li l-identità tal-persuna Nisranija l-ġdida li warrbet l-imgħoddi tagħha tidher bl-aħjar mod fl-għażla ta' isem ġdid.[284]

F'Malta tas-seklu 18, dawk il-Lhud li kienu jikkonvertu għall-Kattoliċiżmu kienu jagħmlu hekk minn jeddhom, imma xorta kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ċerta ostilità. *"If persecution existed it must be supposed that during Holy Week the Jews were well on their guard to protect themselves against some possible molestation."*[285] Ciappara jikkonkludi li l-attitudni tal-Maltin lejn il-Ġudaiżmu aktarx kienet waħda ta' disprezz.[286] Iżda lejn l-aħħar tas-seklu tmintax l-Inkwiżizzjoni, li kienet tilfet ħafna mis-saħħa politika tagħha, ma baqgħetx tagħti fastidju lil-Lhud u l-gvern kien qed jagħtihom l-appoġġ tiegħu.[287] F'osservazzjoni forsi ftit ġeneruża, Ciappara jistqarr li l-mibegħda lejn il-Lhud li kellu l-Ordni għall-bidu li ġie Malta nbidlet f'rispett reċiproku u l-gvern beda jħares in-"nazzjon" Lhudi mill-inkwiżituri.[288]

Minkejja li meta titgħammed, il-Ħalwenija tieħu l-isem ta' Dolores, in-narratur jibqa' jfakkarna li kienet "il-Ħalwenija." Hi, li minn dejjem "kien fiha għaxqa, taf iġġib ruħha," jiġifieri taġixxi skont ir-regoli tal-kultura dominanti u patrijarkali li kienet tiddiskrimina kontra l-Għarab u l-Musulmani, kontra

l-ilsiera u kontra n-nisa, taqla' l-ħelsien u fir-relazzjoni tagħha ma' Biċe ssir aktar qisha oħtha milli l-qaddejja.[289] Il-quddiesa tat-tieġ tat-tliet koppji (Alessandru u Pawlina, Ġanni u Ester, De Flores u Mrs Flemington) li tiċċelebra r-rebħa tal-Maltin u tal-Knisja Kattolika lejn l-aħħar tar-rumanz hija ddominata mil-leħen anġeliku tal-Ħalwenija, issa Soru Marija, tkanta l-Ave Marija.[290] Il-konverżjoni għall-Kattoliċiżmu fl-aħħar tagħtiha vuċi u din il-vuċi letteralment jismagħha kulħadd għax issa saret parti minn "kulħadd," jew kważi, għax it-ton tan-narratur meta jitkellem fuqha jibqa' patronizzanti: leħinha huwa "ħelu," u tistħajjilha "qaddisa ċkejkna." Tinsab "wiċċha 'l isfel, b'idejha magħqudin flimkien quddiem xofftejha jirtogħdu. Tibda tkanta fil-mument żbaljat għax m'għandhiex kontroll fuq l-emozzjonijiet tagħha u għalhekk meta tinduna wiċċha jiħmar "daqs in-nar," għajnejha jilmaw bid-dmugħ, u tbaxxi rasha. Barra minn hekk, issa li kkonvertiet "wiċċha qiegħed għall-ħlewwa ħiemda li toħroġ minn ruħ hienja."[291] Il-promozzjoni uffiċjali tagħha minn skjava Għarbija Musulmana għal qaddisa Kattolika sseħħ meta "ġriet ix-xniegħa li hi kienet anġlu taħt għamla ta' soru: u l-anġli jidhru u jgħibu, u ma tarahomx."[292]

Fir-rumanz Ester tibqa' sal-aħħar "il-Lhudija." Meta, bħala l-għarusa u l-mara futura ta' Ġanni, tkun bilwieqfa ħdejn is-sodda tal-mewt ta' Pawlu, missier Pawlina, sinjal li hija meqjusa bħala ta' ġewwa fost il-protagonisti Nsara Maltin, ir-rumanz isejħilha biss "il-Lhudija," mingħajr ma juża isimha;[293] sentejn wara għadu qed jagħmel l-istess.[294] Sal-għada tat-tieġ, ir-rumanz jibqa' jirreferi għal Ester, issa Nisranija u miżżewġa eroj Nisrani, bħala "l-Lhudija" minflok isejħilha b'isimha, u din hija l-aħħar darba li jirreferi għaliha, waqt li fis-sentenza ta' wara, l-Ingliża "*Mrs* Flemington" issa saret "*Mrs* De Flores" (enfasi miżjuda).[295] M'hemmx dubju li l-Ingliżi, il-bojod, huma l-ġens superjuri; il-Maltin jiġu warajhom, u l-Lhud u l-Għarab jinsabu fil-qiegħ. Mrs Flemington hija l-armla ta' wieħed mill-fizzjali tal-Kaptan Ball li mexxa l-forzi Brittaniċi li għenu lill-Maltin ikeċċu lill-Franċiżi fl-1800.[296] Ir-rumanz jgħidilna li kienet tmur il-knisja regolarment u għalhekk nassumu li hija Kattolika, mhux Protestanta. U forsi għalhekk ukoll ir-rumanz jinnota li "minn persunitha kienet tinqala' ħafna."[297]

Ir-rumanz donnu jagħti l-impressjoni li l-iskjavi li kienu jikkonvertu, bħall-Ħalwenija, kienu jinħelsu mill-iskjavitù, imma storikament dan mhux minnu. L-iskjava tinħeles għax tmut il-Barunissa Isabella u Alessandru l-ħanin eventwalment jiddeċiedi li jeħlisha mill-iskjavitù. Ir-riċerka turi li l-magħmudija, bħal fil-każ tal-ilsir żagħżugħ Babu ta' *Lejn ix-Xemx*, ma kinitx teħles lill-ilsiera mill-jasar. Ngħidu aħna l-ilsir mgħammed Giuseppe Manoli kienu jorbtuh bil-

ktajjen u kienu jittrattawh agħar minn Tork jew diżertur jew ribelli." Minkejja l-pressjoni li kienu jagħmlu l-inkwiżituri biex dawn l-Insara l-ġodda jinħelsu,[298] il-ħelsien qajla kien jingħata lil min jikkonverti.[299] Ciappara jgħid li fis-sekli 17 u 18 ma sabx evidenza ta' Lhud li ġegħluhom jikkonvertu għall-Kattoliċiżmu, minkejja li d-diskriminazzjoni li kien hemm kontrihom fil-liġijiet setgħet kienet maħsuba biex tħeġġiġhom jitilqu r-reliġjon tagħhom. Għax *"masters would not willingly allow their captives to receive baptism not to suffer any reduction in the price of their merchandise."* Ciappara jirreferi għall-każ ta' lsir bl-isem ta' David li hedduh li jekk jitgħammed jaqtgħulu mnieħru u widnejh barra.[300] Bejn l-1748 u l-1777, fil-Birgu tgħammdu sittax-il Lhudi u Lhudija. Jidher li l-Knisja kienet tilqa' l-magħmudija tal-Lhud b'ferħ kbir, mhux biss għax il-konverżjoni kienet meqjusa bħala s-soluzzjoni aħħarija għall-"problema tal-Lhud," imma wkoll għax kienet tħejji t-triq għat-tieni miġja ta' Kristu. Barra minn hekk, il-Lhud li kienu jsiru Nsara kienu meqjusin bħala l-aħjar eżempju għal dawk il-Lhud li kienu għadhom ma kkonvertewx. Il-magħmudija kienet okkażjoni speċjali li kienu jiċċelebrawha b'solennità u ferħ. Bħal infidili oħrajn, il-Lhud ġieli kienu jgħammduhom f'festi kbar bħall-Għid, u ġieli l-magħmudija kienet issir fil-kappella tas-Sant'Uffizzju, bl-inkwiżitur bħala l-parrinu.[301]

Il-ktieb ewlieni ta' Godfrey Wettinger dwar l-istorja tal-Lhud f'Malta fl-aħħar perijodu tal-Medjuevu jibda b'dedika lil sħabu l-Maltin u bnedmin oħra li ma jħallux kwistjonijiet marbutin mat-twemmin u l-ideoloġija jxekklu t-twemmin u l-impenn tagħhom favur il-libertà, it-tolleranza u l-fehim. Hija stqarrija li tindika li fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Lhud, il-Maltin ħallew ir-reliġjon ixxekkilhom, u dan jidher sew, ngħidu aħna, mis-sinodi djoċesani tal-1620 u l-1647 li fihom il-kleru Nisrani ordna li l-Insara ma jkollhom ebda tip ta' kuntatt reliġjuż, soċjali, kummerċjali u sesswali mal-Musulmani u l-Lhud.[302] Biex jevita r-"reat enormi" tal-att sesswali bejn l-Insara u dawk li ma kinux Insara, fl-1658 il-Gran Mastru De Redin ħareġ proklama twila b'għadd ta' projbizzjonijiet u kastigi ħorox li fiha ordna, fost l-oħrajn, li l-Lhud u l-Musulmani ma setgħux jidħlu fid-djar tal-Maltin bl-iskuża li riedu jbigħu xi ħaġa.[303]

F'dak li jista' jitqies bħala perijodu importanti għall-komunità Lhudija, bil-preżenza ta' madwar 500 ruħ jew ftit aktar fil-Gżejjer Maltin, ir-relazzjonijiet mal-Kattoliċi Maltin ma kinux faċli. Minkejja li fis-seklu 15 u qabel il-Lhud f'Malta u Sqallija kienu ttrattati bħala ċittadini tal-bliet li fihom kienu jgħixu, Wettinger isostni li kienu membri ta' komunità *"living perpetually in conditions of political and social insecurity, surrounded by external forces it had every reason to distrust."*[304] Fit-tieni nofs tas-seklu 15, l-iktar perijodu

ddokumentat, *"Friendly intercourse between members of the two groups was suspect and strongly discouraged."* Ebda wieħed miż-żewġ gruppi ma ried li bejniethom ikun hemm relazzjonijiet sesswali u żwiġijiet. Wettinger jemmen li l-imġiba tal-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Lhud kienet xhieda oħra tal-għamla ksenofobika tal-Kristjaneżmu tagħhom.[305] Din l-ebusija tidher fil-mod kif kienu jiġu ttrattati dawk li kienu jbiddlu r-reliġjon tagħhom. L-istoriku jemmen li ż-żewġ komunitajiet ma setgħux iddakkru wisq mill-ideat ta' xulxin għax dawk il-Lhud li kienu jsiru Nsara kienu jitqiesu bħala "klieb" u jumiljaw il-qraba tagħhom, waqt li l-Insara li jaqilbu għall-Ġudaiżmu kienu jesponu ruħhom għal reazzjonijiet ħorox, fosthom anki l-mewt.[306] Kollox ma' kollox, minkejja li għexu għal mijiet ta' snin fost il-Maltin u l-Għawdxin, il-Lhud taż-Żmien Nofsani, li aktarx ftit biss minnhom kienu *"at least moderately rich,"* ħallew impatt tassew ċkejken fuq l-abitanti Nsara Maltin.[307] Meta kienu jħabbtu wiċċhom ma' żminijiet u ċirkostanzi diffiċli, il-Lhud ta' Malta iktar kienu jfittxu l-għajnuna ta' sħabhom fi Sqallija milli tal-Insara Maltin li kienu jgħixu magħhom.[308] Fost il-poplu, il-Lhud, bil-konnessjonijiet tagħhom fil-Mediterran, kienu l-aħħar ħolqa ta' Malta mal-Għarab tal-Afrika ta' Fuq, u għalhekk, skont Wettinger, minħabba l-avvenimenti tal-1492 u minkejja li numru mhux żgħir ta' Lhud ikkonvertew, jew qalu li kkonvertew għall-Kristjaneżmu biex ma jkollhomx għalfejn jitilqu mill-Gżejjer Maltin u jitilfu l-proprjetà tagħhom,[309] Malta tilfet il-kuntatt dirett mad-dinja Għarbija.[310]

Imbagħad bejn is-seklu 16 u s-seklu 18 il-jeddijiet ċivili tal-Lhud fil-Gżejjer Maltin naqsu sew u kienu marbutin l-aktar ma' kastigi għal min isawwathom.[311] Fil-kuntest ta' dawn ir-relazzjonijiet diffiċli bejn il-Lhud u l-Kattoliċi Maltin, il-konverżjoni ta' Ester f'*Taħt Tliet Saltniet* ta' Aquilina qajla tagħti ħjiel ta' dak li kienu jiffaċċjaw dawk il-Lhud, il-*conversos*, bħal Dominicus Bezina mir-Rabat umiljat minn qassis fl-1596,[312] li kienu jaqilbu għall-Kattoliċiżmu Malti. Fil-fatt jidher li ftit li xejn kien hawn Lhud ħielsa, kif jidher li huma Ebeneżer u bintu fir-rumanz, u l-konverżjoni ta' Ester, bħal dik tal-Ħalwenija, donnha sseħħ f'vakwu kulturali u storiku, ħlief għall-fatt li l-Kattoliċi Maltin, kollha tajbin, ta' Aquilina, jilqgħu lill-membri l-ġodda tal-Knisja bil-ferħ u t-tgħanniq. Mal-komunità Lhudija Maltija ta' qabel it-tkeċċija mhux mistennija fl-1492,[313] jidher li l-Lhud tas-seklu 19 ma kellhom ebda rabta. Il-Lhud skjavi tal-Kavallieri jew tal-kursara Maltin u barranin kienu minn kull rokna tal-Mediterran u kienu jinħelsu biss billi jħallsu r-rahan huma stess jew iħallsuhulhom Lhud oħrajn barra minn Malta.[314] Ir-rumanz ta' Aquilina ma jipproblematizzax il-qagħda tal-ilsiera f'Malta, minkejja li bħala xogħol Romantiku nazzjonalistiku kellu

jkun ħafna iktar sensittiv lejn il-jeddijiet tagħhom, u mhux jippatronizzahom kif jagħmlu l-kolonizzaturi lill-ikkolonizzati. Aktarx li din il-pożizzjoni ideoloġika diskutibbli tar-rumanz li jippreżenta lilu nnifsu bħala rivoluzzjonarju imma donnu jallinja ruħu mal-poter dominanti f'Malta ta' meta nkiteb hija marbuta mal-fatt li jaċċetta b'entużjażmu l-kolonjaliżmu Ingliż u l-valuri u l-ġerarkiji tiegħu.

## Purifikazzjoni

Ir-rappreżentazzjoni tal-Lhud fir-rumanzi *Is-Sigriet tal-Qrar*, *L-Iltiema* u *L-Għama ta' Lourdes* ta' Emilio Lombardi tidher li hija konsegwenza tal-ideoloġija Kattolika konservattiva u reazzjonarja li hemm f'din in-narrattiva popolari. F'dawn ir-rakkonti l-awtur ma jagħmel ebda tentattiv biex japprofondixxi l-analiżi tiegħu tas-sitwazzjonijiet li jikkrea u l-karattri tiegħu huma ċatti għalkollox. L-impressjoni li tingħata hi li l-ħeffa tal-azzjonijiet u l-moral tal-aħħar huma bil-wisq iktar importanti minn konsiderazzjonijiet oħrajn, fosthom il-ħtieġa ta' narrazzjoni stilistikament u tematikament impenjattiva. Bl-insistenza kultant ossessiva fuq il-fatt li karattru huwa "Lhudi," in-narrazzjoni ta' Lombardi sa ċertu punt tippreżenta lil-"Lhudi," għax f'dawn it-tliet rumanzi huwa dejjem raġel Lhudi, bħala rappreżentant tat-twemmin u tal-ġens tiegħu kollu. Barra minn hekk, m'hemm ebda ħjiel ta' fidwa f'dan il-karattru perfidu, kemm għax jibqa' ma jisgħobbihx tal-ħsara bla qies li jagħmel kif ukoll għax jibqa' ma jikkonvertix, bħalma jagħmlu karattri oħrajn, għall-Kattoliċiżmu. Kull wieħed minn dawn it-tliet rumanzi għandu biss karattru Lhudi wieħed li ma jiċċaqlaq xejn mill-kopjun għalkollox negattiv li jagħtih Lombardi, u li mhux ibbilanċjat minn xi karattru ieħor, ngħidu aħna dak, imqar sterjotipiku, tal-bint ħanina u tajba. F'dan il-kuntest ta' narrattiva magħluqa, Lombardi ma jagħmel ebda sforz biex jikkumbatti l-isterjotip anti-Semita tal-Lhudi li joħroġ mill-karattru ċatt ta' Ġakobb Metternich u Abram Lameth, li mhumiex għajr varjazzjonijiet tal-istess riċetta. L-impressjoni li nieħdu hi li l-identità ta' dan il-Lhudi ta' Lombardi hija ddominata mill-mibegħda tiegħu lejn il-Kattoliċi u l-Kattoliċiżmu, u li n-nuqqasijiet morali kbar tal-karattru tiegħu, li jinkludu sterjotipi anti-Semiti bħar-regħba, l-għira, l-inaffidabbiltà u l-egoiżmu, huma konsegwenza tal-fatt li jopponi b'mod aħrax il-fidi Kattolika. Il-fatt li dawn ir-rumanzi ġew stampati kemm-il darba u li r-reviżjoni kultant estensiva li saret fuqhom ma neħħiet jew taffiet xejn mill-anti-Semitiżmu (għandi nifhem

mhux intenzjonat) li hemm fihom juri li l-qarrejja Maltin ma oġġezzjonawx għar-rappreżentazzjoni tagħhom tal-Lhud, aktarx għax huwa preġudizzju li jinsab fil-kultura Kattolika tal-Maltin u l-Għawdxin u li Lombardi jartikolah u jittrasmettih mingħajr ma jirrealizza.

Fejn jidħlu l-karattri Lhud, bejn ix-xogħol ta' Lombardi u Aquilina hemm differenzi importanti, iżda ħafna mir-rappreżentazzjoni mimlija preġudizzji tal-"Lhudi" tinsab ukoll f'*Taħt Tliet Saltniet* u l-karattru kważi karikaturali ta' Ebeneżer. Aquilina joġġezzjona għad-demonizzazzjoni u l-vittimizzazzjoni tal-Lhud minħabba t-tislib ta' Kristu, iżda l-prevalenza tal-ideoloġija Kattolika ma tħallihx jiżviluppa l-karattri mhux Kattoliċi tiegħu 'l barra mill-konfini stretti tan-narrattiva profondament negattiva tal-Lhud li ħolqu sa mill-bidu l-Insara, kemm fejn tidħol ir-reliġjon kif ukoll fejn jidħlu karatteristiċi tal-imġiba tagħhom. In-narratur mikxuf ta' Aquilina ma jipproblematizzax l-ingredjenti tematiċi u ideoloġiċi ewlenin ta' dan il-preġudizzju qawwi. Jista' jkun illi kieku Aquilina kiteb dan ir-rumanz wara x-Shoah kien ikollu sensibbiltà differenti u aktar qawwija. Hawnhekk ukoll il-vojt bejn l-intenzjonijiet dikjarati tan-narratur u l-karattri u s-sitwazzjonijiet li ħoloq tista' tispjegah billi tgħid li Aquilina ma kienx konxju li l-preġudizzji anti-Semitiċi tal-kultura li trabba u trawwem fiha kienu ħerġin minnu bla ma jintebaħ.

B'mod ġenerali, il-Lhudi (raġel) li ħoloq ir-rumanz Malti tas-snin tletin tas-seklu 20 jixbah ħafna lill-bniedem Orjentali li jitkellem fuqu Edward Said: *"The Oriental is given as fixed, stable, in need of investigation, in need even of knowledge about himself. No dialectic is either desired or allowed."* It-tagħrif kollu dwar il-bniedem Orjentali jingħata mill-kittieb Orjentalista, li huwa l-għajn tal-għarfien kollu, u mill-bqija s-suġġett jibqa' bla ma jiċċaqlaq, donnu bla ma għandu ħajja tiegħu nnifsu. *"The relationship between the two is radically a matter of power [...]."*[315] Storikament il-poplu Malti ma setax ikun Orjentalista għax hu stess kien ikkolonizzat, imma ried ikun, jew ma setax jaħrab milli jkun, bħall-kolonizzaturi tiegħu. Id-demonizzazzjoni tal-Lhudi fin-narrattiva Maltija tista' titqies bħala tentattiv biex l-Insara Maltin jaffermaw ruħhom bħala komunità b'identità. *"The derogatory stance,"* jikteb Memmi dwar ir-razziżmu, *"the act of denigrating another, permits people to close ranks with each other; the identification of an external threat, whether real or imagined, restores fraternity."* Il-barranin, jew dawk li jitqiesu bħala barranin, bħal fil-każ tal-Lhud f'Malta, huma minoranza, differenti, u għalhekk jattiraw fuqhom minnufih is-suspett tan-nies ta' ġewwa u "jsiru grampuni li magħhom jistgħu jdendlu l-ansjetà kollettiva tagħhom."[316] Meta komunità

toħroġ il-ħażen 'il barra minnha billi tinkarnah f'ħaddieħor tkun qed tisseparah mis-soċjetà u tnaqqas it-theddida li hemm fih. B'dan il-mod il-komunità tista' tilgħab bil-ħażen kif trid, tamministrah, u teqirdu bin-nar u b'hekk issaffi lilha nfisha – billi taħraq lil ħaddieħor.[317] Jekk komunità ma tagħrafx id-dinamika u l-mekkaniżmi ta' dan il-proċess imnawwar imsejjes fuq id-demonizzazzjoni u fuq sterjotipi għomja tista' tilludi ruħha li dak li qed twettaq huwa proċess tassew purifikattiv, liberatorju, waqt li fil-fatt ikun falz daqs l-isterjotipi li fuqhom tibni l-preġudizzji tagħha.

**Noti**

1 F'Novembru tal-2007, grupp ta' studenti tal-Liġi ċċelebraw il-gradwazzjoni tagħhom fis-sala fejn ħadu l-lawrija billi kantaw strofa li kienet tinkludi l-vers trijonfali, "Nagħmlu flus iktar mil-Lhud" – jidher li ħadd ma skandalizza ruħu b'dan il-kumment anti-Semitista fl-ogħla istituzzjoni edukattiva ta' Malta.

2 Léon Poliakov, *Les Juifs et notre histoire* (Pariġi: Flammarion, 1973) 11.

3 Poliakov 11-12.

4 Albert Memmi, *Racism*, trans. Steve Martinot (Minneapolis: University of Minnesota Press, 2000) 74. Memmi jsejħilha *"collective self-affirmation."*

5 Joseph Aquilina, *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs* (Malta: Royal University of Malta, 1972) 531.

6 Godfrey Wettinger, *The Jews of Malta in the Late Middle Ages* (Malta: Midsea, 1985) 3.

7 Din qalha lil Michael Grech ċertu Raymond Micallef in-Nasser. Korrispondenza elettronika ma' Michael Grech tas-16.i.2009.

8 Alfred P. Farrugia, korrispondenza elettronika tat-8.i.2009.

9 Uri Avnery, "Anti-Semitism Q & A," ZNET, January 20, 2004. Moqri fis-26.i.2009. http://www.zmag.org/znet/viewArticle/9198.

10 Avnery, "Anti-Semitism Q & A," ZNET, January 20, 2004. Moqri fis-26.i.2009. http://www.zmag.org/znet/viewArticle/9198.

11 Alessandro Aruffo, *La Chiesa e gli ebrei. Da Costantino alla Shoah* (Ruma: Datanews, 1998) 19. Cesare Mannucci, *Antisemitismo e ideologia cristiana sugli Ebrei* (Milan: Unicopli, 1982) 83-119, jagħti kronoloġija tal-anti-Semitiżmu fil-pajjiżi Nsara.

12 Aruffo 8.
13 Aruffo 19.
14 Aruffo 9.
15 Aruffo 10.
16 Aruffo 11.
17 Attilio Milano, *Storia degli ebrei in Italia* (Torino: Einaudi, 1992) 296, ikkwotat minn Aruffo 56.
18 Aruffo 14.
19 Aruffo 20.
20 Aruffo 20.
21 Poliakov 14.
22 Poliakov 13.
23 Aruffo 81.
24 Manwel Magri, *Hrejjef Missirijietna*, edizzjoni kritika ta' Ġorġ Mifsud Chircop (Malta: PEG, 1994) 172.
25 Magri 172.
26 Wettinger, *The Jews of Malta*, 145.
27 Aline P'nina Tayar, *How Shall We Sing? A Mediterranean Journey Through a Jewish Family* (Sydney: Picador, 2000) 3.
28 Tayar 6.
29 Avnery, "On the Wrong Side," 24.1.09. Moqri fil-25.i.2009. http://zope.gush-shalom.org/home/en/channels/avnery/1232853498/
30 Tayar 56.
31 Tayar 7.
32 Tayar 7. *"These were people who felt at home in a variety of cultures and languages. Not thinking of themselves in terms of nationality, they were true cosmopolitans."*
33 Tayar 60-61.
34 Carmel Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition. A Study of Cultural Values in Early Modern Malta* (Malta: Mireva, 1996) 63.
35 Wettinger, *The Jews of Malta*, 150 u Tayar 58.
36 Frans Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews in Seventeenth-and Eighteenth-Century Malta," f'A. Prosperi (ed.), *Le Inquisizioni Cristiane e gli Ebrei* (Ruma: Accademia Nazionale dei Lincei, 2003) 457.
37 Cassar, *Witchcraft, Sorcery and the Inquisition* 93-96. Ara wkoll Giovanni Bonello, "Freedom of Expression under the Grand Masters," *Histories of Malta. Reflections and Rejections*, vol. 5 (Malta: Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2004) 29-56.
38 Tayar 66.

39 Bonello 32.

40 Bonello 39-41.

41 Bonello 44.

42 Bonello 44.

43 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 452.

44 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 453.

45 Carmel Vassallo, *Corsairing to Commerce. Maltese Merchants in XVIII Century Spain* (Malta: Malta University Publishers, 1997) 156.

46 Wettinger, *Slavery in the Islands of Malta and Gozo ca. 1000-1812* (Malta: PEG, 2002) 40.

47 Ciappara, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (Malta: PEG, 2001) 199.

48 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 453.

49 Ciappara, *Society and the Inquisition* 199. Dwar l-għadd tal-Lhud f'Malta fis-seklu 15 ara Wettinger, *The Jews of Malta*, 7-9.

50 Ciappara, *Society and the Inquisition* 200.

51 Ciappara, *Society and the Inquisition* 202.

52 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 455.

53 Vassallo 79.

54 Ciappara, *Society and the Inquisition* 200-01. Fuq il-bejgħ mill-iskjavi Lhud fit-toroq tal-bliet u l-irħula Maltin, ara Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 453.

55 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 455.

56 Alexander Bonnici, "Maltese History under the Hospitallers in the light of Inquisition Documents," f'Victor Mallia-Milanes, (ed.) *Hospitaller Malta 1530-1798* (Malta: Mireva, 1993) 341.

57 Vassallo 270.

58 Joseph F. Grima, *Malta u Franza 1798-1800* (Malta: PIN, 2006) 97.

59 Aruffo 59.

60 Tayar 64.

61 Tayar 64.

62 Tayar 65.

63 Tayar 65.

64 Tayar 66.

65 Tayar 67.

66 Tayar 43. *"Most were middle-class. Some were poor."*

67 Tayar 67.

68 Tayar 52.

69 Tayar 53.

70 Tayar 54.

71 Rob. Mifsud Bonnici, *Midinbin. Ġrajja ta' Żmien il-Fidwa* (Malta: The New Art Press, 1937) 28.

72 Mifsud Bonnici 166.

73 Mifsud Bonnici 170.

74 Mifsud Bonnici 218.

75 Mifsud Bonnici 228.

76 Luret Cutajar, *Ben Jeħuża* (Malta: Mireva, 2001) 162.

77 Mifsud Bonnici 228-29.

78 Alfred Degabriele, "Kelmtejn dwar l-Awtur," f'Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx* (Malta: KKM, 1974) 6. Eventwalment ir-rumanz ħareġ bħala faxxikli ma' *Il-Berqa* fl-1958 u bħala ktieb fl-1974. Ġużè Chetcuti, "Pijunier fil-Ġlieda għall-Ilsien Malti," f'Ġużè Bonnici, *Ħelsien* (Malta: Dipartiment tat-Tagħrif, Partit tal-Ħaddiema, 1985) 3. Chetcuti jgħid li kien hu li ttajpjah għal Bonnici – fil-fatt kien ittajpja wkoll ir-rumanz ta' Aquilina. Chetcuti, *Ħbiebi, l-Awturi Maltin*, 134.

79 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx,* 19.

80 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 16, 17.

81 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 100.

82 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 101.

83 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 20.

84 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 73.

85 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 71.

86 Val V. Barbara, *Min Kienu. Tagħrif fuq il-Persuni Li Jissemmew fil-Bibbja* (Malta: Media Centre, 1997) 39.

87 Wettinger, *The Jews of Malta*, 148.

88 J. Tromp, Book review of "*'Caught in the Act,' Walking on the Sea, and the Release of Barabbas Revisited*" by R. D. Aus., *Journal for the Study of Judaism: In the Persian Hellenistic & Roman Period*, Feb 2000, Vol. 31, no. 1. Moqri fl-4.ii.2009. http://web.ebscohost.com/ehost/detail?vid=3&hid=12&sid=7ae2adf0-8b0f-4e12-9167-e8e2829178e5%40sessionmgr8&bdata=JmxvZ2lucGFnZT1Mb2dpbi5hc3Amc2l0ZT1laG9zdC1saXZl#db=a9h&AN =4161059.

89 Oliver Friggieri, *Fjuri Li Ma Jinxfux* (Malta: KKM 2008) 69.

90 Il-kelma "stigma" jużaha Oliver Friggieri fir-rakkont dwar "Barabba" fi *Stejjer għal Qabel Jidlam* (Malta: PEG, 1990) 81. F'korrispondenza elettronika tat-30.i.2009, Friggieri jistqarr li "l-isem Barabba għandu stigma marbuta miegħu, għal raġuni ovvja."

91 Dan ir-rumanz ġie ppubblikat f'Settembru tal-1937. Ġużè Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti* (Malta: KKM, 1974) 93-94.

92 Dawn jinkludu, *Anġli tan-Niket* ta' Ġino Muscat Azzopardi, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, *Il-Qawwa tal-Imħabba* ta' Ġużè Bonnici, *Triq id-Dejqa Nru. 13* ta' Ivo Muscat Azzopardi, u l-kotba tal-poeżiji *Nirien* ta' Karmenu Vassallo u *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* ta' Dun Karm. Mario Cassar, *Storja tal-Ilsien u tal-Letteratura Maltija. Kronoloġija Selettiva* (Malta: Għaqda tal-Malti, Università, 2002) 14.

93 Ġużè Chetcuti, *Ħbiebi, l-Awturi Maltin. Ġrajja Awtobijografika fuq il-Letteratura Maltija* (Malta: PEG, 1998) 136. Dawn il-kummenti huma meħudin minn kitba ta' Chetcuti dwar dan ir-rumanz li kienet dehret f'*Leħen il-Malti* ta' Nov. 1938.

94 Charles Briffa, "Ir-Rumanz Storiku f'Idejn Aquilina," f'Ġużè Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet* (Malta: KKM, 2003) 30-31.

95 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, 97.

96 Seamus Deane, "Introduction," f'Terry Eagleton, Fredric Jameson u Edward W. Said, *Nationalism, Colonialism and Literature* (Minneapolis: University of Minnesota Press, 1990) 7.

97 Chinua Achebe, *Home and Exile* (New York: Oxford University Press, 2000) 33-34.

98 Achebe 35.

99 Achebe 41.

100 Gulia 270.

101 Oliver Friggieri, "Riforma ta' '*Tliet Saltniet*'," f'Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti* 274. Dan l-istudju deher għall-ewwel darba fi Friggieri, *Ir-Ruħ fil-Kelma*, 1973.

102 Cassar Pullicino 118.

103 Ġużè Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet* (Malta: A. C. Aquilina, 1978) Kap. XII, 102.

104 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 374.

105 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XII, 102.

106 Henry Frendo, *Storja ta' Malta. Żmien l-Ingliżi — Is-Seklu Dsatax*, vol. 3 (Malta: KKM, 2004) 33.

107 Frendo 33. Il-popolazzjoni f'Malta fl-1813 kienet ta' 116,000 ruħ (Frendo 52).

108 Frendo 52.

109 Barbara 214. "Xmuni, il-Fariżew, minn Magdala," jidher l-ewwel darba fir-rumanz ta' Rob. Mifsud Bonnici, *Midinbin*, f'paġna 166.

110 Aquilina, *Mal-Kordi tal-Arpa*. Nru speċjali ta' *Leħen il-Malti*. Għadd 17 (1972) 2.

111 Emilio Lombardi, *Is-Sigriet tal-Qrar*, il-ħames ed., ta' Salvinu Lombardi (Malta: PEG, 2000) 47.

112 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XII, 103.
113 Ġużè Cutayar, *Stħajjiltni Malti ta' Ġewwa. Memorji ta' Tuneż* (Malta: Malta University Press, 2009) 50.
114 David Shasha, korrispondenza elettronika, 25.i.2009. Moqri fil-25.i.2009.
115 St. Augustine, *City of God, Book* XVIII, Chapter 46. Moqri fil-25.i.2009. http://people.bu.edu/dklepper/RN470/augustine_jews.html.
116 Poliakov 15.
117 "Imma bis-saħħa tal-ħtija tagħhom waslet is-salvazzjoni għand il-Pagani biex il-Lhud tiġihom l-għira għalihom." [Rum. 11:11] Moqri fis-26.i.2009. http://www.ndgp.info/forza9/contributions/others/bibbjamalti/L-ITTRA%20LIR-RUMANI.doc Saydon jistaqsi b'mod retoriku: "Jekk in-nuqqas ta' twemmin tal-Lhud safa ta' ġid għall-Pagani, kemm aktar jisfa ta' ġid it-twemmin tagħhom ilkoll?" *Bibbja Saydon. It-Testment il-Ġdid.* Trad. u noti ta' Pietru Pawl Saydon (Malta: Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M.,1977) 422.
118 Aruffo 19.
119 St. Augustine, *City of God, Book* XVIII, Chapter 46. Moqri fil-25.i.2009. http://people.bu.edu/dklepper/RN470/augustine_jews.html
120 Memmi 53.
121 Memmi 73.
122 Aruffo 19.
123 Mannucci 54.
124 Minn Ernest Renan, *Oeuvres complètes*, 8: 156, ikkwotat f'Edward W. Said, *Orientalism. Western Conceptions of the Orient* (London: Penguin, 1995) 149.
125 Said 142.
126 Said 141.
127 Said 98-99.
128 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 105.
129 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 106.
130 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXVIII, 352.
131 Gulia 272. Fid-daħla tiegħu għar-rumanz, Sir Walter Scott, *Ivanhoe*, editjat b'daħla u noti minn Ian Duncan (Oxford: Oxford University Press 1998) xiv, Duncan jgħid li *"Scott was perhaps the most influential author in the cultural formation of a modern British nationalism that occupies this period,"* il-bidu tas-seklu 19.
132 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 6.
133 Briffa, "Ir-Rumanz Storiku f'Idejn Aquilina," 16-17.
134 Scott u Duncan xxii.
135 Scott u Duncan xxii.

136 Scott u Duncan 128.

137 Scott u Duncan xxiii.

138 *"In the virulently male world of Ivanhoe, Jews are reviled and persecuted."* http://books.google.com.mt/books?id=2tePRVLlkcsC&hl=en.

139 L-identifikazzjoni tal-Lhud mal-klieb issir aktar minn 10 darbiet fir-rumanz.

140 Scott u Duncan 63.

141 Scott u Duncan, xxiii.

142 Scott u Duncan, xxiii.

143 Scott u Duncan, xxvi. *"More Christian than the Christians themselves, who are united in nothing but their anti-semitism, the Jewess diminishes the English future from which she is shut out."*

144 Ngħidu aħna, fil-ħarġa nru. 2, Vol. IV, 1970, tal-*Journal of the Faculty of Arts*, Aquilina, bħala l-editur, ippubblika artiklu ta' Peter Paul Grech dwar "The Jew of Malta and the Myth of the Machiavellian Knave."

145 Anna Beskin, "From *Jew* to Nun: Abigail in Marlowe's *The Jew of Malta*," in *Explicator*; Spring 2007, Vol. 65, no. 3, 133-136. Moqri fl-4.ii.2009. http://web.ebscohost.com/ehost/pdf?vid=6&hid=2&sid=05c06305-31d8-43ee-b617-cdfaae560c86%40sessionmgr8.

146 Xin-li Zhao, "Abigail, a silenced woman: A feminist reading of Abigail," in *US-China Foreign Language*, Vol. 5, no. 5, p75-78, May 2007 (Serial no.44). Moqri fl-4.ii.2009. http://web.ebscohost.com/ehost/pdf?vid=10&hid=120&sid=f82f8005-dc39-4b26-b3a4-d35af60c3295%40sessionmgr3.

147 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 106.

148 *Bibbja Saydon* 1045. Skont Barbara 78, Ester "indaħlet għall-poplu quddiem is-sultan u ħelsitu mill-qerda."

149 http://www.biblegateway.com/resources/dictionaries/dict_meaning.php?source=1&wid=T0001254. Dħalt f'das-sit fil-21.x.2008.

150 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 106.

151 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 107.

152 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 458.

153 http://www.biblegateway.com/resources/dictionaries/dict_meaning.php?source=1&wid=T0001118

154 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 107.

155 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 108.

156 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 109.

157 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 110.

158 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, ir-raba' ed. riveduta (Malta: PEG, 2004) 49.

159 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 109.
160 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XX, 183.
161 Wettinger, *The Jews of Malta*, 28.
162 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XX, 184.
163 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 72.
164 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XX, 185.
165 "Liġi Ġdida tan-Nazi kontra Żwiġijiet mal-Lhud," *Il-Berqa*, 19.vii.1935.
166 "Jews and Catholics," *The Times of Malta*, 17.viii.1935.
167 Aruffo, 7.
168 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXIX, 269.
169 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXIX, 269. Ara wkoll Kap. XXXIV, 316: "[Ġanni] Jiftakar ix-xofftejn ta' dak il-wiċċ jitbexxqu kemm kemm biex jiżżuh ħajr talli qegħdilha tajjeb max-xagħar il-faxxa safra – il-għelm ta' għajb nisilha."
170 Vassallo 156.
171 Aruffo 56-57. Dwar il-faxxa, jew ir-*"rotella"* ħamra, li mbagħad fi żmien il-Kavallieri saret safra, ara Wettinger, *The Jews of Malta*, 28 u 33, nota 122.
172 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 318.
173 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXVIII, 352.
174 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 318, 319. F'Kap. XXXVIII, p. 352, minkejja li issa nafu li se tiżżewweġ lil Ġanni u tinsab bilwieqfa ħdejn is-sodda tal-mewt ta' Pawlu, missier Pawlina, u għaldaqstant hija meqjusa bħala ta' ġewwa fost il-protagonisti Nsara Maltin, ir-rumanz għadu qed isejħilha "l-Lhudija." L-istess f'Kap. XL, p. 367. Anki meta tikkonverti u eventwalment tiżżewweġ, hemm mument meta r-rumanz, f'Kap. XL, p. 376, jirreferi għaliha bħala "l-Lhudija."
175 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 319.
176 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 109.
177 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XVII, 148.
178 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 319.
179 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 315.
180 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 317.
181 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 316.
182 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 317.
183 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXVIII, 352.
184 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 369.
185 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIV, 315.
186 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 114.
187 Wettinger, *Slavery in the Islands of Malta and Gozo*, 331-332.

188 Ara, fost l-oħrajn, "Aħbarijiet fil-Qosor," *Il-Berqa*, 7.viii.1935; "Il-Persekuzzjoni tal-Lhud u l-Kattoliċi fil-Ġermanja," *Il-Berqa*," 16.viii.1935; u "Anti Jewish Legislation. Mixed Marriages Forbidden," *Times of Malta*, 16.ix.1935.

189 "German Jews for Palestine," *Times of Malta*, 20.iv.1933.

190 "L-Emigrati Lhud fil-Palestina," *Il-Berqa*, 27.xii.1934.

191 Tayar 53.

192 "Jewish Colony in Ecuador," *Times of Malta*, 18.ix.1935.

193 "Jews boycott German goods," *Times of Malta*, 13.ix.1935.

194 "40,000 Jews. Who will not buy any German goods," *Times of Malta*, 15.ii.1934

195 "Il-Lhud fit-Turkija. L-ordni tat-tkeċċija ma ġietx mifhuma tajjeb," *Il-Berqa*, 9.vii.1934; u "3000 Lhud Jaħarbu minn Istanbul," *Il-Berqa*, 16.vii.1934.

196 Joe Felice Pace, intervista bit-telefown, il-Ġimgħa, 2.xi.2007.

197 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, 107.

198 Aquilina, "Għadna Kolonjali?" *Leħen il-Malti*, 1967 (Għadd 12), stampat mill-ġdid f'*Madwar il-Ħajja. Id-Disa' Ġabra ta' Xandir lill-Poplu* (Malta: Union Press, 1977) 111.

199 Aquilina, *Mal-Kordi tal-Arpa*, 5.

200 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, 141.

201 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, 158, 159.

202 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, 170.

203 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, 162.

204 Joseph P. Borg, Storja tal-Għaqda tal-Malti (Università). 3.i.2009. http://www.ghaqdatalmalti.org/dahla/Malti.html.

205 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XII, 96.

206 Aquilina, "Il-Bniedem Magna," *Leħen il-Malti* ta' April-Ġunju, 1946 (Għadd 182-184).

207 Herbert Ganado jirrakkonta ġrajja li tidher rappreżentattiva tas-sentiment anti-Semita f'Malta u li seħħet meta kien internat f'Sant'Agata, ir-Rabat, fl-1940. Uħud mill-internati Maltin jeħduha kontra erba' Lhud Awstrijaċi fosthom, li kellhom jaħarbu minn pajjiżhom u jgħajruhom li kienu dawk li "sallbu lil Kristu." F'silta oħra ambjentata fl-Uganda fl-1942 isemmi sterjotip ieħor dwar il-Lhud: "Jgħidulek li l-Lhud jieħdu kollox f'idejhom."

208 Alfred P. Farrugia, korrispondenza elettronika tat-8.i.2009.

209 Charles Arrigo Book Club, *L-Agħma ta' Lourdes* (Malta: Valletta Publishing, 1985). L-isem ta' Emilio Lombardi ma jidher imkien f'din l-edizzjoni, donnu r-rumanz ma kitbu ħadd.

210 "Fost dawn ir-rakkonti nsibu *L-Għama ta' Lourdes*, *Is-Sigriet tal-Qrar*, *L-Iltiema*, *Tgħallaq u Baqa' Ħaj*, li għadhom jiftakruhom ħafna Maltin, għaliex inqraw

diversi drabi fuq il-mezzi tax-xandir." 2.i.2009. http://www.emiliolombardi.com/index.php?option=com_content&view=article&id=1&Itemid=14. Fuq il-qoxra ta' wara tal-edizzjoni ta' *L-Agħma ta' Lourdes* tal-1985, Charles Arrigo jgħid li qara dan ir-rumanz fuq ir-radju.

211 Briffa 20.

212 Michael J. Schiavone u Louis J. Scerri, *Maltese Biographies of the Twentieth Century* (Malta: PIN, 1997) 22. Charles Briffa kiteb in-nota dwar Joseph Aquilina.

213 Friggieri, "Spunti għal Stħarriġ Tematiku ta' *Taħt Tliet Saltniet*," fi Friggieri, *Saġġi Kritiċi* (Malta: Aquilina, 1979) 67-8.

214 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 8. F'p. 268 ir-rumanz jiddeskrivihom bħala "kotba pornografiċi"

215 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 36. F'p. 59 huwa deskritt ukoll bħala "bniedem twil, b'daqna ħamranija u par mustaċċi fuq xufftejh."

216 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 7.

217 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 20. (F'dan il-passaġġ fl-edizzjoni tal-1985, p. 18, il-kelma "Iżraelita" ma tintużax). Din il-kelma tintuża wkoll f'Kap 10, p. 50. (Fl-edizzjoni tal-1985, p. 40, flok il-kelma Iżraelita tintuża "Lhudi.") Fit-tieni edizzjoni, dik tal-1958, f'p. 41 tintuża l-istess kelma, "Iżraelita."

218 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 20.

219 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 253.

220 Lombardi, *Is-Sigriet tal-Qrar*, 13. Ara wkoll Emilio Lombardi, *L-Iltiema*, it-tielet edizzjoni, ta' Salvino Lombardi (Malta: PEG, 2000) 12: "Il-Lhudi, Abram Lameth, kien il-kap tal-kumpanija tal-'Miżerabbli' u kien jobgħod għall-mewt lill-qassisin u dawk li jżommu magħhom."

221 Lombardi, *Is-Sigriet tal-Qrar*, 146.

222 Lombardi, *L-Iltiema*, 133.

223 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 7.

224 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 21.

225 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 251.

226 Minn Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 95 'il quddiem.

227 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 39.

228 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 292.

229 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 255.

230 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 52.

231 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 39.

232 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 38.

233 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 135.

234 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 157. L-istess aġġettivi negattivi jintużaw minn Lombardi biex jiddeskrivu lil-Lhudi Abram Lameth f'*Is-Sigriet tal-Qrar* u *L-Iltiema*.
235 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 111. Fuq dal-punt ara wkoll p. 113.
236 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 113.
237 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 109.
238 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 117.
239 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 18.
240 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 22.
241 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 40.
242 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 141.
243 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 117.
244 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 203.
245 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 185.
246 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 171.
247 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 192: "U dan mhux biżżejjed Rebekka, hemm bżonn li qabel iż-żwieġ tagħna int issir Kattolika bħali."
248 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 191.
249 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 208.
250 Mt. 27, 5. Il-ktieb tal-Atti tal-Appostli (1, 18) jirrakkonta t-tmiem ta' Ġuda b'mod differenti: "Issa dan Ġuda kien xtara għalqa bil-qligħ inġust tiegħu; u hemm waqa' għal rasu, inqasam minn nofsu u ħarġulu msarnu kollha." Mhux tmiem sabiħ lanqas.
251 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 296.
252 Lombardi, *L-Għama ta' Lourdes*, 298.
253 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXI.
254 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXI, 187 u 189.
255 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. VI, 46.
256 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 55.
257 Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*, 108.
258 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. VI, 46.
259 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. VI, 47.
260 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXI, 189.
261 Said 363.
262 Said 231.
263 Said 307.
264 Said 286.

265 Said 4.

266 Frantz Fanon, *Black Skin, White Masks*, trans. Charles Lam Markmann (London: Pluto Press, 1986) 93.

267 Benedict Anderson, *Imagined Communities. Reflections on the Origin and Spread of Nationalism*, 2nd ed. (London and New York: Verso, 1991), 6.

268 Smith, 132.

269 Chetcuti 168.

270 Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti* 169.

271 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. IX, 70.

272 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XVIII, 162.

273 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 370.

274 Briffa, "Ir-Rumanz Storiku f'Idejn Aquilina," 29.

275 Briffa, "Ir-Rumanz Storiku f'Idejn Aquilina," 27.

276 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXVI, 239.

277 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXVI, 240.

278 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXI, 195.

279 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 110.

280 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 375.

281 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XIII, 110.

282 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXVI, 239.

283 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXVII, 348.

284 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 460.

285 Ciappara, *Society and the Inquisition*, 203. Il-persekuzzjoni tal-Lhud f'Malta fil-Ġimgħa Mqaddsa tissemma wkoll fi żminijiet oħrajn, bħal fl-aħħar tas-seklu 15. Wettinger, *The Jews of Malta*, 59 u 84.

286 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 469. *"Disdain must have characterised the attitude of the inhabitants towards Judaism [...]."*

287 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 469.

288 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 470.

289 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXIII - XXXIV, 310.

290 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 374-75.

291 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 375.

292 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 376.

293 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XXXVIII, 352.

294 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 367.

295 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 376.

296 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, Kap. XL, 369.

297 Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*, 370.
298 Ciappara, *Society and the Inquisition*, 215-216.
299 Wettinger, *Slavery in the Islands of Malta and Gozo*, 464-465.
300 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 458.
301 Ciappara, "The Roman Inquisition and the Jews," 459.
302 Wettinger, *Slavery in the Islands of Malta and Gozo*, 451.
303 Wettinger, *Slavery in the Islands of Malta and Gozo*, 519.
304 Wettinger, *The Jews of Malta*, 67.
305 Wettinger, *The Jews of Malta*, 150.
306 Wettinger, *The Jews of Malta*, 149-150.
307 Wettinger, *The Jews of Malta*, 148.
308 Wettinger, *The Jews of Malta*, 28.
309 Wettinger, *The Jews of Malta*, 3.
310 Wettinger, *The Jews of Malta*, 149.
311 Wettinger, *The Jews of Malta*, 15.
312 Wettinger, *The Jews of Malta*, 138-139.
313 Ara Wettinger, *The Jews of Malta*, 116-117.
314 Wettinger, *The Jews of Malta*, 144.
315 Said 308.
316 Memmi 63-64.
317 Memmi 64.

# Arkeoloġija tal-plastik: l-identità Maltija kontemporanja u l-istorja[1]

Raphael Vella

Ta' spiss, il-filosfi fi żmienna jispjegaw l-iżviluppi kulturali billi jirreferu għall-arkitettura u r-relazzjoni tagħha mal-istorja. Jekk inħarsu ftit lejn l-ideat differenti dwar il-fenomenu tal-postmoderniżmu fit-tmeninijiet, insibu li Jürgen Habermas[2] jiddiskrivi ċerti żviluppi fl-arkitettura postmoderna bħala avangwardja bil-kontra, illi fiha naraw it-'tradizzjoni' tal-moderniżmu (twemmin ottimist fil-possibilità kontinwa ta' tiġdid kulturali) tiġi ddominata minn storiċiżmu ġdid. Insibu mbagħad li Jean Baudrillard iħares lejn l-arkitettura illużorja ta' Disneyland bħala mudell ta' simulazzjoni perfetta, mhux dinja 'oħra' iżda l-Amerika ta' vera.[3] U nsibu wkoll li Frederic Jameson jagħżel il-Bonaventure Hotel ġewwa Los Angeles bħala riflessjoni tal-firda ġdida bejn id-dinja totali ta' ġol-lukanda u d-dinja esterna tal-belt u t-toroq barra l-lukanda.[4]

Li kieku kellna nagħżlu bini f'Malta illi jirrifletti l-bidliet fl-identità tagħna fl-aħħar tletin jew erbgħin sena, nistgħu nagħmlu bħal Frederic Jameson u nagħżlu lukanda. Qed nirreferi għad-Dolmen Resort Hotel ġewwa l-Qawra, illi nbiet ftit snin wara l-Indipendenza u reġgħet ġiet mibdula f'modi differenti fis-snin ta' wara. L-isem tal-lukanda kif ukoll l-emblema li tuża jirreferu għat-tempju preistoriku ta' Buġibba illi jinstab ġewwa l-lukanda: ħaġar kbir u nobbli mdawwar, qisu dinosawru ġo diskoteka, bit-twieqi tal-kmamar tat-turisti, ġnien, qsari, umbrelel u pixxina. Il-klijenti f'din il-lukanda lanqas għandhom għalfejn iżuru tempji oħra bħal Ħaġar Qim biex jesperjenzaw il-preistorja ta' Malta;



It-tempju ta' Buġibba

kulma għandhom jagħmlu huwa illi jittawlu mit-tieqa jew imorru sal-pixxina żaqqhom barra u bil-malja tal-għawm.

Ir-'restawr' reċenti tal-ġnien kompla jinterpreta s-sit storiku biex jaddattah aktar għall-bżonnijiet tal-lukanda. Issa, it-tempju huwa mdawwal u msebbaħ bis-siġar tal-palm (rappreżentazzjoni klassika ta' dinja eżotika/Orjentali kif ukoll sinjal viżiv fl-immaġinarju kollettiv ta' dinja ta' divertiment u flus, pereżempju Las Vegas; fil-fatt, simbolu perfett tal-għaqda bejn il-Lvant u l-Punent). Parti mit-tempju hija mdawra wkoll b'ċint fit-tond illi jgħin biex is-sit storiku jidher aktar qisu speċi ta' palk, jiġifieri dinja fittizja.

B'hekk, l-arkeoloġija awtentika ssir falsifikazzjoni tagħha nnifisha, struttura superfiċjalment monumentali (bl-Ingliż: *landscaping* jew *garden feature*) illi tixbah interventi simili iżda moderni f'postijiet oħra (pereżempju, il-ħaġar kbir illi tara int u dieħel fl-ajruport jew dak ta' fejn il-bini tal-*Gateway* ġewwa l-Università ta' Malta). Tant hu hekk, illi raġel anzjan Ingliż illi rajt darba ħdejn it-tempju fil-lukanda ta' Dolmen dar lejn il-mara tiegħu u staqsieha, "Imma dan ta' veru?", u hi rrispondiet, "M'għandix idea". Ix-xogħol ta' restawr tant

sar tajjeb illi issa l-barranin ma jistgħux jiddistingwu aktar bejn il-veru u l-falz. Nistgħu nimmaġinaw sitwazzjoni mitt sena oħra fejn il-poplu Malti wkoll jinsa għalkollox illi dan huwa xempju ta' preistorja ta' pajjiżna. B'dan il-mod, it-trasformazzjoni illi saret ma tkunx waħda fiżika biss iżda bidla fil-mod kif nifhmu lilna nfusna; il-Maltin ikunu saru turisti f'pajjiżhom, nies illi jibilgħu l-identità falza illi darba rnexxielhom ibellgħu lit-turisti l-oħra.

L-effett illi qegħdin nitkellmu fuqu huwa bil-maqlub ta' dak illi fl-arti jissejjaħ *trompe l'oeil*. Fl-istorja leġġendarja tal-pittur Grieg Zeuxis, naqraw dwar għasafar illi jinżlu mill-ajru biex jieklu għeneb impitter mal-ħajt. F'dan il-każ, il-falz tant jidher veru illi jqarraq anke bl-annimali. It-tempju ta' Buġibba huwa bil-maqlub għaliex huwa tempju awtentiku però jidher falz. Jekk napplikaw ir-raġunar tal-lukanda Maltija għall-istorja ta' Zeuxis, l-għasafar kieku ma jagħtux kas għanqud għeneb ta' vera għax jaħsbuh tal-plastik.

Għala nqarrqu bit-turist billi nżejnu l-istorja b'dan il-mod? Forsi, il-verità storika hija monotona wisq. Dan huwa eżattament dak illi jiġri f'dawk il-programmi televiżivi Maltin hekk imsejħin *reality show* jew *grande fratello*: ir-realtà ta' grupp żgħażagħ magħluqin ġo dar tant issir monotona għat-telespettaturi illi l-produtturi tal-programm ikollhom jivvintaw rwoli fittizji għalihom, pereżempju jlibbsuhom ta' mudelli tal-moda jew jimmaġinaw illi huma minn xi kultura differenti. Ir-realtà waħedha traqqad in-nies, iżda jekk inżerżqu xi storja fittizja f'din il-monotonija kollha, il-programm isir aktar popolari u għalhekk aktar kummerċjali. B'mod simili, hekk imdawwal u bis-siġar madwaru, it-tempju ta' Buġibba huwa 'isbaħ' – isbaħ għax huwa semplifikat għall-gosti tat-turisti illi jmorru Buġibba biex iqattgħu ġimgħa viċin il-baħar.

Din is-semplifikazzjoni tal-istorja Maltija nsibuha wkoll ġewwa l-lukanda Dolmen (fir-ristorant, pereżempju), fejn nistgħu naraw pitturi ta' wieħed mill-artisti prominenti tal-perjodu modern Malti, Emvin Cremona. Dawn ix-xogħlijiet saru fis-snin ta' wara l-Indipendenza u jirrappreżentaw simboli tal-preistorja Maltija bħal skultura bi stil daqsxejn espressjonista. Huwa importanti illi diversi artisti tal-moviment modern setgħu jsibu kummissjonijiet privati illi ma ġewx min-naħa tal-Knisja f'dawn iż-żminijiet. Din bla dubju kienet forma ta' liberazzjoni għal dawn l-artisti. Però, jekk it-testi bibliċi kienu jinfurmaw il-pittura fil-knejjes, issa l-artisti ntrabtu ma' kitbiet u stejjer storiċi fil-lukandi u postijiet ta' divertiment. B'hekk, l-identità Maltija 'moderna' mis-sittinijiet 'l hawn bdiet tassoċja ruħha mal-passat. Hija kważi norma anke f'lukandi Maltin mibnijin ħafna aktar reċentement illi nsibu simboli preistoriċi bħal spirali u anke speċi ta' *collage* ta' perjodi ta' kolonizzazzjoni fl-istorja ta'

pajjiżna jżejnu l-ispazji pubbliċi ġewwa l-bini u anke l-kmamar privati. Huwa possibbli illi din il-ġibda lejn il-passat hija 'tradiment' tal-moderniżmu veru, almenu l-moderniżmu tas-seklu għoxrin? Mhix ironija illi l-liberazzjoni mill-patrunaġġ ekkleżjastiku ntrabtet ma' falsifikazzjoni ġdida tal-identità kulturali Maltija, bħalma naraw fit-tempju ta' Buġibba?

Naturalment, lukanda u mużew tal-arti mhumiex l-istess ħaġa. F'Malta, il-lukandi huma postijiet ta' divertiment jew mistrieħ (s'issa, m'għandniex lukandi illi barra jissejħu *art hotels*). Però, iċ-ċokon tas-suq tal-arti Maltija wassal biex l-istess artisti illi għenu fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet biex l-arti f'Malta ssir aktar moderna pproduċew ukoll xi xogħol għal-lukandi illi huwa mpitter għall-konsum turistiku. Nistgħu nispjegaw din is-sitwazzjoni jekk inħarsu lejn il-problemi ekonomiċi illi esperjenzaw ħafna artisti Maltin, speċjalment dawk illi ma kinux għalliema. Dan ma jfissirx però illi m'għandniex niddistingwu bejn xogħol purament kummerċjali u dak illi huwa aktar riċerkat. Il-fatt illi hawn min jikkonsidra xogħlijiet illi saru għal postijiet ta' divertiment bħala parti integrali mill-iżvilupp tal-arti moderna Maltija juri kif prodott illi sar purament għall-gosti superfiċjali turistiċi (il-gosti ta' dawk it-turisti illi jixtiequ 'jifhmu' l-istorja ta' Malta mingħajr ma jaqbdu ktieb b'idejhom) jispiċċa fuq il-pedestall *tal-istorja* meta fil-fatt huwa sempliċiment prodott *dwar l-istorja.*

Reċentement, pereżempju, il-Mużew tal-Arti fil-Belt bl-intervent ta' *Heritage Malta* akkwista għal somma relattivament kbira studju mdaqqas illi kien sar minn wieħed mill-aktar artisti importanti tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin, Frank Portelli, għal xogħol ġol-Mellieħa Bay Hotel fl-1968. Minflok l-istorja ta' Malta, din il-pittura tittratta bi stil kemxejn kubista s-snajja' ta' Malta, rappreżentati minn figuri qegħdin jaħdmu waħda ħdejn l-oħra. Għal darba oħra, l-identità Maltija kif naħsbu illi jrid jaraha t-turist fil-lukandi tagħna (il-mara ħoxna, jew inkella bl-għonnella, jew taħdem il-bizzilla) tant issir internalizzata fl-idea tagħna nfusna illi nispiċċaw nemmnuha aħna wkoll u npoġġuha fil-mużewijiet tagħna.

Jew inkella, jekk inħarsu lejn iċ-ċelebrazzjonijiet 'kulturali' illi saru b'rabta mad-dħul ta' Malta fl-UE fl-2004 (proġettazzjonijiet kbar fuq is-swar ta' Sant'Anġlu) u ż-żfin ippreparat għaċ-CHOGM (*Commonwealth Heads of Government Meeting*) fl-2005, nerġgħu naraw enfasi fuq l-istorja tal-pajjiż, eżattament kif tgħallimnieha fl-iskola: in-nies tal-ħaġar, l-Għarab, il-Kavallieri, l-Assedju l-Kbir, il-Franċiżi, l-Ingliżi, eċċ. L-idea ta' identità Maltija kontemporanja titħallat ma' mentalità kolonjali u nostalġika, fejn l-arkitettura militari tal-passat (Sant'Anġlu) u l-perjodi storiċi jipprovdulna sew tematika kif

ukoll sfond għax-xogħol tal-lum. Timmaġinaw żifna kontemporanja Franċiża, pereżempju, illi taraw fiha koreografija bbażata fuq l-istorja tal-pajjiż (storja monarkika, imbagħad rivoluzzjoni, eċċ) għal udjenza ta' kapijiet ta' stat? Le, għax jekk jirrispettaw l-intelliġenza ta' dawn l-istess kapijiet juruhom l-arti hi kif inhi, mhux programm politiku jew rappreżentazzjoni sempliċi ta' xi ktieb tal-istorja.

Jista' jkun illi t-toqol tal-bagoll storiku tagħna jwassalna biex nimitaw lilna nfusna l-ħin kollu; bħalma rajna fit-tempju ta' Buġibba, nittrasformaw il-passat f'simulazzjoni tiegħu nnifsu. Forsi l-kultura Maltija tista' verament issir indipendenti biss meta tieqaf tipprova tkun indipendenti, meta ma tibqax tipprova tiddefinixxi xi essenza tal-identità storika tal-pajjiż, xi idea ta' 'progress' politiku, jew tfittex il-ġdid biss fil-passat remot jew inkella f'dak illi naħsbu illi jrid jara fina ħaddieħor. Però dan ifisser illi rridu l-ewwel inkunu kapaċi nagħmlu distinzjonijiet kulturali preċiżi. Forsi għadna wisq nikkuntentaw ruħna bl-għeneb tal-plastik.

**Noti**

1 L-ewwel verżjoni ta' dan ix-xogħol ġie kkummissjonat minn Modern Art Oxford u ppubblikat bl-Ingliż bit-titlu "The Intonation of Maltese Contemporary Art" fi ktieb jismu *Arrivals>Art from the New Europe*. It-tnedija tal-ktieb saret waqt il-ftuħ tal-Biennale ta' Venezja, f'Ġunju, 2007.

2 Jürgen Habermas, 'Modernity versus Postmodernity', *New German Critique*, 22 (Winter, 1981), 3.

3 Jean Baudrillard, 'Simulacra and simulation', f' Mark Poster (ed.), *Jean Baudrillard, Selected Writings* (Stanford University Press, 1988).

4 Frederic Jameson, 'Postmodernism, or The cultural logic of late capitalism', *New Left Review*, I/146, Lulju–Awwissu 1984.

# Il-kelma tal-kittieb bejn "il-barka u s-saħta"

Paul Pace s.j.

Nixtieq l-ewwel nett nirringrazzja lill-organizzaturi li stednuni nitkellem dalgħodu. Fl-istess ħin nagħmilha ċara li la jiena kittieb u lanqas akkademiku tal-lingwa Maltija. Nistħajjel li stednuni minħabba l-ħidma tiegħi mal-immigranti li jaslu fuq xtutna.

*Il-kelma tal-kittieb bejn "il-barka u s-saħta"*. Dawn l-aħħar kelmiet slitthom mill-Bibbja, mit-Testment il-Ġdid, mill-ittra li San Ġakbu kiteb lill-Insara tal-ewwel ġenerazzjoni, għall-ħabta tas-snin 50 wara Kristu. Kliem li smajtu l-ewwel darba meta kont tifel tal-Mużew, imma li baqa' dejjem jolqotni matul ħajti. Ikellimna fuq il-qawwa tal-kelma, l-aktar fuq il-qawwa qerrieda tagħha.

M'hemmx għalfejn ngħid li l-Ġudaiżmu huwa fost ir-reliġjonijiet tal-kelma: kien permezz tal-kelma tiegħu li Alla ħalaq kollox mix-xejn. Aktar tard naqraw kif Alla poġġa din il-kelma fuq fomm il-magħżulin tiegħu l-profeti. Hekk il-profeta Ġeremija jirrakkuntalna kif Alla sejjaħlu (Ġer 1: 9-11):

> 'Il-Mulej ħareġ idu u messli fommi, u qalli l-Mulej,
> "Ara, qegħedtlek kliemi fuq fommok. Ara jiena llum qegħedtek fuq il-ġnus
> u s-saltniet, biex taqla' u ġġarraf, biex teqred u tħott, biex tibni u tħawwel...
> Jiena nħabrek biex kelmti sseħħ"'.

Din il-kelma qawwija qisha x-xita u s-silġ li ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art u jġegħluha tnibbet il-frott. 'Hekk ukoll kelmti, hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili'. (Iż 55)

Il-Kristjaneżmu, bin il-Ġudaiżmu, ta pass kbir ħafna 'l quddiem, meta qal li 'l-Kelma saret bniedem u għammret fostna' (Ġw 1:14)

Jiġifieri meta San Ġakbu qal dal-kliem daqshekk qawwi, f'kultura fejn il-kelma kienet fuq kollox dik mitkellma, kien qed jitkellem fi ħdan tradizzjoni li faċilment fehmet x'ried igħid.

Ħa nisimgħu s-silta sħiħa, l-ewwel tnax-il vers mit-tielet kapitlu tal-ittra ta' San Ġakbu:

> 'Ħuti, aħna lkoll niżbaljaw, u ta' sikwit: jekk xi ħadd ma jiżbaljax f'dak li jgħid, dan ikun perfett, kapaċi jrażżan ġismu kollu. Aħna nqiegħdu lġiem f'ħalq iż-żwiemel biex naħkmuhom, u bih immexxu ġisimhom kollu. Ħarsu wkoll lejn il-bastimenti: għad li jkunu kbar u jimxu mal-irjieħ qawwija, naqra ta' tmun idawwarhom fejn irid it-tmunier. Hekk ukoll l-ilsien: huwa biċċa ċkejkna fil-ġisem, imma jista' jiftaħar li jagħmel ħwejjeġ kbar.
>
> 'Ara, ftit nar jista' jqabbadlek foresta sħiħa, u l-ilsien huwa nar, huwa dinja ta' ħażen fost il-membri ta' ġisimna, ikebbes il-ġisem kollu u jkebbes ir-ritmu tal-ħajja, hu nnifsu mkebbes mill-infern. Kull xorta ta' bhejjem u għasafar, kull xorta ta' bhejjem li jitkaxkru mal-art u ta' ħut, dawn kienu u huma mmansati mill-bniedem. Iżda ħadd ma għandu l-ħila jimmansa l-ilsien, kollu deni, bla kwiet, mimli velenu li jġib il-mewt. Bih aħna nbierku lill-Mulej, lil Missierna, u bih nisħtu lill-bniedem xbieha ta' Alla. Minn ilsien wieħed joħorġu l-barka u s-saħta. Dan m'għandux ikun, ħuti'.

Kważi elfejn sena wara, il-kelma l-aktar qawwija mhijiex dik mitkellma imma dik imxandra – fil-ktieb, fuq il-gazzetta, fuq l-internet u fuq kollox fuq ir-radju u t-televiżjoni. Mis-sengħa tal-kitba li tfisser ħsieb profond, spiss nibża' li għaddejna għas-sengħa tas-'sound bite', ftit kliem maħsub biex min jisimgħu jiftakru u jirrepetih, u li jġib il-qawwa tiegħu mhux mill-profondità tal-ħsieb li jrid iwassal, imma mir-ripetizzjoni tiegħu stess, f'loġika li aktar tixbah lir-riklami milli lil xi ħaġa oħra. Saret ħafna aktar diffiċli li jkollok diskussjoni serja ta' kwistjonijiet kumplessi.

Fi żminijietna ftit hemm suġġetti li jqanqlu emozzjonijiet qawwija daqs l-immigrazzjoni, jew il-preżenza tal-barranin fostna... u milli smajna dalgħodu din mhix ħaġa ta' żminijietna biss. Imma l-kelma li tixxandar b'tant faċilità fi żminijietna tista' ġġib il-barka jew is-saħta ħafna aktar minn qatt qabel. Fuq kollox, aħna nħossuna ċerti u kburin li ħallejna warajna l-għamad tal-injuranza u tal-preġudizzji għax qed ngħixu fi żminijiet imdawla bit-twemmin fid-dinjità u d-drittijiet ta' kull bniedem. Dinjità li mhi marbuta ma' xejn ħlief mal-fatt

tal-umanità: hu min hu jew hi min hi, u hu x'inhu s-sess, il-kulur tal-ġilda, is-saħħa, l-età, it-twemmin politiku u reliġjuż tiegħu jew tagħha. Aħna kburin li ngħixu fi ħdan din it-tradizzjoni umanistika, Ewropea, membri kburin tal-UE li qed tiċċelebra s-Sena ta' Opportunitajiet Indaqs.[1]

Huwa hawn li tidħol ir-responsabbiltà tal-kittieba lejn is-socjetà, meta jiġu biex jużaw il-kliem biex jitkellmu fuq il-barranin fostna. Minn banda aħna ngħixu bil-preżenza tal-barranin fostna, u s-sena li għaddiet ma nafx x'ma għidniex għax naqas sew in-numru tat-turisti li żaruna. Nidejna kampanja biex immexxu 'l quddiem l-idea ta' 'brand Malta', bi tliet valuri ewlenin, li l-ewwel fosthom hija l-ospitalità, kwalità Maltija li anke San Luqa faħħar fina meta ġie fostna bla ħsieb u bla ma xtaq.

Imma dawk li qed jaslu fostna bħal San Pawl u San Luqa, fuq dgħajsa, bla permess u bla dokumenti, bla ma xtaqu u ħerqana li jitilqu minn hawn mill-aktar fis, mhux kartelluni kbar mimlija tbissim isibu, imma kliem iebes bħal 'klandestini', 'illegali', 'irregolari', 'extra-komunitarji', 'ħallelin ta' ħobżna u xogħolna', 'nies infettati b'mard qerriedi' u anke saħansitra 'terroristi'.

Is-seklu 20 żgur li fehem il-qawwa u l-piż tal-kliem-tikketta li nużaw biex nidentifikaw gruppi differenti, u parti kbira mill-mixja lejn emanċipazzjoni akbar kienet propju t-tfittxija ta' kliem aktar aċċettabbli kif insejħu lil dawn il-gruppi. Il-moviment femminista tħabat biex il-kliem tagħna jkun inklużiv u ma jagħtiniex x'nifhmu li r-raġel huwa superjuri għall-mara. Il-gruppi ta' nies b'diżabilità kienu wkoll minn ta' quddiem biex jinsistu li ċertu kliem huwa aċċettabbli filwaqt li kliem ieħor ma kienx. Minkejja l-esaġerazzjonijiet li l-moviment ta' korrettezza politika jaqa' fihom xi kultant, m'hemmx dubju li dawn l-isforzi wassluna biex nifhmu tajjeb li lingwa mhux inkluživa tirrifletti soċjetà li fil-fatt teskludi u tiddiskrimina, u li waħda mill-aħjar toroq biex naslu nirrispettaw verament id-dinjità ta' kulħadd hija li nsibù kliem addattat biex nitkellmu fuqhom.

Din la kienet triq qasira u lanqas ħafifa biex timxiha, għax il-preġudizzji li hemm wara kliem bħal dawn għandhom għeruq ħafna fil-fond. Imma webbisna rasna u fittixna sa ma sibna kliem ġdid li jfisser aħjar dawn is-sitwazzjonijiet ta' oppressjoni u diskriminazzjoni. B'hekk tajna passi importanti lejn ir-rispett veru u indunajna li konna qrobna aktar lejn il-barka li jġib it-twemmin fid-dinjità ta' kull bniedem.

Matul dawn l-aħħar snin indunajna li ma hu faċli xejn insibu l-aħjar kliem biex nitkellmu fuq il-barranin fostna. Mhumiex klandestini, kelma

b'konnotazzjonijiet negattivi ċari, għax żgur ma daħlux fostna bil-moħbi, narawhom deħlin fuq l-aħbarijiet anzi wħud minnhom jitolbuna huma stess biex immorru għalihom ħa nsalvawhom mill-għarqa. Lanqas meta jingħataw il-libertà ma jfittxu li jinħbew, u nafu eżatt fejn ikunu qed jgħixu.

Lanqas ma huma immigranti illegali, kelma oħra li tista' timplika li dawn nies kriminali. Mhix il-kelma tajba mhux biss għaliex mhux delitt li tidħol Malta bla visa, imma fuq kollox jeżisti d-dritt għal dan għal min ħarab minn pajjiżu u qed ifittex il-kenn f'pajjiż ieħor li jidħol mingħajr dokumenti. Minn ċertu kliem li jinkiteb u jingħad, nieħu l-impressjoni li nistennew li dawk li qed jaħarbu mill-gvern ta' pajjiżhom imorru javżaw lill-gvern li ser jitilqu, u jitolbuh il-passaport!

Huma immigranti irregolari? Ma naħsibx; żgur li ma humiex irregolari wara l-ewwel ftit ġranet, għax meta juru x-xewqa li jitolbu kenn, il-liġi tagħna tagħtihom ċerti drittijiet sa ma tiġi deċiża t-talba tagħhom. Jekk it-talba ma tintlaqax, huma jkollhom il-permess jibqgħu hawn sa ma jintbagħtu lura pajjiżhom.

Huma refuġjati? Iva, imma din il-kelma tgħodd għal numru żgħir ħafna minnhom, xi sitta fil-mija.

Dan mhux diskors ġdid, u allura waħedha tiġi l-mistoqsija: Għaliex donna għadna mwaħħlin fit-tfittxija ta' kelma jew kliem addattat? Għaliex għadna nisimgħu kittieba tal-gazzetti u l-mezzi tax-xandir jibqgħu jużaw din it-terminoloġija mhux eżatta, u li hija ġeneralment negattiva? Mhux biċċa xogħol ħafifa, imma wieħed ma jistax ma jistaqsix kif f'qasam li huwa minnu nnifsu kkomplikat u li qed joħloq daqshekk emozzjoni għadna nużaw il-kliem mingħajr biżżejjed ħsieb. Aktar ma niċċaraw il-kliem li għandna nużaw aktar inkunu qed niċċaraw l-ideat u nersqu lejn diskussjoni aktar matura ta' din ir-realtà fostna. Aktar ma l-kliem ikun ambigwu aktar jikber it-taħwid fostna b'konsegwenzi xejn sbieħ.

Dan biex ma nsemmix il-kliem li nsibu f'ċerti *websites* ta' gruppi tal-lemin, tal-lemin estrem li spiss jitkellmu b'ammirazzjoni għall-ideat Faxxisti u anke Nazisti.

Għax il-kelma tista' ġġib barka jew saħta, kif qal San Ġakbu. Tista' tqabbad in-nirien mhux tal-foresti imma tal-bibien tad-djar u tal-karozzi, kif nafu wħud minna li ninsabu hawnhekk.

Imma hemm mod ieħor kif nilqgħu 'l-barranin li jiġu fostna. Nilqgħuhom bis-skiet tagħna, bħallikieku ma jidhrux, forsi għax ġejjin mill-kontinent mudlam u għax il-kulur tal-ġilda tagħhom huwa iswed. Dan is-skiet lili jolqotni

u jinkwetani ħafna, xi kultant aktar mill-kliem iebes u aggressiv. U nistaqsi, minn fejn hu ġej dan is-skiet?

Ġej mill-biża' li tiġi identifikat mal-kawża tagħhom, kawża li żgur mhix l-aktar waħda popolari; għax ma tridx tiċċappas, jew għall-għażż. Forsi m'intix konvint minn kemm hi kawża ġusta, u ma tantx għandek ħin jew aptit tfittex u tħabbel moħħok. Forsi għaliex ma tifhimx kemm hi kruċjali għall-poplu tagħna din id-diskussjoni.

Imma bis-skiet tagħna qed naslu naċċettaw dak li sa ftit ilu ma konniex noħolmu li qatt jista' jeżisti f'Malta. Qed inżommu tfal, anke trabi, u nisa tqal fid-detenzjoni għal żmien twil iżżejjed f'kundizzjonijiet li huma inaċċettabbli għal pajjiż demokratiku Ewropew. Ma tantx tidher li jinkwetana l-fatt li qed inċaħħdu mijiet ta' nies mil-libertà tagħhom għal żmien twil, sa sena u nofs, b'sempliċi deċiżjoni amministrattiva, mingħajr ma jkun hemm xi tip ta' kontroll mill-imħallef. Nitfgħu flimkien irġiel, nisa miżżewġa u mhumiex, u tfal żgħar kollha flimkien fl-istess kampijiet, u ma noffrulhom l-ebda attività sakemm idumu fid-detenzjoni.

Kieku l-kummentaturi u l-ġurnalisti liberali tagħna, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tat-tagħlim tal-Knisja, tas-solidarjetà fost il-ħaddiema, tad-dinjità tat-tfal u n-nisa, tal-ħajja fil-ġuf, jibdew jinkludu dawn is-sitwazzjonijiet fid-diskors tagħhom, kieku jkollna diskussjoni li tmur ħafna lil hinn mill-emozzjoni u tkisser dak li jidher li diġà sar tabù fostna. Iġibulna l-barka ta' diskussjoni serja u miftuħa li tgħinna naffrontaw dis-sitwazzjoni ġdida u kumplessa bil-għerf li jaf isib il-bilanċ bejn il-ħtiġijiet tal-pajjiż u r-rispett lejn kull bniedem, l-aktar lejn dawk l-aktar dgħajfa.

Għax fil-fatt la l-ħġejjeġ tal-emozzjoni u lanqas is-skiet mhuma ser iqarrbuna lejn tweġiba vera.

**Nota**

1 Dan l-artiklu nkiteb fl-2007.

# Ta' barra minn hawn: kummentarju

Anna Zammit

Nhar is-Sibt, 3 ta' Frar 2007, l-Akkademja tal-Malti organizzat is-seminar 'Ta' Barra Minn Hawn: Ir-Razza u r-Radika fil-Letteratura Maltija'. Ma naħsibx li niżbalja jekk nassumi li din kienet l-ewwel darba li l-Akkademja tal-Malti ħadet inizjattiva li torganizza seminar fuq tema soċjopolitika ispirata minn testi storiċi fil-letteratura Maltija. West jgħid li l-kritiċi tal-kultura m'għandhomx jillimitaw irwieħhom u x-xogħol tagħhom għall-kritika letterarja, imma għandhom jorbtu t-testi li jistudjaw ma' kwistjonijiet u fatturi istituzzjonali u storiċi aktar wiesgħa.[1] U propju dan hu li għamlu l-parteċipanti ta' dan is-seminar. Ta' dan, l-Akkademja ħaqqha rikonoxximent speċjali.

L-Akkademja dejjem ħadmet għat-tixrid tal-Malti u tal-kitba u tal-letteratura Maltija u huwa importanti li tkompli dan ix-xogħol. Sfortunatament, ġieli ħadet l-isem ta' għaqda tal-battibekki minħabba xi konflitti li kienu jinqalgħu bejn il-membri; kien hemm min saħansitra emmen li l-Akkademja kienet inutli għaliex kienet magħluqa għal ideat ġodda u maqbuda f'dinja tal-imgħoddi. L-inizjattiva li jkun organizzat dan is-seminar turi li l-Akkademja hija attiva u konxja tal-kurrenti taż-żmien, u li qed tagħti kontribut siewi f'diskussjoni attwali. Jalla din l-inizjattiva ma tkunx waħdanija iżda tkun il-bidu ta' proċess. L-Akkademja tal-Malti m'għandhiex issir għaqda politika, iżda għandha tinvolvi ruħha f'attivitajiet b'temi soċjopolitiċi f'kuntest lingwistiku u letterarju. Għandha ssir analiżi kontinwa tal-kitba u tal-kittieba Maltin f'forma ta' diskussjoni miftuħa. B'hekk l-Akkademja turi li hija entità ħajja u li tifforma parti sħiħa mis-soċjetà Maltija.

Dan kien seminar li fih kienu diskussi ideat li jifformaw parti minn analiżi postkolonjali, għaliex qegħdin jikkontestaw il-filosofija u l-ideoloġija preċedenti tal-Punent. Wieħed jista' jqabbel dak li sar fis-seminar mar-reviżjoni femminista tal-kitbiet fis-soċjoloġija li, sas-snin sebgħin, kienu ddominati mill-perspettiva maskili. Għal sekli sħaħ, in-nisa sa kienu meqjusa bħala bnedmin inqas intelliġenti mill-irġiel li, pereżempju, ma kienx ħaqqhom li jkollhom edukazzjoni. Iżda sa mill-aħħar tas-seklu tmintax, il-femministi bdew, bil-mod il-mod, jikkontestaw din l-asserzjoni. Illum, minkejja li l-femminiżmu fih ħafna fergħat differenti, għandu għan partikolari li huwa komuni għall-fergħat kollha: dak li jara li n-nisa jiġu emanċipati u 'empowered'.

L-istess tip ta' kontestazzjoni ta' ideat tal-passat għaddejja fir-rigward tat-teorija postkolonjali. Il-postkolonjaliżmu huwa proċess li jagħti orjentazzjoni ġdida lit-tagħrif li ħareġ mill-Punent. Din hija kontestazzjoni mmexxija minn prattika politika li hija moralment kommessa li tittrasforma l-kondizzjonijiet ta' sfruttament u faqar li sezzjonijiet kbar tal-popolazzjoni tad-dinja jgħixu fihom ta' kuljum fi żmienna. Il-postkolonjaliżmu jitkellem dwar dinja li qed tinbidel, u li nbidlet minħabba t-taqbid li għadu għaddej bejn il-protagonisti tal-kolonjaliżmu u s-suġġetti tiegħu.

F'dan is-seminar ġew ippreżentati sitt kontribuzzjonijiet b'kollox. Beda Marco Galea b'rendikont u analiżi tal-pijunieri tal-kitba bil-Malti, b'enfasi fuq Ġan Anton Vassallo. Carmel Cassar imbagħad tkellem fuq l-isfond storiku tas-sekli sittax u sbatax, li wassal biex nistabilixxu l-idea tal-Musulman u l-Ottoman bħala għadu. Raphael Vella kompla b'diskussjoni, akkumpanjata b'materjal viżwali, dwar diversi eżempji fl-arkitettura u fil-pittura, u forom oħra fl-arti, li jimmarkaw l-era tradizzjonali, dik moderna u dik postmoderna. Kompla mbagħad Michael Grech bi preżentazzjoni pjuttost provokattiva dwar il-filosofija ta' Manwel Dimech. Din kienet provokattiva fis-sens li huwa żvela aspetti tal-karattru ta' Dimech li ħafna mhumiex daqstant konxji tagħhom, speċjalment kif ġew interpretati fil-kollettività tagħhom minn Grech. Wara Grech, ippreżenta l-artiklu tiegħu Adrian Grima, li kkonċentra fuq il-letteratura tas-snin tletin b'enfasi fuq ir-rumanz storiku *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina. Fl-aħħar, Paul Pace sj analizza eżempji tal-lingwaġġ li qed jintuża llum dwar il-barranin. Waqt dan is-seminar, dehru wkoll siltiet qosra minn filmati magħżula mill-kelliema b'rabta ma' dak li tkellmu fuqu.

Għalkemm il-kontributuri ppreżentaw aspetti differenti tal-kultura Maltija fil-letteratura, fl-arti, fil-filosofija u bl-isfond tal-istorja, wieħed jista' jidentifika xi temi li huma komuni għall-kelliema kollha. Dawn it-temi jinkludu r-reliġjon,

l-istorja, l-imperjaliżmu, in-nazzjon, il-lingwa, il-valuri, l-istima lejn l-Ewropa u l-element tad-dawl u d-dlam. Hawn, ta' min wieħed jgħid li, minkejja li dan li ġej joħloq sezzjonijiet għal kull waħda minn dawn it-temi, fil-fatt hemm rabta sħiħa bejn tema u oħra. Id-distinzjoni bejn dawn it-temi li jiena identifikajt qiegħda ssir biss għall-enfasi. It-temi tar-reliġjon, l-istorja, il-lingwa u l-valuri huma temi li jsawru l-identità ta' poplu. Dan is-seminar kien eżerċizzju li fih kien eżaminat il-mod li bih il-Maltin ħarsu lejn ċerti barranin. Fl-istess waqt, però, il-kelliema kienu inkonxjament qegħdin il-ħin kollu jistednuna biex nirriflettu fuq min huma l-Maltin, fuq kif inbnew l-attitudnijiet tal-Maltin lejn il-barranin mal-milja taż-żmien, u fuq kemm huwa essenzjali li nħarsu 'l quddiem b'moħħna miftuħ. M'għandniex inkunu magħluqin u maqbuda fil-passat, bħalma jiġri ħafna drabi, pereżempju, fil-ġrajja tal-Assedju l-Kbir: ma nistgħux nittrattaw lill-barranin bl-istess mod li bih il-Maltin ikkonfrontaw lill-Ottomani fi żmien l-Assedju l-Kbir għax il-kuntest storiku ta' dak iż-żmien inbidel għalkollox.

## Ir-reliġjon

Il-Kristjaneżmu u l-Kattoliċiżmu jirreferu għal kunċetti differenti: tal-ewwel għal waħda mir-reliġjonijiet ewlenin fid-dinja, u tal-aħħar għal waħda mill-Knejjes, fis-sens ta' istituzzjoni universali reliġjuża, li jħaddnu l-Kristjaneżmu. Iżda, għall-fini ta' din id-daħla u għal raġunijiet ta' sempliċità mhux sa nagħmel kull darba distinzjoni ċara bejniethom u nużahom bħallikieku t-tnejn ifissru l-istess ħaġa.

It-tema tal-Kristjaneżmu tiddomina kważi f'kull kontribuzzjoni f'din il-pubblikazzjoni. Cassar isostni li din ir-reliġjon waslet Malta qabel il-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann fis-seklu sittax. Huwa jfakkar kif l-Ordni ta' San Ġwann ħakmet fuq Malta b'ċerta awtorità anke għaliex kienet konformi mat-twemmin Kattoliku li l-Maltin kienu diġà jħaddnu. Iżda Cassar ma jitkellimx fuq dan it-twemmin b'mod ġeneriku: huwa jagħmel enfasi fuq il-fatt li dan it-twemmin kien iffukat l-iżjed fuq il-figura ta' San Pawl u jikkwota lil D'Autun biex juri li l-Maltin tas-seklu sittax emmnu li San Pawl kien Alla nnifsu. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kienet ikkonċentrata fil-grotta ta' San Pawl. Il-mirakli, l-indulġenzi, il-festi u l-pellegrinaġġi li baqgħu jfakkru din il-miġja għenu kemm biex tissaħħaħ ir-reliġjon Kattolika fost il-Maltin, kif ukoll biex tagħtihom sens ta' unità bħala grupp etniku.

Barra l-kult ta' San Pawl, kien hemm ukoll il-kult Marjan, li jmur lura għall-aħħar tal-Medjuevu. Aktar tard, il-kulti ta' qaddisin oħra nfirxu f'aktar

irħula f'Malta u Għawdex. Cassar jinnota li l-kult tal-qaddis tfaċċa bħala xhieda li l-Maltin kienu poplu distint, poplu Nisrani li qatt ma ċeda l-Kristjaneżmu tiegħu. Huwa, allura, jassoċja l-kult Pawlin ma' kuxjenza etnika Maltija.

Emile Durkheim, wieħed mill-fundaturi tas-soċjoloġija, kien qajjem kontroversja meta studja t-totemiżmu tal-Aboriġini fl-Awstralja[2] u insista li għalkemm dan kien forma sempliċi tar-reliġjon, l-element bażiku ta' dan it-twemmin huwa l-qofol ta' kull reliġjon. Bħal kull reliġjon oħra, it-totemiżmu kien forma ta' twemmin li fiha l-fidili wrew adorazzjoni lejn qawwa sopranaturali, u permezz tal-għaqda tagħhom f'dan ir-ritwal, huma kienu fl-istess waqt qed jaffermaw l-importanza tas-solidarjetà ta' bejniethom. Din l-għaqda, skont Durkheim, kienet tfisser li għall-membri tas-soċjetà kien importanti li jkun hemm l-ordni; allura l-adorazzjoni lejn xi alla kienet ekwivalenti għall-konservazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-grupp. Durkheim isostni li l-bniedem għandu bżonn jadura esseri sopranaturali sabiex jipproteġuh u jipproteġu l-għaqda tal-grupp: "*the totem is the source of the moral life of the clan [...] while the totemic principle is a totemic force, it is also a moral power.*"[3]

Cassar jgħid li, fit-taqbida tal-Ordni kontra l-Mislem, il-Kavallieri kienu bdew jixxiebhu ma' San Pawl għaliex huma wkoll kellhom il-missjoni li jxerrdu l-Kristjaneżmu u jerġgħu jaħkmu artijiet li kienu waqgħu taħt l-Ottomani. Il-wasla tal-Ordni f'Malta, bħall-wasla ta' San Pawl, kienet titqies bħala att providenzjali. Min-naħa tagħhom, il-Kavallieri qabblu lil San Pawl ma' San Ġwann il-Battista, il-qaddis padrun tal-Ordni.

Cassar isemmi wkoll lin-Normanni u joqgħod fuq it-teżi ta' Wettinger li kien biss mat-tieni miġja tan-Normanni, fl-1127, li l-Kristjaneżmu beda jinfirex u kien stabbilit f'Malta. Fi żmien in-Normanni f'Malta, il-komunità Maltija bdiet tifforma ruħha bħala tali. L-Assedju l-Kbir tal-1565 saħħaħ l-idea tal-Maltin Kattoliċi kontra l-Ottomani Musulmani. L-Assedju ħoloq sens qawwi ta' għaqda fost il-Maltin, sens ta' solidarjetà li kien hemm bżonnu biex huma jikkonfrontaw l-għadu u l-periklu li ġab miegħu.

Ma setax jonqos, għaldaqstant, li dan is-sentiment ta' reliġjożità mħallat ma' patrijottiżmu jidher fl-ewwel letteratura bil-Malti. U tant kien b'saħħtu dan l-element li saħansitra baqa' sod sa ma tfaċċaw il-poeti moderni tas-snin sittin u sebgħin. Marco Galea juri kif, mill-ewwel kitbiet ta' pijunieri bħal Rosato, Vassallo u Muscat Azzopardi, dehret l-immaġini tat-Tork bħala viljakk u għadu fl-isfond tal-Assedju l-Kbir. Galea jagħmel referenza għall-epika *Il-Ġifen Tork* ta' Ġan Anton Vassallo, li fiha jissemma s-serp, simbolu tal-ħażen u tat-Torok fl-istess ħin. Din ir-referenza torbot ukoll ma' dak li jgħid Cassar meta jsemmi

l-importanza tal-miġja ta' San Pawl li, skont il-mit, bil-qawwa sopranaturali tiegħu, rebaħ fuq il-velenu tas-serp. Adrian Grima jżid ma' dan l-element li jassoċja l-Kristjani ma' morali tajbin u l-Musulmani ma' morali ħżiena bir-referenzi li jagħmel għar-rumanz importanti fil-letteratura Maltija *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina. Grima jsostni li dak li jippreżenta Aquilina huwa tipiku tal-letteratura Romantika: fih l-element tar-reliġjon Kattolika Rumana, fih stampa ideali tal-ħajja rurali u jeskludi elementi oħra li setgħu sawru l-karattru Malti. Għaldaqstant, il-Ħalwenija, li hija skjava Musulmana, tibqa' bla isem sakemm tikkonverti u ssir Nisranija.

Paul Pace wkoll jagħmel referenza għal San Pawl, jew aħjar għall-miġja ta' San Pawl. Pace jfakkar li kemm San Pawl kif ukoll San Luqa kienu immigranti irregolari. Huwa veru li l-kuntest ta' pajjiżna nbidel minn dak ta' sekli ilu. Però, Paul Pace jappella biex, jekk il-Maltin huma Nsara li tant iġġieldu biex jiddefendu r-reliġjon tagħhom, allura għandhom iħarsu lejn l-immigranti b'lenti Nisranija u mhux b'lenti ta' preġudizzju, kif fil-fatt qed jiġri.

Dan huwa kollu minnu. Iżda, mill-banda l-oħra, jekk il-Maltin qed iħarsu lejn l-immigranti irregolari bħalma kienu jħarsu lejn il-Musulmani, kemm minħabba differenzi li jista' jkun hemm fir-reliġjon (sfortunatament, ħafna jassumu li l-immigranti dejjem huma ta' twemmin differenti), kif ukoll minħabba l-kulur tal-ġilda tagħhom, huma ser iqisu l-miġja tal-immigranti bħala l-miġja tal-għadu. Sfortunatament, l-istorja u l-kultura tal-Maltin iffurmat din it-tip ta' soċjetà u b'dawn il-valuri. U r-reliġjon tal-Maltin qed titqies iżjed bħala element li jagħti sens ta' identità lil dan il-poplu milli tissarraf fil-valuri Nsara u Kattoliċi. Allura, minkejja li Pace jagħmel sew li jappella lill-Maltin biex jifhmu u jipprattikaw il-Kristjaneżmu tagħhom, ir-realtà storika ma tikkontradixxix, anzi ssaħħaħ ir-reazzjoni razzista tagħhom fil-konfront tal-immigranti irregolari. Ovvjament, dan il-fenomenu m'għandniex naċċettawh bħala xi ħaġa tajba. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, Durkheim kien osserva li l-individwi jmutu, il-ġenerazzjonijiet jgħaddu u jiġu flokhom oħrajn, imma l-qawwa li għandha r-reliġjon tibqa' hemm, reali u importanti. Bis-saħħa tat-twemmin fl-esseri metafiżiċi, l-individwu jara li l-qawwa tal-grupp hija importanti iktar minn dik tal-individwu.[4] Ir-reazzjoni negattiva tal-Maltin lejn l-immigranti irregolari f'Malta għandha x'taqsam mal-fatt li qed naraw grupp (il-Maltin) li jappartjeni għal reliġjon partikolari qed jikkonfronta grupp ieħor (l-immigranti) għax iħossu mhedded minnu. Iżda Pace jurina li din l-attitudni ta' konfrontazzjoni tmur kontra l-istess twemmin li fih qed jafda ħajtu l-grupp li jsostni li huwa Kristjan.

## L-istorja

Meta jsir studju fuq soċjetà, jew fuq xi aspett tagħha, dwar il-formazzjoni ta' poplu fi grupp distint, ħafna drabi jkun diffiċli li wieħed jiddistingwi l-influwenza tar-reliġjon minn dik tal-istorja. Dan għaliex ir-reliġjon u l-istorja huma fatturi marbuta ma' xulxin li, flimkien ma' elementi oħra, jiffurmaw il-bażi tal-kultura ta' soċjetà. Bħala studjuż tal-ġrajja ta' Malta, ma jonqosx li Cassar jispjega fid-dettall dawk il-mumenti l-iktar importanti fl-istorja li ħallew effett dejjiemi fuq din is-soċjetà. Huwa juri kif San Pawl, il-Konti Ruġġieru u La Vallette, flimkien mal-Ordni ta' San Ġwann, kienu tliet protagonisti tal-istorja politika u reliġjuża ta' Malta li ħallew effett dejjiemi fuq l-identità Maltija.

Ir-rebħa tan-Normanni fuq l-Għarab u r-rebħa tal-Kavallieri Kristjani fuq l-Ottomani u Musulmani fl-Assedju l-Kbir kienu lkoll avvenimenti ta' sinifikat enormi li ħallew memorja u kultura li għaqqdu l-komunità Maltija bħala soċjetà partikolari. Din hija storja tipika ta' poplu li jgħix fi gżira, fis-sens li l-istorja u l-ġeografija (minħabba l-insularità tagħha u l-fatt li hi mdawra bil-baħar) joħolqu poplu qalbieni iżda dgħajjef fl-istess ħin.[5]

Cassar jispjega kif Malta u l-Kavallieri kienu l-mira ewlenija tal-Ottomani, li riedu jaħkmu ċ-ċentru tal-Mediterran fis-seklu sittax. Skont Cassar, matul is-sekli ħmistax, sittax u sbatax, il-Maltin rawmu kultura mibnija fuq passat storiku komuni, b'elementi ta' beżgħat, sagrifiċċju, patrijottiżmu u devozzjoni lejn il-figura ta' San Pawl. Galea jaqbel ma' din l-idea għaliex, f'ħafna mil-letteratura Romantika Maltija tas-seklu dsatax, jiġifieri fil-bidu tagħha, il-Kavallieri qatt ma huma l-viljakki. Dan għaliex il-Maltin u l-Kavallieri kellhom għadu komuni, it-Tork Musulman.

Adrian Grima wkoll joħodna lura fl-istorja, u jitkellem fuq ir-rumanz storiku *Taħt Tliet Saltniet,* li għandu bħala kuntest Malta fiż-żminijiet imqallba bejn l-invażjoni Franċiża u l-wasla tal-Ingliżi fl-1800. Warrington u Milne jsostnu li, malli jkun hemm ċaqliqa fit-tmexxija tal-pajjiż, gżejjer fortizza, bħalma kienet Malta, kienu kapaċi jaħtfu l-opportunità biex jakkwistaw inizjattiva li dehrilhom li kienet tajba għal dak iż-żmien.[6] Hekk għamlet Malta fl-aħħar tas-seklu tmintax.[7]

## L-Ordni ta' San Ġwann

Ir-reliġjon issaħħet b'kampanja ta' propaganda mill-Ordnijiet reliġjużi, fis-seklu sittax, bil-għan li jgħaqqdu lill-Maltin warajhom.

Grima jfakkarna li, fi żmien l-Ordni, kien hemm skjavitù, kemm mill-Ottomani, li kienu jaħtfu l-Maltin u l-Għawdxin, kif ukoll minn kursara Maltin, f'piraterija organizzata mill-istess Ordni. L-iktar rigali prestiġjużi li setgħu jġibu lura magħhom il-kursara Maltin kienu l-iskjavi. Dawn kien hawn domanda kbira għalihom mill-Kavallieri u mill-Maltin. Is-sekli li l-Maltin għaddew taħt il-Kavallieri kienu żminijiet ta' merkanzija umana. Dawn l-iskjavi ġabu magħhom it-twemmin tagħhom, u għaldaqstant kienu jitqiesu bħala theddida għall-Kristjaneżmu. Il-punt dwar l-iskjavitù jikkonfermah l-istess Cassar f'pubblikazzjoni oħra dwar l-istorja ta' Malta.[8] L-iskjavi li kienu jinħatfu mill-Ordni permezz tal-kursara Maltin madwar il-kosta tat-Tramuntana tal-Afrika bdew jiffurmaw parti importanti mill-forza tax-xogħol ta' Malta. Kienu impjegati l-iżjed bħala bennejja, dawk li jġorru l-ġebel, qaddiefa fuq ix-xwieni u sefturi.[9] Ma ninsewx ukoll li l-baħar kien, u għadu, element importanti fl-ekonomija ta' Malta.

Grech jaqbel ma' Cassar li l-Ordni infurzat sens ta' għaqda fost il-Maltin billi saħħet l-idea li l-għadu ewlieni kien l-Ottoman. Iżda Grech jgħid tajjeb li dan l-eżerċizzju baqa' sejjer sa wara l-wasla tal-Kavallieri f'Malta. Kif jindikaw Cassar, Galea u Grima, il-Maltin ħaduha qatta bla ħabel kontra l-Ottomani mhux biss fl-Assedju l-Kbir, imma anke qabel, wara u fil-preżent. Hawn niftakru fir-reazzjoni tal-Maltin fil-konfront tal-Libjani li ġew u għexu Malta fis-snin sebgħin u tmenin tas-seklu għoxrin. Dak iż-żmien kien hawn antipatija diretta lejhom, anke minħabba l-impożizzjoni tat-tagħlim tal-Għarbi fl-iskejjel f'Malta. Abela kien wera kif ftit kienu dawk il-Maltin li juru simpatija lejn il-Libjani u Għarab oħra.[10] Skont Raphael Vella, l-Ordni ta' San Ġwann u l-Assedju l-Kbir jirrappreżentaw dak li hu tradizzjonali fl-arti, u partikolarment fil-pittura. Dwar il-ġeneru tal-pittura tal-lukandi, Vella jgħid li tpittru kwadri li donnhom jirrappreżentaw l-istorja ta' Malta fil-qosor; pereżempju, iħalltu l-Franċiżi mal-Ingliżi. Vella jsejjaħ din it-tip ta' pittura każ fejn il-fittizju jsir realtà; min-naħa l-oħra fit-tempju ta' Buġibba, li jinsab fil-lukanda Dolmen, ir-realtà ssir fittizja. Għaldaqstant dan huwa tip ta' moderniżmu li jerġa' jibni t-tradizzjoni u jħollha fl-istess ħin. Fil-każ tad-Dolmen, pereżempju, hemm fdalijiet neolitiċi madwar il-lukanda li jidhru qishom stampa tal-passat, jiġifieri t-tradizzjoni, imma li fil-fatt ikissruha, għaliex dawn il-fdalijiet qed ikunu

ppreżentati b'mod kummerċjali iżjed milli b'mod fidil lejn l-istorja, f'kuntest iktar xieraq u b'informazzjoni għal min jgħaddi minn ħdejhom.

## Malta maħkuma

L-imperjaliżmu, li seħħ fil-kuntest tal-Illuminiżmu Ewropew, ta bidu għal filosofija li kellha diversi effetti, tajbin u ħżiena. Eżempju ta' effett tajjeb kien li xeħet dawl fuq il-ħassieba ta' dak iż-żmien biex jaħsbu fuq sistema politika li fiha l-poplu jkollu ċertu dritt jiddeċiedi min imexxih, jiġifieri t-tneħħija tal-monarkija u t-twaqqif tad-demokrazija. Iżda David Hume, wieħed mill-filosfi kbar tal-Illuminiżmu, f'wieħed mill-esejs tiegħu 'Of National Characters', stampat fl-1748, jgħid f'nota li r-razza l-bajda hija superjuri għal dik sewda. Hume kellu influwenza kbira fil-filosofija tas-seklu, u saħansitra fuq dixxiplini oħra akkademiċi, bħas-soċjoloġija u l-politika, iżda kien hemm min, fi żmienu stess, ma qabilx miegħu f'ħafna affarijiet, inkluż fuq il-kumment razzista tiegħu.

James Beattie, kittieb kontemporanju ta' Hume, kien wieħed minn dawk li ma qablux miegħu. B'reazzjoni għall-kitbiet ta' Hume, u partikolarment għal 'Of National Characters', Beattie jgħid, fost oħrajn, li l-abitanti tal-Gran Brittanja u Franza, elfejn sena qabel, kienu slavaġ. Jgħid ukoll li kulħadd sema' bil-kobor ('magnificance') u bil-kapaċità tal-Peruvjani tal-qedem. L-Afrikani u l-Amerikani indiġeni kienu magħrufa għall-ħila tagħhom fil-manifattura u l-arti, tant li anke l-Ewropej kienu jsibuha diffiċli biex jimitawha. Wieħed mill-eżempji li jagħti Beattie huwa l-invenzjoni tal-kumpass tal-baħħara, u jgħid li għalkemm dan kien invenzjoni importanti fil-ħajja tal-bniedem, kien invenzjoni li nstab b'kumbinazzjoni. Allura, skont Beattie, l-idea ta' Hume li l-bojod kienu aqwa minn razez oħra kienet idea żbaljata u esaġerata. Beattie jħares ukoll lejn il-prattika tad-dwell, il-lagħba u l-adulterju fil-kultura tal-Punent u ta' żmienu, u jgħid li dawn l-aspetti tal-kultura Skoċċiża kienu eżempji ta' barbariżmi daqs dawk li l-Ewropew raw u stmerrew f'artijiet imbiegħda bħall-Kamschatka, il-Kalifornja jew fl-art tal-'Hottentots'.[11]

Issa Michael Grech jikkwota lil Hume biex jasal għall-filosofija ta' Manwel Dimech. F'dan l-artiklu, għalkemm ma jgħidhiex bil-kliem, Grech jimplika li kien hemm influwenza ta' Hume fuq Dimech. Ovvjament Hume kien influwenti ferm iżjed minn Beattie, u, il-probabbiltà hi li Dimech ma kienx sema' b'Beattie. Ma ninsewx li, għad-dinja potenti tal-Ewropa ta' dak iż-żmien, kien ferm iktar konvenjenti li jkun segwit Hume milli Beattie, inkella ma kienx ikun hemm

ġustifikazzjoni għall-imperjaliżmu. Madankollu huwa importanti li nifhmu li dak li qal Hume ma baqax għaddej mingħajr skrutinju, lanqas fi żmienu stess. Għalhekk, issa, li għaddew is-sekli, għandna aktar għalfejn niskrutinizzaw din il-filosofija.

L-impatt tal-imperjaliżmu fuq il-ħajja politika fi gżira jikkonsisti f'tensjoni bejn il-kunċett tal-awtonomija, minn banda, u d-dipendenza, mill-banda l-oħra.[12] Dan huwa fatt li joħroġ mir-rakkont ta' Cassar dwar l-istima li l-Maltin kellhom lejn l-Ordni ta' San Ġwann, Ordni li ma kinitx ħanina mal-Maltin. Infatti, La Vallette, pereżempju, kien magħruf għall-kefrija tiegħu. Min-naħa l-oħra, l-Għarab kienu aktar tolleranti bħala ħakkiema. Iżda l-Għarab mhumiex irrappreżentati b'mod pożittiv fir-rakkonti storiċi ta' Malta. Min-naħa l-oħra, Cassar jinnota li, fl-ewwel kitbiet letterarji, l-Ordni kienet igglorifikata. Dan il-fatt innutah ukoll Galea. L-idea ta' ammirazzjoni lejn il-ħakkiema barranin torbot ukoll mal-enfasi li jagħmel Grima fuq ir-rispett li Aquilina kellu lejn l-Ingliżi, u nsibuha wkoll fil-kontradizzjonijiet ta' Manwel Dimech, li joħorġu ċari fl-analiżi ta' Michael Grech. Warrington u Milne jgħidu li hemm tliet kurrenti fil-politika tal-gżejjer u fl-interess tal-poplu tal-gżejjer. Dawn huma r-rabta jew l-involviment tal-gżira mad-dinja ta' barra l-gżira, is-sottomissjoni għall-potenza imperjali, u l-isfida biex il-gżira tinqata' minn mal-kolonja.[13]

Carmel Cassar jikkwota lil Jean Quentin d'Autun, li jgħid li l-Ordni ta' San Ġwann tat lil Malta sens ta' sigurtà. L-Assedju l-Kbir għen ħafna wkoll biex il-Kavallieri jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom f'Malta, u jxerrdu l-idea li din it-taqbida kienet kollha għall-glorja t'Alla. Ma ninsewx li, fis-seklu tmintax, is-sentiment tal-kruċjati kontra l-Mislem kien għadu ħaj.

Dwar l-Għarab f'Malta, Cassar jirreferi għal Wettinger.[14] Mill-istudju tiegħu, Wettinger ma jsib l-ebda prova li tixhed xi forma ta' tbatija jew servilità li l-Maltin sofrew taħt il-ħakkiema Għarab. Cassar itenni li l-istampa tal-Maltin li sofrew miżerja u degradazzjoni taħt l-Għarab, kienet stampa li akkomodat lill-kleru li ried ixerridha mal-poplu biex jinxtered il-Kristjaneżmu. Skont Ciappara, kif ikkwotat minn Adrian Grima, kien hemm saħansitra ħafna Nsara li telqu lejn l-Afrika ta' Fuq u adottaw l-Iżlam għaliex is-soċjetà Musulmana ta' dak iż-żmien kienet iżjed miftuħa minn dik Nisranija. Kien hemm il-vantaġġ ukoll li dawk li riedu javvanzaw soċjalment setgħu jagħmlu dan b'faċilità ħafna ikbar f'pajjiżi Għarab milli f'Malta nnifisha, minħabba fis-sistema fewdali li kienet tagħmel distinzjoni stretta bejn saff soċjali u ieħor. Għaldaqstant, is-soċjetà Musulmana kienet tagħmilha iżjed possibbli li wieħed jiċċaqlaq minn saff tas-soċjetà għal ieħor iżjed 'il fuq minnu.

Galea jinnota li l-istorja, bħala dixxiplina akkademika, tat il-ħajja lid-dinja tal-Punent u hija rakkont li jiġġustifika l-interessi imperjali. L-istorja injorat l-esperjenzi ta' dawk il-pajjiżi li kienu suġġetti għall-imperjaliżmu u, ħafna drabi, hija rakkont tal-fatti mill-perspettiva tal-imperjalist u mhux rakkont li jikkonsidra l-esperjenza ta' dawk li ġew kolonjalizzati. Mhux ta' b'xejn, mela, li Cassar jgħid li ftit li xejn insibu referenzi fl-istorja ta' Malta li jixħtu dell ikrah fuq il-Kavallieri jew fuq l-Ingliżi f'Malta. L-istess jgħid Portelli dwar l-imperjaliżmu Taljan u l-kotba tal-istorja li jistudjaw studenti Taljani fl-Italja. It-Taljani għandhom l-impressjoni li huma kienu kolonja ħanina. Iżda Portelli jinsisti li dan ma kienx minnu. Il-problema hi li ftit li xejn jeżisti tagħrif dwar l-istorja tal-Italja bħala qawwa kolonjali. Pereżempju, film dwar ir-reżistenza Libjana kontra t-Taljani, li kellu lill-attur Anthony Quinn bħala protagonist, qatt ma tħalla jintwera fit-teatri. Skont Portelli, ktieb popolari tal-istorja Taljana li jistudjaw studenti postsekondarji, test progressiv li qala' kritika ħarxa minn politiċi leminin, fih inqas minn ħames linji dwar il-gwerra fl-Etjopja. Allura Portelli jargumenta li l-ħniena tal-kolonjalisti Taljani lejn il-popli kkolonizzati li toħroġ mir-rakkonti dwar il-kolonjaliżmu Taljan tipprovdi qafas għall-mod kif illum it-Taljani jitkellmu fuq ir-razza.[15]

Galea jsostni li, l-ewwel xogħlijiet letterarji Maltin li ħarġu minn awturi pijunieri bħal Rosato, Vassallo u Muscat Azzopardi, kienu jigglorifikaw 'il-Kavallieri mingħajr ebda kritika għan-nuqqasijiet tagħhom lejn il-Maltin. L-immaġini li huma komuni, kemm fil-letteratura kif ukoll fl-istorja, skont il-kelliema kollha ta' dan is-seminar, huma dawk tal-Musulman bħala l-viljakk, u l-Kavallier bħala l-eroj u l-qaddis.

Dwar il-Franċiżi, l-istorja hija differenti għaliex il-Maltin m'aċċettawx il-ħakma tagħhom. Il-fatt li kienu l-Franċiżi li neħħew l-iskjavitù f'Malta żgur li mhux magħruf mal-Maltin daqs il-memorja li dawn il-ħakkiema attakkaw il-knejjes u ġabu stmerrija tant kbira li wasslet għat-tkeċċija tagħhom bl-għajnuna ta' qawwa imperjali oħra, jiġifieri dik tal-Ingilterra. Grima juri li kien fir-rewwixta kontra l-Franċiżi li l-Maltin bdew irawmu sens ta' nazzjon. Iżda Cassar imur iżjed lura u jsemmi li dan is-sens ta' għaqda fost il-Maltin beda jinħema saħansitra sa minn żmien in-Normanni.

Aquilina ma jagħmel l-ebda referenza għat-tneħħija tal-iskjavitù mill-Franċiżi. Grima jitkellem fuq ir-reżistenza li l-elit bdew jagħmlu fil-pajjiżi maħkuma mill-Ingliżi, li kienu qed jorganizzaw ruħhom fi protesta kontra l-qawwa tal-imperjalist. Iżda din il-protesta kienet ukoll imħallta b'sentiment ta' koperazzjoni mal-kolonja. Fir-rumanz *Taħt Tliet Saltniet*, però, Aquilina

juri ħafna ammirazzjoni u l-ebda oppożizzjoni lejn il-kolonizzaturi Ingliżi. Dan jidher, pereżempju, fil-figura ta' Mrs Flemington, l-armla Ingliża tal-Kaptan Ball, li tiżżewweġ lill-ħabib ta' Alessandru, De Flores, li tant jammira l-għajnejn koħol, ix-xagħar dehbi u l-ġilda bajdanija tagħha.

Il-pożizzjoni ta' Aquilina dwar l-Ingliżi tikkuntrasta bil-qawwi ma' dik ta' Manwel Dimech, li xejn ma kien kuntent bil-kolonjaliżmu Ingliż f'Malta, mhux biss għaliex l-Ingliżi kienu qed jiddominaw lil pajjiżna, imma wkoll għaliex huwa kellu antipatija partikolari lejhom. Kien hemm kolonjalisti oħra, bħall-Franċiżi u l-Boeri, li Dimech kien jammira u li kien jaċċetta l-politika kolonjalista tagħhom mingħajr ma jqis il-popli li dawn ħakmu. U hawn tispikka kontradizzjoni f'Manwel Dimech li jgħarrafna biha Grech: minn banda, kien kritiku tal-mod li bih l-Ingliżi ddisprezzaw lill-Maltin, inkluż minħabba d-dehra tagħhom; mill-banda l-oħra, ma wera l-ebda simpatija mal-popli f'pajjiżi differenti tad-dinja, imma speċjalment fl-Afrika, li nħakmu mill-Franċiżi, il-Boeri, jew l-Ingliżi stess. Dimech saħansitra kien issuġġerixxa li Malta għandha tkun hi li tikkolonjalizza partikolarment lill-Afrika ta' Fuq minħabba x-xebh fil-lingwa. Jiġifieri, Grech josserva li Dimech, meta jiġi studjat f'dokumenti diversi li kiteb, ma ra xejn ħażin fil-prinċipju tal-kolonjaliżmu.

Mela Aquilina kellu ammirazzjoni lejn l-Ingliżi, filwaqt li Dimech kellu ammirazzjoni lejn il-Franċiżi u stmerrija għall-Ingliżi. Forsi llum huwa faċli għalina li naraw il-ħsara tal-kolonjaliżmu u l-effetti negattivi li ħalla. Tgħid Dimech kien ibierek l-*Aparteid* tal-Boeri fl-Afrika t'Isfel? Sfortunatament, jidher li kien. Wisq probabbli, però, la Dimech, la Vassallo, la Aquilina u lanqas l-artisti li pittru l-imperjalisti b'mod glorifikat ma bassru l-effett li kien sa jkollu l-imperjaliżmu. Fl-analiżi li għamel tar-rumanz *Heart of Darkness* ta' Joseph Conrad, Lindqvist jgħid li, skont Hanna Arendt,[16] l-imperjaliżmu kellu bżonn ir-razziżmu bħala skuża għall-għemejjel tiegħu. B'hekk witta t-triq għall-olokawst ta' Hitler fit-Tieni Gwerra Dinjija.

> *European world expansion, accompanied as it was by a shameless defense of extermination, created habits of thought and political precedents that made way for new outrages, finally culminating in the most horrendous of them all: the Holocaust.*[17]

**Malta nazzjon**

Skont Featherstone, in-nazzjon huwa kollettività astratta li hija kbira wisq biex tkun esperjenzata b'mod dirett mill-membri tas-soċjetà.[18] Carmel Cassar, iżda, juri li kienu l-esperjenzi li l-Maltin għaddew minnhom flimkien li taw bidu għall-binja tal-idea tan-nazzjon. Apparti mill-bidu tiegħu fit-twemmin Nisrani, is-sens ta' nazzjon beda fost il-Maltin meta huma ġew f'konfront ma' xi ħaddieħor li kellu twemmin ieħor. Minn hemm beda jitnissel is-sentiment ta' 'intom' u 'aħna', u allura s-sens ta' nazzjon. Il-Kattoliċiżmu ta lill-Maltin sens ta' identità billi għaqqadhom bħala grupp li ħadha kontra grupp ieħor li ma setax jifhem is-simboli u l-miti tal-Maltin. Il-barrani, skont Cassar, huwa dak li ma għexx l-istorja tal-Maltin, u li m'għandux il-wirt Kattoliku kif wirtuh huma.

Diġà sar aċċenn għall-mod li bih il-Maltin bdew irawmu sens ta' solidarjetà bejniethom, kemm minħabba d-devozzjoni li ħassew lejn San Pawl u l-Kristjaneżmu, kif ukoll minħabba l-ħakma tal-Ordni li saħħitilhom dan it-twemmin. Carmel Cassar saħansitra jeħodna lura sa żmien in-Normanni biex juri kif is-sentiment nazzjonali beda jinbena anki dak iż-żmien. Il-passat Normann huwa marbut mal-kultura nazzjonali tal-patrijottiżmu. Din hija kultura bbażata fuq l-istorja imma wkoll fuq il-mit. L-istampa li ntirtet f'moħħ il-Maltin, skont Cassar Pullicino, hija li dan huwa poplu li bata taħt l-Għarab u nħeles mill-Konti Ruġġieru. Mill-banda l-oħra, kif aċċennajt diġà, Wettinger ma skopra l-ebda prova li tixhed dan.

Kemm Cassar kif ukoll Grech joqogħdu fuq it-teżi li l-Ordni ta' San Ġwann saħħet il-pożizzjoni tagħha f'Malta propju għaliex kienet Ordni bi twemmin li kien diġà jitħaddan mill-Maltin. Mela, in-nawfraġju ta' San Pawl, ir-rebħa tan-Normanni fuq l-Għarab u r-rebħa tal-Kavallieri fuq l-Ottomani, u allura l-Musulmani, fl-Assedju l-Kbir, kienu lkoll avvenimenti ta' sinifikat enormi li ħallew memorja u kultura li għaqqdu l-komunità Maltija bħala soċjetà distinta.

Galea juri kif il-kittieba pijunieri, bħal Ġan Anton Vassallo, kellhom sfida doppja għaliex, barra li kellhom jagħtu prova li kienu kittieba kompetenti, kellhom ukoll jiġġustifikaw il-fatt li jiktbu bl-ilsien Malti billi juru li kien possibbli li jipproduċu xogħol ta' kwalità b'din il-lingwa, għalkemm Malta ma kinitx għadha saret nazzjon.

Bħal Cassar u Grima, Galea juri li t-Torok fil-letteratura Maltija jippersonifikaw l-għadu, il-barrani, l-istramb, l-ieħor. Galea jisħaq li t-teorija tiegħu hi li l-Maltin setgħu jasserixxu sens ta' identità billi jiddemonizzaw lil ħaddieħor. B'hekk, setgħu jxejnu l-identità li riedu jimponu fuq il-Maltin

il-barranin; jiġifieri l-Maltin tas-sekli passati riedu jisfidaw l-idea tal-poplu Malti bħala poplu inferjuri. Ma ninsewx li, skont Cassar, fl-1536, D'Autun kien iddeskriva lill-Maltin bħala poplu li kellu karattru Sqalli b'taħlita Afrikana.

Intant, hi x'inhi l-aħjar deskrizzjoni tal-identità tal-Maltin, biex din l-identità setgħet tissoda, trawwem ir-razziżmu, li kellu l-iskop li l-Maltin jiddistingwu ruħhom minn razez oħra. Kien hemm 'bżonn' li jinxteħet dawl ikrah fuq ħaddieħor biex il-Maltin jidhru li għandhom nazzjon. Fil-ġlieda kontra l-Franċiżi, ġara l-istess ħaġa. Grima jinnota kif din il-fażi fl-istorja ta' Malta saħħet il-valur tan-nazzjon.

Il-letteratura Maltija ddrammatiċizzat l-istorja biex turi l-importanza li Malta ssir nazzjon sovran. Iżda dan l-element ġie rivedut wara l-Indipendenza fl-1964. Din hija xi ħaġa li ġrat anki f'pajjiżi oħra li kienu kolonji, bħal dawk tal-Amerika Latina. L-istess jista' jingħad fil-qasam tal-arti. Vella jfakkar li l-artisti tas-snin ħamsin u sittin bdew jinqatgħu minn dak li kien tradizzjonali fl-arti viżiva. Madanakollu, l-element lokali xorta waħda baqa' hemm. Fuq kollox, il-valuri li nibtu fis-sekli dsatax u għoxrin (ara l-artikli ta' Galea u Grima f'dan il-volum) u, skont Cassar, anke fis-seklu tnax għadhom jiġu trasmessi fil-kultura Maltija, u, skont Galea, partikolarment fl-isports, il-mużika u anke fil-politika, fejn allura hemm l-element tal-periklu.

Young isostni li n-nazzjonaliżmu għandu żewġ uċuħ: qabel l-indipendenza ta' pajjiż mill-ħakkiem, in-nazzjonaliżmu huwa tajjeb; iżda wara l-ħelsien mill-kolonja, in-nazzjonaliżmu jsir fattur ta' periklu.[19]

Iżda mhux il-Maltin kollha ħasbuha l-istess fuq l-alleanzi li Malta seta' jkollha ma' soċjetajiet u pajjiżi oħra. Kif irrimarkajt qabel, filwaqt li Grima juri li Aquilina kellu ċerta simpatija lejn il-ħakkiema Ingliżi, Grech jagħmilha ċara li Manwel Dimech ma tantx kien iġib stima lejn dawn il-kolonjalisti. Dimech, ikkwotat minn Grech, mingħajr ma jrid, jiżvela l-problema li jġib miegħu l-kunċett ta' nazzjon: "...jekk hija tant kbira fihom ix-xewqa li jidhru slavaġ, għaliex ma jqaxxrux il-wiċċ tagħhom ta' Malti wild il-Mediterran, u floku jqiegħdu wiċċ ta' Ingliż?"[20]

Allura s-sens ta' identità jitfassal billi poplu jqabbel lilu nnifsu ma' poplu ieħor u b'hekk ikollu l-opportunità li jiddeċiedi liema huma dawk il-karatteristiċi li jgħaqqduh fi grupp u għaldaqstant jgħinuh biex jifforma sens ta' identità nazzjonali.

Baldacchino jaqbel li l-idea ta' nazzjonaliżmu toħroġ fil-konfront ta' grupp jew entità oħra. Għal Baldacchino, id-diskussjoni bipolari li kienet għaddejja dwar id-dħul ta' Malta fl-UE, qabel ir-referendum tal-2003, kienet okkażjoni

għall-Maltin biex jibdew jaħsbu bis-serjetà fuq dawk l-elementi li jsawru nazzjon. Il-kwistjoni tal-lingwa, in-newtralità, is-sovranità, l-istituzzjonijiet nazzjonali, il-kultura, ir-rappreżentazzjoni ta' Malta fl-istituzzjonijiet Ewropej, l-istatus tal-ħaddiema barranin, l-aċċess tal-barranin għall-propjetà f'Malta, fost temi oħra, kienu kwistjonijiet li taw lill-Maltin l-opportunità jesprimu traċċi ta' nazzjonaliżmu ġdid. Jekk ma jkollhiex sens ġdid ta' nazzjonalità, Malta mhijiex ħlief stat bla nazzjon, jgħid Baldacchino. Dan għaliex Malta hija ddominata mill-Knisja Kattolika u miż-żewġ partiti l-kbar. U l-Maltin jittrattaw Maltin oħra li jkollhom alleanzi politiċi differenti bħal qisu huma grupp etniku differenti. Is-sens qawwi ta' nazzjonaliżmu li jiġbor fih lill-Maltin kollha huwa nieqes mix-xenarju Malti.[21]

Forsi, meta rajna l-kwistjoni tal-kaċċa f'Malta, b'konfront mal-UE, il-kwistjoni tal-immigrazzjoni irregolari fuq l-aħbarijiet kważi kuljum, il-kanonizzazzjoni tal-ewwel qaddis Malti, San Ġorġ Preca, u t-twaqqif ta' partit politiku ġdid b'tendenzi li jxaqilbu sew lejn il-lemin, bl-isem Azzjoni Nazzjonali, kompliet is-saga tat-tisħiħ tal-identità nazzjonali f'Malta. Iżda, apparti l-kwistjoni ta' San Ġorġ Preca, il-kwistjonijiet l-oħra diffiċli biex jiġbdu l-parti l-kbira tal-Maltin warajhom. U jekk noqogħdu fuq it-teżi ta' Baldacchino, nistgħu ngħidu li l-każ ta' San Ġorġ Preca jerġa' probabbilment jirrifletti s-saħħa tal-Knisja f'Malta iktar milli s-sovranità ta' din il-gżira. Baldacchino jfakkar fil-każ tal-bidu tas-snin disgħin, meta l-Vatikan u l-Gvern Malti qablu li jirrevedu l-liġi taż-żwieġ b'tali mod li s-sovranità ta' Malta kienet mhedda.

Grech jispjega wkoll kif mill-biża' li kellhom il-Maltin mill-Għarab u t-Torok u partikolarment mill-Musulmani u mill-Iżlam bħala theddida għall-Kristjaneżmu, il-Maltin imxew għall-biża' minn dak li għandu bixra skura fil-'fantasija popolari'. Young jitkellem fuq il-fatt li ħafna huma dawk l-individwi, u anke l-pajjiżi, li jesprimu l-idea li biex pajjiż u grupp ta' nies isiru nazzjon, jeħtieġ li n-nies ikunu simili għal xulxin, jiġifieri li jixxiebhu.[22] Jekk ma jidhrux l-istess, jekk jitkellmu lingwa differenti, jew isegwu reliġjonijiet differenti, allura dan kien jitqies bħala theddida għal dak li Benedict Anderson sejjaħ il-komunità immaġinarja tan-nazzjon.[23]

Young iżda jistaqsi għaliex, meta nitkellmu fuq in-nazzjon, dejjem inġibu quddiem għajnejna din l-istampa u ma naħsbux fil-possibilità ta' nazzjon mibni propju fuq l-eteroġeneità minflok. L-Istati Uniti huwa eżempju ħaj ta' pajjiż mibni mill-immigranti, u huwa nazzjon. Ovvjament, Young jirrikonoxxi l-poplu indiġenu Amerikan, iżda qed iħares lejn l-Istati Uniti llum u jara x'jgħaqqad lil dan il-poplu f'nazzjon wieħed minkejja d-diversità li fih. Young jgħid li

dan huwa nazzjon li rnexxielu jgħaqqad popli differenti f'poplu wieħed: 'to make the many one'.[24] Dan għaliex, minkejja d-differenzi, hemm elementi li jgħaqqdu lil dan il-poplu. Dawn jinkludu l-prinċipju tad-demokrazija, il-libertà, is-suq ħieles u l-Kapitaliżmu. Fl-istess ħin, dan in-nazzjon ħoloq għedewwa ġodda, bħall-Komuniżmu u, iktar riċentement, l-Iżlam, jew x'aktarx, il-fundamentaliżmu Iżlamiku. Jiġifieri, Young qed jisħaq li n-nazzjon mhux bilfors li huwa entità msejsa fuq dak li hu komuni bejn il-membri ta' soċjetà partikolari. Jew aħjar, li n-nazzjon huwa fil-fatt imsejjes fuq elementi komuni li tabilħaqq huma importanti, mhux elementi komuni li imma huma irrelevanti.

Mela Young jikkontesta l-idea li nazzjon irid bilfors jinbena fuq is-similarità. U forsi, stampa ċara ta' x'jagħmel poplu partikolari uniku ma teżisti mkien għaliex l-isforz li jsir biex tinħoloq din l-istampa huwa wieħed diffiċli fir-realtà, u din l-istampa teżisti biss fl-immaġinazzjoni.

Il-Malti huwa taħlita ta' Semitiku, Ewropew, Nisrani. Huwa poplu mħallat mid-dixxendenza, imma wkoll imħallat ħafna fl-ideat. U jekk hemm xi lista ta' karatteristiċi li tgħaqqad lil dan il-poplu, din tinkiteb b'eliminazzjoni ta' elementi oħra. Xi elementi ċari, iżda, hemm, u dawn jinkludu (1) il-Kristjaneżmu, (2) il-Malti kontra l-Mislem u (3) il-lingwa Semitika. Inkella, jekk ir-referenzi ta' dawn il-kontributuri jkopru sezzjoni sostanzjali tal-komunità lokali, nistgħu ngħidu li din kienet komunità ambivalenti u kontradittorja fuq dak li xtaqet mir-relazzjonijiet li kellha mal-kolonji li daqet tul is-snin. Dan deher ovvju f'Malta fi żmien il-kwistjoni tal-integrazzjoni prospettiva mal-Imperu Ingliż fis-snin ħamsin. Din l-okkażjoni rat lill-politiċi Maltin maqsuma bejn dawk li riedu integrazzjoni mal-Imperu Ingliż u dawk li ppreferew is-sovranità. Fi żmien il-kwistjoni tas-sħubija ta' Malta fl-UE rajna wkoll qasma bejn dak li xtaqu n-Nazzjonalisti minn din is-sħubija u dak li ppreferew il-Laburisti. F'dan is-sens, Baldacchino għandu raġun meta jgħid li Malta hija stat imma mhijiex nazzjon.

## Il-lingwa, il-valuri u l-Ewropa

Minkejja li gżira bħal Malta hija ġeografikament iżolata, meta n-nies tal-lokal jiġu f'kuntatt ma' popli oħra, isiru negozjati inkonxji li jeżaminaw l-inkontru l-ġdid. L-identità ta' gżira hija mibnija fuq l-abilità ta' dik il-gżira partikolari, u niesha, li, jibbilanċjaw it-tradizzjoni mal-bidla u jagħżlu dawk il-valuri li jidhrilhom li għandhom jassimilaw.[25]

Carmel Cassar jgħid li n-Normanni, fit-tieni miġja tagħhom f'Malta fl-1127, għenu biex jinfirex il-Kristjaneżmu, u f'dan il-perjodu Normann f'Malta, il-komunità Maltija bdiet tifforma ruħha bħala tali. Fl-istess ħin, id-djalett Semitiku baqa' ħaj.

Galea, fl-artiklu tiegħu, juri kif il-Malti, bħala lingwa Semitika, għen u ntuża biex il-Maltin jakkwistaw identità nazzjonali li kienet immudellata fuq il-mudell Ewropew. Minn banda, Malta riedet tinqata' minn dak kollu li ma kienx Kristjan, u allura riedet tinqata' mill-element Għarbi fil-kultura Maltija, iżda, min-naħa l-oħra, l-element Semitiku fil-lingwa Maltija, baqa' b'saħħtu.

Bħala poplu maħkum, il-Maltin kienu jixbhu iżjed lil popli oħra maħkuma minn pajjiżi Ewropej tal-kolonji tas-seklu dsatax. Ironikament, l-ewwel kittieba Maltin urew ix-xewqa li l-Maltin jersqu viċin tal-Ewropej biex jeħilsu mill-ħakma tal-barrani, jiġifieri tal-istess Ewropej. Iżda minkejja li sar sforz biex ninjoraw l-elementi li writna mill-preżenza tal-Għarab f'Malta, għaliex ifakkruna f'dak il-poplu li attakkana u li ma kienx jixbah lill-Maltin fir-reliġjon tiegħu, ix-xebh tal-lingwa u anke (tal-inqas parti mil)l-karattru, hemm kien u baqa' (tal-inqas kif innota D'Autun, kif semmejt qabel). Il-moviment Romantiku fil-letteratura u l-moviment Nazzjonalista fil-politika flimkien ressqu lil Malta għal sitwazzjoni fejn l-element Ewropew fil-kultura ġie enfasizzat u dak Semitiku injorat.

Marco Galea jissuġġerixxi li Vassallo u l-kittieba ta' żmienu ma tantx kellhom għażla f'dawn iż-żminijiet għaliex huma kellhom jasserixxu l-identità tagħhom f'kultura Ewroċentrika. Forsi huwa possibbli għalina llum li ninnotaw id-differenza bejn storja universali, storja li tiġi rrakkuntata b'mod li tirrispetta lil popli differenti, u storja bi stil Ewroċentriku, li fil-fatt għadha tiddomina din id-dixxiplina akkademika. Iżda fis-seklu dsatax dan probabbilment ftit li xejn kien possibbli. Għaldaqstant, 'intellettwali kkolonizzati', kif isejħilhom Galea, bħal Luigi Rosato, Ġananton Vassallo u Ġużè Muscat Azzopardi, użaw l-istorja fil-kitbiet tagħhom biex jispiraw identità nazzjonali. Iżda llum jidher li din l-identità hija mibnija fuq l-eċċezzjonijiet, bil-kuntrasti u l-kontradizzjonijiet, u għalhekk hija unika u frammentata fl-istess ħin.

Fil-kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' Malta biex tissieħeb fl-UE, dawn il-kuntrasti ħarġu fid-dieher. Mhux ta' b'xejn li fil-proċess tal-applikazzjoni għal sħubija fl-UE, Malta nnegozjat l-ikbar ammont ta' derogi.[26] Dan għaliex il-Gvern Malti kien qed jipprova jaġevola l-interessi ta' setturi diversi tal-ħajja tal-Maltin, li ħafna drabi kienu jmorru kontra r-regoli u l-użanzi tal-UE. Dan ifakkarna wkoll fil-fatt li, minkejja li din il-federazzjoni Ewropea tissejjaħ 'unjoni', l-unità torbot biss sa ċertu punt, u l-pajjiżi individwali ħafna drabi

jippruvaw iżommu t-tradizzjonijiet u jiddefendu l-interessi tagħhom. In-nuqqas ta' ftehim fuq kostituzzjoni tal-UE jixhed dan il-fattur ta' diverġenzi.

Galea jgħid li fil-poeżija ta' Vassallo ġew stabbiliti l-valuri u l-ideali Maltin. Max Weber tkellem ħafna fuq dak li huwa sejjaħlu 't-tip ideali'. Dan huwa kunċett astratt ta' x'għandu jkun l-ideal, għaldaqstant li diffiċli ħafna li jintlaħaq fir-realtà.[27] Dan huwa Malti kuraġġuż, eroj, li jirreżisti l-għadu, magħqud, li għandu l-familja għal qalbu, u devot lejn ir-reliġjon. Dawn huma l-valuri li fuqhom tistrieħ il-poeżija Romantika, li kompla fuqha l-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. Mhux ta' b'xejn li Dun Karm huwa poeta nazzjonali. Raphael Vella jagħtina x'nifhmu li sal-ħamsinijiet, l-arti f'Malta kienet turi li donnha l-istorja ta' Malta u tal-kultura tagħha staġnaw fl-Assedju l-Kbir. Għaldaqstant, l-istampa ta' Malta erojka nfirxet f'kull qasam tal-kultura Maltija.

Il-mudell ta' żvilupp li mexa bih Manwel Dimech, skont Grech, kien wieħed Ewropew u Amerikan, u huwa mudell li xtaq li Malta taddotta. Dimech assuma li Malta setgħet tilħaq livell ta' żvilupp avvanzat li ma setgħux jilħquh il-popli kollha. Iżda fil-konfront tal-Ingilterra, Dimech jipproteġi l-identità Mediterranja.

Meta jitkellem fuq il-lingwa, Dimech jagħraf li Malta setgħet tisfrutta l-element Semitiku anke fil-politika. Il-viċinanza li kellha Malta mal-pajjiżi Għarab seta' għen fl-iżvilupp ekonomiku ta' Malta. Dimech issuġġerixxa wkoll li x-xebh fil-lingwa messu ta opportunità lil Malta biex taħkem hi l-Afrika ta' Fuq. Dimech jinsisti li l-Maltin la huma Għarab, la Ingliżi u lanqas Taljani. Fl-istess ħin, Dimech għamel enfasi kbira fuq il-lingwa għaliex għalih in-nazzjon u l-lingwa huma ħaġa waħda. Jiġifieri, fih innifsu, dan it-tiswir tal-identità kien wieħed arbitrarju iktar milli reali għaliex Dimech juri li dak li jagħmel identità jiddependi minn dawk l-aspetti li jeżistu f'dik il-kultura partikolari, li persuni jagħżlu li jħaddnu biex jiddeskrivu huma min huma. Ma jfissirx, jiġifieri, li jintgħażlu l-karatteristiċi kollha li fil-fatt ikunu evidenti. Għaldaqstant hawn Maltin li jippromwovu l-aspetti li l-Maltin ħadu mill-Isqallin, u oħrajn li jenfasizzaw traċċi li ddaħħlu mill-Ingliżi.

Ma kinitx biċċa xogħol faċli għal Grech li jipprova jislet l-ideoloġija ta' Manwel Dimech, minħabba fl-inkonsistenzi tiegħu. Li kien kontra l-Ingliżi huwa pjuttost ċar. Iżda kontra l-prinċipju ta' kolonji ma kienx, għax żgur li kontra l-kolonji Franċiżi ma kienx. Dwar l-Għarab jidher li m'hemmx konsistenza lanqas. Fil-fatt, Dimech jixħet dawl ikrah fuq il-Lhud ukoll. Iżda, permezz ta' dawn l-inkonsistenzi, Grech jirnexxilu juri kif ħassieb tal-livell ta' Manwel Dimech seta' ħasibha f'dak iż-żmien. Illum jidher li, fil-fatt, Dimech kien razzist għaliex emmen li jeżistu razez aħjar minn oħrajn. Għaldaqstant,

mhux tant sorprendenti li Grech innota dawn l-inkonsistenzi f'Dimech għaliex fir-razziżmu wieħed jistenna li jsib inkonsistenzi u assurditajiet fuq dak li jiddistingwi poplu minn ieħor.

Jekk imbagħad nieħdu l-lingwa mill-aspett tal-effett tagħha fuq il-kitba u x-xandir, Paul Pace jgħid li hu kien ispirat mill-kitba ta' San Ġakbu fit-Testment il-Ġdid, li jitkellem fuq "il-barka u s-saħta li toħroġ mill-kelma", jiġifieri li l-kelma tista' tintuża biex isir il-ġid jew id-deni. Pace jtenni li l-kliem li jkun ripetut fuq il-midja jista' jkollu l-effett tar-reklam li jeħel f'moħħ is-semmiegħ bla ħsieb ta' xejn. Skont Pace, l-awtur iġorr ħafna responsabbiltà.

Fl-istess ħin, huwa importanti li l-poplu jsemma' leħnu fuq dak li jemmen u jaħseb. Infatti Pace jikkonċentra partikolarment fuq il-kwistjoni tal-immigranti irregolari u jeżamina d-diversi termini li jużaw ix-xandara biex jirreferu għal dawn il-persuni. Pace jippromwovi l-użu tal-kelma 'refuġjat', tal-inqas fejn dan ikun il-każ. Jappella wkoll biex il-bniedem jaħseb ftit qabel ma jsejjaħ persuna b'xi mod jew ieħor. Hu jistieden lil dawk li s'issa ma semmewx leħinhom fuq din il-kwistjoni biex jagħmlu dan. Jgħid li l-poplu ma jistax ifarfar ir-responsabbiltà li jieħu sehem f'din id-diskussjoni. Li wieħed ma jsemmax leħnu dwar ir-refuġjati mhux sinjal tajjeb. Il-kliem għandu effett daqs in-nuqqas tiegħu, għaliex, jgħid Pace, sakemm wieħed ma jilmentax, pereżempju, fuq id-detenzjoni tar-refuġjati, huwa jitqies li jaqbel ma' din il-politika.

Bħal Dimech u kittieba oħra bikrija tal-Malti, Pace juri ċerta ammirazzjoni għat-tradizzjoni Ewropea. Dan ir-rispett, iżda, mhuwiex tant għall-Ewropa imma għall-istituzzjoni tal-UE, li tenfasizza d-diversità fis-soċjetà u taħdem favur id-drittijiet indaqs għal kull individwu. Għal Pace, l-Ewropa tħaddan it-tradizzjoni umanistika. Dimech, mill-banda l-oħra, kien donnu iżjed impressjonat mid-dominanza tal-Ewropa fuq pajjiżi aktar dgħajfa.

Dwar l-UE, iżda, l-istorja ma tiqafx hemm għaliex l-UE hija wkoll l-istituzzjoni li tipproteġi s-suq Ewropew akkost li ma jagħtix nifs lil dak tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. U din il-politika, flimkien ma' dik tal-Istati Uniti, qed tgħin biex jinħolqu sistemi ta' suq inġusti barra mill-Ewropa. Ma ninsewx li l-għan ewlieni tal-UE huwa t-tkabbir u t-tisħiħ ekonomiku fit-territorju Ewropew. Mill-banda l-oħra, huwa fatt ukoll li l-UE qed toħloq ċertu standards ta' mġiba bbażati fuq valuri li jipproteġu d-dinjità tal-bniedem.

Il-ġibda lejn l-Ewropa u l-valuri tagħha, ilhom jiġbdu lill-Maltin lejhom minn żmien il-Kavallieri. Huwa importanti li niftakru li kienet x'kienet il-verità dwar il-konfront tal-Maltin mal-Ottomani, din l-istorja, kif jirrimarka Cassar, intirtet u ssaħħet permezz tal-użu tal-epika, id-drama, l-innijiet,

il-logħob tat-tfal, u stejjer u tradizzjonijiet bħal dik tal-parata tal-Karnival. Dawn l-elementi huma fatturi li fuqhom ġew soċjalizzati l-Maltin tul is-snin. Dawn huma l-aspetti li lkoll flimkien jiffurmaw il-kultura tas-soċjetà Maltija, soċjetà b'identità partikolari.

Mela din l-identità u din is-soċjetà huma prodotti tal-istorja u tal-imperi li ħakmuha. Malta riedet issir nazzjon sovran u, biex tagħmel dan, kellha timxi fuq il-mudell Ewropew. Iżda, bħala poplu maħkum, il-Maltin kienu jixbhu iżjed lil dawk il-popli tal-kolonji tas-seklu dsatax li kienu maħkuma minn pajjiżi Ewropej. U l-lingwa Maltija, li hija lingwa Għarbija u, allura Semitika, imħallta mal-Isqalli, it-Taljan u l-Ingliż, hija tifkira ħajja tal-kuntatt li Malta kellha mad-dinja Għarbija u mat-tiżwiqa tad-dinja Ewropea. Parti kbira tal-istorja tal-identità Maltija tinsab fil-lingwa.

## Konklużjoni: Dawl u dlam

L-awturi tal-artikli f'dan il-volum sikwit jagħmlu referenza għad-dawl u n-nuqqas tiegħu. Pereżempju, Galea jagħti wieħed x'jifhem li fil-letteratura Maltija bikrija, ir-razziżmu għen biex il-Maltin jiddistingwu ruħhom minn razez oħra: kien hemm bżonn li jinxteħet *dawl ikrah* fuq ħaddieħor biex il-*Maltin jidhru* li huma nazzjon.

Grech jagħmel referenza ħafna aktar ovvja għal metafora famuża li juża Manwel Dimech, u li hija wkoll konformi ma' ċerti ideat tal-Illuminiżmu tas-seklu tmintax, bħall-idea ta' Hume li l-bojod huma razza superjuri għas-suwed. Dimech applika l-metafora tad-*dawl* u d-*dlam* biex jirrappreżenta l-għerf u l-injoranza rispettivament. Dimech qal ukoll li l-Maltin kien jeħtieġ li jkollhom il-lingwa nazzjonali tagħhom, altrimenti kienu sa jibqgħu poplu barbaru, u allura poplu fid-*dlam*. L-istess jgħodd, skont Dimech, għall-ħefa, jew irġiel li ma jilbsux ilbies Ewropew. Dimech kellu stampa lineari tal-iżvilupp tal-bniedem. Ma jagħmilx referenzi biss għar-razez imma wkoll għall-klassifikazzjonijiet soċjali. Aktar ma bniedem ikun fil-għoli, fil-klassi soċjali u iktar ma hu avvanzat teknoloġikament, iktar donnu jkun żviluppat, jew aħjar *imdawwal,* kif ipoġġiha Dimech.

Imbagħad Pace jagħmel referenza għall-bżonn li l-bniedem ikun mgħarraf fuq dak li jkun qed jiġri madwaru. Jekk persuna turi tendenzi ta' preġudizzju, bħalma, fil-fatt, għamel Dimech, dan juri li hija nieqsa mid-*dawl* tal-għerf dwar id-dinjità tal-bniedem, hu ta' liema kulur hu.

Il-kwistjoni tad-*dawl* u n-nuqqas tiegħu torbot ukoll ma' dak li jidher li qed jiġri fl-Italja, skont l-osservazzjoni ta' Portelli dwar ir-razziżmu fl-Italja. Portelli jgħid li t-Taljani ma jħarsux lejn l-aġir tagħhom lejn l-Afrikani u l-Lhud bħala aġir razzista. L-Italja tinnega l-passat u l-preżent razzista tagħha; għalhekk Portelli jgħid li t-Taljani huma *għomja għall-kulur* ('colour blind'). Din it-taparsi innoċenza li tippermetti atti u dikjarazzjonijiet offensivi bla ma jiġu kkontestati, Portelli jorbotha maż-żmien tal-Faxxiżmu fl-Italja tat-tletinijiet u t-Tieni Gwerra Dinjija. Huwa jikkritika wkoll bil-qawwa lill-pubbliku Taljan li jirrifjuta li jikkonsidra r-razziżmu bħala kwistjoni fil-konfront tal-ksenofobija fil-politika tal-lemin estrem.

Portelli, fil-fatt, huwa xettiku fuq il-famuża idjoma 'Italiani brava gente' u jfakkar li mhux it-Taljani kollha huma hekk għaliex:

> *behind each Jew who survived, there is another Italian who protected them; and beyond each Jew who was deported and killed, there is another Italian who turned them in.*[28]

Hawn japplika l-punt ta' Paul Pace, li huwa inkwetat iżjed fuq dawk li ma jeħdux pożizzjoni u ma jsemmgħux leħinhom fuq din il-kwistjoni milli fuq dawk li jammettu li għandhom ċerti preġudizzji. Dan is-skiet huwa *dlam* ukoll.

Għaldaqstant l-inizjattiva li ħadet l-Akkademja tal-Malti bl-organizzazzjoni tas-seminar 'Ta' Barra Minn Hawn' tifforma parti minn sforz biex jinxteħet dawl fuq il-kwistjoni tal-mod li bih il-Maltin iħarsu lejn il-barranin. Huwa importanti li jkunu ġġenerati teoriji li jindirizzaw il-kumplessità tad-diskors dwar ir-razza fis-seklu wieħed u għoxrin. Bl-esperjenza tal-imgħoddi jeħtieġ li nindirizzaw l-isfidi tal-preżent u tal-futur. Dan l-eżerċizzju, li nistudjaw il-letteratura u t-testi li nkitbu fil-passat u nanalizzawhom fid-dawl tal-filosofija, l-istorja u r-realtà tal-passat, huwa essenzjali li jsir ħalli nagħrfu l-iżbalji li saru, speċjalment issa li rajna xi ħsara ssir meta l-lingwaġġ jintuża b'mod li jkażbar lil poplu jew razza. Jekk dak li nkiteb fil-passat ma jiġix apprezzat fil-kuntest storiku tiegħu, jaf jaqa' f'widnejn persuni li kapaċi jagħmlu ħafna ħsara għax jikkwotawh barra l-kuntest li nkiteb jew intqal fih. Malta qed tinbidel minn art li minnha joħorġu l-emigranti għal waħda li fiha jidħlu l-immigranti. U b'hekk qiegħda titla' fil-wiċċ il-kwistjoni tal-preġudizzji u tar-razziżmu. Mill-kitbiet li jidhru f'dan il-volum, joħroġ ċar li l-kwistjoni tar-razza minn dejjem kienet tifforma parti importanti mill-ħsieb u mid-diskors kulturali f'Malta, iżda kemm il-kuntest ta' dan id-diskors jinbidel maż-żmien, kif ukoll l-għerf li bniedem jakkwista billi jitgħallem, minn testi diversi, x'ġara fil-passat.

**Noti**

1 Cornell West, ikkwotat f'Jessica Munns, Gita Rajan u Roger Bromley (edi.) *A Cultural Studies Reader: History, Theory, Practice* (Essex: Pearson Educational, 1995) 186.
2 Émile Durkheim, *Les formes élémentaires de la vie réligieuse (*Pariġi, 1912).
3 Durkheim 1912, ikkwotat f'Anthony Giddens, *Emile Durkheim's Selected Writings* (Cambridge: Cambridge University Press, 1972) 227.
4 Durkheim, ikkwotat f'Giddens 225.
5 Edward Warrington u David Milne, "Island Governance" Godfrey Baldacchino (ed.) *A World of Islands* (Canada: The Institute of Island Studies, 2007).
6 Warrington u Milne.
7 Carmelo Testa, *The French in Malta* (Malta: Midsea Books, 1997) ikkwotat f'Warrington u Milne.
8 Carmel Cassar, *A Concise History of Malta* (Malta: Mireva, 2000).
9 Cassar, 31.
10 Anthony Abela, *Transmitting Values in European Malta* (Malta: Jesuit Publications, 1991) 133.
11 James Beattie, "An Essay on the Nature and Immutability of Truth in Opposition to Sophistry and Skepticism"f'Emmanuel Chukwudi Eze, *Race and the Enlightenment: A Reader* (Oxford: Blackwell, 1997).
12 Le Rendun ikkwotat f'Warrington u Milne.
13 Warrington u Milne, 383.
14 Wettinger "The Arabs in Malta" f'Peter Serracino Inglott (ed.), *Malta: Studies of its Heritage and History* (Malta: Mid-Med Bank, 1986).
15 Alessandro Portelli, "The Problem of the Color Blind: Notes on the Discourse of Race in Italy", Paola Boi u Sabine Broeck (edi.) *CrossRoutes – The Meanings of "Race" for the 21st Century* (Hamburg: Lit Verlag, 2003) 34.
16 Hannah Arendt, *The Origins of Totalitarianism* (New York: Harcourt, 1951).
17 Sven Lindqvist, *Exterminate All The Brutes,* Trad. Joan Tate (Londra: Granta, 1997) IX.
18 Mike Featherstone, *Undoing Culture. Globalization, Postmodernism and Identity* (Londra: Sage, 1995) 112.
19 Robert J. C. Young, *Postcolonialism: A Very Short Introduction* (Oxford: OUP, 2003).
20 *BTM* 15.x.1901, 5.
21 Godfrey F. Baldacchino, "A Nationless State? Malta, National Identity and the EU." *West European Politics*, Vol. 25. No. 4 , 2002.

22 Young.

23 Anderson ikkwotat f'Young 60.

24 Young 60.

25 Warrington u Milne 383.

26 *The Economist* 2004 f'Warrington u Milne.

27 Ara Hans H. Gerth u Charles Wright (edituri), *From Max Weber: Essays in Sociology* (Londra: Routledge, 1948) 59.

28 Portelli 33.

# Nota dwar il-kontributuri

*Carmel Cassar* għandu Dottorat fl-Istorja mill-Università ta' Cambridge u huwa Professur fl-Istitut għat-Turiżmu, Ivvjaġġar u Kultura tal-Università ta' Malta. Ippubblika ħafna xogħlijiet fuq il-kultura u l-istorja ta' Malta u tal-Mediterran fosthom *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta* u *Honour and Shame in the Mediterranean.* Kien responsabbli mit-taqsima dwar l-etnografija fid-Dipartiment tal-Mużewijiet.

*Marco Galea* studja fl-Università ta' Malta u l-Università ta' Birmingham fir-Renju Unit, minn fejn kiseb Dottorat b'teżi dwar it-teatru postkolonjali Malti. Jgħallem fid-Diviżjoni tal-Istudji Teatrali fl-Università ta' Malta. Bejn l-2005-2007 kien President tal-Akkademja tal-Malti u editur ta' *Il-Malti.*

*Michael Grech* studja l-Filosofija fl-Università ta' Malta u ta' Sheffield fir-Renju Unit. Jgħallem il-Filosofija fl-Università ta' Malta u huwa koawtur u editur ta' *Il-Knisja tat-Triq* u editur ta' *Alla u l-Letteratura.*

*Adrian Grima* jgħallem il-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta. Kiseb id-Dottorat b'teżi dwar ħames metafori li sawru l-immaġinarju nazzjonali fil-letteratura Maltija. Xandar artikli akkademiċi f'Malta u barra u huwa l-editur ta' ġabra ta' studji dwar il-letteratura Maltija, ġabriet ta' letteratura kontemporanja bil-Malti u sitt kotba ta' awturi ġodda tradotti għall-Ingliż. Ippubblika żewġ

kotba ta' poeżiji bil-Malti u traduzzjonijiet tagħhom b'lingwi differenti dehru f'għadd ta' pajjiżi.

*Paul Pace s.j.* huwa l-Provinċjal tal-Ġiżwiti f'Malta u għalliem fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta fejn jispeċjalizza fir-relazzjoni bejn it-teoloġija u s-soċjetà. Imexxi wkoll il-Kumitat dwar l-Etika fir-Riċerka tal-Università. Fil-passat kien id-Direttur tas-Servizz tal-Ġiżwiti mar-Refuġjati.

*Colette Seychell* kisbet l-M.A. tagħha fil-letteratura Maltija b'teżi dwar il-letteratura tal-Maltin fl-Eġittu. Taħdem ma' kumpanija li tippubblika l-ġurnali.

*Raphael Vella* huwa artist li x-xogħol tiegħu deher f'bosta wirjiet internazzjonali. Tella' diversi esibizzjonijiet f'Malta u kiteb dwar l-arti f'pajjiżna. Jikkordina l-Programm tal-Arti fil-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta. Studja l-Arti, it-Tagħlim tal-Arti u l-Estetika sal-livell ta' Masters f'Malta u kiseb Dottorat fl-Arti mill-University of the Arts ta' Londra.

*Anna Zammit* studjat is-Soċjoloġija fl-Awstralja u Malta. Iggradwat bil-Masters b'teżi dwar l-attitudni ta' numru ta' sindki lejn l-ambjent. Tgħallem is-Soċjoloġija fl-Università ta' Malta u kienet attiva politikament mal-Alternattiva Demokratika sal-1996. Tifforma parti mill-organizzazzjoni kulturali Inizjamed.

# Biblijografija


Abela, Anthony. *Transmitting Values in European Malta.* Malta: Jesuit Publications, 1991.

Abela, Gianfrancesco. *Della descrittione di Malta isola nel mare siciliano, con le sue antichità ed altre notitie.* Malta, 1647.

Achebe, Chinua. *Home and Exile.* New York: Oxford University Press, 2000.

Anderson, Benedict. *Imagined Communities. Reflections on the Origin and Spread of Nationalism*, 2ni ed. Londra: Verso, 1991.

Aquilina, Ġużè. "Għadna Kolonjali?" *Leħen il-Malti*, 1967 (Għadd 12), stampat mill-ġdid f'*Madwar il-Ħajja. Id-Disa' Ġabra ta' Xandir lill-Poplu.* Malta: Union Press, 1977.

Aquilina, Ġużè. "Il-Bniedem Magna." *Leħen il-Malti* ta' April-Ġunju, 1946 (Għadd 182-184).

Aquilina, Ġużè. "Il-Letteratura Maltija u l-Indipendenza." *Madwar il-Ħajja. Id-Disa' Ġabra ta' Xandir lill-Poplu.* Malta: Union Press, 1977.

Aquilina, Ġużè. "It-Tifkira tal-Assedju l-Kbir." *Madwar il-Ħajja. Id-Disa' Ġabra ta' Xandir lill-Poplu.* Malta: Union Press, 1977.

Aquilina, Ġużè. "L-Akbar Ħsara. (Wara t-Tieni Gwerra l-Kbira)." *Madwar il-Ħajja. Id-Disa' Ġabra ta' Xandir lill-Poplu.* Malta: Union Press, 1977.

Aquilina, Ġużè. *Taħt Tliet Saltniet.* Malta: A.C. Aquilina, 1978.

Aquilina, Joseph. *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs.* Malta: University of Malta, 1986.

Arendt, Hannah. *The Origins of Totalitarianism*. New York: Harcourt, 1951.

Aruffo, Alessandro. *La Chiesa e gli ebrei. Da Costantino alla Shoah*. Ruma: Datanews, 1998.

Avnery, Uri. "Anti-Semitism Q & A." ZNET, January 20, 2004. Moqri fis-26 ta' Jannar, 2009. http://www.zmag.org/znet/viewArticle/9198

Avnery, Uri. "On the Wrong Side," 24.1.09. Moqri fil-25 ta' Jannar, 2009. http://zope.gush-shalom.org/home/en/channels/avnery/1232853498/

Azzopardi, John. "St Paul's grotto – history." *Il-Festa Tagħna*. Malta, 1983.

Baldacchino, Godfrey F. "A Nationless State? Malta, National Identity and the EU." *West European Politics*, Vol. 25. No. 4, 2002.

*Il-Bandiera tal-Maltin*. 1898-1914.

Barbara, Val V. *Min Kienu. Tagħrif fuq il-Persuni Li Jissemmew fil-Bibbja*. Malta: Media Centre, 1997.

Baudrillard, Jean. "Simulacra and simulation." *Jean Baudrillard: Selected Writings*. Mark Poster (ed.) Stanford: Stanford University Press, 1988.

Beattie, James. "An Essay on the Nature and Immutability of Truth in Opposition to Sophistry and Skepticism." Emmanuel Chukwudi Eze. *Race and the Enlightenment' A Reader*. Oxford: Blackwell, 1997.

Beck, Ulrich, Anthony Giddens, u Scott Lash. *Reflexive Modernization, Politics, Tradition and Aesthetics in the Modern Social Order*. Cambridge: Polity Press, 1994.

Beskin, Anna. "From *Jew* to Nun: Abigail in Marlowe's *The Jew of Malta*," f'*Explicator*. Spring 2007, Vol. 65, no. 3, p133-136. Moqri fl-4 ta' Frar, 2009. http://web.ebscohost.com/ehost/pdf?vid=6&hid=2&sid=05c06305-31d8-43ee-b617-cdfaae560c86%40sessionmgr8

Bhabha, Homi (ed.). *Nation and Narration*. Londra: Routledge, 1990.

*Bibbja Saydon. It-Testment il-Ġdid*. Trad. u noti ta' Pietru Pawl Saydon. Malta: Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M., 1977.

Bonnici, Alexander. "Maltese History under the Hospitallers in the light of Inquisition Documents," *Hospitaller Malta 1530-1798*. Victor Mallia-Milanes (ed.) Malta: Mireva, 1993.

Borg, Carmel u Peter Mayo. *Learning and Social Difference*. New York: Paradigm Publishers, 2006.

Borg, Carmel u Peter Mayo. "Towards a racist Agenda in Education: The Case of Malta." *The Globalization of Racism*. Donaldo Macedo u Panayota Gounari (edi.). New York: Paradigm Publishers, 2005.

Borg, Vincent. "Gerolamo Manduca: His life and works." *Melita Historica*, vol. vii nru. 3, 1978.

Bosio, Giacomo. *Dell'Istoria della Sacra Religione Religione et ill.ma militia di S. Gio. Gerosolimitano*. Ktieb iii. Ruma, 1602.

Bossy, John. *Christianity in the West: 1400-1700*. Oxford: Oxford University Press, 1985.

Bradley, Robert N. *Malta and the Mediterranean Race*. Londra: T. Fisher Unwin, 1912.

Bres, Onorato. *Malta antica illustrata*. Ruma, 1816.

Briffa, Charles. "Ir-Rumanz Storiku f'Idejn Aquilina," f'Ġużè Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet*. Malta: KKM, 2003.

Brincat, Joseph. *Malta 870-1054: Al Himyari's Account*. Malta: Said, 1991.

Bugeja, Gerard. "The grotto motif in Pauline poetry." *St Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta*. John Azzopardi (ed.) Malta: Progress Press, 1990.

Buhagiar, Mario. "Late medieval Marian art in Malta." *Marian Art – During the 17th and 18th Centuries*. Mario Buhagiar (ed.) Malta: Friends of the Cathedral Museum, 1983.

Buhagiar, Mario. "The Norman conquest of Malta: History and mythology." *Karissime Gotifride*. Paul Xuereb (ed.) Malta: Malta University Press, 1999.

Burke, Peter. *The Historical Anthropology of Early Modern Italy*. Cambridge: Cambridge University Press, 1987.

Calleja, Meinrad. *Aspects of Racism in Malta*. Bormla: Daritama, 2001.

Cassar, Carmel A. *Concise History of Malta*. Malta: Mireva, 2000.

Cassar, Carmel. "La Valette bl-Assedju riesaq." *Min Kien Callus?* Evarist Bartolo (ed.) Malta: KKM, 2003.

Cassar, Carmel. "O Melita Infelix. A poem on the Great Siege written in 1565." *Melita Historica*, vol. viii, 1981.

Cassar, Carmel. "The Reformation and sixteenth century Malta." *Melita Historica – New Series*, vol. x, 1988.

Cassar, Carmel A. *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta*. Malta: Mireva Publications, 2000.

Cassar, Carmel A. "Visitors to St Paul's grotto in the seventeenth century." *St Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta*. John Azzopardi (ed.) Malta: Progress Press, 1990.

Cassar, Mario. *Storja tal-Ilsien u tal-Letteratura Maltija. Kronoloġija Selettiva*. Malta: Għaqda tal-Malti, Università, 2002.

Cassar Pullicino, Ġużè. *Aquilina u l-Malti.* Malta: KKM, 1974.

Cassar Pullicino, Ġużè. "Id-djalogi ta' De Soldanis." *Il-Malti*, 1947.

Cassar Pullicino, Joseph. "Norman legends in Malta." *Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights.* Anthony T. Luttrell (ed.) Londra: British School at Rome, 1975.

Cassar Pullicino, Joseph. "Documentary material relating to 'L-Imnarja.'" *Littérature Orale Arabo-Berbère.* Association pour l'Étude des Civilisations et des Littératures de l'Afrique Septentrionale, Pariġi, Bulettin Nru. 14, 1983.

Cassar Pullicino, Joseph. "The Order of St John in Maltese folk memory." *Scientia*, vol. xv, 1949.

Cassar Pullicino, Joseph. "Pirates and Turks in Maltese tradition." *Scientia.* vol. xiv, 1948.

Cassar Pullicino, Joseph. *Studies in Maltese Folklore.* Malta: Malta University Press, 1976.

Cassola, Arnold. *The Literature of Malta.* Malta: Minima Publishers, 2000.

Charles Arrigo Book Club. *L-Agħma ta' Lourdes* Malta: Valletta Publishing, 1985.

Chetcuti, Ġużè. "Pijunier fil-Ġlieda għall-Ilsien Malti," f'Ġużè Bonnici. *Ħelsien.* Malta: Dipartiment tat-Tagħrif, Partit tal-Ħaddiema, 1985.

Chetcuti, Ġużè. *Ħbiebi, l-Awturi Maltin. Ġrajja Awtobijografika fuq il-Letteratura Maltija.* Malta: PEG, 1998.

Ciappara, Frans. "The Roman Inquisition and the Jews in Seventeenth- and Eighteenth-Century Malta," f'*Le Inquisizioni Cristiane e gli Ebrei.* A. Prosperi (ed.) Ruma: Accademia Nazionale dei Lincei, 2003.

Ciappara, Frans. *Society and the Inquisition in Early Modern Malta.* Malta: PEG, 2001.

Collard, Anna. "Investigating 'social memory' in a Greek context." f'*History and Ethnicity.* Elizabeth Tonkin, Maryon McDonald u Malcolm Chapman (edi). Londra u New York: Routledge, 1989.

Connerton, Paul. *How Societies Remember.* Cambridge: Cambridge University Press, 1989.

Cutajar, Dominic u Carmel Cassar. "Malta and the sixteenth century struggle for the Mediterranean." *Mid-Med Bank Report and Accounts.* Malta: Mid-Med Bank, 1985.

Cutajar, Luret. *Ben Jeħuża.* Malta: Mireva, 2001.

Cutayar, Ġużè. *Sthajjiltni Malti ta' Ġewwa. Memorji ta' Tuneż.* Malta: Malta University Press, 2009.

Deane, Seamus. "Introduction," *Nationalism, Colonialism and Literature*. Terry Eagleton, Fredric Jameson u Edward W. Said. Minneapolis: University of Minnesota Press, 1990.

Degabriele, Alfred. "Kelmtejn dwar l-Awtur," f'Ġużè Bonnici, *Lejn ix-Xemx*. Malta: KKM, 1974.

Di Nola, Alfonso Maria. *Gli aspetti magico-religiosi di una cultura sulalterna italiana*. Milan: Boringhieri, 1976.

Durkheim, Émile. 1912. *Les formes élémentaires de la vie réligieuse*. Ir-raba' ed. Pariġi, 1960.

Falcone, Pompeo. '"Una relazione di Malta" sulle fine del cinquecento.' *Archivio Storico di Malta*, vol. iv, fasc. I, 1993.

Fanon, Frantz. *Black Skin, White Masks*. trad. Charles Lam Markmann. London: Pluto Press, 1986.

Fanon, Frantz. *Towards an African Revolution*. trad. Haakon Chevalier. New York: Grove Press, 1988.

Fanon, Frantz. *The Wretched of the Earth*. trad. Constance Farrington. Middlesex: Penguin, 1967.

Farrugia, Alfred P. Korrispondenza elettronika tat-8 u d-9 ta' Jannar, 2009.

Featherstone, Mike. *Undoing Culture. Globalization, Postmodernism and Identity*. Londra: Sage, 1995.

Fentress James J. u Chris Wickham. *Social Memory: New Perspectives on the Past*. Oxford u Cambridge Mass.: Blackwell, 1992.

Fiorini, Stanley. "X'nafu dwar Callus?" *Min Kien Callus?* Evarist Bartolo (ed.) Malta: KKM, 2003.

Frankl, Paul. *The Gothic: Literary Sources and Interpretations Through Eight Centuries*. Princeton: Princeton University Press, 1960.

Frendo, Henry. *Malta's Quest for Independence: Reflections on the Course of Maltese History*. Malta: Valletta Publishing and Promotion, 1989.

Frendo, Henry. *Party Politics in a Fortress Colony: The Maltese Experience*. Malta: Midsea Publications, 1979.

Frendo, Henry. *Storja ta' Malta. Żmien l-Ingliżi – Is-Seklu Dsatax*, vol. 3. Malta: KKM, 2004.

Friggieri, Oliver. *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija*. Malta: PEG, 1995.

Friggieri, Oliver. "Riforma ta' *'Tliet Saltniet'*." f'Ġużè Cassar Pullicino. *Aquilina u l-Malti*. Malta: KKM, 1974.

Friggieri, Oliver. "Spunti għal Stħarriġ Tematiku ta' *Taħt Tliet Saltniet*" f'*Saġġi Kritiċi*. Oliver Friggieri. Malta: Aquilina, 1979.

Friggieri, Oliver. *L-Istorja tal-Letteratura, I.* Malta: KKM, 1979.
Friggieri, Oliver. *Fjuri Li Ma Jinxfux.* Malta: KKM, 2008.
Friggieri, Oliver. Korrispondenza elettronika tat-30 ta' Jannar, 2009.
Friggieri, Oliver. *Stejjer għal Qabel Jidlam.* Malta: PEG, 1990.
Ganado, Herbert. *Rajt Malta Tinbidel,* I-II. Malta: Interprint, 1974-1977.
Gatt Said, Giovanni. *La Grotta di S. Paolo a Malta.* Malta, 1863.
Gatt Said, Giovanni. *Risposta del sacerdote Giovanni Gatt Said.* Malta, 1868.
*The Gentleman's Magazine*, Lulju-Ottubru 1866.
Gerth, Hans H. u Wright Mills, C. (edituri). *From Max Weber: Essays in Sociology.* Londra: Routledge, 1948.
Giddens, Anthony. *Emile Durkheim' Selected Writings.* Cambridge: Cambridge University Press, 1972.
Grech, Michael. Korrispondenza elettronika tas-16 ta' Jannar, 2009.
Grech, Michael. "Min jibża' mir-Raġel l-Iswed?" *Knisja tat-Triq.* Michael Grech (ed.) Malta: Pubblikazzjoni Awl, 2006.
Gregory, Desmond. *Malta, Britain and the European Powers, 1793-1815.* Cranbury: Associated University Presses, 1996.
Grima, Joseph F. *Malta u Franza 1798-1800.* Malta: PIN, 2006.
Gulia, Wallace Ph. "Ir-Rumanz *Taħt Tliet Saltniet*," f'*Aquilina u l-Malti.* Ġużè Cassar Pullicino. Malta: KKM, 1974.
Gurevich, Aron. *Medieval Popular Culture: Problems of Belief and Perception.* Trad. János M. Bak. Cambridge: Cambridge University Press, 1988.
Habermas, Jurgen. "Modernity versus Postmodernity." *New German Critique*, 22, 1981.
Hobsbawm, Eric J. "Introduction: inventing traditions." *The Invention of Tradition.* Eric Hobsbawm u Terence Ranger (edi.) Cambridge: Cambridge University Press, 1983.
Hull, Geoffrey. *The Malta Language Question: A Case Study in Imperialism.* Malta: Said International, 1993.
Hume, David. *Essays Moral and Political.* Londra, 1742.
*J. B. Catalogue of Maltese Stamps.* 8 edizzjoni, Malta, 1991.
Jackson John P. u Nadine M. Weidman. *Race, Racism, and Science: Social Impact and Interaction.* Piscataway: Rutgers University Press, 2006.
Jameson, Frederic. "Postmodernism, or The cultural logic of late capitalism." *New Left Review.* 1/146, Lulju-Awwissu, 1984.
Kant, Immanuel. *Tħammim dwar il-Ħsus tas-Sabiħ u tas-Sublimi.* Konisberga, 1764.

Kedourie, Elie (ed.). *Nationalism in Asia and Africa*. Londra: George Weidenfeld and Nicolson Ltd., 1971.

Koster, Adrianus. *Prelates and Politicians in Malta*. Assen: Van Gorcum, 1984.

Laferla, Gaetano. *Cenni storici sullo scudo e stendardo Maltese*. Malta, 1841.

Lindqvist, Sven. Trad. Joan Tate. *Exterminate All The Brutes*. Londra: Granta, 1997.

Lombardi, Emilio. *Is-Sigriet tal-Qrar*. Il-ħames edizzjoni, ta' Salvinu Lombardi. Malta: PEG, 2000.

Lombardi, Emilio. *L-Għama ta' Lourdes*. Ir-raba' edizzjoni, ta' Salvino Lombardi. Malta: PEG, 2004.

Lombardi, Emilio. *L-Iltiema*. It-tielet edizzjoni, ta' Salvino Lombardi. Malta: PEG, 2000.

Luttrell, Anthony T. "The Christianization of Malta." *The Malta Year Book 1977*. Malta, 1977.

Luttrell, Anthony T. "Girolamo Manduca and Gian Francesco Abela: Tradition and Invention in Maltese Historiography." *Melita Historica*, vol. viii, 1977.

Magri, Manwel. *Ħrejjef Missirijietna*, edizzjoni kritika ta' Ġorġ Mifsud Chircop. Malta: PEG, 1994.

Mahoney, Leonard. "The church of St Peter at Rabat," f'*St Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat, Malta*. John Azzopardi (ed.) Malta: Progress Press, 1990.

Mallia, Carlo. *L'Ultima fase della questione linguistica in Malta*. Malta: Cretien, 1932.

Mallia-Milanes, Victor. (ed.) *Hospitaller Malta 1530-1798*. Malta: Mireva, 1993.

Manduca, John S. u Mifsud, Ġorġ. *Il-Qawl Iqul*. Malta: PEG, 1989.

Mangion, Giovanni. "La letteratura barocca a Malta". *Journal of the Faculty of Arts: The Royal University of Malta*, vol. iv, 1971.

Mannucci, Cesare. *Antisemitismo e ideologia cristiana sugli Ebrei*. Milan: Unicopli, 1982.

Memmi, Albert. *The Colonizer and the Colonized*. trad. Howard Greenfeld. Londra: Condor Books, 1974.

Memmi, Albert. *Racism*. trad. Steve Martinot. Minneapolis: University of Minnesota Press, 2000.

Micallef, L. N. *Nina l-Karkariża jew is-Soru tal-Karità*. Malta: Ġużeppe Cumbo, Stamperija San Pawl, 1951.

Mifsud Bonnici, Robert. *Midinbin. Ġrajja ta' Żmien il-Fidwa*. Malta: The New Art Press, Tas-Sliema, 1937.

Milano, Attilio. *Storia degli ebrei in Italia.* Torino: Einaudi, 1992.

Mizzi, Enrico. *Per il VIII settembre 1565: Lampi e fremiti di vita nuova.* Malta, 1908.

Montebello, Mark. *Dimech.* Malta: PEG, 2004.

Penn, Granville. *The Policy and Interest of Great Britain in Regard to Malta.* Londra: J. Hatchard, 1805.

Poliakov, Léon. *Les Juifs et notre histoire.* Pariġi: Flammarion, 1973.

Ponzetti, Ferdinando. *Libellus de venenis.* Ruma, 1521.

Portelli, Alessandro. "The Problem of the Color Blind: Notes on the Discourse on Race in Italy." *CrossRoutes – The Meanings of "Race" for the 21st Century.* Paola Boi u Sabine Broeck (edi.) Hamburg: Lit Verlag, 2003.

Price, Charles A. *Malta and the Maltese: A Study in Nineteenth Century Migration.* Melbourne: Georgian House, 1954.

Quintin, Jean d'Autun. trad. Horatio C. R. Vella. *The Earliest Description of Malta.* Malta: DeBono Enterprises, 1980.

Said, Edward. W. *Orientalism. Western Conceptions of the Orient.* London: Penguin, 1995.

Said, Edward. W. *Culture and Imperialism.* Londra: Verso, 1994.

Semprini, Giovanni. 'Malta nella seconda metà del seicento'. *Archivio Storico di Malta*, vol. iv, 1933.

Serracino Inglott, Peter. "Kattoliċità Maltija: Jew il-Vokazzjoni tal-Ħuttaba." f'*L-Identità Kulturali ta' Malta.* Toni Cortis (ed.) Malta: Dipartiment tal-Informazzjoni, 1989.

Scott, Walter u Ian Duncan. *Ivanhoe.* Editjat b'daħla u noti minn Ian Duncan. Oxford: Oxford University Press 1998.

Shasha, David. "Review Essay: Writing the Book of Sephardic Memory." *Sephardic Heritage Update*, Center for Sephardic Heritage, No. 200, 8 March 2006.

Shasha, David. Korrispondenza elettronika tal-25.01.09. Moqri 25.01.09.

Smith, Anthony D. *The Ethnic Origins of Nations.* Oxford: Blackwell, 1986.

Smith, Anthony D. *Nationalism and Modernism: A Critical Survey of Recent Theories of Nations and Nationalism.* London and New York: Routledge, 1998.

Sommer, Doris. "Irresistible Romance," f'*Nation and Narration.* Homi Bhabha (ed.) Londra: Routledge, 1990.

Stilon, Alfredo. "Alcuni nostri amuleti." *Archivum Melitense*, vol. vii, 1926.

Tayar, Aline P'nina. *How Shall We Sing? A Mediterranean Journey Through a Jewish Family.* Sydney: Picador, 2000.

Vassallo, Carmel. *Corsairing to Commerce. Maltese Merchants in XVIII Century Spain.* Malta: Malta University Publishers, 1997.

Vassallo Giovanni A. *Storia di Malta.* Malta, 1854.

Vianello, Carlo A. "Una relazione inedita di Malta nel 1582." *Archivio Storico di Malta*, vol. vii, 1936.

Wallerstein, Immanuel. *The Modern World System, I.* New York: Academic Press, 1974.

Warrington, Edward u David Milne. "Island Governance." *A World of Islands.* Godfrey Baldacchino. (ed.) Canada: The Institute of Island Studies, 2007.

Weber, Max. *From Max Weber: Essays in Sociology.* Hans Heinrich Gerth u Charles Wright Mills (edi). Oxford: Oxford University Press, 1946.

Wettinger, Godfrey. "L-attitudni tal-Maltin lejn il-Kavallieri." *Min Kien Callus?* Evarist Bartolo (ed.) Malta: KKM, 2003.

Wettinger, Godfrey. "The Arabs in Malta." *Malta: Studies of its Heritage and History.* Peter Serracino Inglott (ed.) (Malta: Mid-Med Bank, 1986.

Wettinger, Godfrey. "Concubinage among the clergy of Malta and Gozo, 1420-1550." *Journal of the Faculty of Arts: The University of Malta*, vol. vi, 1977.

Wettinger, Godfrey. "Early Maltese popular attitudes to the government of the Order of St John." *Melita Historica*, vol. vi, 1974.

Wettinger, Godfrey. *The Jews of Malta in the Late Middle Ages.* Malta: Midsea, 1985.

Wettinger, Godfrey. "The militia list of 1419-1420: A new starting point for the study of Malta's population." *Melita Historica*, vol. v, 1969.

Wettinger, Godfrey. *Slavery in the Islands of Malta and Gozo ca. 1000-1812.* Malta: PEG, 2002.

Wettinger, Godfrey u Mikiel Fsadni. *L-Għanja ta' Pietru Caxaro: Poeżija bil-Malti Medjevali.* Malta: Printwell Ltd., 1983.

Wettinger, Godfrey u Mikiel Fsadni. *Peter Caxaro's Cantilena: A Poem in Medieval Maltese.* Malta: Lux Press, 1968.

Wolf, Eric R. "The Virgin of Guadalupe: A Mexican national symbol." *Journal of American Folklore*, vol. lxxi, 1958.

www.emiliolombardi.com

Xin-li Zhao. "Abigail, a silenced woman: A feminist reading of Abigail." in *US-China Foreign Language*, Vol. 5, no. 5, 75-78, May 2007 (Serial no. 44). Moqri fl-4 ta' Frar, 2009. http://web.ebscohost.com/ehost/pdf?vid=10&hid=120&sid=f82f8005-dc39-4b26-b3a4-d35af60c3295%40sessionmgr3

Young, Robert J. C. *Colonial Desire: Hybridity in Theory, Culture and Race.* Londra: Routledge, 1995.

Young, Robert J. C. *The Idea of English Ethnicity.* Malden: Blackwell, 2008.

Young, Robert J. C. *Postcolonialism'A Very Short Introduction.* Oxford: Oxford University Press, 2003.

Zammit-Maempel, George. "The magical properties of rock from St Paul's grotto, Malta." *Studies in Speleology*, vol. iii, 1977.

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



*The Boy and the Policeman*
Akkwarell, 2008, 48 x 68cm
Debbie Caruana Dingli

**Grima** Paul **Pace** Raphael **Vella**
Anna **Zammit** Carmel **Cassar**
Marco **Galea** Michael **Grech**
Adrian **Grima** Paul **Pace**
Raphael **Vella** Anna **Zammit**
Carmel **Cassar** Marco **Galea**
Michael **Grech** Adrian **Grima**
Paul **Pace** Raphael **Vella** Anna
**Zammit** Carmel **Cassar** Marco
**Galea** Michael **Grech** Adrian
**Grima** Paul **Pace** Raphael **Vella**
Anna **Zammit** Carmel **Cassar**
Marco **Galea** Michael **Grech**
Adrian **Grima** Paul **Pace**
Raphael **Vella** Anna **Zammit**
Carmel **Cassar** Marco **Galea**
Michael **Grech** Adrian **Grima**
Paul **Pace** Raphael **Vella** Anna
**Zammit** Carmel **Cassar** Marco
**Galea** Michael **Grech** Adrian
**Grima** Paul **Pace** Raphael **Vella**
Anna **Zammit** Carmel **Cassar**
Marco **Galea** Michael **Grech**
Adrian **Grima** Paul **Pace**
Raphael **Vella** Anna **Zammit**
Carmel **Cassar** Marco **Galea**
Michael **Grech** Adrian **Grima**
Paul **Pace** Raphael **Vella** Anna
**Zammit** Carmel **Cassar** Marco
**Galea** Michael **Grech** Adrian
**Grima** Paul **Pace** Raphael **Vella**
Anna **Zammit** Carmel **Cassar**
Marco **Galea** Michael **Grech**
Adrian **Grima** Paul **Pace**
Raphael **Vella** Anna **Zammit**
Carmel **Cassar** Marco **Galea**
Michael **Grech** Adrian **Grima**
Paul **Pace** Raphael **Vella** Anna
**Zammit** Carmel **Cassar** Marco
**Galea** Michael **Grech** Adrian
**Grima** Paul **Pace** Raphael **Vella**

ISBN 978-99932-7-354-7

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI